



Brussell, 3 ta' April 2019
(OR. en)

7801/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0243(COD)**

CODEC 771	COLAC 19
CADREFIN 167	COAFR 55
FIN 256	COASI 47
POLGEN 56	RELEX 296
ACP 30	ECOFIN 335
COEST 77	ASIM 37
MAMA 62	ATO 38
DEVGEN 62	PE 125

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, (Strasburgu, 25 sat-28 ta' Marzu 2019)

I. INTRODUZZJONI

Ir-rapporteurs, Pier Antonio PANZERI (S&D, IT), Cristian DAN PREDA (PPE, RO), Frank ENGEL (PPE, LU) u Charles GOERENS (ALDE, LU), ippreżentaw rapport dwar il-proposta għal Regolament f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp. Ir-rapport kien fih 534 emenda (l-emendi numru 1 sa 534) għall-proposta.

Barra minn hekk, il-grupp politiku Ħodor/AHE ppreżenta 25 emenda (l-emendi numru 535 sa 550), il-grupp politiku GUE/NGL ippreżenta 2 emendi (l-emendi numru 551-552), il-grupp politiku ECR ippreżenta emenda waħda (l-emenda numru 553), il-grupp politiku PPE ppreżenta emenda waħda (l-emenda numru 554) u grupp ta' 38 Membru tal-Parlament Ewropew ippreżenta emenda (l-emenda 555).

II. VOT

Meta vvotat fis-27 ta' Marzu 2019, il-plenarja adottat l-emendi 1 sa 534 għall-proposta għal Regolament. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. L-emendi adottati jinsabu fl-anness.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument¹.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali *I**

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Marzu 2019 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (COM(2018)0460 – C8-0275/2018 – 2018/0243(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0460),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 209, 212 u 322(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0275/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tat-13 ta' Diċembru 2018²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018³,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tas-6 ta' Diċembru 2018⁴,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp kif ukoll l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0173/2019),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;

² ĠU C 45, 4.2.2019, p. 1.

³ ĠU C 110, 22.3.2019, p. 163.

⁴ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 295.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-għan ġenerali tal-Programm "Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonalit (l-"Istrument") jenħtieġ li jkun li ***jsostni*** u jippromwovi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja ***sabiex jiġu segwiti l-għanijiet*** u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3(5), fl-Artikoli 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Emenda

(1) L-għan ġenerali tal-Programm "Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonalit (l-"Istrument") jenħtieġ li jkun li ***jipprovdi l-qafas finanzjarju biex isostni*** u jippromwovi l-valuri, ***il-prinċipji*** u l-interessi ***fundamentali*** tal-Unjoni madwar id-dinja ***b'konformità mal-għanijiet*** u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3(5), fl-Artikoli 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) F'konformità mal-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun iggwidata mill-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, jiġifieri d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali. Dan ir-Regolament huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, inklużi l-politiki tal-Unjoni relatati mad-drittijiet tal-bniedem u l-għanijiet deskritti fil-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet

tal-Bniedem u d-Demokrazija. L-azzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tiffavorixxi l-aderenza għad-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) F'konformità mal-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jrawmu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fl-isfera tal-kultura. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-għanijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) L-għan primarju tal-politika tal-Unjoni għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa li jitnaqqas il-faqar u, fuq terminu twil, il-qerda tiegħu. Il-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni tikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari li jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-għan primarju li jinqered il-faqar, kif stabbilit fl-Artikolu 21(2)(d) ***tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.***

(4) L-għan primarju tal-politika tal-Unjoni għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("***TFUE***"), huwa li jitnaqqas il-faqar u, fuq terminu twil, il-qerda tiegħu. Il-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni tikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari li jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-għan primarju li jinqered il-faqar, kif stabbilit fl-Artikolu 21(2)(d) ***tat-TUE, u li tinżamm il-paċi, jiġu evitati l-kunflitti u tissaħħaħ is-***

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) L-Unjoni jenħtieġ li tiżgura l-koerenza politika fl-iżvilupp kif meħtieġ mill-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni jenħtieġ li tqis l-għanijiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li x'aktarx jolqtu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li se jkun element kruċjali tal-istrateġija biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli definiti fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ("l-Aġenda 2030") tan-Nazzjonijiet Uniti **adottati** f'Settembru 2015⁴⁵. L-iżgurar tal-koerenza politika fl-iżvilupp sostenibbli kif inkorporat fl-Aġenda 2030 jeħtieġ li jitqies l-impatt tal-politiki kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha – nazzjonali, fl-Unjoni, f'pajjiżi oħra u fil-livell dinji.

⁴⁵ "Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp **Sostenibbli**", adottata fis-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fil-25 ta' Settembru 2015 (A/RES/70/1).

Emenda

(5) L-Unjoni jenħtieġ li tiżgura l-koerenza politika fl-iżvilupp kif meħtieġ mill-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni jenħtieġ li tqis l-għanijiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li x'aktarx jolqtu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li se jkun element kruċjali tal-istrateġija biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli definiti fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ("l-Aġenda 2030") tan-Nazzjonijiet Uniti **adottata** f'Settembru 2015⁴⁵. L-iżgurar tal-koerenza politika fl-iżvilupp sostenibbli kif inkorporat fl-Aġenda 2030 jeħtieġ li jitqies l-impatt tal-politiki kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha – nazzjonali, fl-Unjoni, f'pajjiżi oħra u fil-livell dinji. **Il-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni u tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin.**

⁴⁵ "Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp **Sostenibbli**", adottata fis-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fil-25 ta' Settembru 2015 (A/RES/70/1).

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 7

(7) Il-kunttest dinji għall-azzjoni huwa li ***tiġi segwita*** ordni dinji bbażat fuq ir-regoli, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tiegħu u bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu. L-Aġenda 2030, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima⁵⁷ u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa⁵⁸ hija r-rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u x-xejriet dinjija fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli. Bl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-qalba tagħha, l-Aġenda 2030 hija qafas trasformattiv biex jeqred il-faqar ***u*** jikseb żvilupp sostenibbli fuq livell dinji. Hija għandha ambitu universali, billi ttipprovdi qafas komprensiv kondiviż għal azzjonijiet li japplikaw għall-Unjoni, għall-Istati Membri tagħha u għas-sħab tagħha. Hija tibbilanċja d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tirrikonoxxi l-interkonnessjonijiet essenzjali bejn l-għanijiet u l-miri tagħha. L-Aġenda 2030 għandha l-għan li ma tħalli lil ħadd lura. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 se tkun koordinata mill-qrib mal-impenji internazzjonali rilevanti l-oħra tal-Unjoni. L-azzjonijiet imwettqa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li ***jagħtu attenzjoni partikolari lill-interkonnessjonijiet bejn l-Għanijiet*** ta' Żvilupp Sostenibbli u lill-azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilhqgħu għanijiet multipli b'mod koerenti.

(7) Il-kunttest dinji għall-azzjoni huwa li ***jiġi segwit*** ordni dinji bbażat fuq ir-regoli ***u fuq il-valuri***, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tiegħu u bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu. L-Aġenda 2030, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima⁵⁷ (***'il-Ftehim ta' Pariġi***) u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa⁵⁸ hija r-rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u x-xejriet dinjija fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli. Bl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-qalba tagħha, l-Aġenda 2030 hija qafas trasformattiv biex jeqred il-faqar, jikseb żvilupp sostenibbli fuq livell dinji ***u jippromwovi soċjetajiet paċifiċi, ġusti u inklużivi, filwaqt li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u ssir ħidma biex jiġu ppreservati l-oċeani u l-foresti***. Hija għandha ambitu universali, billi ttipprovdi qafas komprensiv kondiviż għal azzjonijiet li japplikaw għall-Unjoni, għall-Istati Membri tagħha u għas-sħab tagħha. Hija tibbilanċja d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, ***kulturali, edukattivi*** u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tirrikonoxxi l-interkonnessjonijiet essenzjali bejn l-għanijiet u l-miri tagħha. L-Aġenda 2030 għandha l-għan li ma tħalli lil ħadd ***jibqa' lura u li l-ewwel tfittex li tilħaq lil dawk li l-aktar baqgħu*** lura. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 se tkun koordinata mill-qrib mal-impenji internazzjonali rilevanti l-oħra tal-Unjoni. L-azzjonijiet imwettqa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li ***jkunu ggwidati mill-prinċipji u l-għanijiet stabbiliti fl-Aġenda 2030, fil-Ftehim ta' Pariġi u fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-kisba tal-Għanijiet*** ta' Żvilupp Sostenibbli, ***filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-interkonnessjonijiet ta' bejniethom*** u lill-azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilhqgħu għanijiet multipli b'mod koerenti ***mingħajr ma jimminaw objettivi oħra***.

⁵⁷ Iffirmata fi New York fit-22 ta' April 2016.

⁵⁸ "Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp", adottata fis-16 ta' Ġunju 2015 u approvata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-27 ta' Lulju 2015 (A/RES/69/313).

⁵⁷ Iffirmata fi New York fit-22 ta' April 2016.

⁵⁸ "Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp", adottata fis-16 ta' Ġunju 2015 u approvata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-27 ta' Lulju 2015 (A/RES/69/313).

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) ***L-implimentazzjoni*** ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun ***igggwidata mill-ħames*** prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija Globali għall-Politika Eterra u ta' Sigurtà tal-Unjoni (l-"Istrateġija Globali")⁵⁹, ippreżentata fid-19 ta' Ġunju 2016, li tirrappreżenta l-viżjoni tal-Unjoni u l-qafas għal involviment estern magħqud u responsabbli fi sħubija ma' oħrajn, biex tmexxi 'l quddiem il-valuri u l-interessi tagħha. L-Unjoni jenħtieġ li ssaħħa is-sħubijiet, tippromwovi d-djalogu dwar il-politika u r-rispons kollettiv għall-isfidi ta' tħassib dinji. L-azzjoni tagħha jenħtieġ li tappoġġa l-interessi u l-valuri tal-Unjoni fl-aspetti kollha ***tagħhom***, inklużi ***l-preservazzjoni*** tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, ***il-ġlieda kontra kawżi*** fl-għeruw tal-migrazzjoni irregolari u l-assistenza lil popolazzjonijiet, pajjiżi u reġjuni ***biex jikkonfrontaw diżastri*** naturali jew ikkawżati mill-bniedem, l-appoġġ ***għall-politika*** kummerċjali, ***il-kooperazzjoni*** ekonomika, il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet u teknoloġiji diġitali u t-trawwim tad-dimensjoni internazzjonali tal-politiki tal-Unjoni. Fil-promozzjoni tal-

Emenda

(8) ***L-applikazzjoni*** ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun ***ibbażata fuq il-ħames*** prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija Globali għall-Politika Eterra u ta' Sigurtà tal-Unjoni (l-"Istrateġija Globali")⁵⁹, ippreżentata fid-19 ta' Ġunju 2016, li tirrappreżenta l-viżjoni tal-Unjoni u l-qafas għal involviment estern magħqud u responsabbli fi sħubija ma' oħrajn, biex tmexxi 'l quddiem il-valuri u l-interessi tagħha. L-Unjoni jenħtieġ li ssaħħa is-sħubijiet, tippromwovi d-djalogu dwar il-politika u r-rispons kollettiv għall-isfidi ta' tħassib dinji. L-azzjoni tagħha jenħtieġ li tappoġġa l-interessi, ***il-prinċipji*** u l-valuri ***fundamentali*** tal-Unjoni fl-aspetti kollha ***tagħha***, inklużi ***l-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, il-kontribuzzjoni għall-qerda tal-faqar, il-preservazzjoni*** tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, ***il-medjazzjoni u r-rikostruzzjoni wara kunflitt bl-inklużjoni tan-nisa fl-istadji kollha, l-iżgurar tas-sikurezza nukleari***, it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, ***l-indirizzar tal-kawżi*** fl-għeruw tal-migrazzjoni irregolari u ***l-ispostament sfurzat u*** l-assistenza lil popolazzjonijiet, pajjiżi u reġjuni ***kkonfrontati b'diżastri*** naturali jew

interessi tagħha, l-Unjoni jenħtieġ li tikkonforma mal-prinċipji tar-rispett għal standards soċjali u ambjentali għolja, għall-istat tad-dritt, għad-dritt internazzjonali u **għad-drittijiet** tal-bniedem u tippromwovihom.

ikkawżati mill-bniedem, **il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-kreazzjoni ta' qafas legali internazzjonali għall-protezzjoni tal-persuni spostati minħabba t-tibdil fil-klima, it-trawwim ta' edukazzjoni inklużiva ta' kwalità**, l-appoġġ **ta' politika kummerċjali ġusta, sostenibbli u bbażata fuq ir-regoli u fuq il-valuri bħala għodda għall-iżvilupp u biex jitjiebu l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, id-diplomazija ekonomika u kulturali u l-kooperazzjoni ekonomika, il-promozzjoni tal-innovazzjoni u ta' soluzzjonijiet u teknoloġiji diġitali, il-protezzjoni tal-wirt kulturali speċjalament f'żoni ta' kunflitt, l-indirizzar tat-theddid għas-saħħa pubblika globali** u t-trawwim tad-dimensjoni internazzjonali tal-politiki tal-Unjoni. Fil-promozzjoni tal-interessi, **il-prinċipji u l-valuri fundamentali** tagħha, l-Unjoni jenħtieġ li tikkonforma mal-prinċipji tar-rispett għal standards soċjali, **tax-xogħol** u ambjentali għolja, **inkluż fir-rigward tat-tibdil fil-klima**, għall-istat tad-dritt, għad-dritt internazzjonali, **inkluż fir-rigward tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet** tal-bniedem u tippromwovihom.

⁵⁹ "Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa aktar b'saħħitha. Strateġija Globali għall-Politika Ewropa u ta' Sigurtà tal-Unjoni", Ġunju 2016.

⁵⁹ "Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa aktar b'saħħitha. Strateġija Globali għall-Politika Ewropa u ta' Sigurtà tal-Unjoni", Ġunju 2016.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Il-Kunsens Ewropew **il-ġdid** għall-Iżvilupp ("il-Kunsens")⁶⁰, iffirmat fis-7 ta' Ġunju 2017, jipprovdi l-qafas għal approċċ komuni dwar il-kooperazzjoni

Emenda

(9) **L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun ibbażata wkoll fuq** il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp ("il-Kunsens")⁶⁰, iffirmat fis-

għall-iżvilupp mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. Il-qerda tal-faqar, l-indirizzar tad-diskriminazzjonijiet u l-inugwaljanzi, li ħadd ma jitħalla lura ***huma*** u t-tisħiħ tar-reżiljenza ***jinsabu fil-qalba tal-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp***.

⁶⁰ "Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp "Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna"", Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, 8 ta' Ġunju 2017.

7 ta' Ġunju 2017, ***li*** jipprovdi l-qafas għal approċċ komuni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. Il-qerda tal-faqar, l-indirizzar tad-diskriminazzjonijiet u l-inugwaljanzi, li ħadd ma jitħalla lura, ***il-protezzjoni tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima***, u t-tisħiħ tar-reżiljenza ***jenħtieġ li jirfdu l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***.

⁶⁰ "Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp "Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna"", Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, 8 ta' Ġunju 2017.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Minbarra l-Aġenda 2030 tan-NU, il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, l-Istrateġija Globali tal-UE u l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp u l-Politika Ewropea tal-Viċinat, li jikkostitwixxu l-qafas politiku primarju, id-dokumenti li ġejjin u r-reviżjonijiet futuri tagħhom jenħtieġ li jiggwidaw ukoll l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

- il-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija;***
- il-linji gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;***
- l-Approċċ Integrat tal-UE għal***

Kunflitti u Kriżijiet Esterni, u l-approċċ komprensiv tal-UE għall-kunflitti u l-kriżijiet esterni tal-2013;

– *l-Approċċ Komprensiv għall-implimentazzjoni min-naħa tal-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà;*

– *il-Programm tal-Unjoni għall-Prevenzjoni ta' Kunflitti Vjolenti;*

– *il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2011 dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti;*

– *il-Kunċett dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet ta' Medjazzjoni u ta' Djalogu tal-UE;*

– *il-Qafas Strateġiku għall-UE kollha biex tiġi appoġġata r-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS);*

– *l-Istrateġija tal-UE kontra l-armi ħfief, l-armi ta' kalibru żgħir u l-armi tan-nar illeċiti (SALW) u l-munizzjon tagħhom;*

– *il-Kunċett tal-UE għal Appoġġ għad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni (DDR);*

– *il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2007 dwar reazzjoni tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità u l-konklużjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, datati wkoll fid-19 ta' Novembru 2007 dwar is-sigurtà u l-iżvilupp;*

– *id-Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2004 dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu, l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea Kontra t-Terroriżmu, tat-30 ta' Novembru 2005 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2011 dwar it-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-aspetti interni u esterni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu;*

– *il-linji gwida tal-OECD għall-intrapriżi multinazzjonali;*

- *il-prinċipji gwida tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem;*
- *l-Aġenda Urbana l-Ġdida tan-NU;*
- *il-Konvenzjoni NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà;*
- *il-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati;*
- *il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa;*
- *l-eżiti tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD);*
- *il-Pjan Direzzjonali tal-UNCTAD għar-Ristruttrar Sostenibbli ta' Dejn Sovran (April 2015);*
- *il-Prinċipji Gwida dwar id-Dejn Barrani u d-Drittijiet tal-Bniedem imfassla mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem;*
- *il-Patt Globali dwar ir-Refuġjati;*
- *il-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari, adottat f'Marrakech fl-10 ta' Diċembru 2018;*
- *u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.*

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Skont l-Istrateġija Globali u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri (2015-2030) kif adottat fit-18 ta' Marzu 2015⁶¹, jenħtieġ li jingħata rikonossiment lill-ħtieġa li nimxu lil hinn mir-reazzjonijiet għall-kriżijiet u l-konteniment tagħhom u nersqu lejn

Emenda

(11) Skont l-Istrateġija Globali u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri (2015-2030) kif adottat fit-18 ta' Marzu 2015⁶¹, jenħtieġ li jingħata rikonossiment lill-ħtieġa li nimxu lil hinn mir-reazzjonijiet għall-kriżijiet u l-konteniment tagħhom u nersqu lejn

approċċ aktar strutturali u fuq terminu twil li jindirizza b'mod aktar effettiv is-sitwazzjonijiet ta' fraġilità, id-diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem, u l-kriżijiet fit-tul. Huma meħtieġa enfażi akbar u approċċi kollettivi fuq it-tnaqqis tar-riskju, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u t-tħejjija; u huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex jissaħħaħ ir-rispons rapidu u l-irkupru durabbli. Dan ir-Regolament jenħieġ għalhekk li jikkontribwixxi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u biex jorbot l-ġajnuna umanitarja u l-azzjoni ta' żvilupp permezz ta' azzjonijiet ta' rispons rapidu.

approċċ aktar strutturali, **preventiv** u fuq terminu twil li jindirizza b'mod aktar effettiv is-sitwazzjonijiet ta' fraġilità, id-diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem, u l-kriżijiet fit-tul. Huma meħtieġa enfażi akbar u approċċi kollettivi fuq it-tnaqqis tar-riskju, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u t-tħejjija; u huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex jissaħħaħ ir-rispons rapidu u l-irkupru durabbli. Dan ir-Regolament jenħieġ għalhekk li jikkontribwixxi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u biex jorbot l-ġajnuna umanitarja u l-azzjoni ta' żvilupp **b'mod partikolari** permezz ta' azzjonijiet ta' rispons rapidu **kif ukoll permezz ta' programmi ġeografiċi u tematiċi rilevanti, filwaqt li jiġu żgurati l-prevedibbiltà, it-trasparenza u l-akkontabbiltà reċiproka xierqa, kif ukoll koerenza, konsistenza u komplementarjetà mal-ġajnuna umanitarja u konformità sħiħa mad-dritt umanitarju internazzjonali u mingħajr ma jiġi mxejkel l-ġhoti tal-ġajnuna umanitarja skont il-prinċipji ta' umanità, newtralità, imparzjalità u indipendenza f'kundest ta' emerġenza u ta' wara l-emerġenza.**

⁶¹ "Il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri", adottat **fl-**18 ta' Marzu 2015 u approvat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-3 ta' Ġunju 2015 (A/RES/69/283).

⁶¹ "Il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri", adottat **fit-**18 ta' Marzu 2015 u approvat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-3 ta' Ġunju 2015 (A/RES/69/283).

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) F'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni dwar l-effettività tal-iżvilupp kif adottati f'Busan fl-2011 u mġedda fil-Forum ta' Livell Għoli ta'

Emenda

(12) F'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni dwar l-effettività tal-iżvilupp kif adottati f'Busan fl-2011 u mġedda fil-Forum ta' Livell Għoli ta'

Nairobi fl-2016 u mfakkra fil-Kunsens, *il-kooperazzjoni* għall-iżvilupp *tal-Unjoni* jenħtieġ li tapplika l-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp, jigiifieri s-sjeda tal-prijoritajiet għall-iżvilupp mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fokus fuq ir-riżultati, sħubijiet inklużivi għall-iżvilupp kif ukoll *it-trasparenza u l-akkontabilità*.

Nairobi fl-2016 u mfakkra fil-Kunsens, *l-Unjoni, fil-kuntest tal-għajnuna uffiċjali* għall-iżvilupp *tagħha u fil-modalitajiet ta' għajnuna kollha*, jenħtieġ li tapplika l-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp, jigiifieri s-sjeda tal-prijoritajiet għall-iżvilupp mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fokus fuq ir-riżultati, sħubijiet inklużivi għall-iżvilupp kif ukoll *trasparenza u akkontabbiltà reċiproċi, minbarra l-prinċipji ta' allinjament u armonizzazzjoni*.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-monitoraġġ u għar-rappurtar b'enfażi fuq ir-riżultati, li jkopru l-outputs, l-eżiti u l-impatti f'pajjiżi sħab li jibbenefikaw mill-assistenza finanzjarja esterna tal-Unjoni. B'mod partikolari, kif miftiehem fil-Kunsens, l-azzjonijiet permezz ta' dan ir-Regolament *huma mistennija* li jikkontribwixxu 20 % tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp iffinanzjata skont dan ir-Regolament għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, *inklużi l-ugwaljanza* bejn is-sessi u *l-għoti tas-setgħa lin-nisa*.

Emenda

(13) Skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-monitoraġġ u għar-rappurtar b'enfażi fuq ir-riżultati, li jkopru l-outputs, l-eżiti u l-impatti f'pajjiżi sħab li jibbenefikaw mill-assistenza finanzjarja esterna tal-Unjoni. B'mod partikolari, kif miftiehem fil-Kunsens, l-azzjonijiet permezz ta' dan ir-Regolament *jenħtieġ* li *mill-inqas* jikkontribwixxu 20 % tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp iffinanzjata skont dan ir-Regolament għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, *b'enfasi fuq servizzi soċjali bażiċi, bħas-saħħa, l-edukazzjoni, in-nutrizzjoni, l-ilma, is-sanità u l-iġjene, u l-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari għal dawk l-iktar marġinalizzati, b'kont meħud tal-ugwaljanza* bejn is-sessi, *it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u d-drittijiet tat-tfal bħala kwistjonijiet orizzontali*.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) ***Kull meta jkun possibbli u xieraq***, ir-riżultati tal-azzjoni esterna tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu mmonitorjati u vvalutati fuq il-bażi ta' indikaturi predefiniti, trasparenti, speċifiċi għall-pajjiżi u ***miżurabbli***, adattati għall-ispeċifiċitajiet u l-għanijiet tal-Istrument u ***preferibbilment ibbażati*** fuq il-qafas tar-riżultati tal-pajjiż sieħeb.

Emenda

(14) ***Sabiex jitjiebu l-akkontabbiltà u t-trasparenza tal-baġit tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ċari biex tiġi żgurata l-valutazzjoni effettiva tal-progress lejn il-kisba tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament.*** Ir-riżultati tal-azzjoni esterna tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu mmonitorjati u vvalutati fuq il-bażi ta' indikaturi predefiniti, trasparenti, speċifiċi għall-pajjiżi u ***li jistgħu jitkejlu***, adattati għall-ispeċifiċitajiet u l-għanijiet tal-Istrument u ***bbażati*** fuq il-qafas tar-riżultati tal-pajjiż sieħeb. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja regolarment l-azzjonijiet tagħha u tirrevedi l-progress, filwaqt li tagħmel ir-riżultati disponibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari fil-forma ta' rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-għan kollettiv tal-Unjoni li ttipprovdi 0.7 % mill-Introjtu Nazzjonali Gross bħala Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp fil-perjodu tal-Aġenda 2030. F'dak ir-rigward, mill-anqas **92 %** tal-finanzjament skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal azzjonijiet imfassla b'mod li jissodisfaw il-kriterji għall-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp kif stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajjnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

Emenda

(15) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-għan kollettiv tal-Unjoni li ttipprovdi 0,7 % mill-Introjtu Nazzjonali Gross bħala Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp fil-perjodu tal-Aġenda 2030. ***Dak l-impenn jenħtieġ li jkun ibbażat fuq pjan direzzjonali ċar għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex jistabbilixxu skadenzi u modalitajiet għall-kisba tiegħu.*** F'dak ir-rigward, mill-anqas **95 %** tal-finanzjament skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal azzjonijiet imfassla b'mod li jissodisfaw il-kriterji

għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp kif stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Sabiex ikun żgurat li r-riżorsi jmorru fejn hemm l-akbar ħtieġa, speċjalment għand il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi f'sitwazzjoni ta' fraġilità u kunflitt, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-mira kollettiva li sa 0.20 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-Unjoni jmur lejn il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati fil-perjodu tal-Aġenda 2030.

Emenda

(16) Sabiex ikun żgurat li r-riżorsi jmorru fejn hemm l-akbar ħtieġa, speċjalment għand il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi f'sitwazzjoni ta' fraġilità u kunflitt, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-mira kollettiva li sa 0,20 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-Unjoni jmur lejn il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati fil-perjodu tal-Aġenda 2030. ***Dan l-impenn jenħtieġ li jkun ibbażat fuq pjan direzzjonali ċar għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex jistabbilixxu skadenzi u modalitajiet għall-kisba tiegħu.***

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) Bi qbil mal-impenji eżistenti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II, mill-anqas 85 % tal-programmi ffinanzjati mill-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, ġeografiċi u tematiċi, jenħtieġ li jkollhom l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala għan prinċipali jew sinifikanti, kif definit mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD. Ir-rieżami obbligatorju tal-infiq jenħtieġ li jiżgura li parti sinifikanti minn dawn il-

programmi jkollhom l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom bħala għan prinċipali.

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16b) Dan ir-regolament jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari lit-tfal u ż-żgħażaġh bħala kontributuri għar-realizzazzjoni tal-Aġenda 2030. L-azzjoni esterna tal-Unjoni skont dan ir-regolament jenħtieġ li tagħti attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom u se tikkontribwixxi għat-twettiq tal-potenzjal tagħhom bħala aġenti ewlenin ta' bidla permezz tal-investiment fl-iżvilupp tal-bniedem u l-inklużjoni soċjali.

Emenda 18

**Proposta għal regolament
Premessa 16c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16c) L-abitanti tal-pajjiżi tal-Afrika sub-Saħarjana huma prinċipalment adolexxenti u żgħażaġh. Kull pajjiż jenħtieġ li jiddeċiedi dwar il-politika demografika tiegħu. Madankollu, id-dinamika demografika jenħtieġ li tiġi indirizzata b'mod globali sabiex jiġi żgurat li l-ġenerazzjonijiet attwali u futuri jkun jistgħu jilhqqu l-potenzjal sħiħ tagħhom b'mod sostenibbli.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrifletti l-ħtieġa ta' konċentrazzjoni fuq prijoritajiet strateġiċi, kemm ġeografikament — il-Viċinat Ewropew u l-Afrika, kif ukoll pajjiżi li huma fraġli u li huma l-aktar fil-bżonn, iżda wkoll tematikament — is-sigurtà, il-migrazzjoni, ***it-tibdil*** fil-klima u ***d-drittijiet tal-bniedem***.

Emenda

(17) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrifletti l-ħtieġa ta' konċentrazzjoni fuq prijoritajiet strateġiċi, kemm ġeografikament — il-Viċinat Ewropew u l-Afrika, kif ukoll pajjiżi li huma fraġli u li huma l-aktar fil-bżonn, ***b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati***, iżda wkoll tematikament — ***l-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba***, is-sigurtà, il-migrazzjoni ***regolari, ordinata u sikura, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-indirizzar tad-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil*** fil-klima u ***t-theddid għas-saħħa pubblika globali***.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' reżiljenza Statali u soċjetali fil-qasam tas-saħħa pubblika globali billi jindirizza t-theddid għas-saħħa pubblika globali, is-sistemi tas-saħħa, jikseb kopertura tas-saħħa universali, jipprevjeni u jiġġielel il-mard li jittieħed u jgħin biex jiġu żgurati mediċini u vaċċini affordabbli għal kulħadd.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Dan ***ir-Regolament*** jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif rieżaminata fl-2015, u l-implimentazzjoni ta' oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali, bħall-kooperazzjoni transfruntiera u l-aspetti esterni ta' strateġiji u politiki makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar ***tal-rilevanti***. Dawn l-inizjattivi joffru oqfsa politiċi għall-approfondiment tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi sħab u bejniethom, fuq il-bażi tal-prinċipji tal-akkontabbiltà reċiproka, is-sjieda u r-responsabbiltà kondiviżi.

Emenda

(18) ***Ir-relazzjoni speċjali żviluppata mal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 8 tat-TUE, jenħtieġ li tiġi ppreservata u msaħħa permezz tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Istati u tas-soċjetajiet fil-viċinat tal-Unjoni, abbażi tal-impenn meħud fl-Istrateġija Globali.*** Dan jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif rieżaminata fl-2015, u l-implimentazzjoni ta' oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali, bħall-kooperazzjoni transfruntiera u l-aspetti esterni ta' strateġiji u politiki makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar ***rilevanti fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, inklużi d-Dimensjoni tat-Tramuntana u l-kooperazzjoni reġjonali tal-Baħar l-Iswed.*** Dawn l-inizjattivi joffru oqfsa politiċi ***supplementari*** għall-approfondiment tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi sħab u bejniethom, fuq il-bażi tal-prinċipji tal-akkontabbiltà reċiproka, is-sjieda u r-responsabbiltà kondiviżi.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Il-Politika Ewropea tal-Viċinat, ***kif rieżaminata fl-2015⁶², timmira lejn li tistabbilizza l-pajjiżi ġirien u li ssaħħaħ ir-reżiljenza***, b'mod partikolari billi ***ssaħħaħ***

Emenda

(19) Il-Politika Ewropea tal-Viċinat ***timmira lejn l-approfondiment tad-demokrazija, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u rrispett tal-istat tad-dritt, l-***

l-iżvilupp ekonomiku, bħala l-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-Unjoni. **Biex** tilħaq l-għan tagħha, *il-Politika* Ewropea tal-Viċinat rieżaminata **ffukat** fuq *erba' oqsma* ta' prijorità: **governanza** tajba, **demokrazija**, **stat** tad-dritt u **drittijiet** tal-bniedem, b'enfażi partikolari fuq involviment akbar mas-soċjetà ċivili; l-iżvilupp *ekonomiku*; is-sigurtà; il-migrazzjoni u *l-mobilità*, inkluż l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament **furzat**. Id-differenzazzjoni u s-sjieda reċiproka akbar huma l-karatteristika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li tirrikonoxxi l-livelli differenti ta' involviment, u tirrifletti l-interessi ta' kull pajjiż fir-rigward tan-natura u l-fokus tas-sħubija tiegħu mal-Unjoni.

istabbilizzazzjoni tal-pajjiżi ġirien u *t-tisħiħ tar-reżiljenza*, b'mod partikolari billi *tippromwovi riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali*, bħala l-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-Unjoni. **Sabiex** tilħaq l-għan tagħha, *l-implimentazzjoni tal-Politika* Ewropea tal-Viċinat rieżaminata **permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiffoka** fuq *l-oqsma* ta' prijorità **li ġejjin: il-governanza** tajba, **id-demokrazija**, **l-istat** tad-dritt u **d-drittijiet** tal-bniedem, b'enfażi partikolari fuq involviment akbar mas-soċjetà ċivili; l-iżvilupp *soċjoekonomiku*, **inkluża l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, kif ukoll l-edukazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali**; is-sigurtà; il-migrazzjoni u **l-mobbiltà**, inkluż l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament **sfurzat u s-sostenn tal-popolazzjonijiet, il-pajjiżi u r-reġjuni li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' pressjoni migratorja maġġuri. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni tal-Unjoni u l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles approfonditi u komprensivi ma' pajjiżi fil-viċinat**. Id-differenzazzjoni u s-sjieda reċiproka akbar huma l-karatteristika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li tirrikonoxxi l-livelli differenti ta' involviment, u tirrifletti l-interessi ta' kull pajjiż fir-rigward tan-natura u l-fokus tas-sħubija tiegħu mal-Unjoni. **L-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Fil-każ ta' degradazzjoni serja jew persistenti tad-demokrazija f'wieħed mill-pajjiżi sħab, l-appoġġ jenħtieġ li jiġi sospiż. Il-finanzjament tal-viċinat huwa lieva ewlenija fl-indirizzar ta' sfidi komuni, bħall-migrazzjoni irregolari u t-tibdil fil-klima, kif ukoll fit-tixrid tal-prosperità, is-sigurtà u l-istabbiltà permezz tal-iżvilupp ekonomiku u governanza aħjar. Il-viżibbiltà tal-assistenza tal-Unjoni fl-ambitu tal-viċinat jenħtieġ li tissaħħaħ.**

⁶² Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament

⁶² Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament

Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-
Kumitat tar-Reġjuni, "Rieżami tal-Politika
Ewropea tal-Viċinat",
18 ta' Novembru 2015.

Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-
Kumitat tar-Reġjuni, "Rieżami tal-Politika
Ewropea tal-Viċinat",
18 ta' Novembru 2015.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' assoċjazzjoni modernizzat mal-pajjiżi mill-Grupp ta' Stati mill-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) u jippermetti lill-UE u lis-sħab tagħha tal-AKP biex ikomplu jiżviluppaw alleanzi b'saħħithom dwar sfidi dinjija ewlenin. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni stabbilita bejn l-Unjoni u l-Unjoni Afrikana f'konformità mal-Istrateġija Konġunta UE-Afrika u jibni fuq il-ftehim futur bejn l-UE u l-AKP wara l-2020, inkluż permezz ta' approċċ kontinentali lejn l-Afrika.

Emenda

(20) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' assoċjazzjoni modernizzat mal-pajjiżi mill-Grupp ta' Stati mill-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) u jippermetti lill-UE u lis-sħab tagħha tal-AKP biex ikomplu jiżviluppaw alleanzi b'saħħithom dwar sfidi dinjija ewlenin **u komuni**. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni stabbilita bejn l-Unjoni u l-Unjoni Afrikana f'konformità mal-Istrateġija Konġunta UE-Afrika, **inkluż l-impenn mill-Afrika u l-UE li jippromwovu d-drittijiet tat-tfal kif ukoll it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġh tal-Ewropa u tal-Afrika**, u jibni fuq il-ftehim futur bejn l-UE u l-AKP wara l-2020, inkluż permezz ta' approċċ kontinentali lejn l-Afrika, **u sħubija ta' benefiċċju reċiproku bejn partijiet ugwali bejn l-UE u l-Afrika**.

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-aspetti relatati mal-kummerċ tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni, bħall-kooperazzjoni ma' pajjiżi

terzi dwar id-diliġenza dovuta għal ktajjen ta' provvista li jikkonċernaw il-landa, it-tantalju u d-deheb, il-Proċess ta' Kimberley, il-Patt dwar is-Sostenibbiltà, l-implimentazzjoni tal-impenji skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} (Regolament dwar is-SĠP), il-kooperazzjoni skont l-Infurzar tal-Liġi, it-Tmexxija u l-Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) u l-inizjattivi tal-Għajnuna għall-Kummerċ sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-appoġġ reċiproku bejn il-politika kummerċjali tal-UE u l-għanijiet u l-azzjonijiet ta' żvilupp;

Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) L-Unjoni jenħtieġ li tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli biex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan jenħtieġ li jinkiseb permezz ta' koerenza u komplementarjetà bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III⁶³, l-Istrument ***tal-Għajnuna*** Umanitarja⁶⁴, id-Deċiżjoni dwar ***il-Pajjiż u Territorji extra-Ewropew***⁶⁵, l-Istrument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari biex jikkomplementa l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fuq il-bażi tat-Trattat tal-

Emenda

(21) L-Unjoni jenħtieġ li tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli biex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan jenħtieġ li jinkiseb permezz ta' koerenza, ***konsistenza*** u komplementarjetà bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III⁶³, l-Istrument ***għall-Għajnuna*** Umanitarja⁶⁴, id-Deċiżjoni dwar ***il-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej***⁶⁵, l-Istrument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari biex jikkomplementa l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fuq il-bażi

Euratom⁶⁶, il-politika estera u ta' sigurtà komuni u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi⁶⁷ li għadha kif ġiet proposta li hija ffinanzjata lil hinn mill-baġit tal-Unjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' sinerġiji ma' politiki u Programmi oħra tal-Unjoni. Dan jinkludi koerenza u komplementarjetà mal-assistenza makrofinanzjarja, fejn rilevanti. Sabiex jiġi massimizzat l-impatt ikkombinat tal-interventi biex jintlaħaq għan komuni, dan ir-Regolament jenħtieġ jippermetti t-taħlit ta' finanzjament ma' Programmi oħra tal-Unjoni, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet.

⁶³ COM (2018) 465 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)

⁶⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

⁶⁵ COM(2018) 461 final, Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Assoċjazzjoni ta' pajjiżi u territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka fuq in-naħa l-oħra ("id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija").

⁶⁶ COM(2018) 462 final, Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument Ewropew għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari li jikkumplementa l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fuq il-bażi tat-Trattat Euratom.

⁶⁷ C(2018) 3800 final Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew għall-Paċi.

tat-Trattat tal-Euratom⁶⁶, il-politika estera u ta' sigurtà komuni u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi⁶⁷ li għadha kif ġiet proposta li hija ffinanzjata lil hinn mill-baġit tal-Unjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' sinerġiji ma' politiki u Programmi oħra tal-Unjoni, ***inklużi Fondi Fiduċjarji kif ukoll politiki u programmi tal-Istati Membri tal-UE***. Dan jinkludi koerenza u komplementarjetà mal-assistenza makrofinanzjarja, fejn rilevanti. Sabiex jiġi massimizzat l-impatt ikkombinat tal-interventi biex jintlaħaq għan komuni, dan ir-Regolament jenħtieġ jippermetti t-taħlit ta' finanzjament ma' Programmi oħra tal-Unjoni, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet.

⁶³ COM (2018) 465 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)

⁶⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

⁶⁵ COM(2018) 461 final, Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Assoċjazzjoni ta' pajjiżi u territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka fuq in-naħa l-oħra ("id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija").

⁶⁶ COM(2018) 462 final, Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument Ewropew għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari li jikkumplementa l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fuq il-bażi tat-Trattat Euratom.

⁶⁷ C(2018) 3800 final Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew għall-Paċi.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Il-finanzjament minn dan ir-Regolament jenħtieġ jintuża biex jiffinanzja azzjonijiet taħt id-dimensjoni internazzjonali ta' Erasmus, li l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir skont ir-Regolament dwar Erasmus⁶⁸.

⁶⁸ COM (2018) 367 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) 1288/2013

Emenda

(22) Il-finanzjament minn dan ir-Regolament jenħtieġ **li** jintuża biex jiffinanzja azzjonijiet taħt id-dimensjoni internazzjonali ta' Erasmus **u ta' Ewropa Kreattiva**, li l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir skont ir-Regolament dwar Erasmus⁶⁸ **u r-Regolament dwar Ewropa Kreattiva^{68a}. Regulation (EU) No 1295/2013**

⁶⁸ COM (2018) 367 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) **Nru** 1288/2013;

^{68a} COM (2018) final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) Id-dimensjoni internazzjonali tal-Programm Erasmus Plus jenħtieġ li tingħata spinta bil-għan li jiżdiedu l-opportunitajiet għall-mobbiltà u l-kooperazzjoni għall-individwi u l-organizzazzjonijiet minn pajjiżi inqas żviluppati tad-dinja - billi jiġu appoġġati

tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi terzi, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-iskambji bejn il-persuni, filwaqt li jiġi offrut għadd ikbar ta' opportunitajiet għall-kooperazzjoni u l-mobbiltà mal-pajjiżi żviluppanti u daww emerġenti.

Emenda 28

Proposta għal regolament Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22b) Fid-dawl tar-rilevanza tal-indirizzar tal-edukazzjoni u l-kultura bi qbil mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-istrateġija tal-UE għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-iżgurar ta' edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwa, il-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' taġlim tul il-ħajja għal kulħadd, it-trawwim tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali, u r-rikonoxximent tar-rwol tal-kultura fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej permezz ta' azzjonijiet dedikati u mmirati mfassla biex ikollhom impatt ċar fuq ir-rwol tal-UE bħala attur globali.

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23) L-approċċ ewlieni għall-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun permezz ta' programmi ġeografiċi, sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-assistenza tal-Unjoni u l-azzjoni tal-

(23) L-approċċ ewlieni għall-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun permezz ta' programmi ġeografiċi, sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-assistenza tal-Unjoni u l-azzjoni tal-

Unjoni tinġieb eqreb *tal-pajjiżi* u *l-popolazzjonijiet* sħab. *Dan l-approċċ ġenerali* jenħtieġ li *jiġi kkumplimentat* minn programmi tematiċi u minn azzjonijiet ta' rispons rapidu, fejn rilevanti.

Unjoni tinġieb eqreb *tal-popolazzjonijiet* u *l-pajjiżi* sħab, *filwaqt li jiġu appoġġati prijoritajiet tematiċi bħalma huma d-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili u s-sostenibbiltà. L-għanijiet taħt il-programmi ġeografiċi u tematiċi jenħtieġ li jkunu konsistenti u koerenti ma' xulxin u jenħtieġ li jiġu kkomplementati* minn programmi tematiċi u minn azzjonijiet ta' rispons rapidu, fejn rilevanti. *Jenħtieġ li tiġi żgurata komplementarjetà effettiva bejn il-programmi u l-azzjonijiet ġeografiċi, tematiċi u ta' rispons rapidu. Sabiex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull programm, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplementa d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-istrateġija tal-Unjoni, l-oqsma ta' prijorità, l-għanijiet dettaljati, ir-riżultati mistennija, l-indikaturi speċifiċi ta' prestazzjoni u l-allokazzjoni finanzjarja speċifika għal kull programm. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell tal-esperti, u li dawh il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet^{1a}. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.*

^{1a} ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) F'konformità mal-Kunsens, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jtejb u l-programmazzjoni konġunta sabiex iżidu l-impatt kollettiv tagħhom billi jiġbru flimkien ir-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħhom. Il-programmazzjoni konġunta jenħtieġ li tibni fuq l-involviment, l-appropriazzjoni u s-sjieda tal-pajjiżi sħab. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jfittxu li jappoġġaw lill-pajjiżi sħab permezz ***ta' implimentazzjoni*** konġunta, kull meta xieraq.

Emenda

(24) F'konformità mal-Kunsens, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jtejb u l-programmazzjoni konġunta sabiex iżidu l-impatt kollettiv tagħhom billi jiġbru flimkien ir-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħhom. Il-programmazzjoni konġunta jenħtieġ li tibni fuq l-involviment, l-appropriazzjoni u s-sjieda tal-pajjiżi sħab. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jfittxu li jappoġġaw lill-pajjiżi sħab permezz ***ta' applikazzjoni*** konġunta, kull meta xieraq. ***L-applikazzjoni konġunta jenħtieġ li tkun inklużiva u miftuħa għas-sħab kollha tal-Unjoni li jaqblu u li jistgħu jikkontribwixxu għal viżjoni komuni, inklużi l-aġenziji tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji ta' żvilupp tagħhom, l-awtoritajiet lokali, is-settur privat, is-soċjetà ċivili u l-akkademja.***

Emenda 31

Proposta għal regolament

Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) Fil-każ ta' degradazzjoni serja jew persistenti tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt f'wieħed mill-pajjiżi sħab, l-appoġġ jista', permezz ta' att delegat, jiġi sospiż parzjalment jew kompletament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis b'mod xieraq ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha.

Emenda 32

Proposta għal regolament Premessa 24b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24b) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonferma mill-ġdid is-sikurezza nukleari bħala parti importanti tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u jiffaċilita l-għanijiet ta' kooperazzjoni speċifikati fir-Regolament (EINS). Għalhekk, fil-każ li pajjiż sieħeb jonqos b'mod persistenti milli jirrispetta l-istandards bażiċi tas-sikurezza nukleari, bħalma huma d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti fi ħdan il-Qafas tal-IAEA, il-Konvenzjonijiet ta' Espoo u Aarhus u l-emendi sussegwenti tagħhom, it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari u l-Protokolli addizzjonali tagħhom, l-impenji favur l-implimentazzjoni tat-testijiet tal-istress u l-miżuri relatati, u l-għanijiet ta' kooperazzjoni speċifikati fir-Regolament (EINS), l-assistenza skont dan ir-Regolament għall-pajjiż ikkonċernat jenħtieġ li tiġi kkunsidrata mill-ġdid u tista' tiġi sospiża jew sospiża parzjalment.

Emenda 33

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25) Filwaqt li d-demokrazija u **d-drittijiet tal-bniedem**, fosthom l-ugwaljanza bejn is-sessi u **l-għoti tas-setgħa lin-nisa** jenħtieġ li jiġu riflessi **matul l-implimentazzjoni kollha** ta' dan ir-Regolament, l-assistenza tal-Unjoni permezz tal-programmi tematiċi għad-drittijiet tal-bniedem **uf** d-

(25) Filwaqt li d-demokrazija, **id-drittijiet tal-bniedem** u **l-libertajiet fundamentali**, fosthom **il-protezzjoni tat-tfal, il-minoritajiet, il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni LGBTI, kif ukoll** l-ugwaljanza bejn is-sessi, u **t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet**, jenħtieġ li jiġu riflessi u

demokrazija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jkollha rwol speċifiku komplementari u addizzjonali minħabba n-natura dinjija tagħha, u l-indipendenza tal-azzjoni tagħha mill-kunsens tal-gvernijiet u tal-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi terzi kkonċernati.

integrati b'mod konsistenti matul l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-assistenza tal-Unjoni permezz tal-programmi tematiċi għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili - l-awtoritajiet lokali jenħtieġ li jkollha rwol speċifiku komplementari u addizzjonali minħabba n-natura dinjija tagħha, u l-indipendenza tal-azzjoni tagħha mill-kunsens tal-gvernijiet u tal-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi terzi kkonċernati. Meta tagħmel dan, l-Unjoni jenħtieġ li tagħti attenzjoni partikolari lill-pajjiżi u s-sitwazzjonijiet ta' urġenza fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma l-aktar f'riskju u fejn in-nuqqas ta' rispett lejn dawk id-drittijiet u l-libertajiet huwa partikolarment evidenti u sistematiku, kif ukoll lil sitwazzjonijiet fejn ikun hemm fin-nofs l-ispazju tas-soċjetà ċivili. L-assistenza tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li titfassal b'tali mod li tippermetti appoġġ lis-soċjetà ċivili, kif ukoll kooperazzjoni u sħubija magħha fir-rigward ta' kwistjonijiet tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem sensittivi, filwaqt li tipprovdi l-flessibbiltà u r-reattività meħtieġa biex ikun hemm rispons għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu, għall-ħtiġijiet tal-benefiċjarji, jew għall-perjodi ta' kriżi, u meta jkun neċessarju, tikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċità tas-soċjetà ċivili. F'tali każijiet, il-prijoritajiet politiċi jenħtieġ li jkunu l-promozzjoni tar-rispett għad-dritt internazzjonali u l-provvediment ta' mezzi ta' azzjoni lis-soċjetà ċivili lokali u lil partijiet ikkonċernati tad-drittijiet tal-bniedem rilevanti oħra sabiex jingħata kontribut għal ħidma li titwettag f'ċirkostanzi diffiċli ħafna. Dan ir-Regolament jenħtieġ li joffri wkoll il-possibbiltà li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jirċievu għotjiet żgħar b'mod rapidu u effiċjenti meta jkun neċessarju, b'mod partikolari fl-aktar sitwazzjonijiet diffiċli, bħalma huma dawk ta' fraġilità, kriżi u tensjonijiet interkomunitarji.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a) Skont l-Artikoli 2, 3 u 21 tat-TUE u l-Artikolu 8 tat-TFUE, l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun iggwidata mill-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet, u jenħtieġ li ttipprova tipproteġi u tippromwovi d-drittijiet tan-nisa f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà tal-10 ta' Diċembru 2018, il-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Għan Nru 5 tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25b) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jindirizza u jintegra l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi globalment, inkluż billi jappoġġa l-organizzazzjonijiet li qed jaħdmu fuq il-promozzjoni tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (aċċess għal informazzjoni, edukazzjoni u servizzi ta' kwalità u aċċessibbli) u l-ġlieda kontra l-vjolenza bbażata fuq is-sess u d-diskriminazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxi u jindirizza wkoll ir-rabtiet mill-qrib bejn il-kwistjonijiet ta' paċi, sigurtà, iżvilupp u

ugwaljanza bejn is-sessi. Din il-ħidma jenħtieġ li tkun koerenti mal-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-konvenzjonijiet internazzjonali u Ewropej rilevanti, u tippromwovihom.

Emenda 36

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jinkludu firxa wiesgħa ta' atturi bi rwoli u mandati **differenti** li **jinkludi** l-istrutturi kollha mhux Statali, mhux għall-profitt, **mhux partiġġjani** u mhux vjolenti, li bihom persuni jorganizzaw ruħhom sabiex isegwu għanijiet u ideali komuni, sew politiċi, kulturali, soċjali jew **ekonomiċi**. **Huma** joperaw mil-livell lokali **sal-livell** nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, **u** jinkludu organizzazzjonijiet urbani u rurali, formali u informali.

Emenda

(26) L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jinkludu firxa wiesgħa ta' atturi bi rwoli u mandati **multipli** li **tinkludi** l-istrutturi kollha mhux Statali, mhux għall-profitt u mhux vjolenti, li bihom persuni jorganizzaw ruħhom biex isegwu għanijiet u ideali komuni, sew politiċi, kulturali, soċjali, **reliġjużi, ambjentali, jew ekonomiċi** jew **biex iżommu responsabbli lill-awtoritajiet**. **Peress li** joperaw mil-livell lokali **sal-livelli** nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, **dawn** jinkludu organizzazzjonijiet urbani u rurali, formali u informali. **Il-korpi jew l-atturi l-oħrajn li mhum** **ex speċifikament esklużi b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun jistgħu jiġu ffinanzjati meta dan ikun neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.**

Emenda 37

Proposta għal regolament Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) Bi qbil mal-Kunsens għall-Iżvilupp, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jrawmu l-parteciġazzjoni tal-

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) u tal-awtoritajiet lokali (LAs) fil-kontribuzzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u għall-implimentazzjoni tal-SDGs, iter alia fis-setturi tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja soċjali u bħala fornituri ta' servizzi soċjali bażiċi lill-popolazzjonijiet l-aktar fil-bżonn. Huma jenħtieġ li jirrikonoxxu r-rwoli multipli tal-OSĊ u tal-LAs, dawn tal-aħħar bħala promoturi ta' approċċ territorjali għall-iżvilupp, inklużi proċessi ta' deċentralizzazzjoni, parteċipazzjoni, sorveljanza u akkontabbiltà. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jippromwovu spazju operattiv u ambjent abilitanti għall-OSĊ, u jkomplu jsaħħu l-appoġġ tagħhom favur il-bini tal-kapaċitajiet tal-OSĊ u tal-LAs sabiex isaħħu l-vuċi tagħhom fil-proċess ta' żvilupp sostenibbli u djalogu politiku, soċjali u ekonomiku avanzat, inkluż permezz ta' programmi dwar il-faċilitajiet tas-soċjetà ċivili.

Emenda 38

Proposta għal regolament Premessa 26b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26b) L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tippromwovi l-involviment strateġiku ikbar tagħhom fl-istrumenti u l-programmi esterni kollha, inklużi l-programmi ġeografiċi u l-azzjonijiet ta' rispons rapidu skont dan ir-Regolament, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar "L-għeruq tad-demokrazija u żvilupp sostenibbli: l-involviment tal-Ewropa mas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet esterni".

Emenda 39

Proposta għal regolament

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni li jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi u ***l-Miri tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti***, dan ir-Regolament ***se*** jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tintlaħaq il-mira ġenerali ***li 25 %*** tal-infiq tal-baġit ***tal-UE ikunu*** b'appoġġ għal għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet permezz ta' dan ir-Regolament huma mistennija li jikkontribwixxu ***25 %*** mill-pakkett finanzjarju kumplessiv ***għal għanijiet tal-klima***. ***Azzjonijiet*** rilevanti se jiġu identifikati matul ***l-implimentazzjoni*** ta' dan ir-Regolament, u l-kontribuzzjoni kumplessiva minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun parti mill-evalwazzjonijiet rilevanti u mill-proċessi ta' rieżami.

Emenda

(28) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, ***li jitħares l-ambjent u li jiġi miġġieled it-telf tal-bijodiversità***, skont l-impenji tal-Unjoni li jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi, ***il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti***, dan ir-Regolament ***jenħtieġ li*** jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika ***u ambjentali*** tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tintlaħaq il-mira ġenerali tal-infiq tal-baġit ***tal-Unjoni*** b'appoġġ għal għanijiet tal-klima ***u jappoġġa azzjonijiet b'kobenefiċċji ċari u identifikabbli fis-setturi kollha***. L-azzjonijiet permezz ta' dan ir-Regolament huma mistennija li jikkontribwixxu ***45 %*** mill-pakkett finanzjarju kumplessiv ***għall-għanijiet tal-klima, il-ġestjoni u l-protezzjoni ambjentali, il-bijodiversità u l-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, filwaqt li 30 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv jenħtieġ li jkun iddedikat għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih***. ***L-azzjonijiet*** rilevanti se jiġu identifikati matul ***l-applikazzjoni*** ta' dan ir-Regolament, u l-kontribuzzjoni kumplessiva minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun parti mill-evalwazzjonijiet rilevanti u mill-proċessi ta' rieżami. ***L-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam jenħtieġ li tiffavorixxi l-aderenza mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-Konvenzjonijiet ta' Rio, u ma tikkontribwixxix għad-degradazzjoni ambjentali jew tikkawża ħsara lill-ambjent jew lill-klima***. ***L-azzjonijiet u l-miżuri li jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira dwar il-klima jenħtieġ li jenfasizzaw b'mod speċjali l-appoġġ għall-adattament għat-tibdil fil-klima f'pajjiżi foqra u vulnerabbli ħafna, u jenħtieġ li jqisu r-relazzjoni bejn il-klima, il-paċi u s-***

sigurtà, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-ġlieda kontra l-faqar. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u jippromwovi agrikoltura, ġestjoni tal-foresti u attivitajiet ta' estrazzjoni sostenibbli u sikuri.

Emenda 40

Proposta għal regolament

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) ***Huwa essenzjali li tiżdied il-kooperazzjoni*** dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi sħab, ***ħalli jiġawdew il-benefiċċji ta' migrazzjoni ġestita tajjeb u regolari u tiġi indirizzata effettivament*** il-migrazzjoni irregolari. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi biex jiġi żgurat l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, ***l-indirizzar tal-kawżi*** fundamentali tal-migrazzjoni irregolari, ***it-tiġib tal-ġestjoni tal-fruntieri u li jsiru sforzi fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni*** irregolari, it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti, u ssir ħidma fuq ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni meta rilevanti, fuq il-bażi tal-akkontabbiltà reċiproka u ***r-rispett*** sħiħ tal-obbligi umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem. ***Għalhekk, il-kooperazzjoni effettiva tal-pajjiżi terzi mal-Unjoni f'dan il-qasam jenħtieġ li ssir element integrali mill-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament. Aktar koerenza bejn il-migrazzjoni u l-politiki*** tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija importanti biex jiġi żgurat li l-assistenza għall-iżvilupp tappoġġa lill-pajjiżi sħab ***jimmaniġġaw il-migrazzjoni b'mod aktar effettiv***. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, billi jimmassimizza s-sinerġiji

Emenda

(29) ***Il-kooperazzjoni*** dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi sħab ***tista' twassal biex jinsilet benefiċċju reċiproku mill-migrazzjoni ordnata, sikura u responsabbli u biex jiġu indirizzati b'mod effettiv*** il-migrazzjoni irregolari ***u l-ispostament sfurzat***. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi biex ***jiġu ffaċilitati mogħdijiet sikuri u legali għall-migrazzjoni u l-asil***, jiġi żgurat l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, ***jiġu indirizzati l-kawżi*** fundamentali tal-migrazzjoni irregolari ***u l-ispostament sfurzat, ikun hemm kollaborazzjoni mad-dijaspori, tissaħħaħ il-ġestjoni*** tal-fruntieri u ***jiġu segwiti*** sforzi ***fl-indirizzar tal-migrazzjoni*** irregolari, it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti, u ssir ħidma fuq ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni ***sikuri, dinjitu u sostenibbli*** meta rilevanti, ***b'mod li jkun sensittiv għall-kunflitti*** fuq il-bażi tal-akkontabbiltà reċiproka, u ***b'rispett*** sħiħ tal-obbligi umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem ***skont id-dritt internazzjonali u dak tal-Unjoni. Il-koerenza bejn il-politiki tal-migrazzjoni u dawk*** tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija importanti biex jiġi żgurat li l-assistenza għall-iżvilupp tappoġġa lill-pajjiżi sħab ***biex jiġġieldu l-faqar u l-inugwaljanza, jippromwovu d-drittijiet u l-libertajiet, kif ukoll biex isir***

u *japplika l-ingranaġġ meħtieġ*.

kontribut għal ġestjoni tal-migrazzjoni ordnata, sikura u responsabbli. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, billi jimmassimizza s-sinerġiji u *l-impatt pożittiv tal-migrazzjoni u l-mobbiltà fuq l-iżvilupp*.

Emenda 41

Proposta għal regolament

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi għall-isfidi, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet relatati mal-migrazzjoni, f'komplementarjetà *mal-politika tal-UE* dwar il-migrazzjoni. *Sabiex* jikkontribwixxi għal *dan il-għan*, u mingħajr preġudizzju *għaċ-ċirkustanzi mhux previsti*, 10 % mill-pakkett finanzjarju tiegħu *huma mistennija jkun ddedikati* biex jiġu indirizzati l-għeruw tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament sfurzat u biex *tiġi appoġġata l-ġestjoni u l-governanza* tal-migrazzjoni, inkluża l-protezzjoni tar-refuġjati u *d-drittijiet tal-migranti* fl-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

Emenda

(30) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi għall-isfidi, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet relatati mal-migrazzjoni, f'komplementarjetà *mal-politiki tal-Unjoni* dwar il-migrazzjoni u *l-iżvilupp*. *Biex* jikkontribwixxi għal *dak l-għan*, *sabiex tiġi mmassimizzata l-kontribuzzjoni tal-migrazzjoni għall-iżvilupp*, u mingħajr preġudizzju *għal ħtiġijiet ġodda jew sfidi emerġenti ġodda*, *huwa mistemmi li massimu ta' 10 %* mill-pakkett finanzjarju tiegħu *jkun iddedikat* biex jiġu indirizzati l-għeruw tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament sfurzat u biex *jiġi appoġġat impenn imsaħħaħ favur il-faċilitazzjoni* tal-migrazzjoni *sikura ordnata, regolari u responsabbli u l-implimentazzjoni ta' politiki ppjanati u ġesti tajjeb*, inkluża l-protezzjoni *tad-drittijiet tal-migranti u* tar-refuġjati *abbażi tad-dritt internazzjonali u dak privat* fl-għanijiet ta' dan ir-Regolament. *Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar tal-fenomeni tal-eżodu ta' mhu u biex jgħin fl-appoġġ tal-ħtiġijiet tal-persuni spostati u tal-komunitajiet ospitanti, b'mod partikolari permezz tal-għoti ta' aċċess għal opportunitajiet ta' għajxien u servizzi bażiċi*.

Emenda 42

Proposta għal regolament Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30a) Is-servizzi u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) urew li jippermettu l-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir inklużiv. Dawn jistgħu jkunu kruċjali għat-titjib tal-ħajja taċ-ċittadini anke fl-ifqar pajjiżi, b'mod partikolari billi jsaħħu l-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet, itejbu l-governanza demokratika u t-trasparenza, u jagħtu spinta l-produttività u l-ħolqien tal-impjiegi. Madankollu, il-konnettività u l-affordabbiltà għadhom problema kemm madwar ir-reġjuni kif ukoll fihom, peress li jeżistu varjazzjonijiet kbar bejn il-pajjiżi bi dħul għoli u daww bi dħul iktar baxx u bejn il-bliet u ż-żoni rurali. Għalhekk, dan ir-regolament jenħtieġ li jgħin lill-Unjoni biex tkompli tintegrazzi d-diġitalizzazzjoni fil-politiki ta' iżvilupp tal-Unjoni.

Emenda 43

Proposta għal regolament Premessa 30b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30b) L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata b'Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015, issottolinjat l-importanza tal-promozzjoni ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi kemm bħala Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 16 kif ukoll sabiex jinkisbu eżiti oħrajn tal-politika ta' iżvilupp. L-SDG 16 jitlob speċifikament "It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet nazzjonali rilevanti, inkluż permezz tal-koooperazzjoni internazzjonali, għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-livelli kollha, b'mod

partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex tiġi evitata l-vjolenza u jiġu missielta t-terroriżmu u l-kriminalità".

Emenda 44

Proposta għal regolament
Premessa 30c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30c) Fil-Communiqué tal-Laqqha ta' Livell Għoli tad-19 ta' Frar 2016, il-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi aġġorna d-direttivi ta' rappurtar tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà. Il-finanzjament tal-azzjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament jikkostitwixxi Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp meta jissodisfa l-kriterji stabbiliti f'dawk id-direttivi ta' rappurtar jew kwalunkwe direttiva ta' rappurtar sussegwenti, li dwarha jkun jista' jaqbel il-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Premessa 30d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30d) Il-bini tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp jenħtieġ li jintuża f'każijiet eċċezzjonali biss, meta l-għanijiet tar-Regolament ma jkunux jistgħu jintlaħqu permezz ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp oħra. L-għoti ta' appoġġ lill-atturi tas-settur tas-sigurtà fil-pajjiżi terzi, inkluż, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-militar,

f'kuntest ta' prevenzjoni tal-kunflitti, ġestjoni tal-kriżi jew stabbilizzazzjoni huwa essenzjali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet xierqa għall-qerda tal-faqar u għall-iżvilupp. Il-governanza tajba, il-kontroll demokratiku u s-sorveljanza ċivili effettivi tas-sistema tas-sigurtà, inkluż fir-rigward tal-militar, kif ukoll il-konformità mad-drittijiet tal-bniedem u mal-prinċipji tal-istat tad-dritt huma attributi essenzjali ta' Stat li jiffunzjona tajjeb fi kwalunkwe kuntest, u jenħtieġ li jiġu promossi permezz ta' appoġġ għal riforma tas-settur tas-sigurtà usa' lill-pajjiżi terzi.

Emenda 46

**Proposta għal regolament
Premessa 30e (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30e) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jibni fuq il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni mill-Kummissjoni mitluba għal Ġunju 2020, li se tinkludi konsultazzjoni pubblika mifruxa b'diversi partijiet ikkonċernati, valutazzjoni tal-koerenza tal-bini tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp fl-ambitu tar-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp iffinanzjata mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha mal-Istrateġija Globali u l-Għanijiet ta' Żvilupp tan-NU.

Emenda 47

**Proposta għal regolament
Premessa 30f (ġdida)**

(30f) L-Unjoni jenħtieġ li tippromwovi wkoll approċċ sensittiv għall-kunflitti u sensittiv għas-sessi fl-azzjonijiet u l-programmi kollha skont dan ir-Regolament, bl-għan li jiġu evitati impatti negattivi u jiġu massimizzati daww pożittivi.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Premessa 32

(32) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' **implimentazzjoni** skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu fuq il-bażi ***tal-kapaċità*** tagħhom li jiksibu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-risultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament ***Finanzjarju***.

(32) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' ***applikazzjoni*** skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu fuq il-bażi ***tal-ħtiġijiet, il-preferenzi u l-kuntest speċifiku tas-sħab, ir-rilevanza, is-sostenibbiltà u l-kapaċità*** tagħhom ***li jikkonformaw mal-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp***, li jiksibu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-risultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament ***(UE, Euratom) 2018/1046^{1a} tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament Finanzjarju")***. Ir-rwol tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija (EED) bħala ***fondazzjoni awtorizzata permezz tal-istituzzjonijiet Ewropej għall-appoġġ tad-demokrazija, is-soċjetà ċivili u d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja jenħtieġ li jissaħħaħ u jiġi inkriminat skont dan ir-Regolament. L-EED jenħtieġ li jingħata l-***

flessibbiltà amministrativa u l-opportunitajiet finanzjarji biex jinħarġu għotjiet immirati lill-atturi tas-soċjetà ċivili fil-Viċinat Ewropew għall-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-iżvilupp tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-elezzjonijiet ħielsa u l-istat tad-dritt.

Emenda 49

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli + ("EFSD+") il-ġdid, li jibni fuq il-predeċessur **ta' suċċess** tiegħu, l-EFSD⁷⁰, jenħtieġ li jikkostitwixxi pakkett finanzjarju integrat li jipprovdi kapaċità ta' finanzjament fil-forom ta' għotjiet, garanziji u strumenti finanzjarji oħra madwar il-dinja kollha. L-EFSD+ jenħtieġ li jappoġġa l-Pjan ta' Investiment Estern u jikkombina operazzjonijiet ta' taħlit u ta' garanziji baġitarji koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, inklużi dawk li jkopru r-riskji sovrani assoċjati ma' operazzjonijiet ta' self, preċedentement imwettqa taħt il-mandat ta' self estern tal-Bank Ewropew tal-Investment. Minħabba r-rwol tiegħu skont it-Trattati u l-esperjenza tiegħu matul dawn l-aħħar deċennji jappoġġa l-politiki tal-Unjoni, il-Bank Ewropew tal-Investment jenħtieġ jibqa' sieħeb naturali tal-Kummissjoni **għall-implimentazzjoni** ta' operazzjonijiet taħt il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

Emenda

(33) Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli + ("EFSD+") il-ġdid, li jibni fuq il-predeċessur tiegħu, l-EFSD⁷⁰, jenħtieġ li jikkostitwixxi pakkett finanzjarju integrat li jipprovdi kapaċità ta' finanzjament fil-forma ta' għotjiet, garanziji u strumenti finanzjarji oħra madwar id-dinja kollha. L-EFSD+ jenħtieġ li jappoġġa l-Pjan ta' Investiment Estern u jikkombina operazzjonijiet ta' taħlit u ta' garanziji baġitarji koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, inklużi dawk li jkopru r-riskji sovrani assoċjati ma' operazzjonijiet ta' self, preċedentement imwettqa taħt il-mandat ta' self estern tal-Bank Ewropew tal-Investment. Minħabba r-rwol tiegħu skont it-Trattati u l-esperjenza tiegħu matul dawn l-aħħar deċennji jappoġġa l-politiki tal-Unjoni, il-Bank Ewropew tal-Investment jenħtieġ jibqa' sieħeb naturali tal-Kummissjoni **għall-applikazzjoni** ta' operazzjonijiet taħt il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. **Banek Nazzjonali tal-Iżvilupp (NDBs) tal-UE jew Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) oħra għandhom ukoll hiliel u kapital li jistgħu jgħibu magħhom valur sinifikanti għall-impatt tal-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni u għalhekk jenħtieġ li l-parteċipazzjoni tagħhom skont l-EFSD+**

tiġi promossa wkoll bil-qawwa permezz ta' dan ir-Regolament.

⁷⁰ Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (European Fund for Sustainable Development, EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD.

⁷⁰ Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (European Fund for Sustainable Development, EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD.

Emenda 50

Proposta għal regolament Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) L-EFSD + jenħtieġ li jkollu l-għan li **jappoġġaw** l-investimenti bħala mezz **li jikkontribwixxu** biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli permezz tat-trawwim ta' żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv u **billi jippromwovi r-reżiljenza** soċjoekonomika tal-pajjiżi sħab, b'enfasi partikolari fuq il-qerda tal-faqar, **it-tkabbir** sostenibbli u inklużiv, **il-ħolqien** ta' impjiegi diċenti, **l-opportunitajiet ekonomiċi, il-ħiliet** u l-intraprenditorija, is-setturi soċjoekonomiċi, l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, kif ukoll **billi jiġu indirizzati** l-kawżi soċjoekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari, f'konformità mad-dokumenti rilevanti ta' programmazzjoni indikattiva. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u lill-pajjiżi fqar b'haġna dejn.

Emenda

(34) L-EFSD + jenħtieġ li jkollu l-għan li **jappoġġa** l-investimenti bħala mezz **kif jikkontribwixxi** biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli permezz tat-trawwim ta' żvilupp ekonomiku, **kulturali** u soċjali sostenibbli u inklużiv u **l-promozzjoni tar-reżiljenza** soċjoekonomika tal-pajjiżi sħab, b'enfasi partikolari fuq il-qerda tal-faqar, **il-prevenzjoni tal-funflitti u l-promozzjoni ta' soċjetajiet paċifiċi, ġusti u inklużivi, il-progress ekonomiku** sostenibbli u inklużiv, **l-indirizzar tat-tibdil fil-klima permezz tal-mitigazzjoni u l-adattament, id-degradazzjoni ambjentali, u l-ħolqien** ta' **opportunitajiet ekonomiċi** u impjiegi diċenti **f'konformità mal-istandards rilevanti tal-ILO, b'mod partikolari għan-nisa, iż-żgħażaġh u l-persuni vulnerabbli. Jenħtieġ li ssir enfasi fuq l-għoti ta' edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwa, u l-iżvilupp tal-ħiliet** u l-intraprenditorija permezz **tat-tisħiħ tal-istrutturi edukattivi u kulturali, inkluż b'rabta mat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' spostament sfurzati u emerġenzi umanitarji. Għandu jkollu wkoll l-għan li jappoġġa ambjent ta' investiment stabbli, l-industrijalizzazzjoni, is-setturi soċjoekonomiċi, il-kooperattivi, l-**

intrapriżi soċjali, l-intrapriżi mikro, żgħar u medji kif ukoll it-tisħiħ tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem, li n-nuqqas tagħhom spiss jikkostitwixxi l-kawżi soċjoekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat, f'konformità mad-dokumenti rilevanti ta' programmazzjoni indikattiva. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u lill-pajjiżi fqar b'ħafna dejn. Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni speċjali fir-rigward tat-titjib tal-għoti ta' servizzi pubbliċi bażiċi essenzjali, tas-sigurtà tal-ikel, u tal-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjonijiet urbani li qed jikbru b'mod rapidu, inkluż permezz ta' akkomodazzjoni adegwata, sikura u affordabbli. Jenħtieġ li l-EFSD+ jinkoraġġixxi s-sħubijiet bi skop ta' qligħ/mingħajr skop ta' qligħ bħala mezz biex l-investimenti tas-settur privat jiġi ggwidat lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar. L-involviment strateġiku tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-pajjiżi sħab jenħtieġ li jiġi promoss ukoll fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-proġett, sabiex jinstabu soluzzjonijiet imfassla apposta għall-promozzjoni tal-iżvilupp soċjoekonomiku tal-komunitajiet, il-ħolqien tal-impjiegi u opportunitajiet ġodda ta' negozju. L-investimenti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-analiżi tal-kunflitti, jiffukaw fuq il-kawżi ewlenin tal-kunflitti, il-fraġilità u l-instabbiltà, filwaqt li jimmassimizzaw il-potenzjal għat-trawwim tal-paċi u jimminimizzaw ir-riskji li l-kunflitti jaggravaw.

Emenda 51

Proposta għal regolament

Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Jenħtieġ li l-EFSD+ jimmassimizza l-addizzjonalità tal-finanzjament, jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, irendi prodotti innovattivi u jattira fondi mis-settur privat. Jenħtieġ li l-involviment tas-settur privat fil-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi sħab permezz tal-EFSD+ iħalli impatt addizzjonali u li jkun jista' jitkejjel fuq l-iżvilupp mingħajr distorsjoni fis-suq u jenħtieġ li dan ikun kosteffikaċi bbażat fuq l-akkontabbiltà reċiproka u l-kondiviżjoni tar-riskju u tal-kostijiet. Jenħtieġ li l-EFSD+ jopera bħala "one-stop-shop", billi jirċievi proposti ta' finanzjament mingħand istituzzjonijiet finanzjarji u investituri pubbliċi jew privati u **li** jagħti firxa wiesgħa ta' appoġġ finanzjarju għall-investimenti eliġibbli.

Emenda

(35) Jenħtieġ li l-EFSD+ jimmassimizza l-addizzjonalità tal-finanzjament, jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, irendi prodotti innovattivi u jattira fondi mis-settur privat **biex tiġi ottimizzata l-kontribuzzjoni tal-finanzjament privat għall-iżvilupp sostenibbli lokali**. Jenħtieġ li l-involviment tas-settur privat fil-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi sħab permezz tal-EFSD+ iħalli impatt addizzjonali u li jkun jista' jitkejjel fuq l-iżvilupp **b'rispett sħiħ tal-ambjent u d-drittijiet u l-għajxien tal-komunitajiet lokali u** mingħajr distorsjoni fis-suq **lokali u kompetizzjoni mhux xierqa mal-atturi ekonomiċi lokali**. Jenħtieġ li dan ikun kosteffikaċi **u** bbażat fuq l-akkontabbiltà reċiproka u l-kondiviżjoni tar-riskju u tal-kostijiet. Jenħtieġ li l-EFSD+, **filwaqt li bbażat fuq kriterji ta' akkontabbiltà reċiproka u trasparenza adegwati**, jopera bħala "one-stop-shop", billi jirċievi proposti ta' finanzjament mingħand istituzzjonijiet finanzjarji u investituri pubbliċi jew privati u jagħti firxa wiesgħa ta' appoġġ finanzjarju għall-investimenti eliġibbli.

Emenda 52

**Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(35a) Garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet ta' investimenti sovrani fis-settur pubbliku jenħtieġ li tiffurma parti mill-EFSD+. Dik il-garanzija tal-UE jenħtieġ li ma tkunx estiża għal operazzjonijiet ta' investimenti sovrani li jinvolvu self ta' fondi mislufa lis-settur

privat jew self lil entitajiet sottosovrani, jew għall-benefiċċju tagħhom, li jistgħu jaċċessaw finanzjament sottosovran mingħajr garanziji sovrani. Sabiex il-BEI ikun meġġun fl-ippjanar tal-kapaċità tiegħu, jenħtieġ li jiġi allokati lill-BEI volum minimu garantiti ta' tali operazzjonijiet ta' investimenti sovrani.

Emenda 53

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Garanzija għall-Azzjoni Esterna li tibni fuq il-Garanzija tal-EFSD u fuq il-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni. Jenħtieġ li l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tappoġġa l-operazzjonijiet tal-EFSD+ koperti mill-garanziji baġitarji, mill-assistenza makrofinanzjarja u mis-self lil pajjiżi terzi fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom⁷¹. Dawn l-operazzjonijiet jenħtieġ li jkunu appoġġati minn approprijazzjonijiet permezz ta' dan ir-Regolament, flimkien ma' dawk permezz tar-Regolament (UE) Nru .../... (IPA III) u permezz tar-Regolament (UE) Nru .../... (EINS), li jenħtieġ li jkopru wkoll il-proviżjonament u l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn self ta' assistenza makrofinanzjarja u minn self lil pajjiżi terzi ***msemmi*** fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament EINS, rispettivament. ***Meta tiffinanzja operazzjonijiet EFSD+***, jenħtieġ li tingħata prijorità lil dawk li jkollhom impatt għoli fuq il-ħolqien ***tal-impjiegi*** u li l-proporzjon tal-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom itejjeb is-sostenibbiltà tal-investment. Jenħtieġ li l-operazzjonijiet appoġġati bil-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jkunu akkumpanjati b'valutazzjoni ex ante dettaljata tal-aspetti ambjentali, finanzjarji u soċjali, ***kif ikun xieraq*** u f'konformità mar-rekwiżiti għal

Emenda

(36) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Garanzija għall-Azzjoni Esterna li tibni fuq il-Garanzija tal-EFSD u fuq il-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni. Jenħtieġ li l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tappoġġa l-operazzjonijiet tal-EFSD+ koperti mill-garanziji baġitarji, mill-assistenza makrofinanzjarja u mis-self lil pajjiżi terzi fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom⁷¹. Dawn l-operazzjonijiet jenħtieġ li jkunu appoġġati minn approprijazzjonijiet permezz ta' dan ir-Regolament, flimkien ma' dawk permezz tar-Regolament (UE) Nru .../... (IPA III) u permezz tar-Regolament (UE) Nru .../... (EINS), li jenħtieġ li jkopru wkoll il-proviżjonament u l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn self ta' assistenza makrofinanzjarja u minn self lil pajjiżi terzi ***msemmija*** fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament EINS, rispettivament. ***Fil-finanzjament tal-operazzjonijiet tal-EFSD+***, jenħtieġ li tingħata prijorità lil dawk ***l-operazzjonijiet*** li jkollhom impatt għoli fuq il-ħolqien ***ta' impjiegi u għajxien deċenti*** u li l-proporzjon tal-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom itejjeb is-sostenibbiltà tal-investment, ***u li jipprovdu l-ogħla garanziji ta' sostenibbiltà u impatt tal-iżvilupp fit-tul permezz tas-sjeda lokali***. Jenħtieġ li l-operazzjonijiet appoġġati bil-

regolamentazzjoni aħjar. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jenħtieġ li ma tintużax biex ttiprovdi servizzi pubbliċi essenzjali, li jibqgħu r-responsabbiltà tal-gvern nazzjonali.

Garanzija għall-Azzjoni Esterna jkunu akkumpanjati b'valutazzjoni ex ante dettaljata tal-aspetti ambjentali, finanzjarji u soċjali, ***inkluż l-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-għajxien ta' komunitajiet affettwati u l-impatt fuq l-inugwaljanzi u l-identifikazzjoni ta' modi biex jiġu indirizzati daww l-inugwaljanzi*** f'konformità mar-rekwiżiti għal regolamentazzjoni aħjar ***u filwaqt li jitqies kif xieraq il-prinċipju ta' kunsens liberu u infurmat minn qabel tal-komunitajiet affettwati f'investimenti relatati mal-art.*** Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jenħtieġ li ma tintużax biex ttiprovdi servizzi pubbliċi essenzjali, li jibqgħu r-responsabbiltà tal-gvern nazzjonali. ***Il-valutazzjonijiet tal-impatt ex post jenħtieġ li jkejlu wkoll l-impatt tal-iżvilupp tal-operazzjonijiet EFSD+.***

⁷¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

⁷¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

Emenda 54

Proposta għal regolament Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Sabiex tiġi prevista l-flessibbiltà, tiżdied l-attrazzjoni għas-settur privat u jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investimenti, jenħtieġ li tingħata deroga mir-regoli relatati mal-metodi tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, kif stipulat fir-Regolament Finanzjarju, fir-rigward tal-kontropartijiet eliġibbli. Daww il-kontropartijiet eliġibbli jistgħu jkunu wkoll korpi li ma jkunux fdati bl-implimentazzjoni ta' xi sħubija pubblika privata u jistgħu jkunu wkoll korpi regolati

Emenda

(37) Sabiex tiġi prevista l-flessibbiltà, tiżdied l-attrazzjoni għas-settur privat, ***tiġi promossa l-kompetizzjoni ġusta*** u jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investimenti, jenħtieġ li tingħata deroga mir-regoli relatati mal-metodi tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, kif stipulat fir-Regolament Finanzjarju, fir-rigward tal-kontropartijiet eliġibbli. Daww il-kontropartijiet eliġibbli jistgħu jkunu wkoll korpi li ma jkunux fdati bl-implimentazzjoni ta' xi sħubija pubblika

b'liġi privata ta' pajjiż sieħeb.

privata u jistgħu jkunu wkoll korpi regolati
bid-dritt privat ta' pajjiż sieħeb.

Emenda 55

Proposta għal regolament

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) *Azzjonijiet* esterni *huma* ta' spiss *implimentati* f'ambjent volatili ħafna li jkun jeħtieġ adattament kontinwu u rapidu għall-ħtiġijiet li jevolvu tas-sħab tal-Unjoni u għall-isfidi dinjija għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba, is-sigurtà u l-istabbiltà, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, l-oċeani, u *l-kriżi tal-migrazzjoni* u l-kawżi ewlenin tagħha. Ir-rikonċiljazzjoni tal-prinċipju tal-prevedibbiltà mal-ħtieġa ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ġodda konsegwentement *ifisser* l-adattament *tal-implimentazzjoni* finanzjarja tal-programmi. Biex tizzied il-kapaċità tal-UE li tirrispondi għal ħtiġijiet mhux *previsti*, u *billi jibni fuq l-esperjenza* ta' suċċess tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), ammont jenħtieġ li jitħalla mhux allokat bħala riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet li jinħolqu. Jenħtieġ li din ir-riżerva tiġi mobilizzata skont il-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda

(39) *L-azzjonijiet* esterni ta' spiss *jiġu applikati* f'ambjent volatili ħafna li jkun jeħtieġ adattament kontinwu u rapidu għall-ħtiġijiet li jevolvu tas-sħab tal-Unjoni u għall-isfidi dinjija għad-drittijiet tal-bniedem *u l-libertajiet fundamentali*, id-demokrazija u l-governanza tajba, is-sigurtà u l-istabbiltà, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, l-oċeani, u *l-migrazzjoni, inklużi l-kawżi ewlenin tagħha bħall-faqar u l-inugwaljanza, u l-impatt tan-numru li qed jiżdied ta' persuni spustati, speċjalment fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw*. Ir-rikonċiljazzjoni tal-prinċipju tal-prevedibbiltà mal-ħtieġa ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ġodda konsegwentement *tfisser* l-adattament *tal-applikazzjoni* finanzjarja tal-programmi. Biex tizzied il-kapaċità tal-UE li tirrispondi għal ħtiġijiet mhux *koperti minn programmi u dokumenti ta' programmazzjoni, abbażi tal-esperjenza* ta' suċċess tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), ammont *definit minn qabel* jenħtieġ li jitħalla mhux allokat bħala riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet li jinħolqu. Jenħtieġ li din ir-riżerva tiġi mobilizzata *f'każijiet debitament ġustifikati* skont il-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 56

Proposta għal regolament Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

(42) Sabiex jissaħħu s-sjieda tal-proċessi ta' żvilupp min-naħa tal-pajjiżi sħab u s-sostenibbiltà tal-assistenza esterna, jenħtieġ li l-Unjoni, fejn ikun rilevanti, tiffavorixxi l-użu tal-istituzzjonijiet proprji tal-pajjiżi sħab u tas-sistemi u l-proċeduri tal-pajjiżi sħab għal kull aspett taċ-ċiklu tal-proġett għall-kooperazzjoni.

Emenda

(42) Sabiex jissaħħu s-sjieda **demokratika** tal-proċessi ta' żvilupp min-naħa tal-pajjiżi sħab u s-sostenibbiltà tal-assistenza esterna, jenħtieġ li l-Unjoni, fejn ikun rilevanti, tiffavorixxi l-użu tal-istituzzjonijiet, **ir-riżorsi u l-għarfien espert** proprji tal-pajjiżi sħab, u tas-sistemi u l-proċeduri tal-pajjiżi sħab għal kull aspett taċ-ċiklu tal-proġett għall-kooperazzjoni **filwaqt li jiġu żgurati l-għarfien espert u r-riżorsi lokali u l-involviment sħiħ tas-soċjetà ċivili u tal-gvernijiet lokali. L-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi wkoll programmi ta' taħriġ dwar kif issir applikazzjoni għall-finanzjament tal-Unjoni lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-ħaddiema taċ-ċivil tal-awtoritajiet lokali bl-għan li tgħinhom itejbu l-eliġibbiltà u l-effiċjenza tal-proġetti tagħhom. Dawn il-programmi jenħtieġ li jitwettqu fil-pajjiżi kkonċernati, ikunu disponibbli fil-lingwa tal-pajjiż u jikkomplementaw kwalunkwe programm ta' tagħlim mill-bogħod li jkun stabbilit ukoll, sabiex ikun żgurat taħriġ immirat li jwieġeb għall-ħtiġijiet ta' dak il-pajjiż.**

Emenda 57

Proposta għal regolament Premessa 44a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(44a) Sabiex jikkontribwixxi għall-ġlieda internazzjonali kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, il-frodi, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, il-finanzjament kollu

permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi pprovdut b'mod kompletament trasparenti. Barra minn hekk, il-kontropartijiet eliġibbli jenħtieġ li ma jappoġġaw l-ebda attività mwettqa għal skopijiet illegali u ma jipparteċipaw fl-ebda operazzjoni ta' finanzjament jew investiment permezz ta' mezz li jkun jinsab f'ġurisdizzjoni li ma tikkooperax jew f'rifuġju fiskali. Il-kontropartijiet jenħtieġ li joqogħdu lura wkoll milli jagħmlu kwalunkwe użu ta' evitar tat-taxxa jew ta' skemi ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa.

Emenda 58

Proposta għal regolament Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(45) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

imħassar

⁷⁷ *Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)*

Emenda 59

Proposta għal regolament

Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni

(46) Sabiex jiġu ssupplimentati **jew emendati** elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 **tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** jenħtieġ li tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward **mir-rati** ta' **proviżjonament stipulati fl-Artikolu 26(3), l-oqsma** ta' kooperazzjoni u ta' **intervent elenkati fl-Annessi II, III u IV, l-oqsma** ta' **prijorità tal-operazzjonijiet EFSD+** elenkati **fl-Anness V, il-governanza tal-EFSD+ fl-Anness VI, biex tirrieżamina jew tikkumplimenta l-indikaturi fl-Anness VII meta jkun hemm bżonn u biex tissupplimenta** dan ir-Regolament **b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment** ta' qafas ta' **monitoraġġ u evalwazzjoni**.

Emenda

(46) Sabiex jiġu ssupplimentati elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 **tat-TFUE** jenħtieġ li tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward **tal-istabbiliment tal-istrategġija tal-Unjoni, l-oqsma** ta' **prijorità, l-għanijiet dettaljati, ir-riżultati mistennija, l-indikaturi speċifiċi tal-prestazzjoni u l-allokazzjoni finanzjarja u l-modalitajiet** ta' kooperazzjoni **speċifiċi għal kull programm ġeografiku u tematiku, kif ukoll għal pjanijiet ta' azzjoni u miżuri mhux ibbażati fuq dokumenti ta' programmazzjoni li jistabbilixxu qafas operazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-istabbiliment ta' qafas ta' ġestjoni tar-riskji, id-deċiżjonijiet dwar il-ħtiġijiet mhux koperti minn programmi jew dokumenti ta' programmazzjoni, id-deċiżjonijiet dwar is-sospensjoni tal-assistenza, l-istabbiliment tal-qafas ta' approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni, l-istabbiliment tar-rati ta' proviżjonament, l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni u l-estensjoni tal-ambitu tal-azzjonijiet għal pajjiżi u territorji mhux koperti b'dan ir-Regolament. Sabiex jiġu emendati elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 **tat-TFUE** jenħtieġ li tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward **tal-oqsma** ta' kooperazzjoni u ta' **intervent elenkati fl-Annessi II, III u IV, l-oqsma** ta' **prijorità tal-operazzjonijiet EFSD+** u **t-twieqi ta' investiment elenkati fl-Anness V, kif ukoll l-indikaturi elenkati fl-Anness VII**.**

Emenda 60

Proposta għal regolament

Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ***tas***-13 ta' April 2016⁷⁸, hemm il-ħtieġa li dan il-programm jiġi evalwat fuq l-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati regolamentazzjoni u piżijiet amministrattivi żejda, b'mod partikolari għall-Istati Membri. ***Fejn xieraq***, dawn ir-rekwiżiti ***jistgħu*** jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fil-post. Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa anki ***fil-livell tal-esperti***, u li dawn il-konsultazzjonijiet ***jsiru*** f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

⁷⁸ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.

Emenda

(47) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ***tat***-13 ta' April 2016⁷⁸, hemm il-ħtieġa li dan il-programm jiġi evalwat fuq l-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati regolamentazzjoni u piżijiet amministrattivi żejda, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti ***jenħtieġ li*** jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fil-post. Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa anki ***ma' partijiet ikkonċernati rilevanti bħas-soċjetà ċivili u l-esperti***, u li dawn il-konsultazzjonijiet ***isiru*** f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

⁷⁸ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.

Emenda 61

Proposta għal regolament

Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni

(48) *Ir-referenzi għall-istrumenti tal-Unjoni fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE, u li huma ssostitwiti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jinqraw bħala referenzi għal dan ir-Regolament u l-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li dan ir-Regolament jiġi implimentat f'konformità mar-rwol tas-SEAE kif previst f'dik id-Deċiżjoni.*

Emenda

(48) *Minħabba n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' ta' dan ir-Regolament u biex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-prinċipji, l-għanijiet u l-infiq kemm taħt dan ir-Regolament kif ukoll taħt strumenti oħra ta' finanzjament estern, bħar-Regolament (UE) .../... (EINS), jew Strumenti li huma intrinsikament marbuta ma' politiki esterni, bħar-Regolament (UE) .../... (IPA III), grupp ta' tmexxija orizzontali magħmul mis-servizzi rilevanti kollha tal-Kummissjoni u tas-SEAE u taħt il-presidenza tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) jew ta' rappreżentant ta' dak l-uffiċċju jenħtieġ li jkun responsabbli għat-tmexxija, il-koordinazzjoni u l-ġestjoni tal-politiki, il-programmi, l-għanijiet u l-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament sabiex jiġu żgurati l-konsistenza, l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-finanzjament estern tal-Unjoni. Il-VP/RGħ jenħtieġ li tiżgura l-koordinazzjoni politika ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. Għall-azzjonijiet kollha, inklużi l-azzjonijiet ta' rispons rapidu u l-miżuri ta' assistenza eċċezzjonali, u matul iċ-ċiklu sħiħ ta' programmazzjoni, ippjanar u applikazzjoni tal-istrument, jenħtieġ li r-Rappreżentant Għoli u s-SEAE jaħdmu mal-membri u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, identifikati abbażi tan-natura u l-għanijiet tal-azzjoni prevista, u jisfruttaw bl-aħjar mod l-għarfien espert tagħhom. Il-proposti kollha għal deċiżjonijiet jenħtieġ li jitħejjew skont il-proċeduri tal-Kummissjoni u jenħtieġ li jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni għall-adozzjoni.*

⁷⁹ *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).*

Emenda 62

Proposta għal regolament
Premessa 48a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(48a) Jenħtieġ li fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, fejn rilevanti, jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-konsistenza fir-rigward tal-miżuri adottati mill-Unjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni fi ħdan il-qafas tal-Kapitolu Tnejn tat-Titolu V tat-TUE u l-miżuri adottati fi ħdan il-qafas tal-Parti Ħamsa tat-TFUE.

Emenda 63

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(49) L-azzjonijiet ippjanati kif previst hawn taħt jenħtieġ li jsegwu strettament il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-miżuri restrittivi tal-Unjoni,

imħassar

Emenda 64

Proposta għal regolament
Premessa 49a (ġdida)

(49a) Il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jkun involut bis-sħiħ fil-fażijiet ta' disinn, programmazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-istrumenti sabiex jiġu żgurati l-kontroll politiku u l-iskrutinju u r-responsabbiltà demokratiċi tal-finanzjament tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna. Jenħtieġ li jiġi stabbilit djalogu msaħħaħ bejn l-istituzzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew ikun f'pożizzjoni li jeżerċita kontroll politiku waqt l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'mod sistematiku u bla xkiel sabiex b'hekk jissaħħu kemm l-effiċjenza kif ukoll il-leġittimità.

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

(6a) "organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili" tfisser l-istrutturi kollha mhux Statali, mhux għall-profitt, u mhux vjolenti, li bihom persuni jorganizzaw ruħhom biex isegwu għanijiet u ideali komuni, sew politiċi, kulturali, soċjali, ekonomiċi, reliġjużi jew ambjentali, jew biex iżommu responsabbli lill-awtoritajiet, li joperaw f'livell lokali, nazzjonali, reġjonali jew internazzjonali, u li jistgħu jinkludu organizzazzjonijiet urbani u rurali kif ukoll formali u informali; "soċjetà ċivili", fil-kuntest tal-programm tematiku dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, tinkludi individwi jew gruppi li huma indipendenti mill-Istat u li l-attivitajiet tagħhom jgħinu l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija, inklużi d-difensuri tad-

*drittijiet tal-bniedem skont id-definizzjoni
mogħtija mid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar
id-Dritt u r-Responsabbiltà tal-Individwi;*

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(6b) "awtoritajiet lokali" tfisser ferġat
tal-awtoritajiet pubbliċi jew tal-gvern, li
joperaw fil-livell subnazzjonali
(pereżempju livell muniċipali,
komunitarju, distrettwali, tal-kontea,
provinċjali jew reġjonali).*

Emenda 67

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) "kontributur" **għandha** tfisser Stat Membru, istituzzjoni finanzjarja internazzjonali jew istituzzjoni pubblika ta' Stat Membru, aġenzija pubblika jew entitajiet oħrajn li jikkontribwixxu bi flus jew b'garanziji għall-fond komuni ta' proviżjonament.

(8) "kontributur" tfisser Stat Membru, istituzzjoni finanzjarja internazzjonali jew istituzzjoni pubblika ta' Stat Membru, aġenzija pubblika jew entitajiet **pubbliċi jew privati** oħrajn li jikkontribwixxu bi flus jew b'garanziji għall-fond komuni ta' proviżjonament.

Emenda 68

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

(8a) "addizzjonalità" tfisser il-prinċipju li skontu jiġi żgurat li l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli permezz ta' operazzjonijiet li ma setgħux jitwettqu mingħajrha, jew li jiksbu riżultati pożittivi li jmorru lil hinn minn dak li seta' jinkiseb mingħajrha, kif ukoll li jiġi attirat il-finanzjament mis-settur privat u jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq jew is-sitwazzjonijiet ta' investment subottimali kif ukoll it-titjib tal-kwalità, is-sostenibbiltà, l-impatt jew l-iskala ta' investment. Il-prinċipju jiżgura wkoll li l-operazzjonijiet ta' investment u finanzjament koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna ma jissostitwixxux l-appoġġ ta' Stat Membru, finanzjament privat jew intervent finanzjarju ieħor internazzjonali jew tal-Unjoni, u jevitaw li jeskludu investimenti pubbliċi jew privati oħrajn. Il-proġetti appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tipikament ikollhom profil ta' riskju ogħla mill-portafoll tal-investimenti appoġġat mill-kontropartijiet eliġibbli fil-qafas tal-politiki ta' investment normali tagħhom mingħajr il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)

(8b) "pajjiżi industrijalizzati" tfisser pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi li qed jiżviluppaw inklużi fil-lista ta' riċevituri tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp ("ODA") tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8c) "faqar" tfisser il-kundizzjonijiet kollha fejn in-nies huma m'caħħda u meqjusa bħala inabilitati f'soċjetajiet u kuntesti lokali differenti; id-dimensjonijiet fundamentali tal-faqar jinkludu l-kapaċitajiet ekonomiċi, umani, politiċi, soċjokulturali u protettivi.

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8d) "sensittività għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi" tfisser aġir bl-għan li jiġu mifhuma u kkunsidrati l-fatturi soċjali u kulturali involuti fid-diskriminazzjoni u l-esklużjoni bbażati fuq is-sess fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u u tal-ħajja privata;

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8e) "sensittività għall-kunflitti" tfisser aġir bl-għan jkun mifhum li kwalunkwe inizjattiva mwettqa f'ambjent affettwat

minn kunflitt se tinteraġixxi ma' dak il-kunflitt, u li tali interazzjoni se jkollha konsegwenzi li jista' jkollhom effetti pożittivi jew negattivi; is-sensittività għall-kunflitti tfisser ukoll li jiġi żgurat li, skont l-aħjar kapaċitajiet tagħha, l-azzjonijiet (politiċi, strateġiċi, ta' assistenza esterna) li tiegħu l-Unjoni jevitaw li jkollhom impatt negattiv u jimmassimizzaw l-impatt pożittiv fuq id-dinamika tal-kunflitt, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-kunflitti, l-istabbiltà strutturali u l-konsolidazzjoni tal-paċi.

Emenda 73

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta ssir referenza għad-drittijiet tal-bniedem, għandha tinftiehem li tinkludi l-libertajiet fundamentali;

Emenda 74

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 - paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-kuntest tal-Artikolu 15, "Il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn" jistgħu jinkludu wkoll il-pajjiżi elenkati fl-Anness I.

Emenda 75

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-għan ġenerali ta' dan ir-Regolament huwa li ***jsostni*** u ***jippromwovi*** l-valuri u l-interessi ***tal-Unjoni*** madwar id-dinja ***sabiex jiġu segwiti l-għanijiet*** u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikoli 3(5), fl-Artikolu 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

1. L-għan ġenerali ta' dan ir-Regolament huwa li ***jistabilixxi l-qafas finanzjarju li jagħti lok li l-Unjoni ssostni*** u ***tippromwovi*** l-valuri, ***il-prinċipji*** u l-interessi ***fundamentali tagħha*** madwar id-dinja, ***b'konformità mal-għanijiet*** u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikoli 3(5), fl-Artikolu 8 u ***fl-Artikolu 21*** tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ***kif ukoll fl-Artikoli 11 u 208 tat-TFUE***.

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) li jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet u l-impenji internazzjonali li l-Unjoni qablet magħhom, b'mod partikolari l-Aġenda 2030, l-SDGs u l-Ftehim ta' Pariġi;

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) li jiżviluppa relazzjoni speċjali msaħħa mal-pajjiżi fi l-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Unjoni, ibbażata fuq il-kooperazzjoni, il-paċi u s-sigurtà, l-akkontabbiltà reċiproka u l-impenn kondiviż favur il-valuri universali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett

għad-drittijiet tal-bniedem, l-integrazzjoni soċjoekonomika u l-protezzjoni ambjentali u l-azzjoni klimatika;

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ac) li jaħdem favur it-tnaqqis u, eventwalment, il-qerda tal-faqar, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs); li jagħti lok għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli;

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) fil-livell dinji, li **jikkonsolida u** jappoġġa **d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet** tas-soċjetà ċivili, **aktar stabbiltà u paċi** u li jindirizza sfidi dinjija oħra, **inkluż il-migrazzjoni u l-mobbiltà;**

(b) fil-livell dinji, li jappoġġa **lill-organizzazzjonijiet** tas-soċjetà ċivili **u lill-awtoritajiet lokali, li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi, li jipprevjeni l-kunflitti u jippromwovi soċjetajiet ġusti u inklużivi, li jaħdem favur il-multilateraliżmu, il-ġustizzja internazzjonali u l-akkontabbiltà,** u li jindirizza sfidi dinjija **u reġjonali** oħra, **inklużi t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali kif ukoll il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera, kif stabbilit fl-Anness III, inkluża l-promozzjoni tat-tisħiħ tal-fiduċja u relazzjonijiet tajba ta' viċinat;**

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) li jipproteġi, jippromwovi u javvanza d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt kif ukoll l-ugwaljanza soċjali u bejn is-sessi, inkluż fl-aktar ċirkostanzi diffiċli u sitwazzjonijiet ta' urġenza, fi sħubija mas-soċjetà ċivili, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja;

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) li jirrispondi b'ħeffa għal: sitwazzjonijiet ta' kriżi, instabbiltà u kunflitt; sfidi għar-reżiljenza u jorbot l-għajnuna umanitarja u l-azzjoni ta' żvilupp; **u l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera.**

(c) li jirrispondi b'ħeffa għal: sitwazzjonijiet ta' kriżi, instabbiltà u kunflitt; sfidi għar-reżiljenza u jorbot l-għajnuna umanitarja u l-azzjoni ta' żvilupp.

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Mill-anqas **92** % tan-nefqa skont dan ir-Regolament għandha tissodisfa l-kriterji għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-

3. Mill-anqas **95** % tan-nefqa skont dan ir-Regolament għandha tissodisfa l-kriterji għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-

Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

Dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għall-mira kollettiva li 0,2 % tal-Introjt Nazzjonali Gross tal-Unjoni jmur għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u 0,7 % tal-Introjt Nazzjonali Gross tal-Unjoni bħala Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp fil-perjodu previst tal-Aġenda 2030.

Emenda 83

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Mill-anqas 20 % tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp iffinanzjata skont dan ir-Regolament, fil-programmi kollha, ġeografiċi u tematiċi, kull sena u matul id-durata kollha tal-azzjonijiet, għandha tkun delimitati għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, sabiex jiġi sostnut u msaħħaħ il-forniment ta' servizzi soċjali bażiċi, bħas-saħħa, l-edukazzjoni, in-nutrizzjoni u l-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari lill-persuni l-aktar marġinalizzati, u b'enfasi fuq in-nisa u t-tfal.

Emenda 84

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Mill-anqas 85 % tal-programmi, ġeografiċi u tematiċi, iffinanzjati mill-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp skont dan ir-Regolament, għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet u t-

*tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet
bħala għan prinċipali jew sinifikanti, kif
definit mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-
Iżvilupp tal-OECD. Parti sinifikanti minn
dawn il-programmi għandu jkollhom l-
ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet u t-
tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet
bħala għan prinċipali.*

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-finanzjament tal-Unjoni skont dan
ir-Regolament għandu jiġi ***implimentat***
permezz ta':

Emenda

1. Il-finanzjament tal-Unjoni skont dan
ir-Regolament għandu jiġi ***applikat***
permezz ta':

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-programmi ġeografiċi jistgħu jkopru l-
pajjiżi terzi kollha, ħliet il-pajjiżi kandidati
u l-pajjiżi kandidati potenzjali kif ***definiti***
fir-Regolament (UE) Nru .../...⁸⁰. (IPA) u
l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropew kif
definit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill .../...
(UE).

Emenda

Il-programmi ġeografiċi jistgħu jkopru l-
pajjiżi terzi kollha, ħliet il-pajjiżi kandidati
u l-pajjiżi kandidati potenzjali kif ***definit***
fir-Regolament (UE) Nru .../...⁸⁰ (IPA) u
l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropew kif
definit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill .../...
(UE). ***Jistgħu jiġu stabbiliti programmi
ġeografiċi b'kamp ta' applikazzjoni
kontinentali jew transreġjonali, b'mod
partikolari programm pan-Afrikan li
jkopri l-pajjiżi Afrikani skont il-punti (a)
u (b) u programm li jkopri l-pajjiżi
Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku skont
il-punti (b), (c) u (d).***

⁸⁰ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (ĠU L).

⁸⁰ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (ĠU L).

Emenda 87

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili;

Emenda

(b) Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili **u Awtoritajiet Lokali**;

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) *Ħtiġijiet u Prijoritajiet tal-Politika Esera*

Emenda 89

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-programmi tematiċi jistgħu jkopru l-pajjiżi terzi kollha **kif ukoll** il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej **kollha** kif **definit** fid-Deċiżjoni tal-Kunsill .../... (UE).

Emenda

Il-programmi tematiċi jistgħu jkopru l-pajjiżi terzi kollha. Il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej **għandu jkollhom aċċess sħiħ għall-programmi tematiċi**, kif **stabbilit** fid-Deċiżjoni tal-Kunsill.../... (UE). **Il-parteċipazzjoni effettiva tagħhom għandha tkun żgurata, b'kont meħud tal-karatteristiċi speċifiċi tagħhom u l-isfidi partikolari li jridu jindirizzaw.**

Emenda 90

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) jikkontribwixxu għall-istabbiltà u għall-prevenzjoni ta' kunflitti f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, kriżi emerġenti, kriżi u wara kriżi;

Emenda

- (a) jikkontribwixxu **għall-paċi**, għall-istabbiltà u għall-prevenzjoni ta' kunflitti f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, kriżi emerġenti, kriżi u wara kriżi;

Emenda 91

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-istati, tas-soċjetajiet, tal-komunitajiet u tal-individwi u **biex jorbtu l-azzjoni** tal-għajnuna umanitarja u **tal-iżvilupp**;

Emenda

- (b) jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-istati, **inklużi l-awtoritajiet lokali**, tas-soċjetajiet, tal-komunitajiet u tal-individwi, u **għall-irbit** tal-għajnuna umanitarja u **l-azzjoni ta' żvilupp**;

Emenda 92

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) **jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera.**

Emenda

- imħassar**

Emenda 93

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-azzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jiġu **implimentati** primarjament permezz ta' programmi ġeografiċi.

Emenda

L-azzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jiġu **applikati** primarjament permezz ta' programmi ġeografiċi.

Emenda 94

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-azzjonijiet **implimentati** permezz tal-programmi tematiċi għandhom ikunu komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati bil-programmi ġeografiċi u għandhom **jindirizzaw** inizjattivi dinjija u transreġjonali **biex jintlaħqu għanijiet miftiehma** internazzjonalment, **b'mod partikolari l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jiġu protetti beni** pubbliċi dinjija jew **jiġu indirizzati** sfidi dinjija. L-azzjonijiet permezz ta' programmi tematiċi jistgħu jitwettqu wkoll fejn ma jkunx hemm programm ġeografiku, jew fejn dan ikun ġie sospiż, jew fejn ma jkunx hemm ftehim dwar l-azzjoni mal-pajjiż sieħeb ikkonċernat, jew fejn l-azzjoni ma tkunx tista' tiġi indirizzata adegwatament mill-programmi ġeografiċi.

Emenda

L-azzjonijiet **applikati** permezz tal-programmi tematiċi għandhom ikunu komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati bil-programmi ġeografiċi u għandhom **jappoġġaw** inizjattivi dinjija u transreġjonali **mmirati lejn il-kisba tal-għanijiet miftiehma** internazzjonalment **kif imsemmi fil-punt (aa) tal-Artikolu 3(2), kif ukoll il-protezzjoni tal-beni** pubbliċi dinjija jew **l-indirizzar ta'** sfidi dinjija. L-azzjonijiet permezz ta' programmi tematiċi jistgħu jitwettqu wkoll **b'mod indipendenti, inkluż** fejn ma jkunx hemm programm ġeografiku, jew fejn dan ikun ġie sospiż, jew fejn ma jkunx hemm ftehim dwar l-azzjoni mal-pajjiż sieħeb ikkonċernat, jew fejn l-azzjoni ma tkunx tista' tiġi indirizzata adegwatament mill-programmi ġeografiċi.

Emenda 95

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-azzjonijiet ta' rispons rapidu għandhom ikunu komplementari għall-programmi ġeografiċi u tematiċi. **Dawn** l-azzjonijiet għandhom jiġu mfassla u **implimentati** biex **jippermettu**, fejn rilevanti, il-kontinwità tagħhom taħt programmi ġeografiċi jew tematiċi.

Emenda

L-azzjonijiet ta' rispons rapidu għandhom ikunu komplementari **kemm** għall-programmi ġeografiċi u tematiċi **kif ukoll għall-azzjonijiet iffinanzjati permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 [Ir-Regolament dwar l-Għajnuna Umanitarja]**. **Dawk** l-azzjonijiet għandhom jiġu mfassla u **applikati** biex **tiġi permessa**, fejn rilevanti, il-kontinwità tagħhom taħt programmi ġeografiċi jew tematiċi.

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Fl-implimentazzjoni** ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu assigurati l-konsistenza, is-sinerġiji u l-komplimentarjetà **ma' oqsma oħra** tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ma' politiki u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, kif ukoll il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.

Emenda

1. **Fl-applikazzjoni** ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu assigurati l-konsistenza, **il-koerenza**, is-sinerġiji u l-komplimentarjetà **mal-oqsma kollha** tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, **inklużi strumenti ta' finanzjament estern oħra, b'mod partikolari r-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament IPA III], kif ukoll miżuri adottati skont il-Kapitolu Tnejn tat- Titolu V tat-TUE u l-Parti Ħamsa tat-TFUE**, ma' politiki u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, kif ukoll il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp. **L-Unjoni għandha tqis l-għanijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li tapplika li x'aktarx jolqtu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.**

Emenda 97

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-programmi ta' appoġġ rispettivi tagħhom bl-għan li jżidu l-effikaċja u l-effiċjenza tat-twettiq tagħhom u jipprevjenu d-duplikazzjoni tal-finanzjament.

Emenda 98

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 - paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom iqisu kif xieraq il-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Emenda 99

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju **għall-implimentazzjoni** ta' dan ir-Regolament għall-perjodu 2021 – 2027 għandu jkun ta' EUR **89 200** miljun fi prezzijiet attwali.

1. Il-pakkett finanzjarju **għall-applikazzjoni** ta' dan ir-Regolament għall-perjodu 2021 – 2027 għandu jkun ta' EUR **82 451** miljun fi prezzijiet **tal-2018 (EUR 93 154 miljun fi prezzijiet attwali) [100 %]**.

Emenda 100

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) EUR **68 000** miljun għall-programmi
ġeografiċi:

Emenda

(a) EUR **63 687** miljun ***fi prezzijiet tal-2018 (EUR 71 954 miljun fi prezzijiet attwali) [77,24%]*** għall-programmi
ġeografiċi:

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-viċinat mill-inqas
EUR **22 000** miljun,

Emenda

– Il-viċinat mill-inqas
EUR **20 572** miljun ***fi prezzijiet tal-2018 (EUR 23 243 miljun fi prezzijiet attwali) [24,95 %]***,

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– l-Afrika sub-Saħarjana mill-anqas
EUR **32 000** miljun,

Emenda

– l-Afrika sub-Saħarjana mill-anqas
EUR **30 723** miljun ***fi prezzijiet tal-2018 (EUR 34 711 miljun fi prezzijiet attwali) [37,26 %]***,

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

- l-Asja u l-Paċifiku
EUR **10 000** miljun,

Emenda

- l-Asja u l-Paċifiku EUR **8 851** miljun *fi prezzijiet tal-2018 (EUR 10 000 miljun fi prezzijiet attwali) [10,73%], inkluż mill-anqas EUR 620 miljun fi prezzijiet tal-2018 (EUR 700 miljun fi prezzijiet attwali) għall-Paċifiku,*

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

- il-kontinent Amerikan u l-Karibew
EUR **4 000** miljun,

Emenda

- il-kontinent Amerikan u l-Karibew
EUR **3 540** miljun *fi prezzijiet tal-2018 (EUR 4 000 miljun fi prezzijiet attwali) [4,29 %], inklużi EUR 1 062 miljun fi prezzijiet tal-2018 (EUR 1 200 miljun fi prezzijiet attwali) għall-Karibew,*

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) EUR **7 000** miljun għall-programmi tematiċi:

Emenda

- (b) EUR **9 471** miljun *fi prezzijiet tal-2018 (EUR 10 700 miljun fi prezzijiet attwali) għall-programmi tematiċi:*

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

- Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija EUR **1 500** miljun,

Emenda

- Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija EUR **1 770** miljun ***fi preżżijiet tal-2018 (EUR 2 000 miljun fi preżżijiet attwali) [2,15 %], b'sa 25 % tal-programm iddedikat għall-finanzjament tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE,***

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta' Ċivili EUR **1 500** miljun,

Emenda

- Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta' Ċivili (OSĊ) u Awtoritajiet Lokali (LAs) EUR **2 390** miljun ***fi preżżijiet tal-2018 (EUR 2 700 miljun fi preżżijiet attwali) [2,90%], li minnhom EUR 1 947 miljun fi preżżijiet tal-2018 (EUR 2 200 miljun fi preżżijiet attwali) [2,36 %] għall-OSĊ u EUE 443 miljun fi preżżijiet tal-2018 (EUR 500 miljun fi preżżijiet attwali) [0,54 %] għal-LAs,***

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

- Stabbiltà u Paċi EUR **1 000** miljun,

Emenda

- Stabbiltà u Paċi EUR **885** miljun ***fi preżżijiet tal-2018 (EUR 1 000 miljun fi preżżijiet attwali) [1,07 %],***

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

- Sfidi Dinjija EUR **3 000** miljun,

Emenda

- Sfidi Dinjija EUR **3 983** miljun *fi prezzijiet tal-2018 (EUR 4 500 miljun fi prezzijiet attwali) [4,83 %]*,

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 - punt b – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- *Ħtiġijiet u Prijoritajiet tal-Politika Etera* EUR 443 miljun *fi prezzijiet tal-2018 (EUR 500 miljun fi prezzijiet attwali) [0,54 %]*,

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (c) EUR **4 000** miljun għal azzjonijiet ta' rispons rapidu.

- (c) EUR **3 098** miljun *fi prezzijiet tal-2018 (EUR 3 500 miljun fi prezzijiet attwali) [3,76 %]* għal azzjonijiet ta' rispons rapidu:

- *Stabbiltà u prevenzjoni tal-kunflitti f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, kriżi emerġenti, kriżi u wara kriżi* EUR 1 770 miljun *fi prezzijiet tal-2018 (EUR 2 000 miljun fi prezzijiet attwali) [2,15 %]*,

– *Tisħiħ tar-reżiljenza tal-istati, tas-soċjetajiet, tal-komunitajiet u tal-individwi u rabta tal-għajnuna umanitarja u l-azzjoni ta' żvilupp EUR 1 328 miljun fi prezzijiet tal-2018 (EUR 1 500 miljun fi prezzijiet attwali) [1,61 %],*

Emenda 112

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-riżervi ta' EUR **10 200** miljun għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti għandhom iżidu l-ammonti msemija fil-paragrafu 2 f'konformità mal-Artikolu 15.

Emenda

3. Ir-riżervi ta' EUR **6 196** miljun *fi prezzijiet tal-2018 (EUR 7 000 miljun fi prezzijiet attwali) [7,51 %]*, għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti għandhom iżidu l-ammonti msemija fil-paragrafu 2 f'konformità mal-Artikolu 15.

Emenda 113

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-azzjonijiet skont l-Artikolu 9 għandhom jiġu ffinanzjati sal-ammont ta' EUR 270 miljun.

Emenda 114

Proposta għal regolament Artikolu 6 - paragrafu 4b (ġdid)

4b. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali matul il-proċedura baġitarja, wara li jkun intlaħaq ftehim dwar il-prijoritajiet bejn l-Istituzzjonijiet.

Emenda 115

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, il-ftehimiet ta' sħubija u ta' kooperazzjoni, il-ftehimiet **multilaterali** u ftehimiet oħra li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti ma' pajjiżi sħab, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew **u l-konklużjonijiet** tal-Kunsill, id-dikjarazzjonijiet ta' summits **jew il-konklużjonijiet** ta' laqgħat ta' livell għoli ma' pajjiżi sħab, ir-riżoluzzjonijiet **rilevanti** tal-Parlament Ewropew, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni **jew il-Komunikazzjonijiet konġunti tal-Kummissjoni** u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandhom jikkostitwixxu l-qafas kumplessiv ta' politika **għall-implimentazzjoni** ta' dan ir-Regolament.

Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, il-ftehimiet ta' sħubija u ta' kooperazzjoni, il-ftehimiet **kummerċjali** u ftehimiet oħra li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti ma' pajjiżi sħab, **ir-rakkomandazzjonijiet u l-atti adottati fil-korpi mwaqqfa permezz ta' dawk il-ftehimiet**, kif ukoll **il-ftehimiet multilaterali rilevanti, l-atti leġiżlattivi tal-Unjoni**, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, **il-konklużjonijiet** tal-Kunsill, id-dikjarazzjonijiet ta' summits **u dikjarazzjonijiet internazzjonali oħra u l-konklużjonijiet** ta' laqgħat ta' livell għoli ma' pajjiżi sħab, ir-riżoluzzjonijiet **u l-pożizzjonijiet** tal-Parlament Ewropew, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà **u r-riżoluzzjonijiet u l-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti** għandhom jikkostitwixxu l-qafas kumplessiv ta' politika **għall-applikazzjoni** ta' dan ir-Regolament.

Emenda 116

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Unjoni għandha tfittex li tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida ***l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali li fuqhom hija mibnija***, permezz ta' djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni sħab.

Emenda

1. L-Unjoni għandha tfittex li tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida permezz ta' djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni sħab, ***permezz ta' azzjoni fin-Nazzjonijiet Uniti u f'fora internazzjonali oħra u permezz tal-kooperazzjoni tagħha mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mal-awtoritajiet lokali u mal-atturi privati, il-prinċipji li fuqhom hija mibnija, jiġifieri d-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali. Il-finanzjament skont dan ir-Regolament għandu jkun konformi ma' dawn il-prinċipji, kif ukoll mal-impenji tal-Unjoni skont id-dritt internazzjonali.***

Emenda 117

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. F'konformità mal-Artikoli 2 u 21 tat-TUE, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għad-demokrazija u l-istat tad-dritt u għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għandha tkun imsejsa fid-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, id-dritt internazzjonali dwar

Emenda 118

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għandu jiġi applikat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem, sew ċivili u politiċi jew ekonomiċi, soċjali u kulturali sabiex jiġu integrati l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex id-detenturi tad-dritt jiġu appoġġati fil-pretensjoni tad-drittijiet tagħhom b'enfasi fuq gruppi ***aktar foqra u aktar vulnerabbli*** u sabiex il-pajjiżi sħab jiġu appoġġati fl-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u ***l-għoti tas-setgħa lin-nisa***.

Emenda

2. Għandu jiġi applikat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem, sew ċivili u politiċi jew ekonomiċi, soċjali u kulturali sabiex jiġu integrati l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex id-detenturi tad-dritt jiġu appoġġati fil-pretensjoni tad-drittijiet tagħhom b'enfasi fuq gruppi ***emarġinati u vulnerabbli, inklużi l-minoranzi, in-nisa, it-tfal u ż-żgħażaġh, il-persuni anzjani, il-popli indiġeni, il-persuni LGBTI, u l-persuni b'diżabilità, fuq id-drittijiet essenzjali tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali***, u sabiex il-pajjiżi sħab jiġu appoġġati fl-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u ***t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, taż-żgħażaġh u tat-tfal, inkluż fir-rigward tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi***.

Emenda 119

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Unjoni għandha tippromwovi approċċ multilaterali u bbażat fuq ir-regoli ***għall-beni u l-isfidi*** dinjija u għandha tikkoopera mal-Istati Membri, il-pajjiżi sħab, l-

Emenda

L-Unjoni għandha tippromwovi approċċ multilaterali u bbażat fuq ir-regoli ***u l-valuri għall-isfidi u l-beni pubbliċi*** dinjija u għandha tikkoopera mal-Istati Membri,

organizzazzjonijiet internazzjonali u donaturi oħra f'dak ir-rigward.

il-pajjiżi sħab, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, ***inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u l-programmi, il-fondi u l-aġenziji tan-NU***, u donaturi oħra f'dak ir-rigward.

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-Unjoni għandha tippromwovi l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u donaturi oħra.

Emenda

L-Unjoni għandha tippromwovi l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ***reġjonali u*** donaturi oħra.

Emenda 121

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi sħab għandhom jiġu kkunsidrati r-rekord fl-implimentazzjoni tal-impenji, il-ftehimiet internazzjonali u r-relazzjonijiet kontrattwali mal-Unjoni tagħhom.

Emenda

Fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi sħab għandhom jiġu kkunsidrati r-rekord fl-implimentazzjoni tal-impenji, il-ftehimiet internazzjonali, ***b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi***, u r-relazzjonijiet kontrattwali mal-Unjoni tagħhom, ***b'mod partikolari l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u l-ftehimiet kummerċjali***.

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, fuq naħa, u l-pajjiżi sħab, fuq in-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp u għandha tippromwovihom, ***fejn applikabbli***, jiġifieri: is-sjieda tal-prijoritajiet tal-iżvilupp mill-pajjiżi sħab, ***fowkus*** fuq ir-riżultati, ***sħubijiet*** inklużivi għall-iżvilupp, it-trasparenza u l-akkontabbiltà reċiproka. L-Unjoni għandha tippromwovi mobilizzazzjoni u użu effettivi u effiċjenti tar-riżorsi.

Emenda

Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, fuq naħa, u l-pajjiżi sħab, fuq in-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp u għandha tippromwovihom ***fil-modalitajiet kollha***, jiġifieri: is-sjieda tal-prijoritajiet tal-iżvilupp mill-pajjiżi sħab, ***fokus*** fuq ir-riżultati, ***is-sħubijiet*** inklużivi għall-iżvilupp, it-trasparenza u l-akkontabbiltà reċiproka, ***u l-allinjament mal-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab***. L-Unjoni għandha tippromwovi mobilizzazzjoni u użu effettivi u effiċjenti tar-riżorsi.

Emenda 123

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

F'konformità mal-prinċipju ta' sħubija inklużiva, ***fejn ikun xieraq***, il-Kummissjoni għandha tassigura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-pajjiżi sħab, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, jiġu kkonsultati kif dovut u jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni rilevanti li jippermettilhom li jkollhom rwol siewi matul it-tfassil, ***l-implimentazzjoni*** u l-proċessi assoċjati ta' monitoraġġ tal-programmi.

Emenda

F'konformità mal-prinċipju ta' sħubija inklużiva, il-Kummissjoni għandha ***tiżgura*** li l-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-pajjiżi sħab, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, jiġu kkonsultati kif dovut u jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni rilevanti li jippermettilhom li jkollhom rwol siewi matul it-tfassil, ***l-applikazzjoni*** u l-proċessi assoċjati ta' monitoraġġ tal-programmi.

Emenda 124

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

F'konformità mal-prinċipju tas-sjieda, il-Kummissjoni, fejn ikun xieraq, għandha tiffavorixxi l-użu tas-sistemi tal-pajjiżi sħab ***għall-implimentazzjoni*** tal-programmi.

Emenda

F'konformità mal-prinċipju tas-sjieda, il-Kummissjoni, fejn ikun xieraq, għandha tiffavorixxi l-użu tas-sistemi tal-pajjiżi sħab ***għall-applikazzjoni*** tal-programmi.

Emenda 125

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-programmi u l-azzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jintegraw it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-ugwaljanza bejn is-sessi u għandhom jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, biex jippromwovu azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilhqgħu għanijiet multipli b'mod koerenti. Dawn il-programmi u l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq analiżi tar-riskji u ***l-vulnerabbiltajiet***, jintegraw approċċ ta' reżiljenza u jkunu sensittivi għall-kunflitti. Huma għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipju li ħadd ma jitħalla lura.

Emenda

6. Il-programmi u l-azzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jintegraw it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali ***skont l-Artikolu 11 tat-TFUE, it-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri u t-thejjja għalihom, l-iżvilupp uman, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi***, l-ugwaljanza bejn is-sessi u ***t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, tat-tfal u taż-żgħażaġh, in-nondiskriminazzjoni, l-edukazzjoni u l-kultura, u d-diġitalizzazzjoni u*** għandhom jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, biex jippromwovu azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilhqgħu għanijiet multipli b'mod koerenti. Dawn il-programmi u l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq analiżi ***tal-kapaċitajiet***, tar-riskji u ***tal-vulnerabbiltajiet***, jintegraw approċċ ta' reżiljenza ***ffukat il-persuni u fuq il-komunità*** u jkunu sensittivi għall-kunflitti. Huma għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipju li ħadd ma jitħalla lura ***u l-prinċipju "tagħmilx ħsara"***.

Emenda 126

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Għandu jġi segwit approċċ aktar koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni mas-sħab u l-effikaċja tiegħu tiġi vvalutata regolarment.

Emenda

7. ***Mingħajr preġudizzju għall-għanijiet l-oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni***, għandu jġi segwit approċċ aktar koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, mas-sħab u l-effikaċja tiegħu ***għandha*** tiġi vvalutata regolarment, ***mingħajr ma tiġi kkundizzjonata l-allokazzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp lil pajjiżi terzi fuq il-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u b'rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt li kull individwu għandu li jħalli l-pajjiż ta' oriġini tiegħu.***

Emenda 127

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-azzjonijiet adottati skont dan ir-Regolament b'rabta mas-sigurtà, l-istabbiltà u l-paċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-bini tal-kapaċitajiet tal-atturi militari b'appoġġ tal-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, u ċ-ċibersigurtà, jitwettqu f'konformità mad-dritt internazzjonali, inklużi d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali. Il-Kummissjoni tista' tiżviluppa pjanijiet direzzjonali b'mod konġunt mas-sħab benefiċjarji biex ittejjeb il-konformità istituzzjonali u operazzjonali tal-atturi militari mal-***

istandards tad-drittijiet tal-bniedem u t-trasparenza. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja bir-reqqa, tevalwa u tirrapporta dwar l-applikazzjoni ta' tali azzjonijiet għal kull għan rilevanti skont l-Artikolu 31 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem. Għal tali azzjonijiet, il-Kummissjoni għandha timxi fuq approċċ sensittiv għall-kunflitti, inkluża analiżi ex ante tal-kunflitti rigoruża u sistematika li tintegra bis-sħiħ l-analiżi tas-sessi, minbarra d-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskji skont l-Artikolu 8(8)b. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 36 li jissupplementa dan ir-Regolament billi jistabbilixxi qafas operazzjonali, abbażi tal-gwida eżistenti biex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-bniedem jitqiesu fit-tfassil u l-applikazzjoni tal-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni tat-tortura u ta' trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor u mar-rispett tal-proċess dovut tal-liġi, inklużi l-preżunzjoni tal-innoċenza, id-dritt ta' proċess ġust u d-drittijiet ta' difiża.

Emenda 128

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Il-Kummissjoni għandha tinforma u għandu jkollha ***skambji ta' opinjonijiet regolari*** mal-Parlament Ewropew.

Emenda

8. Il-Kummissjoni għandha tinforma ***regolarment*** u għandu jkollha ***djalogi politiċi sinifikanti*** mal-Parlament Ewropew, ***fuq inizzjattiva proprja u fuq talba mill-Parlament Ewropew.***

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. Il-Kummissjoni għandu jkollha skambji regolari ta' informazzjoni mas-soċjetà ċivili u mal-awtoritajiet lokali.

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8b. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 34 li jissupplementa dan ir-Regolament billi jistabbilixxi qafas xieraq għall-ġestjoni tar-riskji, inklużi miżuri ta' mitigazzjoni u valutazzjoni għal kull għan rilevanti tar-Regolament.

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8c. It-trasparenza u l-akkontabbiltà, b'enfasi qawwija fuq ir-rappurtar u l-iskrutinju għandhom jirfdu l-istrument kollu kemm hu. Dan għandu jinkludi sistema ta' kontroll trasparenti, inkluż ir-rappurtar ta' informazzjoni dwar ir-riċevituri ta' fondi u dwar jekk il-pagamenti sarux fil-ħin.

Emenda 132

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 41(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-finanzjament tal-Unjoni skont dan ir-Regolament ma għandux jintuża biex jiġi ffinanzjat l-akkwist ta' armi jew munizzjon jew operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.

Emenda

1. Il-finanzjament tal-Unjoni skont dan ir-Regolament ma għandux jintuża biex jiġi ffinanzjat l-akkwist ta' armi jew munizzjon jew operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża. ***Kwalunkwe tagħmir, servizz jew teknoloġija pprovduta skont dan ir-Regolament għandha tkun soġġetta għal kontrolli stretti ta' trasferiment kif stipulat fil-Pożizzjoni Komuni 944/2008/CFSP, ir-Regolament dwar l-Użu Doppju u kwalunkwe miżura restrittiva oħra tal-Unjoni fis-seħħ. F'konformità mar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament tal-UE dwar il-Prodotti li jistgħu jintużaw għall-Piena Kapitali u t-Tortura], dan ir-Regolament m'għandux jintuża biex jiġi ffinanzjat kwalunkwe tip ta' tagħmir li jista' jintuża għal skopijiet ta' tortura, trattament ħażin jew ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem.***

Emenda 133

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Sabiex tikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli, li jirrikjedi l-kisba ta' soċjetajiet stabbli, paċifiċi u inklużivi, l-assistenza tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tista' tintuża fil-kuntest ta' riforma aktar wiesgħa fis-settur tas-sigurtà jew biex tibni l-kapaċità tal-atturi militari

Emenda

2. Sabiex tikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli, li jirrikjedi l-kisba ta' soċjetajiet stabbli, paċifiċi u inklużivi, l-assistenza tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tista' tintuża fil-kuntest ta' riforma aktar wiesgħa fis-settur tas-sigurtà jew biex tibni l-kapaċità tal-atturi militari

fil-pajjiżi sħab, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali stabbiliti fil-paragrafu 4, biex jitwettqu attivitajiet ta' żvilupp u sigurtà għall-attivitajiet ta' żvilupp.

fil-pajjiżi sħab, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali stabbiliti fil-paragrafu 4, biex jitwettqu attivitajiet ta' żvilupp u sigurtà għall-attivitajiet ta' żvilupp, ***f'konformità mal-għan komprensiv li jinkiseb żvilupp sostenibbli.***

Emenda 134

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) fejn ikun hemm konsensus bejn il-pajjiż sieħeb ikkonċernat u l-Unjoni li l-atturi militari huma kruċjali għall-preservazzjoni, l-istabbiliment jew l-istabbiliment mill-ġdid tal-kundizzjonijiet essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż fi kriżijiet u f'kuntesti u sitwazzjonijiet fraġli jew destabilizzati.

Emenda

(b) fejn ikun hemm konsensus bejn il-pajjiż sieħeb ikkonċernat u l-Unjoni li l-atturi militari huma kruċjali għall-preservazzjoni, l-istabbiliment jew l-istabbiliment mill-ġdid tal-kundizzjonijiet essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli, ***u li dawk l-atturi militari ma jkunux implikati fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew ikunu ta' theddida għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-Istat***, inkluż fi kriżijiet u f'kuntesti u sitwazzjonijiet fraġli jew destabilizzati.

Emenda 135

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Waqt it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tippromwovi s-sjieda tal-pajjiż sieħeb. Hija għandha tiżviluppa wkoll l-elementi neċessarji u l-prattiki tajbin meħtieġa biex tkun żgurata s-sostenibbiltà fuq terminu medju u twil u l-għandha tippromwovi l-istat tad-dritt u l-

Emenda

6. Waqt it-tfassil u l-applikazzjoni ta' miżuri skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tippromwovi s-sjieda tal-pajjiż sieħeb. Hija għandha tiżviluppa wkoll l-elementi neċessarji u l-prattiki tajbin meħtieġa biex ikunu żgurati s-sostenibbiltà u l-akkontabbiltà fuq terminu medju u twil u għandha tippromwovi l-istat tad-dritt u l-prinċipji

prinċipji tad-dritt internazzjonali stabbiliti.

tad-dritt internazzjonali stabbiliti. *Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk il-miżuri jiġġeneraw benefiċċji diretti tas-sigurtà tal-bniedem għall-popolazzjoni, jiġu integrati f'politika ta' riforma tas-settur tas-sigurtà usa' li tinkludi elementi ta' akkontabbiltà u sorveljanza demokratika u parlamentari b'saħħithom, inkluż f'termini ta' provvista aħjar tas-servizzi tas-sigurtà, u jidħlu fi strateġiji ta' paċi u żvilupp fit-tul imfassla biex jindirizzaw il-kawżi primarji tal-kunflitti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li l-azzjonijiet immirati lejn ir-riforma tal-forzi militari jikkontribwixxu biex jagħmluhom aktar trasparenti, akkontabbli u konformi fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem ta' dawk li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom; Għall-miżuri li għandhom l-għan li jipprovdu lill-forzi militari sħab bit-tagħmir, il-Kummissjoni għandha tispeċifika t-tip ta' tagħmir li għandu jiġi pprovdut fil-kuntest ta' kull miżura. Il-Kummissjoni għandha tapplika d-dispożizzjonijiet speċifikati skont l-Artikolu 8 – paragrafu 8b (ġdid) sabiex tiżgura li dan it-tagħmir jintuża biss mill-benefiċjarji intenzjonati tiegħu.*

Emenda 136

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni għandha **tistabbilixxi proċeduri xierqa ta' valutazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tar-riskju għall-miżuri skont dan l-Artikolu.**

Emenda

7. Il-Kummissjoni għandha **twettaq, fl-evalwazzjoni skont l-Artikolu 32, u b'mod partikolari fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, evalwazzjonijiet konġunti mal-Istati Membri. Ir-riżultati għandhom jinformatu it-tfassil tal-programmi u l-allokazzjoni tar-riżorsi, u jkomplu jsaħħu l-konsistenza u l-komplementarjetà tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.**

Emenda 137

Proposta għal regolament Titolu II

Test propost mill-Kummissjoni

**IMPLIMENTAZZJONI TA' DAN IR-
REGOLAMENT**

Emenda

**APPLIKAZZJONI TA' DAN IR-
REGOLAMENT**

Emenda 138

Proposta għal regolament Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9a

Kamp ta' applikazzjoni tal-programmi ġeografiċi

- 1. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-Unjoni skont dan l-Artikolu għandhom jiġu applikati għal attivitajiet ta' natura lokali, nazzjonali, reġjonali, transreġjonali u kontinentali.***
- 2. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, il-programmi ġeografiċi għandhom jitfasslu mill-oqsma ta' kooperazzjoni li ġejjin:***
 - (a) governanza tajba, demokrazija, stat tad-dritt, drittijiet tal-bniedem, libertajiet fundamentali u soċjetà ċivili;***
 - (b) qerda tal-faqar, ġlieda kontra l-inugwaljanzi u żvilupp tal-bniedem;***
 - (c) migrazzjoni u mobbiltà;***
 - (d) ambjent u tibdil fil-klima;***
 - (e) tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli u impjiegi diċenti;***
 - (f) sigurtà, stabbiltà u paċi;***
 - (g) sħubija;***

3. Aktar dettalji tal-oqsma ta' kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 huma stabbiliti fl-Anness II.

(Dan l-Artikolu l-ġdid għandu jiddaħħal qabel l-Artikolu 10 taħt it-Titolu II, Kapitolu I)

Emenda 139

**Proposta għal regolament
Artikolu 9b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Article 9b

Kamp ta' applikazzjoni tal-programmi tematiċi

1. Il-programmi tematiċi għandhom ikopru l-oqsma ta' intervent li ġejjin:

(a) Drittijiet tal-Bniedem, Libertajiet Fundamentali u Demokrazija:

– **il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi u f'sitwazzjonijiet ta' urġenza fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma l-aktar f'riskju, inkluż billi jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni urġenti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem b'mod flessibbli u komprensiv.**

– **ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal kulħadd, li jikkontribwixxi għall-bini ta' soċjetajiet li fihom ikunu prevalenti l-parteeċipazzjoni, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza, il-ġustizzja soċjali u l-akkontabbiltà.**

– **il-konsolidazzjoni u l-appoġġ tad-demokrazija, filwaqt li jiġu indirizzati l-aspetti kollha tal-governanza demokratika, inkluż it-tisħiħ tal-pluraliżmu demokratiku u tal-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini, inkluż billi jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet ta'**

osservazzjoni elettorali taċ-ċittadini u n-netwerks reġjonali tagħhom madwar id-dinja, il-ħolqien ta' ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili u l-appoġġ ta' proċessi elettorali kredibbli, inklużivi u trasparenti, a tul iċ-ċiklu elettorali kollu, b'mod partikolari permezz tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE (MOE tal-UE).

– *il-promozzjoni ta' multilateriżmu u sħubiji strateġiċi effettivi li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' oqfsa internazzjonali, reġjonali u nazzjonali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-atturi lokali fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt.*

– *it-trawwim ta' sinerġiji u netwerking transreġjonali ġodda fost is-soċjetajiet ċivili lokali u bejn is-soċjetà ċivili u korpi u mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem rilevanti oħra sabiex tiġi mmassimizzata l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u tinħoloq dinamika pożittiva.*

(b) Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u Awtoritajiet Lokali:

– *l-appoġġ favur soċjetà ċivili inklużiva, parteċipatorja, indipendenti u b'pożizzjoni msaħħa fil-pajjiżi sħab;*

– *il-promozzjoni tad-djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u bejniethom;*

– *l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet lokali u l-mobilizzazzjoni tal-ġharfien espert tagħhom biex jiġi promoss approċċ territorjali għall-iżvilupp;*

– *il-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni, ġharfien u impenn taċ-ċittadini tal-Unjoni fir-rigward tal-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;*

– *l-appoġġ tas-soċjetà ċivili biex tipparteċipa fi djalogu u promozzjoni tal-ordni pubblika mal-gvernijiet u l-istituzzjonijiet internazzjonali;*

– *l-appoġġ tas-soċjetà ċivili għas-sensitizzazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi u ċ-ċittadini dwar il-produzzjoni u l-konsum kummerċjali li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u li jkunu ġusti, biex ihegġgħom jadottaw imġiba aktar sostenibbli;*

(c) Stabbiltà u Paċi

– *l-assistenza għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-konsolidazzjoni tal-paċi u t-tħejjija għall-kriżi;*

– *l-assistenza fl-indirizzar tat-theddid globali u transreġjonali u t-theddid emerġenti;*

(d) Sfidi globali

– *is-saħħa,*

– *l-edukazzjoni,*

– *l-ugwaljanza bejn is-sessi,*

– *it-tfal u ż-żgħażaġh;*

– *il-migrazzjoni u l-ispostament sfurzat,*

– *l-impjiegi diċenti, il-protezzjoni soċjali u l-inugwaljanza,*

– *il-kultura,*

– *l-iżgurar ta' ambjent tajjeb għas-saħħa u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima,*

– *l-enerġija sostenibbli,*

– *it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, l-impjiegi diċenti u l-involviment tas-settur privat,*

– *l-ikel u n-nutrizzjoni,*

– *il-promozzjoni ta' soċjetajiet inklużivi, governanza ekonomika tajba u ġestjoni trasparenti tal-finanzi pubbliċi,*

– *l-aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb, sanità u iġjene,*

(e) Ħtiġijiet u Prijoritajiet tal-Politika Eterra

– *l-għoti ta' appoġġ għall-istrateġiji bilaterali ta' kooperazzjoni reġjonali u interreġjonali, il-promozzjoni tad-djalogu ta' politika u l-iżvilupp ta' approċċi u*

reazzjonijiet kollettivi għal sfidi ta' tħassib globali;

– *l-għoti ta' appoġġ għall-politika kummerċjali tal-Unjoni;*

– *il-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-politiki interni tal-Unjoni u l-promozzjoni ta' fehim u viżibbiltà mifruxa tal-Unjoni u tar-rwol tagħha fix-xena dinjija;*

2. Aktar dettalji tal-oqsma ta' kooperazzjoni msemija fil-paragrafu 3 huma stabbiliti fl-Anness III.

(Dan l-Artikolu l-ġdid għandu jiddaħħal qabel l-Artikolu 10 taħt it-Titolu II, Kapitolu I)

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) id-dokumenti ta' programmazzjoni għandhom jipprovdu qafas koerenti għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi jew ir-reġjuni sħab, konsistenti mal-għan ġenerali u mal-ambitu, l-għanijiet u l-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda

(a) id-dokumenti ta' programmazzjoni għandhom jipprovdu qafas koerenti għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi jew ir-reġjuni sħab, konsistenti mal-għan ġenerali u mal-ambitu, l-għanijiet u l-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament, **u abbażi tal-istrateġija tal-Unjoni lejn pajjiż jew reġjun sieħeb jew abbażi tal-istrateġiji tematiċi tal-Unjoni;**

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-Unjoni għandha **tikkonsulta wkoll** donaturi u atturi oħra, inklużi

Emenda

(c) l-Unjoni għandha **fi stadju bikri u matul il-proċess ta' programmazzjoni**

rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u
awtoritajiet lokali, *fejn rilevanti*;

*tinkoraġġixxi djalogu inklużiv u regolari
bejn partijiet interessati multipli ma'
donaturi u atturi oħra tal-Unjoni u mhux
tal-Unjoni, inklużi rappreżentanti tas-
soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, u
fondazzjonijiet privati u politiċi. Il-
Parlament Ewropew għandu jkun
informat dwar l-eżitu ta' dawk il-
konsultazzjonijiet.*

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-programmi tematiċi tad-Drittijiet tal-Bniedem u *tad-Demokrazija* u tas-Soċjetà Ċivili msemija fl-Artikolu 4(3)(a) u (b) għandhom jipprovdu assistenza indipendentement mill-kunsens tal-gvernijiet u awtoritajiet pubbliċi oħra tal-pajjiżi terzi kkonċernati. *Dawn* il-programmi tematiċi għandhom jappoġġaw prinċipalment *organizzazzjonijiet tas-soċjetà* ċivili.

Emenda

(d) il-programmi tematiċi tad-Drittijiet tal-Bniedem u *d-Demokrazija, tal-Organizzazzjonijiet* tas-Soċjetà Ċivili u *l-Awtoritajiet Lokali, u tal-Istabbiltà u l-Paċi* msemija fl-Artikolu 4(3)(a), (b) u (c) għandhom jipprovdu assistenza indipendentement mill-kunsens tal-gvernijiet u awtoritajiet pubbliċi oħra tal-pajjiżi terzi kkonċernati. Il-programmi tematiċi *tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u l-Awtoritajiet Lokali* għandhom jappoġġaw prinċipalment *is-soċjetà* ċivili, *inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-għurnalisti li jkun taħt pressjoni.*

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Prinċipji ta' programmazzjoni *għall-*

Emenda

Prinċipji ta' programmazzjoni

programmi ġeografiċi

Emenda 144

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu -1 (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Il-programmazzjoni skont dan ir-Regolament għandha tqis b'mod xieraq id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-governanza tajba u d-demokrazija fil-pajjiżi sħab.

Emenda 145

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu -1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1a. It-tnejn, l-implimentazzjoni u r-rieżami tad-dokumenti ta' programmazzjoni kollha skont dan l-Artikolu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u dawk tal-effikaċja tal-għajnuna.

Emenda 146

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu -1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1b. Il-programmi ġeografiċi u tematiċi għandhom ikunu komplementari u

koerenti ma' xulxin, u joħlqu valur miżjud.

Emenda 147

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati, **sal-punt possibbli**, fuq djalogu bejn **l-Unjoni**, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab ikkonċernati, inklużi awtoritajiet nazzjonali u lokali, bl-involviment tas-soċjetà ċivili, tal-parlamenti nazzjonali u lokali u ta' partijiet ikkonċernati oħra, sabiex tittejjeb is-sjieda tal-proċess u biex jiġi inkoraġġit l-appoġġ għall-istrategġiji nazzjonali u reġjonali;

Emenda

(a) mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq djalogu **inklużiv** bejn **l-istituzzjonijiet tal-Unjoni**, l-Istati Membri, u l-pajjiżi sħab ikkonċernati, inklużi awtoritajiet nazzjonali u lokali **u reġjonali**, bl-involviment **tal-organizzazzjonijiet** tas-soċjetà ċivili, tal-parlamenti **reġjonali**, nazzjonali u lokali, **tal-komunitajiet** u ta' partijiet ikkonċernati oħra sabiex tittejjeb is-sjieda **demokratika** tal-proċess u biex jiġi inkoraġġit l-appoġġ għall-istrategġiji nazzjonali u reġjonali;

Emenda 148

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) **fejn ikun xieraq**, il-perjodu ta' programmazzjoni għandu jiġi sinkronizzat maċ-ċikli ta' strategġija tal-pajjiżi sħab;

Emenda

(b) **kull meta jkun possibbli**, il-perjodu ta' programmazzjoni għandu jiġi sinkronizzat maċ-ċikli ta' strategġija tal-pajjiżi sħab;

Emenda 149

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-programmazzjoni tal-programmi ġeografiċi għandha tipprovdi qafas speċifiku, imfassal apposta għall-kooperazzjoni, ibbażat fuq:

Emenda

2. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1***, il-programmazzjoni tal-programmi ġeografiċi għandha tipprovdi qafas speċifiku, imfassal apposta għall-kooperazzjoni, ibbażat fuq:

Emenda 150

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-ħtiġijiet tas-sħab, stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi li jqisu l-popolazzjoni, il-faqar, l-inugwaljanza, l-iżvilupp tal-bniedem, il-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali, u r-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà;

Emenda

(a) il-ħtiġijiet tas-sħab, stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi ***u analiżi fil-fond***, li jqisu l-popolazzjoni, il-faqar, l-inugwaljanza, l-iżvilupp tal-bniedem, ***is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-ispazju ċiviku***, il-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali, u r-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà;

Emenda 151

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-kapaċitajiet tas-sħab ***li jiġġeneraw u jaċċessaw riżorsi finanzjarji*** u l-kapaċitajiet tagħhom ta' assorbiment;

Emenda

(b) il-kapaċitajiet tas-sħab ***ta' mobilizzazzjoni u ta' użu effettiv tar-riżorsi domestiċi biex jappoġġaw il-prijoritajiet ta' żvilupp nazzjonali*** u l-kapaċitajiet tagħhom ta' assorbiment;

Emenda 152

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) l-impenji u ***l-prestazzjoni*** tas-sħab, stabbiliti fuq kriterji bħar-riforma politika u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali;

Emenda

- (c) ***l-isforzi*** u l-impenji tas-sħab, ***inklużi dawk miftiehma b'mod konġunt mal-Unjoni***, stabbiliti fuq kriterji bħar-riforma politika, ***il-progress fir-rigward tal-istat tad-dritt, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni***, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, ***is-sostenibbiltà ambjentali u l-użu effettiv tal-għajnuna***;

Emenda 153

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

- (e) il-kapaċità u l-impenn tas-sħab li jippromwovu ***interessi*** u ***valuri*** kondiviżi, u li jappoġġaw għanijiet komuni u alleanzi multilaterali, kif ukoll li l-prijoritajiet tal-Unjoni jitmexxew 'il quddiem.

Emenda

- (e) il-kapaċità u l-impenn tas-sħab li jippromwovu ***valuri, prinċipji u interessi fondamentali*** kondiviżi, u li jappoġġaw għanijiet komuni u alleanzi multilaterali, kif ukoll li l-prijoritajiet tal-Unjoni jitmexxew 'il quddiem.

Emenda 154

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati għandha tiffoka fuq il-promozzjoni tal-interessi tal-Unjoni u tal-

Emenda

4. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati għandha tiffoka fuq il-promozzjoni tal-interessi tal-Unjoni u tal-interessi reċiproċi, ***kif ukoll tal-valuri u l-***

interessi reċiproċi.

interessi fondamentali kondiviżi, l-għanijiet miftiehma b'mod komuni u l-multilateriżmu. Fejn rilevanti, tali kooperazzjoni għandha tkun ibbażata fuq djalogu bejn l-Unjoni, inkluż il-Parlament Ewropew, u l-Istati Membri, li jinvolvi lis-soċjetà ċivili.

Emenda 155

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Id-dokumenti ta' programmazzjoni ***għall-programmi ġeografiċi*** għandhom ikunu ***bbażati fuq*** ir-riżultati u ***għandhom jikkunsidraw***, fejn ikun xieraq, ***il-miri u l-indikaturi*** miftiehma fuq livell internazzjonali, b'mod partikolari dawk stabbiliti għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll l-oqfsa tar-riżultati fil-livell ta' pajjiż, ***sabiex jiġi valutat u komunikat il-kontribut tal-Unjoni għar-riżultati, fil-livell tal-outputs, tal-eżiti u tal-impatt.***

Emenda

5. Id-dokumenti ta' programmazzjoni għandhom ikunu ***orjentati lejn*** ir-riżultati u, ***kull meta jkun possibbli, jinkludu indikaturi u miri ċari biex jitkejlu l-progress u l-impatt tal-assistenza tal-Unjoni. L-indikaturi jistgħu jkunu bbażati***, fejn ikun xieraq, ***fuq standards*** miftiehma fuq livell internazzjonali, b'mod partikolari dawk stabbiliti għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll l-oqfsa tar-riżultati fil-livell ta' pajjiż.

Emenda 156

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Meta jkunu qegħdin jitfasslu d-dokumenti ta' programmazzjoni għal pajjiżi u reġjuni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' wara kriżi, u f'sitwazzjonijiet fraġli u vulnerabbli, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod xieraq il-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi speċjali tal-pajjiżi jew tar-reġjuni

Emenda

6. Meta jkunu qegħdin jitfasslu d-dokumenti ta' programmazzjoni għal pajjiżi u reġjuni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' wara kriżi, u f'sitwazzjonijiet fraġli u vulnerabbli, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod xieraq il-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi speċjali tal-pajjiżi jew tar-reġjuni kkonċernati, ***kif ukoll il-vulnerabbiltajiet,***

kkonċernati.

Fejn pajjiżi jew reġjuni sħab ikunu direttament involuti fi, jew affettwati minn sitwazzjoni ta' kriżi, ta' wara kriżi jew ta' fraġilità, għandha titpoġġa enfasi speċjali sabiex tiżdied il-koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha biex **tiġi** meġhuna t-tranżizzjoni minn sitwazzjoni ta' emerġenza għall-fażi ta' żvilupp.

ir-riskji u l-kapaċitajiet sabiex tiżdied ir-reżiljenza. Għandha tingħata wkoll attenzjoni lill-prevenzjoni tal-kunflitti, il-konsolidazzjoni tal-paċi u l-istat, ir-rikostruzzjoni u r-rikonċiljazzjoni ta' wara l-kunflitti, it-tħejjija għad-diżastri kif ukoll ir-rwol tan-nisa u d-drittijiet tat-tfal f'dawk il-proċessi. Għandu jiġi applikat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq in-nies.

Fejn pajjiżi jew reġjuni sħab ikunu direttament involuti fi, jew affettwati minn sitwazzjoni ta' kriżi, ta' wara kriżi jew ta' fraġilità, għandha titpoġġa enfasi speċjali sabiex tiżdied il-koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha biex **jiġu** meġhuna **l-prevenzjoni tal-vjolenza u** t-tranżizzjoni minn sitwazzjoni ta' emerġenza għall-fażi ta' żvilupp.

Emenda 157

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Dan ir-Regolament għandu **jikkontribwixxu** għal azzjonijiet stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru .../... (Erasmus). Minn dan ir-Regolament għandu jitfassal dokument wieħed ta' programmazzjoni għal seba' snin, li jinkludi fondi mir-Regolament (UE) Nru .../... (IPA III). Ir-Regolament (UE) .../... (Erasmus) għandu japplika għall-użu ta' dawk il-fondi.

Emenda

7. Dan ir-Regolament għandu **jikkontribwixxi mill-programmi stabbiliti skont l-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament** għal azzjonijiet stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru .../... (Erasmus). **Għandu jiġi allokati ammont indikattiv ta' EUR 2 000 000 000 mill-programmi ġeografiċi għal azzjonijiet iddedikati għall-mobbiltà, il-kooperazzjoni u d-djalogu politiku mal-awtoritajiet, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-pajjiżi sħab.** Minn dan ir-Regolament għandu jitfassal dokument wieħed ta' programmazzjoni għal seba' snin, li jinkludi fondi mir-Regolament (UE) Nru .../... (IPA III). Ir-Regolament (UE) .../... (Erasmus) għandu japplika għall-użu ta' dawk il-fondi, **filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (UE)**

Nru .../... (IPA III).

Emenda 158

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxu għal azzjonijiet stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru .../... (Ewropa Kreattiva). Minn dan ir-Regolament għandu jitfassal dokument ta' programmazzjoni wieħed għal seba' snin, li jinkludi fondi mir-Regolament (UE) Nru .../... (IPA III). Ir-Regolament (UE) Nru .../... (Ewropa Kreattiva) għandu japplika għall-użu ta' dawn il-fondi.

Emenda 159

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu -1 (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34 sabiex tissupplementa elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tistabbilixxi oqfsa għal kull programm speċifiku pluriennali nazzjonali u multinazzjonali. Dawk id-dispożizzjonijiet qafas għandhom:

(a) jispeċifikaw l-oqsma ta' prijarità fost dawk definiti fl-Artikoli 9a u 15b;

(b) jistabbilixxu l-għanijiet speċifiċi ddettaljati u li jistgħu jitkejlu ta' kull programm;

(c) jistabbilixxu r-riżultati mistennija b'miri li jistgħu jitkejlu, u indikaturi ċari

u speċifiċi tal-prestazzjoni marbuta mal-għanijiet;

(d) jistabbilixxu allokazżjoni finanzjarja indikattiva kemm b'mod ġenerali kif ukoll għal kull qasam ta' prijorità;

(e) jistabbilixxu modalitajiet ta' kooperazzjoni, inklużi kontribuzzjonijiet għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

Emenda 160

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fil-każ tal-programmi ġeografiċi, l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha titwettaq permezz ta' programmi indikattivi pluriennali għall-pajjiż u għal diversi pajjiżi.

imħassar

Emenda 161

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-programmi indikattivi pluriennali għandhom jistabbilixxu l-oqsma ta' prijorità magħżula għal finanzjament mill-Unjoni, l-għanijiet speċifiċi, ir-riżultati mistennija, indikaturi tal-prestazzjoni ċari u speċifiċi, u l-allokazżjonijiet finanzjarji indikattivi, kemm kumplessivament kif ukoll għal kull qasam ta' prijorità.

imħassar

Emenda 162

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-programmi **indikattivi** pluriennali għandhom ikunu mibnija fuq:

Emenda

3. Il-programmi pluriennali għandhom ikunu mibnija fuq:

Emenda 163

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-a) rapport li jkun fih analiżi f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-ħtiġijiet, tal-kapaċitajiet, tal-impenji u tal-prestazzjoni tal-pajjiż jew pajjiżi sħab ikkonċernati u l-impatt potenzjali tal-finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

Emenda 164

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) strateġija nazzjonali jew **reġjonli** fil-forma ta' pjan nazzjonali ta' żvilupp jew dokument simili aċċettat mill-Kummissjoni bħala bażi għall-programm **indikattiv** pluriennali korrispondenti, meta jiġi adottat dan id-dokument tal-aħħar;

Emenda

(a) strateġija nazzjonali jew **reġjonali** fil-forma ta' pjan nazzjonali ta' żvilupp jew dokument simili **bbażat fuq konsultazzjoni siewja mal-popolazzjoni lokali u s-soċjetà ċivili u** aċċettat mill-Kummissjoni bħala bażi għall-programm pluriennali korrispondenti, meta jiġi adottat dan id-dokument tal-aħħar;

Emenda 165

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) dokument **qafas** li jistabbilixxi l-politika tal-Unjoni lejn is-sieħeb jew is-sħab ikkonċernati, li jinkludi dokument konġunt bejn l-Unjoni u l-Istati Membri;

Emenda

(b) dokument li jistabbilixxi l-politika tal-Unjoni lejn is-sieħeb jew is-sħab ikkonċernati, li jinkludi dokument konġunt bejn l-Unjoni u l-Istati Membri;

Emenda 166

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Sabiex jiżdied l-impatt tal-kooperazzjoni kollettiva tal-Unjoni, fejn ikun possibbli, dokument ta' programmazzjoni konġunta għandu jissostitwixxi d-dokumenti ta' programmazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Dokument ta' programmazzjoni konġunta jista' jissostitwixxi l-programm **indikattiv** pluriennali tal-Unjoni, dment li jikkonforma mal-Artikoli 10 u 11, ikun fih l-elementi elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jistabbilixxi t-tqassim tax-xogħol bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.

Emenda

4. Sabiex jiżdied l-impatt tal-kooperazzjoni kollettiva tal-Unjoni, fejn ikun possibbli, dokument ta' programmazzjoni konġunta għandu jissostitwixxi d-dokumenti ta' programmazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Dokument ta' programmazzjoni konġunta jista' jissostitwixxi l-programm pluriennali tal-Unjoni, dment li **dan ikun approvat f'att adottat f'konformità mal-Artikolu 14 u** jikkonforma mal-Artikoli 10 u 11, ikun fih l-elementi elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jistabbilixxi t-tqassim tax-xogħol bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.

Emenda 167

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

4a. Il-programmi pluriennali jistgħu jipprovdu għal ammont ta' fondi, li ma jaqbiżx 5 % tal-ammont totali, li mhuwiex allokat għal qasam ta' prijorità jew pajjiż sieħeb jew grupp ta' pajjiżi. Dawk il-fondi għandhom jiġu impenjati f'konformità mal-Artikolu 21.

Emenda 168

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu -1 (ġdid)**

-1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34 sabiex tissupplimenta elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti oqfsa għal kull programm pluriennali tematiku speċifiku. Dawk id-dispożizzjonijiet ta' qafas għandhom:

- (a) jispeċifikaw l-oqsma ta' prijorità fost dawk iddefiniti fl-Artikolu 9b;**
- (b) jistabbilixxu l-għanijiet speċifiċi ddettaljati u li jistgħu jitkejlu ta' kull programm;**
- (c) jistabbilixxu r-riżultati mistennija b'miri li jistgħu jitkejlu, u indikaturi ċari u speċifiċi ta' prestazzjoni marbuta mal-għanijiet;**
- (d) jistabbilixxu allokazżjoni finanzjarja indikattiva kemm b'mod ġenerali kif ukoll għal kull qasam ta' prijorità;**
- (e) jistabbilixxu modalitajiet ta' kooperazzjoni.**

Emenda 169

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fil-każ tal-programmi tematiċi, l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha titwettaq permezz ta' programmi indikattivi pluriennali.

imħassar

Emenda 170

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi tematiċi għandhom jistabbilixxu l-istrateġija tal-Unjoni, il-prijoritajiet magħżula għall-finanzjament mill-Unjoni, l-għanijiet speċifiċi, ir-riżultati mistennija, indikaturi tal-prestazzjoni ċari u speċifiċi, u s-sitwazzjoni internazzjonali u l-attivitajiet tas-sħab ewlenin għat-tema kkonċernata.

imħassar

Emenda 171

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi tematiċi għandhom jistabbilixxu l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva, kumplessivament, skont il-qasam ta' kooperazzjoni u skont il-prijorità. L-allokazzjoni finanzjarja

imħassar

indikattiva tista' tingħata fil-forma ta' firxa.

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-dispożizzjonijiet ta' qafas imsemmija fl-Artikoli 12 u 13 għandhom ikunu mibnija fuq rapport li jkun fih analiżi tas-sitwazzjoni internazzjonali u tal-attivitajiet tas-sħab ewlenin għat-tema kkonċernata u li jindika r-riżultati mistennija mill-programm.

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-programmi pluriennali jistgħu jipprovdu għal ammont ta' fondi, li ma jaqbiżx 5 % tal-ammont totali, li mhuwiex allokat għal qasam ta' prijorità jew pajjiż sieħeb jew grupp ta' pajjiżi. Dawk il-fondi għandhom jiġu impenjati f'konformità mal-Artikolu 21.

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Adozzjoni u emenda tal-programmi
indikattivi pluriennali

Emenda

Adozzjoni u emenda tal-programmi
pluriennali

Emenda 175

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***l-programmi indikattivi*** pluriennali msemmija fl-Artikoli 12 u 13 permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni***. Dawn l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu 35(2). Din il-proċedura għandha tapplika wkoll għar-rieżamijiet imsemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, ***li għandhom l-effett li jimmodifikaw b'mod sinifikanti l-kontenut tal-programm indikattiv pluriennali***.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta ***atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34 sabiex tissupplimenta elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tistabbilixxi oqfsa għal programmi*** pluriennali msemmija fl-Artikoli 12 u 13 permezz ta' atti ***delegati***. Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 34. Din il-proċedura għandha tapplika wkoll għar-rieżamijiet imsemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 176

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta jiġu adottati d-dokumenti ta' programmazzjoni pluriennali konġunta msemmija fl-Artikolu 12, ***id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tapplika*** biss għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għad-dokument ta' programmazzjoni pluriennali konġunta.

Emenda

2. Meta jiġu adottati d-dokumenti ta' programmazzjoni pluriennali konġunta msemmija fl-Artikolu 12, ***l-att delegat għandu japplika*** biss għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għad-dokument ta' programmazzjoni pluriennali konġunta.

Emenda 177

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-programmi **indikattivi pluriennali għall-programmi ġeografiċi jistgħu jiġu rieżaminati fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7 jew wara sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' wara kriżi.**

Emenda

3. Il-programmi ġeografiċi **u tematiċi pluriennali għandhom jiskadu sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2025. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi pluriennali ġodda sat-30 ta' Ġunju 2025, abbażi tar-riżultati, is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu msemmija fl-Artikolu 32.**

Emenda 178

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-programmi **indikattivi** pluriennali **għall-programmi tematiċi** jistgħu jiġu **rieżaminati** fejn ikun meħtieġ **għall-implimentazzjoni** effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7.

Emenda

4. Il-programmi pluriennali jistgħu jiġu **modifikati** fejn ikun meħtieġ **għall-applikazzjoni** effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7. **Il-programmi pluriennali għandhom jiġu modifikati f'każijiet fejn il-mobilizzazzjoni tar-riżerva tal-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti teħtieġ bidla tad-dispożizzjonijiet ta' qafas tal-programm rilevanti.**

Emenda 179

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati jew theddid immedjat għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, il-Kummissjoni tista' temenda l-programmi **indikattivi** pluriennali msemija fl-Artikoli 12 u 13 **ta' dan ir-Regolament** b'atti **ta' implimentazzjoni** skont il-proċedura ta' urġenza msemija fl-Artikolu 35(4).

Emenda

5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati jew theddid immedjat għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, il-Kummissjoni tista' temenda l-programmi pluriennali msemija fl-Artikoli 12 u 13 b'atti **delegati** skont il-proċedura ta' urġenza msemija fl-Artikolu 34a.

Emenda 180

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(3) għandu jintuża **fost affarijiet oħra**:

Emenda

1. L-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(3) għandu jintuża **f'każijiet debitament ġustifikati, bi prijorità tingħata lill-pajjiżi li huma l-aktar f' bżonn, u f'komplementarjetà u konsistenza sħiħa mal-atti adottati skont dan ir-Regolament**:

Emenda 181

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) biex jassigura rispons xieraq tal-Unjoni f'każ ta' **ċirkustanzi** mhux previsti;

Emenda

(a) biex jassigura rispons xieraq tal-Unjoni f'każ ta' **ħtiġijiet** mhux previsti **li mhumix koperti minn programmi u dokumenti ta' programmazzjoni**;

Emenda 182

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) biex jindirizza ħtiġijiet ġodda jew sfidi emerġenti, bħal dawk fil-fruntieri tal-Unjoni jew tal-ġirien tagħha marbuta ma' sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' wara kriżi jew **ta' pressjoni migratorja**;

Emenda

(b) biex jindirizza ħtiġijiet ġodda jew sfidi emerġenti, bħal dawk fil-fruntieri tal-Unjoni jew tal-ġirien tagħha **jew dawk f'pajjiżi terzi** marbuta ma' sitwazzjonijiet ta' kriżi, **kemm naturali kif ukoll ikkaġunati mill-bniedem**, u ta' wara kriżi jew **mal-fenomeni tal-migrazzjoni, b'mod partikolari l-ispostament furzat**;

Emenda 183

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) biex jippromwovi inizjattivi jew priyoritajiet internazzjonali ġodda **mmexxija mill-Unjoni**.

Emenda

(c) biex jippromwovi **u jirrispondi għal** inizjattivi jew priyoritajiet internazzjonali ġodda.

Emenda 184

Proposta għal regolament Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15a

Sospensjoni tal-assistenza

1. **Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni tal-għajnuna fil-ftehimiet ma' pajjiżi u reġjuni sħab, fejn pajjiż sieħeb jonqos b'mod persistenti milli josserva l-prinċipji**

tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew l-istandards tas-sikurezza nukleari, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa, f'konformità mal-Artikolu 34, li tadotta atti delegati li jemendaw l-Anness VII-a billi żżid pajjiż sieħeb mal-lista tal-pajjiżi sħab li għalihom l-assistenza tal-Unjoni tiġi sospiża jew parzjalment sospiża. Fil-każ ta' sospensjoni parzjali, għandhom jiġu indikati l-programmi li għalihom tapplika s-sospensjoni.

2. Fejn il-Kummissjoni ssib li r-raġunijiet li jiġġustifikaw s-sospensjoni tal-assistenza ma għadhomx japplikaw, din għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 34 biex temenda l-Anness VII-a sabiex iddaħħal mill-ġdid l-assistenza tal-Unjoni.

3. F'każijiet ta' sospensjoni parzjali, l-assistenza tal-Unjoni għandha tintuża primarjament biex tappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi mhux statali fir-rigward ta' miżuri maħsuba biex jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jappoġġaw il-proċessi ta' demokratizzazzjoni u djalogu fil-pajjiżi sħab.

4. Il-Kummissjoni għandha tqis ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew rilevanti f'it-tehíd tad-deċiżjonijiet tagħha.

Emenda 185

Proposta għal regolament Artikolu 15b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15b

Għanijiet speċifiċi għaż-żona tal-Viċinat

1. F'konformità mal-Artikoli 3 u 4, l-

appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament fiż-żona tal-Viċinat għandu jkollu bħala għanijiet:

- (a) it-tisħiħ ta' kooperazzjoni u sjieda politika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat mill-Unjoni u l-pajjiżi sħab tagħha;*
- (b) l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, jew ftehimiet eżistenti u futuri oħra, u l-aġendi ta' assoċjazzjoni miftiehma b'mod konġunt u prijoritajiet ta' sħubija jew dokumenti ekwivalenti;*
- (c) it-tisħiħ u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija, il-bini tal-istat, governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem kif ukoll il-promozzjoni ta' mod aktar effettiv biex jiġu implimentati r-riformi miftiehma f'formats reċiproċi;*
- (d) l-istabbilizzazzjoni tal-viċinat f'termini politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà;*
- (e) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali, b'mod partikolari fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant, l-Unjoni għall-Mediterran, u l-kollaborazzjoni mal-Viċinat Ewropew kollu kif ukoll il-kooperazzjoni transfruntiera;*
- (f) il-promozzjoni tal-bini tal-fiduċja, relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien u miżuri oħra li jikkontribwixxu għas-sigurtà fil-forom kollha tagħha u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti, inklużi l-kunflitti fit-tul, l-appoġġ lill-popolazzjonijiet affettwati u r-rikostruzzjoni, u r-rispett għall-multilateraliżmu u d-dritt internazzjonali;*
- (g) il-promozzjoni ta' sħubija msaħħa ma' soċjetajiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' mobbiltà msaħħa u kuntatti bejn il-persuni, b'mod partikolari b'rabta mal-attivitajiet kulturali, edukattivi, professjonali u tal-isport;*
- (h) l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni regolari kif ukoll dik irregolari;*
- (i) il-kisba ta' integrazzjoni*

progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u kooperazzjoni settorjali u transsettorjali msaħħa, inkluż permezz ta' approssimazzjoni leġiżlattiva u konverġenza regolatorja lejn l-istandards tal-Unjoni u standards internazzjonali rilevanti oħra, u aċċess aħjar għas-suq inkluż permezz ta' oqsma profondi u komprensivi ta' kummerċ ħieles, il-bini ta' istituzzjonijiet u l-investment relatati;

(j) l-appoġġ ta' żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli, inklużiv u ta' benefiċċju soċjali għal kulħadd billi jiġu promossi l-ħolqien tal-impjiegi u l-impjegabbiltà, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh;

(k) il-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà tal-enerġija u jiġu promossi l-għanijiet tal-enerġija rinnovabbli, tal-enerġija sostenibbli u tal-effiċjenza enerġetika;

(l) l-inkoraġġiment tal-istabbiliment ta' oqfsa tematiċi mal-pajjiżi ġirien ta' pajjiżi sħab tal-viċinat biex jiġu indirizzati sfidi komuni bħall-migrazzjoni, l-enerġija, is-sigurtà u s-saħħa.

(Dan l-Artikolu ġdid għandu jiddaħħal qabel l-Artikolu 16 taħt it-Titolu II, Kapitolu II)

Emenda 186

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-impenn lejn u l-progress fl-implimentazzjoni ta' għanijiet ta' riforma politika, ekonomika u soċjali miftehma b'mod konġunt;

Emenda

(b) l-impenn lejn u l-progress fl-implimentazzjoni ta' għanijiet ta' riforma politika, ekonomika, **ambjentali** u soċjali miftehma b'mod konġunt;

Emenda 187

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-impenn lejn u l-progress fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli;

Emenda

(c) l-impenn lejn u l-progress fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, ***inkluża l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba, ir-rispett tal-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;***

Emenda 188

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) impenn favur il-multilateraliżmu;

Emenda 189

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-appoġġ tal-Unjoni lill-pajjiżi sħab elenkati fl-Anness I għandu jiġi applikat f'konformità mal-prinċipju ta' kofinanzjament stabbilit fl-Artikolu 190 tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda 190

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **B'mod indikattiv** 10 % tal-pakkett finanzjarju stabbilit **fl-Artikolu 4(2)(a)** biex jissupplimenta l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 12 għandu jiġi allokati lill-pajjiżi sħab elenkati fl-Anness I sabiex **jimplimentaw** l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni. L-allokazzjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni għandhom jiġu deċiżi fuq il-progress tagħhom lejn id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, il-governanza ekonomika u r-riformi. Il-progress tal-pajjiżi sħab għandu jiġi valutat kull sena.

Emenda

1. **Mill-inqas** 10 % tal-pakkett finanzjarju stabbilit **fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(2)(a)**, biex jissupplimenta l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 12, għandu jiġi allokati lill-pajjiżi sħab elenkati fl-Anness I sabiex **japplikaw** l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni. L-allokazzjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni għandhom jiġu deċiżi fuq il-progress tagħhom lejn id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, **il-governanza tajba**, il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, **sikura, ordnata u regolari**, il-governanza ekonomika u **l-implimentazzjoni** tar-riformi **miftiehma**. Il-progress tal-pajjiżi sħab għandu jiġi valutat kull sena, **bl-involvement tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari permezz ta' rapporti dwar il-progress tal-pajjiżi li jinkludu xejriet meta mqabbla mas-snin preċedenti.**

Emenda 191

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-applikazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni skont dan ir-Regolament għandu jkun is-suġġett ta' skambju regolari ta' fehmiet fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill.

Emenda 192

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-approċ ibbażat fuq il-prestazzjoni ma għandux japplika għall-appoġġ lis-soċjetà ċivili, lill-kuntatti bejn il-persuni, inkluża l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet lokali, l-appoġġ għat-titjib tad-drittijiet tal-bniedem, jew miżuri ta' appoġġ marbutin ma' kriżijiet. F'każ ta' degradazzjoni serja jew persistenti tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, l-appoġġ għal dawn l-azzjonijiet **jista'** jiżdied.

Emenda

2. L-approċ ibbażat fuq il-prestazzjoni ma għandux japplika għall-appoġġ lis-soċjetà ċivili, lill-kuntatti bejn il-persuni, inkluża l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet lokali, l-appoġġ għat-titjib tad-drittijiet tal-bniedem, jew miżuri ta' appoġġ marbutin ma' kriżijiet. F'każ ta' degradazzjoni serja jew persistenti tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, l-appoġġ għal dawn l-azzjonijiet **għandu** jiżdied, **fejn xieraq**.

Emenda 193

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jirrevedu l-appoġġ ibbażat fuq il-prestazzjoni f'każ ta' degradazzjoni serja jew persistenti tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-istat tad-dritt.

Emenda 194

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 34 biex tissupplimenta dan ir-Regolament li jistabbilixxi qafas metodoloġiku tal-approċ ibbażat fuq il-prestazzjoni.

Emenda 195

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-kooperazzjoni transfruntiera, kif definit fl-Artikolu 2(3), għandu jkopri l-kooperazzjoni dwar il-fruntieri bejn artijiet biswit xulxin, il-kooperazzjoni transnazzjonali fuq territorji transnazzjonali ikbar, kooperazzjoni marittima madwar il-baċiri tal-baħar, kif ukoll il-kooperazzjoni interreġjonali.

Emenda

1. Il-kooperazzjoni transfruntiera, kif definit fl-Artikolu 2(3), għandu jkopri l-kooperazzjoni dwar il-fruntieri bejn artijiet biswit xulxin ***u marittimi***, il-kooperazzjoni transnazzjonali fuq territorji transnazzjonali ikbar, kooperazzjoni marittima madwar il-baċiri tal-baħar, kif ukoll il-kooperazzjoni interreġjonali. ***Il-kooperazzjoni transfruntiera għandu jkollha l-għan li tkun koerenti mal-għanijiet tal-istrateġiji makroreġjonali eżistenti u futuri u mal-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali.***

Emenda 196

Proposta għal regolament Titolu II – kapitolu III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Pjanijiet ta' azzjoni, miżuri u metodi ta' implimentazzjoni

Emenda

Eżekuzzjoni

Emenda 197

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet ta' azzjoni jew miżuri annwali jew pluriennali. Il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri individwali, miżuri speċjali,

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet ta' azzjoni jew miżuri annwali jew pluriennali. Il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri individwali, miżuri speċjali,

miżuri ta' appoġġ jew miżuri ta' assistenza eċċezzjonali. Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom jispeċifikaw, għal kull azzjoni, l-għanijiet segwiti, ir-riżultati mistennija u l-attivitajiet prinċipali, il-metodi ta' ***implimentazzjoni***, il-baġit u kwalunkwe nefqa ta' appoġġ assoċjata.

miżuri ta' appoġġ jew miżuri ta' assistenza eċċezzjonali. Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom jispeċifikaw, għal kull azzjoni, l-għanijiet segwiti, ir-riżultati mistennija u l-attivitajiet prinċipali, il-metodi ta' ***applikazzjoni***, il-baġit u kwalunkwe nefqa ta' appoġġ assoċjata.

Emenda 198

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-każ ta' ħtiġijiet jew ċirkostanzi mhux previsti, u meta ma jkunx possibbli finanzjament minn sorsi aktar xierqa, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri speċjali mhux ***previsti fid-dokumenti*** ta' programmazzjoni.

Emenda

Fil-każ ta' ħtiġijiet jew ċirkostanzi mhux previsti, u meta ma jkunx possibbli finanzjament minn sorsi aktar xierqa, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri speċjali mhux ***ibbażati fuq id-dokumenti*** ta' programmazzjoni.

Emenda 199

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Jistgħu jintużaw pjanijiet ta' azzjoni annwali jew pluriennali u miżuri individwali biex ***jigħu implimentati*** azzjonijiet ta' rispons rapidu msemmija fl-Artikolu 4(4)(b) ***u (c)***.

Emenda

3. Jistgħu jintużaw pjanijiet ta' azzjoni annwali jew pluriennali u miżuri individwali biex ***jitwettqu*** azzjonijiet ta' rispons rapidu msemmija fl-Artikolu 4(4)(b).

Emenda 200

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Miżura ta' assistenza eċċezzjonali jista' jkollha tul sa 18-il xahar, li jista' jiġi estiż darbtejn b'perjodu ieħor li ma jaqbiżx is-sitt xhur, sa żmien massimu ta' 30 xahar, fil-każ ta' ostakli oġġettivi u mhux mistennija għall-implimentazzjoni tagħha, dment li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-ammont finanzjarju tal-miżura.

imħassar

Emenda 201

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

F'każijiet ta' kriżijiet u konflitti mtawla, il-Kummissjoni tista' tadotta t-tieni miżura ta' assistenza eċċezzjonali b'perjodu ta' żmien ta' sa 18-il xahar. F'każijiet debitament ġustifikati meta l-kontinwità tal-azzjoni tal-Unjoni tkun essenzjali u ma tistax tiġi żgurata b'mezzi oħra, ikunu jistgħu jiġu adottati iktar miżuri.

imħassar

Emenda 202

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Miżuri meħuda skont l-Artikolu 19(3) u (4) jista' jkollhom tul sa 18-il xahar, li jista' jiġi estiż darbtejn b'perjodu ieħor li ma jaqbiżx is-sitt xhur, sa żmien massimu ta' 30 xahar, fil-każ ta' ostakli oġġettivi u mhux mistennija għall-

eżekuzzjoni, dment li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-ammont finanzjarju tal-miżura.

F'każijiet ta' kriżijiet u kunflitti mtawla, il-Kummissjoni tista' tadotta t-tieni miżura ta' assistenza eċċezzjonali b'perjodu ta' żmien sa 18-il xahar. F'każijiet debitament ġustifikati, meta l-kontinwità tal-azzjoni tal-Unjoni skont dan il-paragrafu tkun essenzjali u ma tistax tiġi żgurata b'mezzi oħra, ikunu jistgħu jiġu adottati aktar miżuri.

Emenda 203

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jkopri n-nefqa ta' appoġġ **għall-implimentazzjoni** tal-Istrument u għall-kisba tal-għanijiet tiegħu, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat mal-attivitajiet ta' tħejjija, segwitu, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni meħtieġa għal dik **l-implimentazzjoni**, kif ukoll in-nefqa fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fuq l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għall-programm, u l-ġestjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, inklużi l-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni u s-sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

Emenda

1. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jkopri n-nefqa ta' appoġġ **għall-eżekuzzjoni** tal-Istrument u għall-kisba tal-għanijiet tiegħu, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat mal-attivitajiet ta' tħejjija, segwitu, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni meħtieġa għal dik **l-eżekuzzjoni**, kif ukoll in-nefqa fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fuq l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għall-programm, u l-ġestjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, inklużi l-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni u s-sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

Emenda 204

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom jiġu adottati ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati*** f'konformità ***mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 35(2).***

1. Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom jiġu adottati ***b'deċiżjoni tal-Kummissjoni*** f'konformità ***mar-Regolament Finanzjarju.***

Emenda 205

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. ***Il-proċedura msemija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun meħtieġa għal:***

imħassar

(a) ***pjanijiet ta' azzjoni, miżuri individwali u miżuri ta' appoġġ, li għalihom il-finanzjament tal-Unjoni ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun;***

(b) ***miżuri speċjali kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni u miżuri adottati sabiex jiġu implimentati azzjonijiet ta' rispons rapidu li għalihom il-finanzjament tal-Unjoni li ma jaqbiżx l-EUR 20 miljun;***

(c) ***emendi tekniċi, dment li dawk l-emendi ma jaffettwawx b'mod sostanzjali l-għanijiet tal-pjan ta' azzjoni jew tal-miżura kkonċernata, bħalma huma:***

(i) ***bidla fil-metodu tal-implimentazzjoni;***

(ii) ***tqassim mill-ġdid tal-fondi bejn l-azzjonijiet kontenuti fi pjan ta' azzjoni;***

(iii) ***żidiet jew tnaqqis tal-baġit tal-pjanijiet ta' azzjoni u tal-miżuri b'mhux aktar minn 20 % tal-baġit inizjali u li ma jaqbżux l-EUR 10 miljun;***

Fil-każ ta' pjanijiet ta' azzjoni u miżuri pluriennali, il-limiti msemija fil-

paragrafi 2(a), (b) u (c) (iii) għandhom ikunu applikabbli fuq bażi annwali.

Meta jiġu adottati skont dan il-paragrafu, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri, ħlief il-miżuri ta' assistenza eċċezzjonali u l-emendi tekniċi, għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri permezz tal-kumitat rilevanti msemmi fl-Artikolu 35 fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom.

Emenda 206

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Qabel l-adozzjoni jew l-estensjoni ta' miżuri ta' assistenza eċċezzjonali li ma jaqbżux l-EUR 20 miljun, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar in-natura u l-għanijiet tagħhom u l-ammonti finanzjarji previsti. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill qabel ma tagħmel bidliet sostantivi sinifikanti f'miżuri ta' assistenza eċċezzjonali diġà adottati. Il-Kummissjoni għandha tqis l-approċċ ta' politika rilevanti tal-Kunsill għall-ippjanar u l-implimentazzjoni sussegwenti ta' dawn il-miżuri, fl-interessi tal-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tqis l-approċċ ta' politika rilevanti tal-Kunsill **u tal-Parlament Ewropew** għall-ippjanar u l-**applikazzjoni** sussegwenti ta' dawn il-miżuri, fl-interessi tal-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Emenda 207

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha **żżomm** lill-

Emenda

Il-Kummissjoni għandha **tinforma**

Parlament Ewropew *debitament infurmat, u b'mod f'waqtu*, dwar l-ippjanar *u l-implimentazzjoni* ta' miżuri *ta' assistenza eċċezzjonali* skont dan l-Artikolu, inklużi l-ammonti finanzjarji previsti, u għandha tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew meta tagħmel bidliet jew estensjonijiet sostanzjali għal dik l-assistenza.

immedjatament lill-Parlament Ewropew dwar l-ippjanar ta' miżuri skont dan l-Artikolu, inklużi l-ammonti finanzjarji previsti, u għandha tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew meta tagħmel bidliet jew estensjonijiet sostanzjali għal dik l-assistenza. *Malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni jew il-modifika sostanzjali ta' miżura, u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta jiġri dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tagħti ħarsa ġenerali tan-natura u r-raġunament wara l-miżura adottata, tat-tul tagħha, tal-baġit u tal-kuntest tagħha, inkluża l-komplementarjetà ta' dik il-miżura ma' assistenza oħra eżistenti u ppjanata tal-Unjoni. Għal miżuri ta' għajjnuna eċċezzjonali, il-Kummissjoni għandha tindika wkoll jekk, sa liema punt u kif se tiżgura l-kontinwità tal-politika eżegwita permezz tal-assistenza eċċezzjonali permezz ta' għajjnuna għal żmien medju u fit-tul skont dan ir-Regolament.*

Emenda 208

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Qabel ma tadotta pjanijiet ta' azzjoni u miżuri mhux ibbażati fuq id-dokumenti ta' programmazzjoni skont l-Artikolu 19(2), bl-eċċezzjoni ta' każijiet imsemmija fl-Artikolu 19(3) u (4), il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 34 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-għanijiet speċifiċi li għandhom jiġu segwiti, ir-riżultati mistennija, l-istrumenti li għandhom jintużaw, l-attivitajiet ewlenin u l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi ta'

Emenda 209

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, bħal kriżijiet inklużi diżastri naturali jew magħmula mill-bniedem, theddid immedjat għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, il-Kummissjoni tista' tadotta pjanijiet ta' azzjoni u miżuri, bħal atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(4).

Emenda

imħassar

Emenda 210

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għandu jsir skrutinju ambjentali xieraq, fil-livell tal-azzjonijiet, inkluż għall-impatti fuq it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, f'konformità mal-atti leġiżlattivi applikabbli tal-Unjoni, inklużi d-Direttiva 2011/92/UE⁸² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE⁸³, li jinkludi, fejn applikabbli, valutazzjoni tal-impatt ambjentali għal azzjonijiet ta' sensitività ambjentali, b'mod partikolari għal infrastruttura ġdida maġġuri.

Emenda

Għandu jsir skrutinju ***tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u*** ambjentali xieraq, fil-livell tal-azzjonijiet, inkluż għall-impatti fuq it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, f'konformità mal-atti leġiżlattivi applikabbli tal-Unjoni, inklużi d-Direttiva 2011/92/UE⁸² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE⁸³, li jinkludi, fejn applikabbli, valutazzjoni tal-impatt ambjentali għal azzjonijiet ta' sensitività ambjentali, b'mod partikolari għal infrastruttura ġdida maġġuri.

⁸² Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (kodifikazzjoni) (ĠU L 26 28.1.2012, p. 1).

⁸³ Id-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, 05.07.1985, p. 0040 – 0048).

⁸² Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (kodifikazzjoni) (ĠU L 26 28.1.2012, p. 1).

⁸³ Id-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, 05.07.1985, p. 0040 – 0048).

Emenda 211

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Barra minn hekk, għandhom isiru valutazzjonijiet ex ante tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ġeneru, soċjali u tax-xogħol, kif ukoll analiżi ta' kunflitti u valutazzjoni tar-riskju.

Emenda 212

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fejn ikun rilevanti, ***fl-implimentazzjoni*** ta' programmi settorjali għandhom jintużaw valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi. Għandhom jiġu żgurati l-involviment tal-partijiet interessati ***fil-valutazzjonijiet ambjentali*** u l-aċċess pubbliku għar-riżultati ta' tali valutazzjonijiet.

Fejn ikun rilevanti, ***fl-eżekuzzjoni*** ta' programmi settorjali għandhom jintużaw valutazzjonijiet ***tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u*** ambjentali strateġiċi. Għandhom jiġu żgurati l-involviment tal-partijiet interessati ***f'dawn il-valutazzjonijiet*** u l-aċċess pubbliku għar-riżultati ta' tali valutazzjonijiet.

Emenda 213

Proposta għal regolament Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 21a

*Il-programmi ta' assistenza tal-Parlament
Ewropew*

*Il-Kummissjoni għandu jkollha djalogu
mal-Parlament Ewropew, u tqis il-fehmiet
tal-Parlament Ewropew dwar oqsma li
fihom dan tal-aħħar qed imexxi l-
programmi ta' assistenza tiegħu stess,
bħat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-
osservazzjoni elettorali.*

Emenda 214

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) kontribuzzjonijiet għall-kostijiet
neċessarji biex tiġi stabbilita u
amministrata sħubija **pubblik** privata;

(c) kontribuzzjonijiet għall-kostijiet
neċessarji biex tiġi stabbilita u
amministrata sħubija **pubblika** privata
**inkluż appoġġ ta' parteċipazzjoni wiesgħa
bit-twaqqif ta' korp indipendenti ta'
organizzazzjonijiet indipendenti ta'
partijiet terzi CSO biex jivvalutaw u
jimmonitorjaw strutturi ta' sħubija
pubblika privata;**

Emenda 215

Proposta għal regolament Artikolu 23 – titolu

Forum ta' finanzjament **mill-UE** u metodi ta' **implimentazzjoni**

Forum ta' finanzjament **mill-Unjoni** u metodi ta' **applikazzjoni**

Emenda 216

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2

2. Fil-ħidma mal-partijiet ikkonċernati tal-pajjiżi sħab, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ispeċifità tagħhom, inklużi l-ħtiġijiet tagħhom u l-kuntest rilevanti, meta tiddefinixxi l-modalitajiet ta' finanzjament, it-tip ta' kontribuzzjoni, il-modalitajiet tal-għotja u d-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-ġestjoni tal-għotjiet, bil-ksieb li jinkiseb u li jingħata l-aħjar rispons għall-firxa l-aktar wiesgħa possibbli ta' tali partijiet ikkonċernati. Għandhom jiġu inkoraġġiti modalitajiet speċifiċi skont ir-Regolament Finanzjarju, bħal ftehimiet ta' sħubija, awtorizzazzjonijiet ta' appoġġ finanzjarju lil terzi persuni, għoti dirett jew sejħiet għall-proposti ristretti għall-eliġibbiltà, jew somom f'daqqa, kostijiet unitarji u finanzjament b'rata fissa kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-kostijiet kif previst fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Fil-ħidma mal-partijiet ikkonċernati tal-pajjiżi sħab, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ispeċifità tagħhom, inklużi l-ħtiġijiet tagħhom u l-kuntest rilevanti, meta tiddefinixxi l-modalitajiet ta' finanzjament, it-tip ta' kontribuzzjoni, il-modalitajiet tal-għotja u d-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-ġestjoni tal-għotjiet, bil-ksieb li jinkiseb u li jingħata l-aħjar rispons għall-firxa l-aktar wiesgħa possibbli ta' tali partijiet ikkonċernati. **Dik il-valutazzjoni għandha tqis il-kundizzjonijiet għal parteċipazzjoni u involviment sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari tas-soċjetà ċivili lokali.** Għandhom jiġu inkoraġġiti modalitajiet speċifiċi skont ir-Regolament Finanzjarju, bħal ftehimiet ta' sħubija, awtorizzazzjonijiet ta' appoġġ finanzjarju lil terzi persuni, għoti dirett jew sejħiet għall-proposti ristretti għall-eliġibbiltà, jew somom f'daqqa, kostijiet unitarji u finanzjament b'rata fissa kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-kostijiet kif previst fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju. **Dawk il-modalitajiet differenti għandhom jiżguraw trasparenza, traċċabbiltà u innovazzjoni. Il-kooperazzjoni bejn l-NGOs lokali u internazzjonali għandha tiġi mhegħga sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tas-soċjetà ċivili lokali bil-għan li tinkiseb il-**

Emenda 217

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) għotjiet ta' valur baxx lil difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għall-finanzjament ta' azzjonijiet ta' protezzjoni urġenti, fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa għal kofinanzjament;

Emenda

(a) għotjiet ta' valur baxx lil difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ***u lil mekkaniżmi għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu f'riskju***, għall-finanzjament ta' azzjonijiet ta' protezzjoni urġenti, fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa għal kofinanzjament, ***kif ukoll lill-medjaturi u lill-atturi oħra tas-soċjetà ċivili involuti fi djalogu relatat ma' kriżi u ma' kunflitti armati, mar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, mar-rikonċiljazzjoni u mal-bini tal-paċi***;

Emenda 218

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) għotjiet, fejn ikun xieraq mingħajr il-ħtieġa ta' kofinanzjament, sabiex jiġu ffinanzjati azzjonijiet fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli fejn il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-proposti ma tkunx xierqa, inklużi sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas serju ta' libertajiet fundamentali, fejn is-sigurtà tal-bniedem tkun l-aktar f'riskju jew fejn l-organizzazzjonijiet u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem joperaw fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli. Għotjiet bħal dawn ma għandhomx jaqbu l-EUR 1 000 000 u

Emenda

(b) għotjiet, fejn ikun xieraq mingħajr il-ħtieġa ta' kofinanzjament, sabiex jiġu ffinanzjati azzjonijiet fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli fejn il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-proposti ma tkunx xierqa, inklużi sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas serju ta' libertajiet fundamentali, ***thedd id għall-istituzzjonijiet demokratiċi, eskalazzjoni ta' kriżi, kunflitt armat*** fejn is-sigurtà tal-bniedem tkun l-aktar f'riskju jew fejn l-organizzazzjonijiet u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ***il-medjaturi u atturi oħra tas-soċjetà ċivili***

għandu jkollhom tul ta' żmien ta' mhux aktar minn 18-il xahar, li tista' tiġi estiża bi 12-il xahar ieħor fl-eventwalità ta' ostakli oġġettivi u mhux previsti **għall-implimentazzjoni** tagħhom;

involuti fi djalogu relatat ma' kriżi u kunflitt armat, ir-rikonċiljazzjoni u l-bini tal-paċi joperaw fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli. Għotjiet bħal dawn ma għandhomx jaqbu l-EUR 1 000 000 u għandu jkollhom tul ta' żmien ta' mhux aktar minn 18-il xahar, li tista' tiġi estiża bi 12-il xahar ieħor fl-eventwalità ta' ostakli oġġettivi u mhux previsti **għall-applikazzjoni** tagħhom;

Emenda 219

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) għotjiet lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll lill-Global Campus, liċ-Ċentru Interuniversitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni, li jipprovdi Lawrja Ewropea ta' Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, u n-netwerk assoċjat tiegħu ta' universitajiet li jipprovdu diplomi postgraduate dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi boroż ta' studju lil studenti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn pajjiżi terzi.

Emenda

(c) għotjiet lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll lill-Global Campus, liċ-Ċentru Interuniversitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni, li jipprovdi Lawrja Ewropea ta' Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, u n-netwerk assoċjat tiegħu ta' universitajiet li jipprovdu diplomi postgraduate dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi boroż ta' studju lil studenti, ***riċerkaturi, għalliema***, u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn pajjiżi terzi.

Emenda 220

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) Proġetti żgħar kif deskritti fl-Artikolu 23a (ġdid)

Emenda 221

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-appoġġ baġitarju kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1, inkluż permezz ta' kuntratti ta' prestazzjoni ta' riforma strutturali, għandu jkun ibbażat fuq is-sjieda tal-pajjiż, ***l-akkontabbiltà reċiproka*** u impenji kondiviżi għall-valuri universali, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab. Għandu jinkludi djalogu msaħħaħ ta' politika, tisħiħ tal-kapaċitajiet, u governanza mtejba, li jikkomplementaw l-isforzi ***tal-isħab*** biex jiġbru aktar u jonfqu aħjar bil-għan li jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv u l-impjiegi u l-qerda tal-faqar.

Emenda

L-appoġġ baġitarju kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1, inkluż permezz ta' kuntratti ta' prestazzjoni ta' riforma strutturali, għandu jkun ibbażat fuq is-sjieda tal-pajjiż, ***ir-rendikont reċiproku*** u impenji kondiviżi għall-valuri universali, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, ***l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem*** u l-istat tad-dritt u għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab. Għandu jinkludi djalogu msaħħaħ ta' politika, tisħiħ tal-kapaċitajiet, u governanza mtejba, li jikkomplementaw l-isforzi ***tas-sħab*** biex jiġbru aktar u jonfqu aħjar bil-għan li jappoġġaw ***żvilupp soċjoekonomiku sostenibbli u inklużiv li jkun ta' benefiċċju għal kulħadd, il-ħolqien ta' impjiegi deċenti, b'attenzjoni partikolari għaż-żgħażaġh, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi*** u l-qerda tal-faqar ***b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ekonomiji lokali, id-drittijiet ambjentali u soċjali.***

Emenda 222

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Kwalunkwe deċiżjoni biex jiġi pprovdut appoġġ baġitarju għandha tkun ibbażata fuq politiki ta' appoġġ baġitarju miftehma mill-Unjoni, sett ċar ta' kriterji ta' eliġibbiltà u evalwazzjoni bir-reqqa tar-riskji u l-benefiċċji.

Emenda

Kwalunkwe deċiżjoni biex jiġi pprovdut appoġġ baġitarju għandha tkun ibbażata fuq politiki ta' appoġġ baġitarju miftehma mill-Unjoni, sett ċar ta' kriterji ta' eliġibbiltà u evalwazzjoni bir-reqqa tar-riskji u l-benefiċċji. ***Wieħed mid-determinanti ewlenin ta' dik id-deċiżjoni***

għandu jkun valutazzjoni tal-impenn, tar-rekord u tal-progress tal-pajjiżi sħab fir-rigward tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt.

Emenda 223

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta tipprovdi appoġġ baġitarju skont l-Artikolu 236 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar u timmonitorja l-kriterji għall-kondizzjonalità tal-appoġġ baġitarju, inkluż il-progress fir-riformi u t-trasparenza, u għandha tappoġġa l-iżvilupp tal-kontroll parlamentari, il-kapaċitajiet nazzjonali ta' awditjar u ż-żieda fit-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni.

Emenda

Meta tipprovdi appoġġ baġitarju skont l-Artikolu 236 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar u timmonitorja l-kriterji għall-kondizzjonalità tal-appoġġ baġitarju, inkluż il-progress fir-riformi u t-trasparenza, u għandha tappoġġa l-iżvilupp tal-kontroll parlamentari, il-kapaċitajiet nazzjonali ta' awditjar, ***il-parteeċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ*** u ż-żieda fit-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ***u l-iżvilupp ta' sistemi ta' akkwist pubbliku b'saħħithom li jappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku lokali u n-negozji lokali.***

Emenda 224

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Dawn l-istrumenti ***finanzjarj*** jistgħu jinġabru f'faċilitajiet għall-għanijiet ***tal-implimentazzjoni*** u tar-rappurtar.

Emenda

7. Dawn l-istrumenti ***finanzjarji*** jistgħu jinġabru f'faċilitajiet għall-għanijiet ***tal-applikazzjoni*** u tar-rappurtar.

Emenda 225

**Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 7a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Il-Kummissjoni u s-SEAE m'għandhomx jidħlu f'operazzjonijiet ġodda jew imġedda ma' entitajiet inkorporati jew stabbiliti f'ġurisdizzjonijiet iddefiniti taħt il-politika rilevanti tal-Unjoni bħala li ma jikkooperawx, jew li huma identifikati bħala pajjiżi terzi b'riskju kbir skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew li mhumiex effettivament konformi mal-istandards fiskali tal-Unjoni jew miftiehma internazzjonalment dwar it-trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni.

Emenda 226

**Proposta għal regolament
Artikolu 23a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 23a

Fondi għall-proġetti żgħar

- 1. Il-finanzjament skont dan ir-Regolament jista' jiġi pprovdut lill-fondi għall-proġetti żgħar, immirati lejn l-għażla u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' volum finanzjarju limitat.**
- 2. Il-benefiċjarji ta' fond għall-proġett żgħir għandhom ikunu organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.**
- 3. Ir-riċevituri finali fi ħdan fond għall-proġett żgħir għandhom jirċievu appoġġ skont dan ir-Regolament, permezz tal-benefiċjarju, u jimplimentaw proġetti żgħar fi ħdan dak il-fond għall-proġett żgħir ("proġett żgħir").**

4. Fejn il-kontribuzzjoni pubblika għall-proġett żgħir ma taqbiżx EUR 50 000, din għandha tiegħu l-forma ta' kostijiet unitarji jew ammonti f'daqqa jew tinkludi rati fissi.

Emenda 227

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) membri sħab tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, fil-każ ta' kuntratti ***implimentati*** f'wiehied mill-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati jew f'Pajjiż Fqir b'Ħafna Dejn, kif inkluż fil-lista ta' riċevituri tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp.

Emenda

(f) membri sħab tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, fil-każ ta' kuntratti ***applikati*** f'wiehied mill-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati jew f'Pajjiż Fqir b'Ħafna Dejn, kif inkluż fil-lista ta' riċevituri tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp.

Emenda 228

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Għall-azzjonijiet kofinanzjati konġuntament minn entità, jew ***implimentati*** b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' entitajiet kif imsemmi fil-punti minn (c)(ii) sa (viii) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju, għandhom japplikaw ukoll ir-regoli ta' eliġibbiltà ta' dak l-entitajiet.

Emenda

5. Għall-azzjonijiet kofinanzjati konġuntament minn entità, jew ***applikati*** b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' entitajiet kif imsemmi fil-punti minn (c)(ii) sa (viii) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju, għandhom japplikaw ukoll ir-regoli ta' eliġibbiltà ta' dak l-entitajiet.

Emenda 229

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. Ir-regoli tal-eliġibbiltà ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu ristretti fir-rigward tan-nazzjonalità, il-pożizzjoni ġeografika jew in-natura tal-applikanti, fejn tali restrizzjonijiet ikunu meħtieġa min-natura u l-għanijiet speċifiċi tal-azzjoni u fejn ikunu neċessarji ***għall-implimentazzjoni*** effettiva tagħha.

Emenda

9. Ir-regoli tal-eliġibbiltà ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu ristretti fir-rigward tan-nazzjonalità, il-pożizzjoni ġeografika jew in-natura tal-applikanti, fejn tali restrizzjonijiet ikunu meħtieġa min-natura u l-għanijiet speċifiċi tal-azzjoni u fejn ikunu neċessarji ***għall-applikazzjoni*** effettiva tagħha. ***Ir-restrizzjonijiet tan-nazzjonalità ma għandhomx japplikaw għall-organizzazzjonijiet nazzjonali.***

Emenda 230

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni

11. Sabiex jiġu promossi kapaċitajiet, swieq u xiri lokali, għandha tingħata prijorità lill-kuntratturi lokali u reġjonali meta r-Regolament Finanzjarju jipprevedi għotja fuq il-bażi ta' offerta waħda. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-parteċipazzjoni ta' kuntratturi lokali u reġjonali għandha tiġi promossa ***f' konformità*** mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak ir-Regolament.

Emenda

11. Sabiex jiġu promossi kapaċitajiet, swieq u xiri lokali, għandha tingħata prijorità lill-kuntratturi lokali u reġjonali, ***filwaqt li tingħata attenzjoni għar-rekord tal-passat tagħhom fis-sostenibbiltà ambjentali jew kummerċ ġust*** meta r-Regolament Finanzjarju jipprevedi għotja fuq il-bażi ta' offerta waħda. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-parteċipazzjoni ta' kuntratturi lokali u reġjonali għandha tiġi promossa ***f'konformità*** mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak ir-Regolament. ***Fil-każijiet kollha għandhom jiġu applikati l-kriterji ta' sostenibbiltà u ta' diliġenza dovuta.***

Emenda 231

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

12a. L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali ma għandux jappoġġa azzjonijiet li, skont l-skrutinju ambjentali msemmi fl-Artikolu 21, jikkawżaw ħsara lill-ambjent jew lill-klima. L-allokazzjonijiet għandhom ikunu kompatibbli bis-sħiħ mal-Ftehim ta' Pariġi u, b'mod ġenerali, il-finanzjament Ewropew iddedikat għall-azzjoni esterna għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi. B'mod partikolari, l-istrument ma għandux jappoġġa:

(a) Azzjonijiet inkompatibbli mal-Kontributi Determinati fil-Livell Nazzjonali tal-pajjiżi riċeventi skont il-Ftehim ta' Pariġi;

(b) investiment fi fjuwils fossili upstream, midstream u downstream.

Emenda 232

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha **tinforma** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-appropriazzjonijiet **ta' impenn** riportati f'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni għandha **tippreżenta** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill **l-informazzjoni** dwar l-appropriazzjonijiet **li ġew** riportati **awtomatikament** f'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda 233

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu (6)(2)(a) għandu jiffinanzja l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

Emenda

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna ***għandhom jiġu ffinanzjati permezz tal-pakketti finanzjarji għall-programmi ġeografiċi msemmija fil-punt a tal-Artikolu 6(2), filwaqt li jiżguraw li dan il-finanzjament mhux għad-detriment ta' azzjonijiet oħra appoġġati minn programmi ġeografiċi.***

Emenda 234

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-għan tal-EFSD+ bħala pakkett finanzjarju integrat, li jipprovdi kapaċità finanzjarja ***li tuża l-metodi ta' implimentazzjoni stabbiliti*** fl-Artikolu 23(1)(a), (e), (f) u (g), għandu jkun li jappoġġa l-investimenti u jżid l-aċċess għall-finanzjament, bil-għan li jrawwem żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv u jippromwovi r-reżiljenza soċjoekonomika fil-pajjiżi sħab b'enfasi partikolari fuq il-qerda tal-faqar, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, il-ħolqien ta' impjiegi diċenti, l-opportunitajiet ekonomiċi, il-ħiliet u l-intraprenditorija, is-setturi soċjoekonomiċi, l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, kif ukoll jindirizza l-kawżi fundamentali soċjoekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari, skont id-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva rilevanti. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u lill-pajjiżi fqar b'ħafna dejn.

Emenda

L-għan tal-EFSD+ bħala pakkett finanzjarju integrat, li jipprovdi kapaċità finanzjarja ***fil-forma ta' għotjiet, garanziji u strumenti finanzjarji oħra kif stabbilit*** fl-Artikolu 23(1), għandu jkun li jappoġġa l-investimenti u jżid l-aċċess għall-finanzjament, ***filwaqt li jimmassimizza l-addizzjonalità, jipprovdi prodotti innovattivi u jiġbor fondi mis-settur privat***, bil-għan li jrawwem żvilupp ekonomiku, ***ambjentali*** u soċjali sostenibbli, ***l-industrijalizzazzjoni u ambjent ta' investment stabbli*** u inklużiv, ***sabiex*** jippromwovi r-reżiljenza soċjoekonomika ***u ambjentali*** fil-pajjiżi sħab b'enfasi partikolari fuq il-qerda tal-faqar, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, ***l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, il-ħarsien u l-ġestjoni tal-ambjent***, il-ħolqien ta' impjiegi diċenti ***f'konformità mal-istandards rilevanti tal-ILO, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli, inklużi n-nisa u ż-żgħażaġh***, l-opportunitajiet ekonomiċi, il-ħiliet u l-

intraprenditorija, is-setturi soċjoekonomiċi, *b'enfasi fuq l-intrapriżi u l-kooperattivi soċjali fid-dawl tal-potenzjal tagħhom li jnaqqsu l-faqar, l-inugwaljanzi, u jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u l-għajxien, jappoġġaw l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, kif ukoll jindirizza l-kawżi fundamentali soċjoekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, u jikkontribwixxi għar-riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti li jirritornaw fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, skont id-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva rilevanti. 45 % tal-finanzjament għandu jiġi allokat għal investimenti li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-klima, il-ġestjoni u l-protezzjoni ambjentali, il-bijodiversità u l-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, li minnhom 30 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv għandu jkun iddedikat għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament.* Għandha tingħata attenzjoni speċjali, *u appoġġ addizzjonali għall-bini tal-kapaċità istituzzjonali, governanza ekonomika, u assistenza teknika, lill-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u lill-pajjiżi fqar b'ħafna dejn. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tintuża flimkien mal-investment tal-gvern fis-servizzi pubbliċi essenzjali, li jibqgħu responsabbiltà tal-gvern.*

Emenda 235

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Bil-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, l-Unjoni tista' tiggarantixxi operazzjonijiet, iffirmati bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027, sa EUR 60 000 000 000.

Emenda

3. Bil-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, l-Unjoni tista' tiggarantixxi operazzjonijiet, iffirmati bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027, sa EUR 60 000 000 000. ***Dak il-limitu għandu jiġi rivedut fil-kuntest tar-rapport***

Emenda 236

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

4. Ir-rata ta' proviżjonament għandha tvarja bejn 9 % u 50 % skont it-tip ta' operazzjonijiet.

Emenda

4. Ir-rata ta' proviżjonament għandha tvarja bejn 9 % u 50 % skont it-tip ta' operazzjonijiet. ***Ammont massimu ta' EUR 10 biljun għandu jiġi pprovdut mill-baġit tal-Unjoni permezz ta' linja baġitarja speċifika fil-qafas tal-proċedura tal-baġit annwali jew permezz ta' trasferiment baġitarju. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34 biex jiġi emendat dan l-ammont massimu jekk ikun meħtieġ.***

Emenda 237

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rati ta' proviżjonament għandha tkun rieżaminata kull ***tliet snin mid-data*** tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament stabbilita fl-Artikolu 40. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34 biex tissupplimenta jew temenda dawn ir-rati.

Emenda

Ir-rati ta' proviżjonament għandhom ikunu rieżaminati kull ***sentejn mill-bidu tad-data*** tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament stabbilita fl-Artikolu 40. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34 biex tissupplimenta jew temenda dawn ir-rati, ***u l-ammonti finanzjarji involuti.***

Emenda 238

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-EFSD+ u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jistgħu jappoġġaw operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment f'pajjiżi sħab fiż-żoni ġeografiċi msemija fl-Artikolu 4(2). Il-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-programmi ġeografiċi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 6(2)(a) u għandu jiġi ttrasferit fil-fond komuni ta' proviżjonament. L-EFSD+ u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jistgħu wkoll jappoġġaw operazzjonijiet f'benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament IPA III. Il-finanzjament għal dawn l-operazzjonijiet taħt l-EFSD+ u għall-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi ffinanzjat mir-Regolament IPA. Il-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għal self lil pajjiżi terzi msemija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament EINS għandu jiġi ffinanzjat mir-Regolament EINS.

Emenda

6. L-EFSD+ u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jistgħu jappoġġaw operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment f'pajjiżi sħab fiż-żoni ġeografiċi msemija fl-Artikolu 4(2). Il-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-programmi ġeografiċi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 6(2)(a) u għandu jiġi ttrasferit fil-fond komuni ta' proviżjonament. ***Id-distribuzzjoni ġeografika tal-operazzjonijiet tal-EFSD+ għandha, sal-punt massimu possibbli, tirrifletti wkoll il-piż relattiv tal-allokazzjonijiet finanzjarji għar-reġjuni differenti kif deskritt fil-punt (a) tal-Artikolu 6(2).*** L-EFSD+ u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jistgħu wkoll jappoġġaw operazzjonijiet f'benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament IPA III. Il-finanzjament għal dawn l-operazzjonijiet taħt l-EFSD+ u għall-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi ffinanzjat mir-Regolament IPA. Il-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għal self lil pajjiżi terzi msemija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament EINS għandu jiġi ffinanzjat mir-Regolament EINS.

Emenda 239

Proposta għal regolament Artikolu 26a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 26a

Għanijiet għall-EFSD+

1. L-operazzjonijiet tal-EFSD+ eliġibbli għall-appoġġ mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom jikkontribwixxu għall-oqsma ta' prijorità li ġejjin:

(a) l-ġhoti ta' finanzjament u ta' appoġġ lill-iżvilupp tas-setturi tal-intrapriżi privati, kooperattivi u soċjali biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu b'enfasi partikolari fuq il-qerda tal-faqar u, fejn xieraq, il-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament UE.../... [IPA III];

(b) jiġu indirizzati l-ostakli għall-investimenti privati, b'mod partikolari billi tiġi żgurata s-sigurtà legali tal-investimenti;

(c) l-ingranaġġ tal-finanzjament tas-settur privat, b'enfasi partikolari fuq l-intrapriżi mikro, żgħar u medji;

(d) it-tisħiħ tas-setturi u l-oqsma soċjoekonomiċi u l-infrastruttura pubblika u privata relatata u l-konnettività sostenibbli u l-produzzjoni sostenibbli, bil-għan li jiġi promoss żvilupp soċjoekonomiku inklużiv u sostenibbli li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent;

(e) il-kontribut għall-azzjoni klimatika u l-ħarsien u l-ġestjoni tal-ambjent;

(f) il-kontribut, permezz tal-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli, biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali speċifiċi tal-migrazzjoni u l-ispostament furzat, inkluża l-migrazzjoni irregolari, u l-kontribut għall-migrazzjoni u mobbiltà sikura, ordnata u regolari.

Emenda 240

**Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment eliġibbli għall-appoġġ permezz tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom ikunu konsistenti u allinjati mal-politiki tal-Unjoni, kif ukoll mal-istrateġiji u l-politiki tal-pajjiżi sħab. B'mod partikolari huma għandhom jappoġġaw l-għanijiet, il-prinċipji ġenerali u l-qafas ta' politika ta' dan ir-Regolament u d-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva rilevanti, bil-konsiderazzjoni dovuta għall-oqsma ta' prijetà stabbiliti fl-Anness V.

Emenda

1. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment eliġibbli għall-appoġġ permezz tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom ikunu konsistenti u allinjati mal-politiki tal-Unjoni, ***b'mod partikolari l-politika tagħha ta' żvilupp u l-Politika Ewropea tal-Viċinat***, kif ukoll mal-istrateġiji u l-politiki tal-pajjiżi sħab ***u jindirizzaw il-fallimenti tas-suq lokali jew l-operazzjonijiet ta' investiment subottimali u mingħajr ma jikkompetu b'mod inġust mal-atturi ekonomiċi lokali***. B'mod partikolari huma għandhom jappoġġaw l-għanijiet, il-prinċipji ġenerali u l-qafas ta' politika ta' dan ir-Regolament u d-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva rilevanti, bil-konsiderazzjoni dovuta għall-oqsma ta' prijetà stabbiliti ***fl-Artikolu 26a u deskritti b'mod ulterjuri*** fl-Anness V.

Emenda 241

**Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-għoti tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandu jkun soġġett għall-konklużjoni tal-ftehimiet rispettivi ta' garanzija tal-EFSD bejn il-Kummissjoni f'isem l-Unjoni u l-kontroparti eliġibbli.

Emenda 242

**Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn (a) sa (c) tal-Artikolu 209(2) tar-Regolament Finanzjarju u li:

Emenda

2. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment ***li jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. L-operazzjonijiet għandhom ikunu wkoll*** konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn (a) sa (c) tal-Artikolu 209(2) tar-Regolament Finanzjarju u li:

Emenda 243

**Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt -aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-aa) jipprovdu addizzjonalità finanzjarja u tal-iżvilupp;

Emenda 244

**Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt -ab (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-ab) jgħaddu minn valutazzjoni tal-impatt ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u tax-xogħol ex ante parteċipatorja li tkun disponibbli pubblikament, li tidentifika u tindirizza r-riskji f'dawk l-oqsma u tqis kif dovut il-prinċipju ta' kunsens b'xejn u infurmat minn qabel (FPIC) ta' komunitajiet affettwati f'investimenti relatati mal-art;

Emenda 245

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ikunu teknikament vijabbli u sostenibbli minn perspettiva **soċjali** u ambjentali.

Emenda

(c) ikunu teknikament vijabbli u sostenibbli minn perspettiva **soċjoekonomika** u ambjentali.

Emenda 246

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) jimmiraw lejn is-setturi u l-kwistjonijiet fejn hemm fallimenti tas-suq jew istituzzjonali ċari li jxekklu l-finanzjament tas-settur privat;

Emenda 247

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) ikunu strutturati b'tali mod li jikkontribwixxu għall-ikkatalizzar tal-iżvilupp tas-suq u għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tas-settur privat lejn id-diskrepanzi fl-investment;

Emenda 248

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) jiffokaw fuq proġetti li jinvolvu riskji akbar minn dawk li s-selliefa privati huma lesti li jieħdu fuq bażi kummerċjali biss;

Emenda 249

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cd) ma jfixklux is-swieq fil-pajjiżi u r-reġjuni sħab.

Emenda 250

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt ce (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ce) jimmassimizzaw, fejn ikun possibbli, il-mobilizzazzjoni tal-kapital tas-settur privat lokali;

Emenda 251

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt cf (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cf) jirrispettaw il-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp kif stabbilit fis-Sħubija ta'

Busan għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp u affermata mill-ġdid f'Nairobi fl-2016, inkluż is-sjeda, l-allinjament, il-fokus fuq ir-riżultati, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont reċiproku, kif ukoll l-għan ta' għajjnuna mhux marbuta;

Emenda 252

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt cg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cg) ikunu mfassla biex jissodisfaw il-kriterji għall-ODA stabbiliti mill-OECD-DAC, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet tal-iżvilupp tas-settur privat, ħlief l-operazzjonijiet fil-pajjiżi industrijalizzati mhux eliġibbli għall-ODA;

Emenda 253

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt ch (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ch) jiġu applikati b'rispett sħiħ għal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll għal linji gwida, prinċipji u konvenzjonijiet internazzjonali maqbula, inklużi l-Prinċipji għall-Investment Responsabbli, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, il-Prinċipji tal-Investment Responsabbli fl-Agricoltura u s-Sistemi tal-Ikel (FAO) tan-NU, u l-konvenzjonijiet u l-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta'

Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Prinċipji Gwida ta' Maastricht dwar l-Obbligi Extraterritorjali tal-Membri fil-Qasam tad-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti fil-Kuntest tas-Sigurtà Alimentari Nazzjonali;

Emenda 254

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-kontropartijiet eliġibbli għall-finijiet tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom ikunu dawk identifikati fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi dawk minn pajjiżi terzi li jikkontribwixxu għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, u b'deroga mill-Artikolu 62(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju, korpi rregolati mid-dritt privata ta' Stat Membru jew pajjiż terz li kkontribwixxa għall-Garanzija għall-Azzjoni ***Esterna*** skont l-Artikolu 28, u li jipprovdu assigurazzjoni adegwata tal-kapaċità finanzjarja tagħhom għandhom ikunu eliġibbli għall-fini tal-Garanzija.

Emenda

4. Il-kontropartijiet eliġibbli għall-finijiet tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom ikunu dawk identifikati fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi dawk minn pajjiżi terzi li jikkontribwixxu għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament ***u l-opinjoni tal-bord strateġiku***. Barra minn hekk, u b'deroga mill-Artikolu 62(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju, korpi rregolati mid-dritt privata ta' Stat Membru jew pajjiż terz li kkontribwixxa għall-Garanzija għall-Azzjoni ***Esterna*** skont l-Artikolu 28, u li jipprovdu assigurazzjoni adegwata tal-kapaċità finanzjarja tagħhom għandhom ikunu eliġibbli għall-fini tal-Garanzija.

Emenda 255

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 4a (ġdid)

4a. Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment għandu, inter alia:

a) jipparteċipa, flimkien ma' istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej oħra, fil-ġestjoni tar-riskju tal-EFSD+, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-ħtieġa li jiġi evitat kunflitt ta' interess possibbli;

b) jimplimenta esklussivament parti minn tieqa ta' investment li tkopri s-self sovrani li għandu jiġi fornuta b'mill-inqas EUR 1 000 000 000 mill-pakketti finanzjarji tal-programmi ġeografiċi, skont il-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu 1 u 3 ta' dan it-titolu;

c) ikun kontroparti eliġibbli tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni taħt twieqi oħrajn ta' investment.

Emenda 256

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jikkonformaw mar-regoli u l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 62(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju. Fil-każ ta' korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew pajjiż terz li jkun ikkontribwixxa għall-Garanzija għall-Azzjoni **Esterzna** skont l-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, għandha tingħata preferenza lil daww il-korpi li jiżvelaw informazzjoni relatata mal-kriterji ambjentali, soċjali u tal-governanza korporattiva.

Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jikkonformaw mar-regoli u l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 62(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju. Fil-każ ta' korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew pajjiż terz li jkun ikkontribwixxa għall-Garanzija għall-Azzjoni **Esterzna** skont l-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, għandha tingħata preferenza lil daww il-korpi li jiżvelaw informazzjoni relatata mal-kriterji ambjentali, soċjali, **ta' tassazzjoni** u tal-governanza korporattiva.

Emenda 257

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tiżgura trattament ekwu għall-kontropartijiet eliġibbli kollha u għandha tiżgura li l-kunflitti ta' interess jiġu evitati matul il-perjodu kollu ta' ***implimentazzjoni*** tal-EFSD+. Sabiex tiżgura l-komplementarjetà, il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti mill-kontropartijiet eliġibbli dwar l-operazzjonijiet tagħhom li mhumiex tal-EFSD+.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiżgura trattament ekwu ***u aċċess ugwali għall-finanzjament*** għall-kontropartijiet eliġibbli kollha u għandha tiżgura li l-kunflitti ta' interess jiġu evitati matul il-perjodu kollu ta' ***applikazzjoni*** tal-EFSD+. Sabiex tiżgura l-komplementarjetà, il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti mill-kontropartijiet eliġibbli dwar l-operazzjonijiet tagħhom li mhumiex tal-EFSD+.

Emenda 258

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jistieden lill-kontropartijiet eliġibbli, OSĊ u komunitajiet lokali għal skambju ta' fehmiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti b'dan ir-Regolament.

Emenda 259

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 6 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) il-prinċipji ta' proċeduri ta' sejħa għall-offerti miftuħa u ġusti.

Emenda 260

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi twieqi ta' investiment għal reġjuni, pajjiżi sħab speċifiċi, jew it-tnejn li huma, għal setturi speċifiċi, jew għal proġetti speċifiċi, kategoriji speċifiċi ta' benefiċjarji finali, jew it-tnejn li huma, li se jiġu ffinanzjati minn dan ir-Regolament li se jiġu koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna sa ammont fiss. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif it-twieqi ta' investiment ikkonformaw ma' dan l-Artikolu u l-prijoritajiet ta' finanzjament dettaljati tagħhom. It-talbiet kollha għal appoġġ finanzjarju fit-twieqi ta' investiment għandhom isiru lill-Kummissjoni.

imħassar

L-għażla tat-twieqi ta' investiment għandha tkun debitament ġustifikata b'analiżi tal-falliment tas-suq jew tas-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Din l-analiżi għandha titwettaq mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-kontropartijiet u l-partijiet ikkonċernati potenzjalment eliġibbli.

Il-kontropartijiet eliġibbli jistgħu jipprovdu l-istrumenti msemmija fil-paragrafu 3 taħt tieqa ta' investiment jew proġett individwali amministrat minn kontroparti eliġibbli. L-istrumenti jistgħu jiġu pprovduti għall-benefiċċju ta' pajjiżi sħab, inklużi pajjiżi fraġli jew affettwati minn konflitt jew pajjiżi li qed jiffaċċjaw sfidi fir-rikostruzzjoni u fl-irkupru wara konflitt, għall-benefiċċju ta' dawk l-istituzzjonijiet tal-pajjiżi sħab, inklużi l-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji lokali privati u nazzjonali pubbliċi tagħhom, kif ukoll għall-benefiċċju tal-entitajiet fis-

Emenda 261

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-operazzjonijiet appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna fid-dawl tal-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fil-paragrafi 2 u 3, u meta jkun possibbli tibbaża ruħha fuq is-sistemi eżistenti għall-kejl tar-riżultati tal-kontropartijiet eliġibbli. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultat tal-valutazzjoni tagħha għal kull tieqa ta' investiment fuq bażi annwali.

Emenda

8. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-operazzjonijiet appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna fid-dawl tal-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fil-paragrafi 2 u 3. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi bħala gwida għall-għażla tal-proġetti. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jimlew it-tabella ta' valutazzjoni għall-operazzjonijiet kollha taħt l-EFSD+. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-operazzjonijiet kollha appoġġati mill-Garanzija kontra l-kriterji ta' eliġibbiltà elenkati fl-Artikolu 27 u għandha tuża t-tabella ta' valutazzjoni biex twettaq kontroll tal-kwalità indipendenti fuq id-diliġenza dovuta u l-valutazzjoni mwettqa mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni fil-livell tal-proġett. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha titlob kjarifika u modifiki għas-sħab ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika t-tabella ta' valutazzjoni għall-proġetti kollha wara l-approvazzjoni għall-użu tal-garanzija mill-Kummissjoni u s-sħab ta' implimentazzjoni, u r-riżultat tal-għodod ta' garanzija u l-proġetti individwali kollha taħt il-valutazzjoni tagħha għal kull tieqa ta' investiment fuq bażi annwali.***

Emenda 262

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 9

9. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 34 biex tissupplimenta jew temenda l-oqsma ta' prijorità fl-Anness V **u l-governanza tal-EFSD+ fl-Anness VI.**

9. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 34 biex tissupplimenta jew temenda l-oqsma ta' prijorità **u t-twieqi ta' investiment indikati** fl-Anness V. **Meta tissupplimenta jew temenda twieqi ta' investiment għal reġjuni speċifiċi, pajjiżi sħab speċifiċi, jew it-tnejn li huma, għal setturi speċifiċi, jew għal proġetti speċifiċi, kategoriji speċifiċi ta' benefiċjarji finali, jew it-tnejn li huma, li se jiġu ffinanzjati minn dan ir-Regolament li se jiġu koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna sa ammont fiss, il-Kummissjoni għandha tieħu kont dovut tal-parir ipprovdut mill-bord strateġiku, u tikkonsulta l-bordijiet operattivi.**

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif it-twieqi ta' investiment jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26a u dan l-Artikolu u l-prijoritajiet ta' finanzjament iddettaljati tagħhom. It-talbiet kollha għal appoġġ finanzjarju fit-twieqi ta' investiment għandhom isiru lill-Kummissjoni.

L-għażla tat-twieqi ta' investiment għandha tkun debitament ġustifikata b'analiżi tal-falliment tas-suq jew tas-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Din l-analiżi għandha titwettaq mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-kontropartijiet u l-partijiet ikkonċernati potenzjalment eliġibbli.

Il-kontropartijiet eliġibbli jistgħu jipprovdu l-istrumenti msemmija fil-paragrafu 3 taħt tieqa ta' investiment jew proġett individwali amministrat minn kontroparti eliġibbli. L-istrumenti jistgħu jiġu pprovduti għall-benefiċċju ta' pajjiżi sħab, inklużi pajjiżi fraġli jew affettwati minn kunflitt jew pajjiżi li qed jiffaċċjaw sfidi fir-rikostruzzjoni u fl-irkupru wara kunflitt, għall-benefiċċju ta' dawk l-

istituzzjonijiet tal-pajjiżi sħab, inklużi l-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji lokali privati u nazzjonali pubbliċi tagħhom, kif ukoll għall-benefiċċju tal-entitajiet fis-settur privat ta' daww il-pajjiżi sħab. F'pajjiżi fraġli u affettwati minn kunflitt, u f'pajjiżi oħra, fejn ikun ġustifikat, jista' jingħata appoġġ lill-investimenti tas-settur pubbliku li jkollhom effetti rilevanti fuq l-iżvilupp tas-settur privat.

Emenda 263

Proposta għal regolament Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 27a

Struttura u governanza tal-EFSD+

1. L-EFSD+ għandu jkun magħmul minn pjattaformi ta' investiment reġjonali stabbiliti fuq il-bażi tal-metodi ta' ħidma, il-proċeduri u l-istrutturi tal-faċilitajiet esterni ta' taħlit eżistenti tal-Unjoni, li jistgħu jikkombinaw l-operazzjonijiet ta' taħlit tagħhom u l-operazzjonijiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna taħt l-EFSD+.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni ġenerali tal-EFSD+ u tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. Lil hinn minn dan, il-Kummissjoni ma għandhiex tfittex li twettaq operazzjonijiet bankarji ġenerali. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew b'mod regolari biex tiżgura l-ogħla standards ta' trasparenza u r-rendikont finanzjarju.

3. Fil-ġestjoni tal-EFSD+, il-Kummissjoni għandha tingħata pariri minn bord strateġiku, ħlief fil-każ tal-operazzjonijiet li jkopru l-politika tat-Tkabbir tal-Unjoni u ffinanzjati mill-[IPA III], fejn il-Kummissjoni għandha

tingħata pariri minn bord strateġiku tal-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent (WBIF). Il-Kummissjoni għandha taħdem ukoll f'kooperazzjoni mill-qrib mal-kontropartijiet eliġibbli kollha fir-rigward tal-immaniġġjar operazzjonali tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. Għal dak il-għan, għandu jiġi stabbilit grupp ta' ħidma tekniku, magħmul minn esperti mill-Kummissjoni u minn kontropartijiet eliġibbli, sabiex jivvaluta r-riskju u l-ipprezzar relatat.

4. Il-bord strateġiku għandu jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-orjentament strateġiku u l-prijoritajiet ta' investimenti tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna taħt l-EFSD+ u jikkontribwixxi għall-allinjament tagħhom mal-prinċipji gwida u l-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, tal-politika tal-iżvilupp, tal-politika Ewropea tal-Viċinat, kif ukoll mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 u mal-iskop tal-EFSD+ kif stabbilit fl-Artikolu 26. Dan għandu wkoll jappoġġa lill-Kummissjoni meta tistabbilixxi l-miri kumplessivi tal-investiment fir-rigward tal-użu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna f'appoġġ għall-operazzjonijiet tal-EFSD+ u timmonitorja kopertura ġeografika u tematika xierqa u diversifikata għat-twieqi ta' investiment, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi fqar b'ħafna dejn.

5. Il-bord strateġiku għandu jappoġġa wkoll il-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza ġenerali bejn il-pjattaformi ta' investiment reġjonali, bejn it-tliet pilastri tal-Pjan ta' Investiment Ewropew, bejn il-Pjan ta' Investiment Ewropew u l-isforzi l-oħra tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, kif ukoll ma' programmi oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament, strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni u Fondi Fiduċjarji oħra.

6. Il-bord strateġiku għandu jkun

magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli, tal-Istati Membri kollha u tal-Bank Ewropew tal-Investment. Il-Parlament Ewropew għandu jkollu status ta' osservatur. Il-kontributuri, il-kontropartijiet eliġibbli, il-pajjiżi sħab, l-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti u partijiet ikkonċernati oħra, jistgħu jingħataw status ta' osservaturi, meta jkun xieraq. Il-bord strateġiku għandu jiġi kkonsultat qabel l-inklużjoni ta' kwalunkwe osservatur ġdid. Il-bord strateġiku għandu jkun kopresedut mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli.

7. Il-bord strateġiku għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena u, meta jkun possibbli, jadotta opinjonijiet b'kunsens. Laqgħat addizzjonali jistgħu jiġu organizzati fi kwalunkwe ħin mill-president jew fuq it-talba ta' terz tal-membri tiegħu. F'każ li ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, għandhom japplikaw id-drittijiet tal-vot kif maqbula matul l-ewwel laqgħa tal-bord strateġiku u stipulati fir-regoli ta' proċedura tiegħu. Dawk id-drittijiet tal-vot għandhom iqisu b'mod xieraq is-sors tal-finanzjament. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu l-qafas rigward ir-rwol tal-osservaturi. Il-minuti u l-aġendi tal-laqgħat tal-bord strateġiku għandhom, wara li jiġu adottati, isiru pubbliċi.

8. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-bord strateġiku dwar il-progress li jkun sar fir-rigward tal-applikazzjoni tal-EFSD+. Il-bord strateġiku tad-WBIF għandu jipprovdi l-progress magħmul fl-applikazzjoni tal-istrument ta' garanzija għar-reġjun tat-Tkabbir biex jikkomplementa dan ir-rapportar. Il-bord strateġiku għandu jorganizza regolament konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-orjentazzjoni strateġika u l-implimentazzjoni tal-EFSD+.

9. L-eżistenza taż-żewġ bordijiet strateġiċi ma jkollhiex influwenza fuq il-ħtieġa li jkun hemm qafas ta' ġestjoni tar-

riskji wieħed, unifikat għall-EFSD+.

10. Waqt il-perjodu tal-applikazzjoni tal-EFSD+, il-bord strateġiku għandu jadotta u jippubblika, mill-aktar fis possibbli, linji gwida li jistabbilixxu kif għandha tiġi żgurata l-konformità tal-operazzjonijiet tal-EFSD+ mal-għanijiet u l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikoli 26a u 27.

11. Fil-gwida strateġika tiegħu, il-bord strateġiku għandu jqis b'mod xieraq ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u d-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti.

12. Il-bordijiet operazzjonali tal-pjattaformi ta' investiment reġjonali għandhom jappoġġaw lill-Kummissjoni fil-livell tal-applikazzjoni fid-definizzjoni tal-għanijiet ta' investiment reġjonali u settorjali, u tat-twieqi ta' investiment reġjonali, settorjali u tematiċi u għandhom jiformulaw opinjonijiet dwar operazzjonijiet ta' taħlit u dwar l-użu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna li tkopri l-operazzjonijiet tal-EFSD+.

Emenda 264

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kontribuzzjoni minn pajjiżi terzi għajr il-partijiet **kontreanti** taż-Żona Ekonomika Ewropea u minn terzi persuni oħra għandha tkun fil-forma ta' flus u tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

Emenda

Il-kontribuzzjoni minn pajjiżi terzi għajr il-partijiet **kontraenti** taż-Żona Ekonomika Ewropea u minn terzi persuni oħra għandha tkun fil-forma ta' flus u tkun soġġetta **għall-opinjoni tal-Bord Strateġiku u** għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

Emenda 265

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'talba tal-Istati Membri, il-kontribuzzjonijiet tagħhom jistgħu jiġu allokat i għall-bidu ta' azzjonijiet f'reġjuni, pajjiżi, setturi jew twieqi ta' investiment eżistenti speċifiċi.

imħassar

Emenda 266

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kwalunkwe kontribuzzjoni tista' tintuża biex tkopri sejħiet ta' garanzija, irrISPettivament mill-allokazzjoni.

Kwalunkwe kontribuzzjoni tista' tintuża biex tkopri sejħiet ta' garanzija.

Emenda 267

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna

Applikazzjoni tal-ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna

Emenda 268

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkonkludi ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna mal-kontropartijiet eliġibbli magħżula skont l-Artikolu 27. Il-ftehimiet jistgħu jiġu konklużi ma' konsorzju ta' żewġ kontropartijiet eliġibbli jew aktar.

Emenda

1. Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkonkludi ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna mal-kontropartijiet eliġibbli magħżula skont l-Artikolu 27. ***Dawk il-ftehimiet għandhom ikunu mingħajr kundizzjonijiet, irrevokabbli, fuq l-ewwel talba, u favur il-kontropartijiet magħżula.*** Il-ftehimiet jistgħu jiġu konklużi ma' konsorzju ta' żewġ kontropartijiet eliġibbli jew aktar.

Emenda 269

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-ftehimiet kollha ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom, ***wara talba***, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li jittieħed kont tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.

Emenda

Il-ftehimiet kollha ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li jittieħed kont tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.

Emenda 270

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) referenza għall-għanijiet u l-fini ta' dan ir-Regolament, valutazzjoni tal-ħtiġijiet u indikazzjoni tar-riżultati mistennija, b'kont meħud tal-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-imġiba responsabbli fin-negozju;

Emenda

(c) referenza għall-għanijiet u l-fini ta' dan ir-Regolament, valutazzjoni tal-ħtiġijiet u indikazzjoni tar-riżultati mistennija, b'kont meħud tal-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u ***l-ħtieġa li tiġi żgurata*** imġiba responsabbli fin-negozju, ***inkluż, b'mod partikolari,***

b'rispett għal-linji gwida, il-prinċipji u l-istrumenti legali miftiehma fuq livell internazzjonali msemmija fil-punt (ch) tal-Artikolu 27(2);

Emenda 271

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ir-remunerazzjoni tal-garanzija, li għandha tirrifletti l-livell ta' riskju, u l-possibbiltà li r-remunerazzjoni tiġi parzjalment issussidjata sabiex jingħataw termini aġevoli f'każijiet debitament ġustifikati;

Emenda

(d) ir-remunerazzjoni tal-garanzija, li għandha tirrifletti l-livell ta' riskju, u l-possibbiltà li r-remunerazzjoni tiġi parzjalment issussidjata sabiex jingħataw termini aġevoli f'każijiet debitament ġustifikati, *u b'mod partikolari pajjiżi li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi b'ħafna dejn;*

Emenda 272

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) l-obbligi ta' monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni;

Emenda

(g) l-obbligi ta' monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni *trasparenti*;

Emenda 273

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) proċeduri ta' lmenti ċari u aċċessibbli għal terzi persuni li jistgħu jiġu affettwati **mill-implimentazzjoni** ta' proġetti appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

(h) proċeduri ta' lmenti ċari u aċċessibbli għal terzi persuni li jistgħu jiġu affettwati **mill-applikazzjoni** ta' proġetti appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

Emenda 274

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-Kummissjoni, meta tikkonkludi ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna mal-kontropartijiet eliġibbli, għandha tieħu kont dovut ta':

(a) il-pariri u l-gwida tal-bordijiet operattivi strateġiċi u reġjonali;

(b) l-għanijiet tat-tieqa tal-investment;

(c) l-esperjenza u l-kapaċità operattiva, finanzjarja u ta' ġestjoni tar-riskji tal-kontroparti eliġibbli;

(d) l-ammont ta' riżorsi proprji, kif ukoll ta' kofinanzjament mis-settur privat, li l-kontroparti eliġibbli lesta timmobilizza għat-tieqa tal-investment.

Emenda 275

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 7**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Meta jintalbu, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom, jipprovdu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni

7. Meta jintalbu, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom, jipprovdu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni

meħtieġa sabiex jissodisfaw l-obbligi tal-Kummissjoni b'rabta ma' dan ir-Regolament.

meħtieġa sabiex jissodisfaw l-obbligi tal-Kummissjoni b'rabta ma' dan ir-Regolament, ***b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet mill-valutazzjoni tal-impatt ex ante fuq id-drittijiet tal-bniedem, soċjali, tax-xogħol u l-ambjent u kriterji tal-għażla oħrajn elenkati fl-Artikolu 27.***

Emenda 276

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji, l-assistenza finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 241 u 250 tar-Regolament Finanzjarju. Għal dik il-fini, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jipprovdu kull sena l-informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tikkonforma mal-obbligi tar-rapportar.

Emenda

8. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji, l-assistenza finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 241 u 250 tar-Regolament Finanzjarju. Għal dik il-fini, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jipprovdu kull sena l-informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tikkonforma mal-obbligi tar-rapportar. ***Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif stabbilit fl-Artikolu 31(6a).***

Emenda 277

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. Il-Kummissjoni jew il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jinnotifikaw immedjatament lill-OLAF meta, fi kwalunkwe stadju tat-tħejjija, tal-implimentazzjoni jew tal-għeluq tal-

operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti minn dan ir-Regolament, ikun hemm raġunijiet għala jissuspettaw li hemm frodi, korruzzjoni, ħasil ta' flus jew kwalunkwe attività illegali oħra li tista' taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Kummissjoni jew il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jipprovdu lill-OLAF bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq investigazzjoni sħiħa u bir-reqqa.

Emenda 278

Proposta għal regolament Artikolu 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 29a

Mekkaniżmu ta' tressiq ta' lmenti u rimedji

Fid-dawl tal-possibbiltà ta' lmenti ta' terzi persuni f'pajjiżi sħab, inkluż ta' komunitajiet u individwi affettwati minn proġetti appoġġati mill-EFSD+ u mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissjoni u d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom referenzi diretti għall-mekkaniżmi ta' lment tal-kontropartijiet rilevanti li kkonkludew ftehimiet mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi wkoll mekkaniżmu ċentralizzat tal-UE ta' tressiq ta' lmenti għall-proġetti kollha skont il-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament sabiex tipprovdi l-possibbiltà li tirċievi direttament ilmenti relatati mat-trattament ta' lmenti mill-kontropartijiet eliġibbli. Il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni dik l-informazzjoni fid-dawl ta' kooperazzjoni futura ma' dawk il-kontropartijiet.

Emenda 279

Proposta għal regolament Artikolu 29b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 29b

Attivitajiet esklużi u ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx

1. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna ma għandhiex tappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li:

(a) ikunu marbuta mas-settur tas-sigurtà militari jew tal-Istat.

(b) jappoġġaw l-iżvilupp tal-enerġija nukleari, ħlief is-self ipprovdut f'konformità mar-Regolament EINS, u l-karburanti fossili u jippromwovu aktar id-dipendenza mill-karbonju (carbon lock-in) tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet.

(c) ikollhom spejjeż esterni ambjentali sinifikanti, bħal dawk li jinvolve d-degradazzjoni ta' żoni protetti u s-siti ta' Habitats Kritiċi u ta' Wirt Kulturali li għalihom ma jitwettaq l-ebda pjan ta' żvilupp sostenibbli u ta' ġestjoni.

(d) jirriżultaw fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi sħab, bħal li l-komunitajiet jiġu mċaħħda mid-dritt tagħhom ta' aċċess u ta' kontroll tar-riżorsi naturali bħall-art, jikkontribwixxu għall-ispostament furzat tal-popolazzjonijiet, jew jinvolve xogħol furzat jew impjeg tat-tfal.

2. Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tagħhom, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jikkonformaw mad-dritt applikabbli tal-Unjoni u l-istandards li hemm qbil fuqhom fuq livell internazzjonali u tal-Unjoni u, għalhekk, m'għandhomx jappoġġaw proġetti taħt dan ir-Regolament li jikkontribwixxu għall-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, l-evitar tat-taxxa, il-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa. Barra minn

hekk, il-kontropartijiet eliġibbli ma għandhomx jidħlu f'operazzjonijiet ġodda jew imġedda mal-entitajiet inkorporati jew stabbiliti fil-ġurisdizzjonijiet elenkati taħt il-politika tal-Unjoni rilevanti dwar il-ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, jew li huma identifikati bħala pajjiżi terzi b'riskju kbir skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew li ma jikkonformawx b'mod effettiv mal-istandards tat-taxxa tal-Unjoni jew miftiehma fuq livell internazzjonali dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni. Il-kontropartijiet eliġibbli jistgħu jidderogaw minn dan il-prinċipju biss jekk il-proġett jiġi fiżikament implimentat f'wieħed minn dawn il-ġurisdizzjonijiet, u ma jkunx hemm indikazzjonijiet li l-operazzjoni taqa' taħt kwalunkwe waħda mill-kategoriji elenkati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Meta jikkonkludu ftehimiet ma' intermedjarji finanzjarji, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jittrasponu r-rekwiżiti msemmija f'dan l-Artikolu fil-ftehimiet rilevanti u għandhom jitolbu l-intermedjarji finanzjarji jirrapportaw fuq l-osservanza tagħhom.

3. Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tagħha, il-kontropartijiet eliġibbli għandha tapplika l-prinċipji u l-istandards stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u, b'mod partikolari, fir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fid-Direttiva (UE) 2015/849. Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jagħmlu kemm il-finanzjament dirett kif ukoll il-finanzjament permezz ta' intermedjarji skont dan ir-Regolament kontinġenti fuq l-iżvelar ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 u jippubblikaw data ta' rapportar pajjiż pajjiż f'konformità mal-Artikolu 89(1) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament

Emenda 280

**Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu -1 (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. L-ilħuq tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandu jitkejjel permezz ta' sistema ta' monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni adegwata, trasparenti u responsabbli, li tiżgura l-involviment xieraq tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll issaħħaħ il-parteċipazzjoni tas-sħab kollha tal-Unjoni, inkluża s-soċjetà ċivili, fl-applikazzjoni tal-programmi.

Emenda 281

**Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress skont dan ir-Regolament lejn il-kisba tal-għanijiet speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness VII, f'konformità mal-indikaturi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-valuri tal-indikaturi fl-1 ta' Jannar 2021 għandhom jintużaw bħala bażi għall-valutazzjoni tal-punt sa fejn inkunu ntlaħqu l-għanijiet.

1. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress skont dan ir-Regolament lejn il-kisba tal-għanijiet speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2) huma stabbiliti fl-Anness VII, f'konformità mal-indikaturi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-valuri tal-indikaturi fl-1 ta' Jannar 2021 għandhom jintużaw bħala bażi għall-valutazzjoni tal-punt sa fejn inkunu ntlaħqu l-għanijiet.

Emenda 282

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-azzjonijiet tagħha regolarment u tirrieżamina l-progress li jkun sar lejn il-kisba ta' riżultati mistennija u tkopri l-outputs u l-eżiti.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-azzjonijiet tagħha regolarment u tirrieżamina l-progress li jkun sar lejn il-kisba ***tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 3, kif ukoll*** ta' riżultati mistennija u tkopri l-outputs u l-eżiti.

Emenda 283

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-progress fir-rigward tar-riżultati mistennija għandu jiġi mmonitorjat fuq il-bażi ta' indikaturi ċari, trasparenti u, ***fejn ikun xieraq, miżurabbli***. L-għadd ta' indikaturi għandu jkun limitat biex jiffaċilita r-rapportar f'waqtu.

Emenda

Il-progress fir-rigward tar-riżultati mistennija għandu jiġi mmonitorjat abbażi ta' indikaturi ċari, trasparenti u ***li jistgħu jitkejlu stabbiliti fl-Anness VII u fil-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni adottat skont il-paragrafu 9, kif ukoll skont id-dispożizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni baġitarja tal-Unjoni***. L-għadd ta' indikaturi għandu jkun limitat biex jiffaċilita r-rapportar f'waqtu ***u, bħala minimu, għandhom jiġu diżaggregati skont is-sess u l-età***.

Emenda 284

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-oqfsa tar-riżultati konġunti inklużi

Emenda

L-oqfsa tar-riżultati konġunti inklużi

f'dokumenti ta' programmazzjoni konġunti li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 12(4) għandhom jipprovdu l-bażi għall-monitoraġġ konġunt mill-Unjoni u mill-Istati Membri ***tal-implimentazzjoni*** tal-appoġġ kollettiv tagħhom lil pajjiż sieħeb.

f'dokumenti ta' programmazzjoni konġunti li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 12(4) għandhom jipprovdu l-bażi għall-monitoraġġ konġunt mill-Unjoni u mill-Istati Membri ***tal-applikazzjoni*** tal-appoġġ kollettiv tagħhom lil pajjiż sieħeb.

Emenda 285

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ ***tal-implimentazzjoni*** u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni.

Emenda

Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ ***tal-applikazzjoni*** u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni.

Emenda 286

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress li jkun sar ***fl-implimentazzjoni*** ta' dan ir-Regolament. Mill-2022 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar il-kisba tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament permezz ta' indikaturi li jkejlu r-riżultati miksuba mir-Regolament u l-effiċjenza tiegħu. Dak ir-rapport għandu jiġi ppreżentat ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress li jkun sar ***fl-applikazzjoni*** ta' dan ir-Regolament. Mill-2022 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar il-kisba tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament permezz ta' indikaturi, ***li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, dawk stabbiliti fl-Anness VII kif ukoll l-eżekuzzjoni baġitarja tal-Unjoni***, li jkejlu r-riżultati miksuba mir-Regolament u l-effiċjenza tiegħu. Dak ir-rapport għandu

Kumitat tar-Reġjuni.

jiġi ppreżentat ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Emenda 287

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Ir-rapport annwali għandu jkollu informazzjoni relatata mas-sena ta' qabel dwar il-miżuri finanzjati, ir-riżultati tal-eżerċizzji tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni, l-involviment tas-sħab rilevanti, u ***l-implimentazzjoni*** tal-obbligi baġitarji u tal-appropriazzjonijiet ta' pagamenti, diżaggregati skont il-pajjiż, ir-reġjun u s-settur ta' kooperazzjoni. ***Ir-rapport*** għandu jivvaluta r-riżultati tal-finanzjament tal-Unjoni billi juża, ***sa fejn ikun possibbli***, indikaturi speċifiċi u ***miżurabbli*** tar-rwol tiegħu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament. Fil-każ tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ir-rapport għandu jivvaluta wkoll, ***fejn possibbli u rilevanti***, l-aderenza għal prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp, inkluż għal strumenti finanzjarji innovattivi.

Emenda

5. Ir-rapport annwali għandu jkollu informazzjoni relatata mas-sena ta' qabel dwar il-miżuri finanzjati, ir-riżultati tal-eżerċizzji tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni, l-involviment ***u l-livell ta' kooperazzjoni*** tas-sħab rilevanti, u ***l-applikazzjoni*** tal-obbligi baġitarji u tal-appropriazzjonijiet ta' pagamenti, diżaggregati skont il-pajjiż, ir-reġjun u s-settur ta' kooperazzjoni. ***Huwa*** għandu ***jinkludi valutazzjoni tal-progress li jkun sar lejn riżultati mistennija u dwar l-inkorporazzjoni ta' kwistjonijiet trasversali kif imsemmija fl-Artikolu 8(6).*** ***Huwa*** għandu jivvaluta r-riżultati tal-finanzjament tal-Unjoni billi juża indikaturi speċifiċi u ***li jistgħu jitkejlu*** tar-rwol tiegħu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament. Fil-każ tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ir-rapport għandu jivvaluta wkoll, l-aderenza għal prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp, inkluż għal strumenti finanzjarji innovattivi.

Emenda 288

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Ir-rapport annwali mħejji fl-2021

Emenda

6. Ir-rapport annwali mħejji fl-2021

għandu jinkludi informazzjoni konsolidata mir-rapporti annwali li jirrigwardaw il-perjodu mill-2014 sal-2020 dwar il-finanzjament kollu mir-Regolament imsemmija fl-Artikolu **40(2)**, inklużi dħul assenjat estern u l-kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji, u joffri diżaggregazzjoni tal-infiq skont il-pajjiż, l-użu tal-istrumenti finanzjarji, l-impenji u l-pagamenti. Ir-rapport għandu jirrifletti t-tagħlimiet ewlenin u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-eżerċizzji esterni ta' evalwazzjoni li jkunu saru fis-snin preċedenti.

għandu jinkludi informazzjoni konsolidata mir-rapporti annwali li jirrigwardaw il-perjodu mill-2014 sal-2020 dwar il-finanzjament kollu mir-Regolament imsemmija fl-Artikolu **39(2)**, inklużi dħul assenjat estern u l-kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji, u joffri diżaggregazzjoni tal-infiq skont il-pajjiż, l-użu tal-istrumenti finanzjarji, l-impenji u l-pagamenti. Ir-rapport għandu jirrifletti t-tagħlimiet ewlenin, u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-eżerċizzji esterni ta' evalwazzjoni li jkunu saru fis-snin preċedenti. ***Din għandha tinkludi valutazzjoni tal-livell tal-kapaċità tal-persunal fil-livell tal-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni għat-tweqqif tal-għanijiet kollha koperti minn dan ir-Regolament.***

Emenda 289

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta bħala parti mir-rapport annwali, rapport dettaljat dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, u l-funzjonament tal-EFSD+, il-ġestjoni tiegħu u l-kontribuzzjoni effettiva tiegħu għall-għanijiet tagħha. Dik il-parti tar-rapport annwali għandha tkun akkumpanjata minn opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri. Huwa għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) valutazzjoni tar-riżultati li jikkontribwixxu għall-iskop u l-għanijiet tal-EFSD+ kif stabbilit f'dan ir-Regolament;

(b) valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment attwali u koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni

Esterna fil-livelli settorjali, nazzjonali u reġjonali u l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament, inklużi l-miżuri ta' riskju u l-impatt tagħhom fuq l-istabbiltà finanzjarja u ekonomika tas-sħab;

(c) valutazzjoni tal-addizzjonalità u l-valur miżjud, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tas-settur privat, l-outputs stmati u reali u l-eżiti u l-impatt tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna fuq bażi aggregata, inkluż l-impatt fuq il-ħolqien ta' impjiegi diċenti u l-kapaċità li tipprovdli paga li tiggarrantixxi l-għajxien, il-qerda tal-faqar u t-tnaqqis fl-inugwaljanzi; dik il-valutazzjoni għandha tinkludi analiżi tal-ġeneru tal-operazzjonijiet koperti bbażata fuq evidenza u data diżaggregata skont is-sessi, fejn ikun possibbli, u analiżi tat-tip ta' settur privat appoġġat, inklużi kooperattivi u intrapriżi soċjali;

(d) valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna u tal-ilħuq ta' indikaturi ewlenin ta' prestazzjoni stabbiliti għal kull proposta ppreżentata;

(e) valutazzjoni tal-effett ta' ingranaġġ miksub mill-operazzjonijiet koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna u mill-EFSD+;

(f) l-ammont finanzjarju ttrasferit lill-benefiċjarji u valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment minn kull kontroparti eliġibbli fuq bażi aggregata;

(g) valutazzjoni tal-addizzjonalità u tal-valur miżjud tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tal-kontropartijiet eliġibbli, u tar-riskju aggregat assoċjat ma' dawk l-operazzjonijiet;

(h) informazzjoni ddettaljata dwar talbiet għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, telf, redditi, ammonti rkuprati u kwalunkwe pagament ieħor riċevut, kif ukoll esponiment għar-riskju ġenerali;

- (i) *ir-rapporti finanzjarji dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tal-kontropartijiet eliġibbli koperti b'dan ir-Regolament, awditjati minn awditur estern indipendenti;*
- (j) *valutazzjoni tas-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn l-operazzjonijiet koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna u t-tieni u t-tielet pilastru tal-PIE bbażati fuq rapporti eżistenti rilevanti, b'kont meħud, b'mod partikolari, tal-progress li jkun sar fil-qasam tal-governanza tajba, inklużi l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-flussi finanzjarji illeċiti, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, tal-istat tad-dritt u tal-politiki bl-aspett tal-ġeneru, kif ukoll tat-tisħiħ tal-intraprenditorija, tal-ambjent tan-negozju lokali u tas-swieq finanzjarji lokali;*
- (k) *valutazzjoni tal-konformità tal-operazzjonijiet tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna mal-prinċipji ta' effettività tal-iżvilupp miftiehma fuq livell internazzjonali;*
- (l) *valutazzjoni tar-remunerazzjoni tal-garanziji;*
- (m) *valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-attivitajiet esklużi u mal-ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx.*

Emenda 290

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Għandha ssir stima annwali tal-infiq kumplessiv relatat ***mal-azzjoni klimatika u l-bijodiversità*** fuq il-bażi tad-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva adottati. Il-finanzjament allokat taħt dan ir-Regolament għandu jkun soġġett għal sistema ta' traċċabbiltà annwali bbażata fuq

Emenda

7. Għandha ssir stima annwali tal-infiq kumplessiv relatat ***mal-miri stabbiliti minn dan ir-Regolament*** fuq il-bażi tad-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva adottati. Il-finanzjament allokat taħt dan ir-Regolament għandu jkun soġġett għal sistema ta' traċċabbiltà annwali bbażata fuq

il-metodoloġija tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, ("indikaturi ta' Rio"), mingħajr ma jkun eskluż l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi meta dawn ikunu disponibbli, integrati fil-metodoloġija eżistenti għal ġestjoni tal-prestazzjoni ta' programmi tal-Unjoni, biex tkun kwantifikata n-nefqa relatata mal-azzjoni klimatika **u** mal-bijodiversità fil-livell tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 19 u rreġistrata fl-evalwazzjonijiet u r-rapporti annwali.

il-metodoloġija tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi **inklużi l-**"indikaturi ta' Rio", mingħajr ma jkun eskluż l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi meta dawn ikunu disponibbli, integrati fil-metodoloġija eżistenti għal ġestjoni tal-prestazzjoni ta' programmi tal-Unjoni, biex tkun kwantifikata n-nefqa relatata mal-azzjoni klimatika, mal-bijodiversità, **u mal-ambjent, mal-iżvilupp uman u mal-inklużjoni soċjali, mal-ugwaljanza bejn is-sessi, u mal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp**, fil-livell tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 19 u rreġistrata fl-evalwazzjonijiet u r-rapporti annwali. **Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-istima lill-Parlament Ewropew bħala parti mir-rapport annwali.**

Emenda 291

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp permezz ta' standards internazzjonali rikonoxxuti.

Emenda

8. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp permezz ta' standards internazzjonali rikonoxxuti, **inklużi dawk tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u bl-użu tal-qafas għal standard komuni żviluppat mill-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna.**

Emenda 292

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. Biex tkun żgurata valutazzjoni effettiva tal-progress ta' dan ir-Regolament lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha ***tingħata s-setgħa*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34 biex temenda l-Anness VII biex tirrieżamina jew tikkomplementa l-indikaturi fejn jitqies meħtieġ u li tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ***għall-monitoriraġġ*** u l-evalwazzjoni.

Emenda

9. Biex tkun żgurata valutazzjoni effettiva tal-progress ta' dan ir-Regolament lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34 biex temenda l-Anness VII biex tirrieżamina jew tikkomplementa l-indikaturi fejn jitqies meħtieġ, ***inkluż fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-Terminu skont l-Artikolu 32***, u li tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ***għall-monitoraġġ*** u l-evalwazzjoni, ***li jista' jinkludi indikaturi tal-prestazzjoni addizzjonali għal kull wieħed mill-għanijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 293

**Proposta għal regolament
Artikolu 32 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Evalwazzjoni

Emenda

Evalwazzjoni ***u rieżami ta' nofs it-terminu***

Emenda 294

**Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Evalwazzjoni ***interim*** ta' dan ir-Regolament għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tiegħu, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-istrument.

Emenda

Mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-

31 ta' Diċembru 2023 u għandu jeżamina l-kontribut tal-Unjoni għall-ilħuq tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament, permezz ta' indikaturi li jkejlu r-riżultati miksuba u kwalunkwe sejba u konklużjoni dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament, inkluż tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus u tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

Emenda 295

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Parlament Ewropew jista' jipprovdi kontribut għal din l-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jorganizzaw konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-benefiċjarji, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex jiżguraw li dawk l-aktar emarġinati jkunu rappreżentati.

Emenda 296

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fejn **xieraq**, l-evalwazzjonijiet għandhom jużaw il-prinċipji ta' prattika tajba tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, li jfittxu li jaċċertaw jekk ikunux intlaħqu l-għanijiet u li jifformulaw rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb

Il-Kummissjoni għandha tevalwa wkoll l-impatt u l-effettività tal-azzjonijiet tagħha għal kull qasam ta' intervent u l-effettività tal-programmazzjoni, permezz ta' evalwazzjonijiet esterni. Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom iqisu l-proposti u l-fehmiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar evalwazzjonijiet esterni

li jittejbu l-azzjonijiet futuri.

indipendenti. Fejn applikabbli, l-evalwazzjonijiet għandhom jużaw il-prinċipji ta' prattika tajba tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, li jfittxu li jaċċertaw jekk ikunux intlaħqu l-għanijiet u li jifformulaw rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jittejbu l-azzjonijiet futuri. L-evalwazzjoni interim għandha tivvaluta l-prestazzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' miri stabbiliti minn dan ir-Regolament.

Emenda 297

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fi tmiem l-implimentazzjoni tar-Regolament, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettag evalwazzjoni finali tar-Regolament mill-Kummissjoni. Din l-evalwazzjoni għandha tħares lejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament u tqis l-indikaturi li jkejlu r-riżultati miksuba u kwalunkwe sejba u konklużjoni dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament.

Emenda

Ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandu jindirizza wkoll l-effiċjenza, il-valur miżjud, il-funzjonament tal-arkitettura ssimplifikata u struttura simplifikata tal-finanzjament estern, il-koerenza interna u esterna, u r-rilevanza kontinwa tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament, il-kumplimentarjetà u s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet iffinanzjati, il-kontribuzzjoni tal-miżuri għal azzjoni esterna konsistenti tal-Unjoni, u l-grad ta' kemm il-pubbliku fil-pajjiżi riċevituri huma konxji tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni, fejn xieraq, u jinkludu s-sejbiet tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 31(4).

Emenda 298

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-rapport tal-evalwazzjoni finali għandu jindirizza wkoll l-effiċjenza, il-valur miżjud, il-lok għal simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna, u r-rilevanza kontinwa tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

imħassar

Emenda 299

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-rapport tal-evalwazzjoni ***finali*** għandu jsir bil-għan speċifiku li titjeb ***l-implimentazzjoni*** tal-finanzjament tal-Unjoni. Huwa għandu jinforma d-deċiżjonijiet dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tat-tipi ta' azzjonijiet implimentati taħt ir-Regolament.

Ir-rapport tal-evalwazzjoni ***ta' nofs it-terminu*** għandu jsir bil-għan speċifiku li titjeb ***l-applikazzjoni*** tal-finanzjament tal-Unjoni. Huwa għandu jinforma d-deċiżjonijiet dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tat-tipi ta' azzjonijiet implimentati taħt ir-Regolament.

Emenda 300

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-rapport tal-evalwazzjoni ***finali*** għandu jinkludi ***ukoll*** informazzjoni kkonsolidata minn rapporti annwali rilevanti dwar il-finanzjament kollu regolat minn dan ir-Regolament, inkluż id-dħul u l-kontribuzzjonijiet assenjati esterni lill-fondi fiduċjarji u joffri diżaggregazzjoni tal-infiq mill-pajjiż benefiċjarju, l-użu tal-istrumenti finanzjarji, l-impenji u l-

Ir-rapport tal-evalwazzjoni ***ta' nofs it-terminu*** għandu jinkludi ***wkoll*** informazzjoni kkonsolidata minn rapporti annwali rilevanti dwar il-finanzjament kollu regolat minn dan ir-Regolament, inkluż id-dħul u l-kontribuzzjonijiet assenjati esterni lill-fondi fiduċjarji u joffri diżaggregazzjoni tal-infiq mill-pajjiż benefiċjarju, l-użu tal-istrumenti finanzjarji, l-impenji u l-pagamenti, ***kif***

pagamenti.

ukoll skont programmi ġeografiċi u tematiċi u azzjoni ta' rispons rapidu, inklużi fondi mobilizzati mir-riżerva tal-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti.

Emenda 301

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet flimkien mal-kummenti tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri ***permezz tal-kumitat rilevanti msemmi fl-Artikolu 35. L-evalwazzjonijiet speċifiċi jistgħu jiġu diskussi f'dak il-kumitat fuq talba tal-Istati Membri.*** Ir-riżultati għandhom jintużaw fit-tfassil tal-programmi u fl-allokazzjoni tar-riżorsi.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet flimkien mal-kummenti tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri. Ir-riżultati għandhom jintużaw fit-tfassil tal-programmi u fl-allokazzjoni tar-riżorsi.

Emenda 302

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha, ***sa punt xieraq***, tassoċja lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-proċess tal-evalwazzjoni tal-finanzjament mill-Unjoni previst f'dan ir-Regolament, u tista', fejn ikun xieraq, tfittex li twettaq evalwazzjonijiet konġunti mal-Istati Membri u s-sħab fl-iżvilupp bl-involvement mill-qrib tal-pajjiżi sħab.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tassoċja lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha ***u benefiċjarji, inklużi OĠĠ***, fil-proċess tal-evalwazzjoni tal-finanzjament mill-Unjoni previst f'dan ir-Regolament, u tista', fejn ikun xieraq, tfittex li twettaq evalwazzjonijiet konġunti mal-Istati Membri u s-sħab fl-iżvilupp bl-involvement mill-qrib tal-pajjiżi sħab.

Emenda 303

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu msemmi fil-paragrafu 2 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, minn proposti leġiżlattivi li jistabbilixxu l-emendi meħtieġa għal dan ir-Regolament.

Emenda 304

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Fi tmiem il-perjodu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, iżda mhux aktar tard minn tliet snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tar-Regolament dwar l-istess termini bħall-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 305

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. F'każijiet debitament ġustifikati u meta l-azzjoni **għall-implimentazzjoni** tkun

1. F'każijiet debitament ġustifikati u meta l-azzjoni **għall-applikazzjoni** tkun ta'

ta' natura dinjija, transreġjonali jew reġjonali, il-Kummissjoni *tista' tiddeċiedi, fil-programmi indikattivi pluriennali rilevanti jew fil-pjanijiet ta' azzjoni jew il-miżuri rilevanti, li testendi l-ambitu tal-azzjonijiet għal pajjiżi* u territorji mhux koperti minn dan ir-Regolament skont l-Artikolu 4 *sabiex tassigura l-koerenza u l-effettività tal-finanzjament tal-Unjoni jew biex tippromwovi l-kooperazzjoni reġjonali jew transreġjonali.*

natura dinjija, transreġjonali jew reġjonali, il-Kummissjoni *għandha tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 34 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi żżid il-pajjiżi u t-territorji* koperti minn dan ir-Regolament skont l-Artikolu 4 *għall-finijiet ta' dawk l-azzjonijiet.*

Emenda 306

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni tista' tinkludi allokazżjoni finanzjarja speċifika sabiex tassisti pajjiżi u reġjuni sħab isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom ma' reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni ġirien tagħhom u ma' pajjiżi u territorji extra-Ewropej koperti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Deċiżjoni dwar il-PTEE. Għal dan il-għan, dan ir-Regolament jista' jikkontribwixxi, fejn ikun xieraq u fuq il-bażi ta' reċiproċità u proporzjonalità fir-rigward tal-livell ta' finanzjament mid-Deċiżjoni dwar il-PTEE u / jew ir-Regolament ETC, għal azzjonijiet implimentati minn pajjiż jew reġjun sieħeb jew kwalunkwe entità oħra taħt dan ir-Regolament, minn pajjiż, territorju jew kwalunkwe entità oħra skont id-Deċiżjoni dwar il-PTEE jew minn reġjun ultraperiferiku tal-Unjon fil-qafas ta' programmi operazzjonali konġunti jew għal programmi jew miżuri ta' kooperazzjoni interreġjonali stabbiliti u implimentati skont ir-Regolament ETC.

Emenda

imħassar

Emenda 307

Proposta għal regolament Artikolu 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 33a

***Kooperazzjoni bejn pajjiżi u reġjuni sħab
ma' reġjuni ultraperiferiċi ġirien tal-
Unjoni u ma' pajjiżi u territorji extra-
Ewropej***

- 1. Il-Kummissjoni tista' tinkludi
allokazzjoni finanzjarja speċifika sabiex
tassisti pajjiżi u reġjuni sħab isaħħu l-
kooperazzjoni tagħhom ma' reġjuni
ultraperiferiċi tal-Unjoni ġirien tagħhom
u ma' pajjiżi u territorji extra-Ewropej
koperti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill
Deċiżjoni dwar il-PTEE. Għal dan il-
għan, dan ir-Regolament jista'
jikkontribwixxi, fejn ikun xieraq u fuq il-
bażi ta' reċiproċità u proporzjonalità fir-
rigward tal-livell ta' finanzjament mid-
Deċiżjoni dwar il-PTEE u/jew ir-
Regolament ETC, għal azzjonijiet
applikati minn pajjiż jew reġjun sieħeb
jew kwalunkwe entità oħra taħt dan ir-
Regolament, minn pajjiż, territorju jew
kwalunkwe entità oħra skont id-Deċiżjoni
dwar il-PTEE jew minn reġjun
ultraperiferiku tal-Unjon fil-qafas ta'
programmi operazzjonali konġunti jew
għal programmi jew miżuri ta'
kooperazzjoni interreġjonali stabbiliti u
applikati skont ir-Regolament ETC.***
- 2. Ir-rata ta' kofinanzjament tal-
Unjoni ma għandhiex tkun ogħla minn
90 % tan-nefqa eliġibbli ta' programm jew
ta' miżura. Għal assistenza teknika, ir-
rata ta' kofinanzjament tkun ta' 100 %.***

Emenda 308

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li ***tadottata*** atti delegati msemija fl-Artikolu 4(6), l-Artikolu **26(3)**, l-Artikolu 27(9) **u** l-Artikolu 31(9) għandha tingħata lill-Kummissjoni għall-perjodu tal-validità ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2. Is-setgħa ***li tadotta*** atti delegati msemija fl-Artikolu 4(6), l-Artikolu **8(7a), l-Artikolu 8(8b), l-Artikolu 14(1), l-Artikolu 15a, l-Artikolu 17(4), l-Artikolu 21(3a), l-Artikolu 26(4), l-Artikolu 27(9), l-Artikolu 31(9) u l-Artikolu 33(1)** għandha tingħata lill-Kummissjoni għall-perjodu tal-validità ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta dawk l-atti delegati malajr kemm jista' jkun. Madankollu l-atti delegati msemija fl-Artikolu 8(7a), l-Artikolu 8(8b), l-Artikolu 17(4), u l-Artikolu 31(9) għandhom jiġu adottati ... [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

Emenda 309

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 4(6), ***fl-Artikolu 26(3)***, fl-Artikolu 27(9) u fl-Artikolu 31(9) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tiegħu effett l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ***f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*** jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 4(6), fl-Artikolu ***8(7a), fl-Artikolu 8(8b), fl-Artikolu 14(1), fl-Artikolu 15a, fl-Artikolu 17(4), fl-Artikolu 21(3a), fl-Artikolu 26(4)***, fl-Artikolu 27(9), fl-Artikolu 31(9) u fl-Artikolu 33(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tiegħu effett l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ***f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni***

Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

Emenda 310

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(6), ***l-Artikolu 26(3)***, l-Artikolu 27(9) u l-Artikolu 31(9) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumix se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(6), l-Artikolu ***8(7a)***, ***l-Artikolu 8(8b)***, ***l-Artikolu 14(1)***, ***l-Artikolu 15a***, ***l-Artikolu 17(4)***, ***l-Artikolu 21(3a)***, ***l-Artikolu 26(4)***, l-Artikolu 27(9), l-Artikolu 31(9) ***u l-Artikolu 33(1)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumix se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 311

Proposta għal regolament Artikolu 34a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 34a

Proċedura ta' urġenza

1. Fejn, fil-każ ta' diżastri naturali jew magħmula mill-bniedem, jew ta' theddid immedjat għad-demokrazija, l-istat tad-

dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati u għandha tapplika l-proċedura prevista fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw dment li ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 3.

In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 34(6). F'tali każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Emenda 312

Proposta għal regolament Artikolu 34b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 34b

Obbligu ta' rendikont demokratiku

1. Sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u s-SEAE, u sabiex jiġu żgurati trasparenza u obbligu ta' rendikont akbar, kif ukoll il-ħeffa fl-adozzjoni ta' atti u miżuri mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jidhru quddiemu sabiex jiddiskutu l-orjentazzjonijiet u l-linji

gwiċa strateġiċi għall-programmazzjoni skont dan ir-Regolament. Dak id-djalogu għandu jrawwem ukoll il-koerenza ġenerali tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern kollha f'konformità mal-Artikolu 5. Dak id-djalogu jista' jseħħ qabel l-adozzjoni ta' atti delegati u tal-abbozz ta' baġit annwali mill-Kummissjoni. Dak id-djalogu jista' jseħħ ukoll fuq bażi ad hoc fid-dawl ta' żviluppi politiċi ewlenin, fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kummissjoni Ewropea jew tas-SEAE.

2. Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jippreżentaw lill-Parlament Ewropew id-dokumenti rilevanti kollha f'dak ir-rigward mill-inqas xahar qabel id-djalogu. Għad-djalogu relatat mal-baġit annwali, il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jipprovdu informazzjoni kkonsolidata dwar il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri kollha adottati jew ippjanati skont l-Artikolu 21, informazzjoni dwar il-kooperazzjoni għal kull pajjiż, reġjun u qasam tematiku, u dwar l-użu ta' azzjonijiet ta' rispons rapidu, l-isfidi emerġenti u l-prijoritajiet li jinħolqu, u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

3. Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom iqisu bis-sħiħ il-pożizzjoni espressa mill-Parlament Ewropew. Fil-każ li l-Kummissjoni jew is-SEAE ma jqisux il-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, huma għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni xierqa.

4. Il-Kummissjoni u s-SEAE, b'mod partikolari permezz tal-grupp ta' tmexxija skont l-Artikolu 38, għandhom ikunu responsabbli biex iżommu lill-Parlament Ewropew infurmat dwar l-istat ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dwar il-miżuri, l-azzjonijiet u r-riżultati li jkunu għaddejjin.

Emenda 313

Proposta għal regolament Artikolu 35

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 35

imħassar

Kumitat

- 1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat tal-Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***
- 2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***
- 3. Meta l-opinjoni tal-kumitat trid tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, sal-iskadenza taż-żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew jekk maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob li jsir dan.***
- 4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.***
- 5. Id-deċiżjoni adottata għandha tibqa' fis-seħħ għat-tul ta' żmien tad-dokument, il-programm ta' azzjoni jew il-miżura adottata jew modifikata.***
- 6. Osservatur mill-Bank Ewropew tal-Investment għandu jieħu sehem fil-proċeduri tal-Kumitat dwar dawk il-kwistjonijiet li jkunu jikkonċernaw lill-Bank Ewropew tal-Investment.***

Emenda 314

Proposta għal regolament Artikolu 36 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Informazzjoni, komunikazzjoni u
pubbliċità

Emenda

Trasparenza, komunikazzjoni, u **żvelar ta'**
informazzjoni lill-pubbliku

Emenda 315

**Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-midja u lill-pubbliku.

Emenda

1. Ir-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-midja u lill-pubbliku. ***Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità tar-riċevituri ma' dawk ir-rekwiżiti.***

Emenda 316

**Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha ***timplimenta*** azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati ma' dan ir-Regolament, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i għal dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha ***tapplika*** azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati ma' dan ir-Regolament, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i għal dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn

dawk il-prijoritajiet ikunu direttament relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

dawk il-prijoritajiet ikunu direttament relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

Emenda 317

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri biex issaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika u d-diplomazija pubblika għall-komunikazzjoni tal-valuri tal-Unjoni u tal-valur miżjud tal-Unjoni.

Emenda 318

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi repożitorju elettroniku ċentrali pubbliku komprensiv wiegħed tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, inklużi l-kriterji użati biex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet tas-sħab fil-proċess tal-allokazzjoni tar-riżorsi, u biex jiġi żgurat l-aġġornament regolari tiegħu, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-azzjonijiet meqjusa bħala li jagħtu bidu għal kwistjonijiet ta' sigurtà jew sensittivitajiet politiċi lokali skont l-Artikolu 37.

Emenda 319

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2c. Ir-repożitorju għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-operazzjonijiet kollha ta' finanzjament u investiment, inkluż fil-livell individwali u tal-proġetti, u l-elementi essenzjali tal-ftehimiet ta' garanzija tal-EFSD+ kollha, inkluża informazzjoni dwar l-identità ġuridika tal-kontropartijiet eliġibbli, il-benefiċċji tal-iżvilupp mistennija u l-proċeduri ta' lmenti, filwaqt li titqies il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.

Emenda 320

**Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2d F'konformità mal-linji politiċi tagħhom dwar it-trasparenza u r-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni, il-kontropartijiet eliġibbli tal-EFSD+ għandhom, proattivament u sistematikament jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom informazzjoni relatata mal-operazzjonijiet kollha ta' finanzjament u investiment koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, b'mod partikolari fir-rigward tal-mod li bih dawk l-operazzjonijiet jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi u r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Tali informazzjoni għandha titqassam fil-livell tal-proġett. Tali informazzjoni għandha dejjem tqis il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva. Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jippubbliċizzaw ukoll l-appoġġ tal-Unjoni

*fl-informazzjoni kollha li jippubblikaw
dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u
investiment koperti mill-Garanzija għall-
Azzjoni Esterna f'konformità ma' dan ir-
Regolament.*

Emenda 321

Proposta għal regolament Artikolu 38

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 38

Klawżola dwar is-SEAE

***Dan ir-Regolament għandu japplika skont
id-Deċiżjoni 2010/427/UE.***

Emenda

imħassar

Emenda 322

Proposta għal regolament Artikolu 38a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 38a

Governanza

***Grupp ta' tmexxija orizzontali magħmul
mis-servizzi rilevanti kollha tal-
Kummissjoni u tas-SEAE u ppresedut
mill-VP/RGħ jew rappreżentant ta' dak l-
uffiċċju għandu jkun responsabbli għat-
tmexxija, il-koordinazzjoni u l-ġestjoni ta'
dan l-istrument matul iċ-ċiklu tal-ġestjoni
sabiex jiġu żgurati l-konsistenza, l-
effiċjenza, it-trasparenza u r-rendikont
tal-finanzjament estern kollu tal-Unjoni.
Il-VP/RGħ għandu jiżgura koordinazzjoni
politika ġenerali tal-azzjoni esterna tal-
Unjoni. Għall-azzjonijiet kollha, inklużi
azzjonijiet ta' rispons rapidu u miżuri ta'***

assistenza eċċezzjonali, u matul iċ-ċiklu sħiħ ta' programmar, ippjanar u applikazzjoni tal-istrument, ir-Rappreżentant Għoli u s-SEAE għandhom jaħdmu mal-membri u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, identifikati abbażi tan-natura u l-għanijiet tal-azzjoni prevista, li jibnu fuq l-għarfien espert tagħhom. Il-proposti kollha għal deċiżjonijiet għandhom jitħejjew billi jiġu segwiti l-proċeduri tal-Kummissjoni u għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni għall-adozzjoni.

Il-Parlament Ewropew għandu jkun involut bis-sħiħ fil-fażijiet tad-disinn, tal-programmazzjoni, tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-istrumenti sabiex jiżgura kontroll politiku u skrutinju demokratiku u obbligu ta' rendikont tal-finanzjament tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna.

Emenda 323

Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Emenda

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021 **sal-31 ta' Diċembru 2027**.

Emenda 324

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 17

Test propost mill-Kummissjoni

L-appoġġ mill-Unjoni f'dan il-qasam jista' jintuża wkoll biex il-Federazzjoni Russa tkun tista' tipparteċipa fi programmi ta'

Emenda

L-appoġġ mill-Unjoni f'dan il-qasam jista' jintuża wkoll biex il-Federazzjoni Russa tkun tista' tipparteċipa fi programmi ta'

kooperazzjoni transfruntiera u fi programmi rilevanti oħra b'diversi pajjiżi.

kooperazzjoni transfruntiera u fi programmi rilevanti oħra b'diversi pajjiżi, **inkluża kooperazzjoni dwar l-educazzjoni, b'mod partikolari l-iskambji tal-istudenti.**

Emenda 325

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Tisħiħ tad-demokrazija u tal-proċessi demokratiċi, tal-governanza u tas-sorveljanza, inklużi proċessi elettorali trasparenti u kredibbli;

Emenda

(a) Tisħiħ tad-demokrazija u tal-proċessi demokratiċi **inklussivi**, tal-governanza u tas-sorveljanza, inklużi **ġudikatura indipendenti, l-istat tad-dritt u** proċessi elettorali trasparenti, **paċifiċi** u kredibbli;

Emenda 326

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem **u tal-libertajiet fundamentali**;

Emenda

(b) Tisħiħ **tal-promozzjoni u** tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem **kif ipproklamat fid-Dikjarazzjoni Universali tad-drittijiet tal-bniedem u l-issodisfar ta' strumenti internazzjonali relatati, li jappoġġaw u jipproteġu d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' patti u oqfsa globali u reġjonali, iżidu l-kapaċitajiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom, u jistabbilixxu l-pedamenti għall-ħolqien ta' qafas legali għall-protezzjoni ta' persuni spostati minħabba t-tibdil fil-klima;**

Emenda 327

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Promozzjoni tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, kif ukoll tal-prinċipju tal-ugwaljanza, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi;

Emenda

(c) Promozzjoni tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, kif ukoll tal-prinċipju tal-ugwaljanza, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn is-sessi, ***id-drittijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet***, u d-drittijiet ***tat-tfal, taż-żgħażaġh, tal-persuni b'diżabbiltà***, tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, ***tal-persuni LGBTI u tal-popli indiġeni***;

Emenda 328

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Għoti ta' appoġġ lil soċjetà ċivili li qed tikseb riżultati ***u lir-rwol*** tagħha fi ***proċessi*** ta' riforma u fi trasformazzjonijiet demokratiċi, kif ukoll il-promozzjoni ta' spazju li jippermetti li s-soċjetà ċivili u ċittadini jkunu involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi;

Emenda

(d) Għoti ta' appoġġ lil soċjetà ċivili li qed tikseb riżultati, ***it-tisħiħ tar-rwol*** tagħha fi ***tranżizzjonijiet politiċi, f'proċessi*** ta' riforma u fi trasformazzjonijiet demokratiċi, kif ukoll il-promozzjoni ta' spazju li jippermetti li s-soċjetà ċivili u ċittadini jkunu involuti ***fil-ħajja politika u fl-iskrutinju tat-teħid*** ta' deċiżjonijiet politiċi;

Emenda 329

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) Bini ta' reżiljenza tal-istati, tas-

Emenda

(f) Bini ta' reżiljenza tal-istati, tas-

soċjetajiet, tal-komunitajiet u tal-individwi
għal pressjonijiet u skossi politiċi,
ekonomiċi, *ambjentali, tal-ikel,*
demografiċi u soċjetali;

soċjetajiet, tal-komunitajiet u tal-individwi
biex dawn jitħejjew biex jirreżistu,
jadattaw u jirkupraw malajr mill-iskossi
ambjentali u ekonomiċi, mid-diżastri
naturali u dawk magħmula mill-bniedem
u, mill-kunflitti, il-kriżijiet tas-saħħa u s-
sigurtà alimentari;

Emenda 330

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) Tisħiħ tal-iżvilupp tal-istituzzjonijiet
pubbliċi demokratiċi fil-livelli nazzjonali u
sottonazzjonali, inklużi sistema ġudizzjarja
indipendenti, effettiva, effiċjenti u
responsabbli, il-promozzjoni tal-istat tad-
dritt, u l-aċċess għall-ġustizzja għal
kulħadd;

Emenda

(g) Tisħiħ tal-iżvilupp tal-istituzzjonijiet
pubbliċi demokratiċi fil-livelli
internazzjonali, nazzjonali u
sottonazzjonali, inklużi sistema ġudizzjarja
indipendenti, effettiva, effiċjenti u
responsabbli, il-promozzjoni tal-istat tad-
dritt, ***il-ġustizzja internazzjonali u l-***
obbligu ta' rendikont u l-aċċess għall-
ġustizzja għal kulħadd;

Emenda 331

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) Għoti ta' appoġġ lill-proċessi ta'
riforma tal-amministrazzjoni pubblika,
inkluż permezz ta' approċċi tal-Gvern
elettroniku ċċentrati fuq iċ-ċittadin, it-
tisħiħ tal-oqfsa ġuridiċi u tal-istruttura
istituzzjonali, is-sistemi nazzjonali tal-
istatistika, il-kapaċitajiet, il-ġestjoni tajba
tal-finanzi pubbliċi, u l-kontribut għall-
ġlieda kontra l-korruzzjoni;

Emenda

(h) Għoti ta' appoġġ lill-proċessi ta'
riforma tal-amministrazzjoni pubblika,
inkluż permezz ta' approċċi tal-Gvern
elettroniku ċċentrati fuq iċ-ċittadin, it-
tisħiħ tal-oqfsa ġuridiċi u tal-istruttura
istituzzjonali, is-sistemi nazzjonali tal-
istatistika, il-kapaċitajiet, il-ġestjoni tajba
tal-finanzi pubbliċi, u l-kontribut għall-
ġlieda kontra l-korruzzjoni, ***l-evitar tat-***
taxxa, l-evaljazzjoni tat-taxxa u l-ippjanar

aggressiv tat-taxxa;

Emenda 332

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) Aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont tal-istituzzjonijiet pubbliċi, tishiĥ tal-akkwist pubbliku u tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, żvilupp tal-gvern elettroniku u tishiĥ tal-ġhoti ta' servizzi;

Emenda

(j) Aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont tal-istituzzjonijiet pubbliċi, tishiĥ tal-akkwist pubbliku ***inkluż l-inkoraġġiment tal-iżvilupp tal-kriterji ta' sostenibbiltà (ambjentali, soċjali u ekonomika) u miri*** u tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, żvilupp tal-gvern elettroniku u tishiĥ tal-ġhoti ta' servizzi;

Emenda 333

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ka) il-promozzjoni tad-demokrazija parlamentari

Emenda 334

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Qerda tal-faqar fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, indirizzar tad-diskriminazzjoni u tal-inugwaljanzi, ***u sforzi*** biex ħadd ma jaqa' lura;

Emenda

(a) Qerda tal-faqar fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, indirizzar tad-diskriminazzjoni u tal-inugwaljanzi, biex ħadd ma jaqa' lura; ***u li l-ewwel nett tilħaq lil dawk li qegħdin l-aktar lura, billi***

*tipprijoritizza l-investimenti fis-servizzi
pubbliċi dwar is-saħħa, in-nutrizzjoni, l-
edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali;*

Emenda 335

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Tisħiħ tal-isforzi għall-adozzjoni ta' politiki u għal investiment xieraq biex jiġu promossi d-drittijiet tan-nisa u taż-żgħażaġh, biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-ħajja soċjali, ċivika u ekonomika, u biex jiġi żgurat il-kontribut sħiħ tagħhom għat-tkabbir inklużiv u għall-iżvilupp sostenibbli;

Emenda

(b) Tisħiħ tal-isforzi għall-adozzjoni ta' politiki u għal investiment xieraq biex jiġu promossi, ***protetti u jiġu ssodisfati*** d-drittijiet tan-nisa, taż-żgħażaġh, ***tat-tfal u tal-persuni b'diżabbiltà*** biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom ***u l-parteeċipazzjoni sinifikanti*** fil-ħajja soċjali, ċivika u ekonomika, u biex jiġi żgurat il-kontribut sħiħ tagħhom għat-tkabbir inklużiv u għall-iżvilupp sostenibbli;

Emenda 336

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Promozzjoni tal-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, inklużi drittijiet ekonomiċi, drittijiet tax-xogħol u drittijiet soċjali, is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, kif ukoll il-prevenzjoni ***ta'*** vjolenza sesswali u sessista fil-forom kollha tagħha;

Emenda

(c) Promozzjoni tal-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet ***u t-tisħiħ tal-pożizzjoni*** tan-nisa u tal-bniet, inklużi drittijiet ekonomiċi, drittijiet tax-xogħol u drittijiet soċjali, ***id-drittijiet tal-art***, is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, kif ukoll il-prevenzjoni ***u l-protezzjoni tagħhom minn*** vjolenza sesswali u sessista fil-forom kollha tagħha; ***dan jinkludi l-promozzjoni tal-aċċess għal kulħadd għal informazzjoni dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva komprensiva u għal edukazzjoni dwar is-sesswalità komprensiva; il-promozzjoni ta'***

kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni għal għodod ġodda u mtejjba għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż l-ippjanar tal-familja, partikolarment f'ambjenti b'riżorsi baxxi;

Emenda 337

Proposta għal regolament Anness II – parti A – punt 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Attenzjoni speċjali għal persuni żvantaġġati, vulnerabbli u marġinalizzati, fost l-oħrajn tfal, persuni ta' età avvanzata, persuni b'diżabbiltà, persuni LGBTI u popli indiġeni. Dan jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni minn indukrar istituzzjonali tat-tfal għal indukrar tat-tfal ibbbażat fil-komunità;

Emenda

(d) Attenzjoni speċjali għal persuni żvantaġġati, vulnerabbli u marġinalizzati, fost l-oħrajn tfal, persuni ta' età avvanzata, persuni b'diżabbiltà, persuni LGBTI u popli indiġeni. Dan jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni minn indukrar istituzzjonali tat-tfal għal indukrar tat-tfal ibbbażat fil-komunità, ***b'diżabbiltà u mingħajr;***

Emenda 338

Proposta għal regolament Anness II – parti A – punt 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) Promozzjoni ta' ***appoċċ*** integrat għall-għoti ta' appoġġ lil komunitajiet, b'mod partikolari l-ifqar fosthom, ***biex*** jitjieb l-aċċess għall-ħtiġijiet u s-servizzi bażiċi;

Emenda

(e) Promozzjoni ta' ***approċċ*** integrat għall-għoti ta' appoġġ lil komunitajiet, b'mod partikolari l-ifqar fosthom ***u daww l-aktar diffiċli biex jintlaħqu, billi*** jitjieb l-aċċess ***universali*** għall-ħtiġijiet u s-servizzi bażiċi, ***b'mod partikolari s-saħħa, inklużi s-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, l-informazzjoni u l-provvisti, l-edukazzjoni, in-nutrizzjoni u l-protezzjoni soċjali;***

Emenda 339

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) **Għoti** ta' appoġġ biex jinholq ambjent li jsostni lit-tfal bħala element importanti fit-trawwim ta' popolazzjoni żgħażuġha b'saħħitha li tkun kapaċi tilħaq il-potenzjal kollu tagħha;

Emenda

(f) **L-għoti l-itfal, b'mod partikolari dawk l-aktar emarġinati, l-aħjar bidu fil-ħajja permezz ta' investiment fl-iżvilupp fit-tfulija bikrija u l-iżgurar li t-tfal li jesperjenzaw il-faqar jew l-inugwaljanza jkollhom aċċess għal servizzi bażiċi bħas-saħħa, in-nutrizzjoni, l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali; l-għoti** ta' appoġġ biex jinholq ambjent li jsostni lit-tfal bħala element importanti fit-trawwim ta' popolazzjoni żgħażuġha b'saħħitha li tkun kapaċi tilħaq il-potenzjal kollu tagħha, **u l-għoti ta' attenzjoni speċjali għall-bżonnijiet tat-bniet,**

Emenda 340

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) Għoti ta' appoġġ lil aċċess universali għal biżżejjed ikel affordabbli, sikur u sustanzjuż, b'mod partikolari għal dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, kif ukoll it-tisħiħ tas-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni, b'mod partikolari f'pajjiżi li qed jiffaċċjaw kriżijiet fit-tul jew rikorrenti

Emenda

(g) Għoti ta' appoġġ lil aċċess universali għal biżżejjed ikel affordabbli, sikur u sustanzjuż, b'mod partikolari għal dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, **inter alia tfal taħt l-età ta' ħames snin, l-adoloxxenti, kemm bniet u subien, u nisa, speċjalment waqt it-tqala u treddigħ,** kif ukoll it-tisħiħ tas-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni, b'mod partikolari f'pajjiżi li qed jiffaċċjaw kriżijiet fit-tul jew rikorrenti; **it-trawwim ta' approċċi multisettorjali relatati man-nutrizzjoni għall-agrikoltura**

Emenda 341

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) Għoti ta' appoġġ lil aċċess universali għal sanità sikura u suffiċjenti tal-ilma tax-xorb, kif ukoll iġjene u ġestjoni tal-ilma sostenibbli u integrata;

Emenda

(h) Għoti ta' appoġġ lil aċċess universali għal sanità sikura u suffiċjenti tal-ilma tax-xorb, kif ukoll iġjene u ġestjoni tal-ilma sostenibbli u integrata ***bħala determinanti ewlenin tas-saħħa, l-edukazzjoni, in-nutrizzjoni, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-ugwaljanza bejn is-sessi***

Emenda 342

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) Ksib ta' kopertura universali tas-saħħa b'aċċess ekwu għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità u affordabbli, inkluż permezz tal-ġhoti ta' appoġġ għall-bini ta' sistemi tas-saħħa b'saħħithom, ta' kwalità u reżiljenti, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċità għal twissija bikrija, tnaqqis tar-riskju, ġestjoni tar-riskju u rkupru;

Emenda

(i) Ksib ta' kopertura universali tas-saħħa b'aċċess ekwu għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità u affordabbli, inkluż ***servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, u*** permezz tal-ġhoti ta' appoġġ għall-bini ta' sistemi tas-saħħa ***inklussivi*** b'saħħithom ***li huma aċċessibbli għal kulħadd***, ta' kwalità u reżiljenti, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċità għal twissija bikrija, tnaqqis tar-riskju, ġestjoni tar-riskju u rkupru; ***l-ikkomplementar tal-azzjoni permezz tal-programm qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġi indirizzat it-theddid globali għas-saħħa, jiġu żviluppati vaċċini u trattamenti sikuri, effiċjenti u bi prezz li jintlaħaq kontra l-mard relatat mal-faqar u l-mard ittraskurat, u biex jitjiebu r-reazzjonijiet għall-isfidi tas-saħħa inkluż il-mard li jittieħed, ir-reżistenza antimikrobika u l-mard u l-epidemiji emerġenti;***

Emenda 343

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) Tisħiħ tar-reżiljenza tan-nies u tal-komunitajiet, inkluż permezz ta' investiment akbar fi proġetti tat-tnaqqis ta' riskju tad-diżastru (DRR) u ta' tħejjija mmexxija mill-komunità;

Emenda 344

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt jb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(jb) Jagħti appoġġ lill-gvernijiet u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex jgħolqu l-infrastruttura meħtieġa, inter alia r-riżorsi fiżiċi, teknoloġiċi u umani, u bl-użu tal-aħħar żviluppi teknoloġiċi u amministrattivi li jippermettu li r-reġistrazzjonijiet ċivili kollha (mit-twelid sal-mewt) jiġu reġistrati b'mod preċiż, u li dokumenti duplikati rikonoxxuti b'mod uffiċjali jiġu ppubblikati meta jkun meħtieġ sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jeżistu b'mod uffiċjali u jkunu jistgħu jaċċessaw id-drittijiet fundamentali tagħhom;

Emenda 345

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(k) Promozzjoni ta' żvilupp urban

(k) Promozzjoni ta' żvilupp urban

inklużiv u sostenibbli biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza urbana, b'fokus fuq dawk li jinsabu l-aktar fil-bżonn.

inklużiv u sostenibbli biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza urbana, b'fokus fuq dawk li jinsabu l-aktar fil-bżonn ***u li tadotta approċċ li jieħu kont ta' kwistjonijiet marbutin mal-ugwaljanza bejn is-sessi;***

Emenda 346

Proposta għal regolament Anness II – parti A – punt 2 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni

(l) Għoti ta' appoġġ lill-awtoritajiet lokali biex itejbu, fil-livell tal-bliet, il-forniment ta' servizzi bażiċi u ta' aċċess ekwu għas-sigurtà alimentari, kif ukoll għal abitazzjoni u għal kwalità tal-ħajja aċċessibbli, deċenti u affordabbli, b'mod partikolari għal dawk li jgħixu f'residenzi informali u f'bassifondi.

Emenda

imħassar

Emenda 347

Proposta għal regolament Anness II – parti A – punt 2 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) Promozzjoni ta' edukazzjoni ta' kwalità tajba li tkun inklużiva u ekwa, formali, informali u mhux formali għal kulħadd fil-livelli kollha u li tkun tinkludi taħriġ tekniku u vokazzjonali, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi, u wkoll permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali biex jittejjbu t-tagħlim u l-apprendiment fl-edukazzjoni;

Emenda

(m) Promozzjoni ***tal-ilħuq tal-għanijiet miftiehma fuq livell internazzjonali fl-edukazzjoni b'fokus partikolari fuq sistemi pubbliċi tal-edukazzjoni mingħajr ħlas, permezz*** ta' edukazzjoni ta' kwalità tajba li tkun inklużiva u ekwa, formali, informali u mhux formali, ***u li tippromwovi opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja*** għal kulħadd fil-livelli kollha u li tkun tinkludi ***l-iżvilupp bikri tat-tfal***, taħriġ tekniku u vokazzjonali, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi, u wkoll permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali biex jittejjbu t-

tagħlim u l-apprendiment fl-edukazzjoni;

Emenda 348

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt ma (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ma) Appoġġ ta' kurituri tal-edukazzjoni biex jiġi żgurat li l-istudenti li jkunu ġejjin minn pajjiżi li jinsabu f'gwerra jistgħu jistudjaw f'universitajiet tal-Unjoni;

Emenda 349

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(n) Appoġġ għal azzjonijiet ta' **bini ta' kapaċità, għall-mobilità** fit-tagħlim lejn, minn jew bejn pajjiżi sħab, kif ukoll għall-kooperazzjoni u d-djalogu politiku ma' istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet, korpi u awtoritajiet lokali ta' implimentazzjoni, minn dawk il-pajjiżi;

(n) Appoġġ għal azzjonijiet ta' **mobilità** fit-tagħlim, **bini ta' kapaċità u kooperazzjoni kulturali** lejn, minn jew bejn pajjiżi sħab, kif ukoll għall-kooperazzjoni u d-djalogu politiku ma' istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet, korpi u awtoritajiet lokali ta' implimentazzjoni, minn dawk il-pajjiżi;

Emenda 350

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt na (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(na) Il-promozzjoni tal-bini tal-kapaċità u l-kooperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija u r-riċerka, b'mod partikolari

l-indirizzar tal-isfidi relatati mal-faqar li jaffettwaw b'mod sproporzjonat il-pajjiżi sħab u l-oqsma traskurati ta' riċerka u innovazzjoni b'investimenti limitati fis-settur privat, u data miftuħa u t-trawwim tal-innovazzjoni soċjali;

Emenda 351

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt o

Test proposit mill-Kummissjoni

(o) Promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija u tar-riċerka, **kif ukoll** tad-data miftuħa u tal-innovazzjoni;

Emenda

(o) Promozzjoni **tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u** tal-kooperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija u tar-riċerka, tad-data miftuħa, **tal-big data, tal-intelliġenza artiċjali,** u tal-innovazzjoni, **f'koordinazzjoni mal-programm qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex jiġi miġġieled il-fenomeni tal-eżodu ta' mħuħ;**

Emenda 352

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt q

Test proposit mill-Kummissjoni

(q) Il-promozzjoni ta' djalogu interkulturali u diversità kulturali fil-forom kollha tagħhom, u l-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali, u l-isfruttar tal-potenzjal **tal-industriji** kreattivi għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli;

Emenda

(q) Il-promozzjoni ta' djalogu interkulturali u diversità kulturali fil-forom kollha tagħhom, u l-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali, u l-isfruttar tal-potenzjal **tas-setturi kulturali u** kreattivi għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli;

Emenda 353

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 2 – punt qa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(qa) Appoġġ għal azzjonijiet, u promozzjoni tal-kooperazzjoni, fil-qasam tal-isport li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, taż-żgħażaġh, tal-individwi u tal-komunitajiet kif ukoll għall-kisba tal-għanijiet tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-inklużjoni soċjali tal-Aġenda 2030.

Emenda 354

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Migrazzjoni **u** mobbiltà

3. Migrazzjoni, mobbiltà **u l-ispostament furzat**

Emenda 355

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-a) Għoti ta' appoġġ lil politiki tal-migrazzjoni effettivi u bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, fil-livelli kollha, inklużi programmi ta' protezzjoni, biex tiġi ffaċilitata migrazzjoni sikura, ordnata u regolari;

Emenda 356

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ***It-tisħiħ*** tas-sħubijiet dwar il-migrazzjoni u ***l-mobilità*** abbażi ta' approċċ integrat u bilanċjat, li jkopri l-aspetti kollha tal-migrazzjoni, ***inkluż assistenza fl-implimentazzjoni tal-Unjoni għall-ftehimiet u l-arranġamenti bilaterali jew reġjonali, inkluż is-sħubijiet għall-mobilità***;

Emenda

(a) ***Kontribut għat-tisħiħ*** tas-sħubijiet ***bilaterali, reġjonali, inklużi dawk Nofsinhar-Nofsinhar u internazzjonali*** dwar il-migrazzjoni u ***l-mobbiltà*** abbażi ta' approċċ integrat u bilanċjat, li jkopri l-aspetti kollha tal-migrazzjoni, ***u f'konformità mad-dritt internazzjonali u tal-Unjoni u mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem***;

Emenda 357

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(aa) ***Għoti ta' assistenza fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti bilaterali jew reġjonali ma' pajjiżi terzi, inklużi s-sħubijiet għall-mobbiltà, u l-ħolqien ta' rotot sikuri u legali, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' faċilitazzjoni tal-viżi u ftehimiet ta' risistemazzjoni u fuq il-bażi tal-obbligu ta' rendikont reċiproku u r-rispett sħiħ tal-obbligi umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem***;

Emenda

Emenda 358

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Għoti ta' appoġġ għar-riintegrazzjoni sostenibbli ta' migranti ritornati;

Emenda

(b) Għoti ta' appoġġ għar-riintegrazzjoni sostenibbli ***u soċjoekonomika ta' suċċess*** ta' migranti ritornati;

Emenda 359

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ***Indirizzar*** tal-migrazzjoni irregolari, ***it-traffikar*** tal-bnedmin, ***il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni*** illegali, ***it-titjib tal-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri***;

Emenda

(d) ***It-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet fil-migrazzjoni, inkluż permezz tal-indirizzar*** tal-migrazzjoni irregolari, ***u t-tisħiħ tar-rispons transnazzjonali għat-traffikar*** tal-bnedmin ***u l-immigrazzjoni*** illegali ***skont id-dritt internazzjonali u tal-Unjoni***;

Emenda 360

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) It-tisħiħ xjentifiku, tekniku, tal-kapaċità umana u istituzzjonali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni;

Emenda

(e) It-tisħiħ xjentifiku, tekniku, tal-kapaċità umana u istituzzjonali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, ***inkluż il-ġbir u l-użu ta' data preċiża u diżaggregata bħala bażi għall-politiki bbażati fuq l-evidenza sabiex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni sikura, ordnata u responsabbli***;

Emenda 361

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) Għoti ta' appoġġ lil politiki tal-migrazzjoni effettivi u bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem inkluż programmi ta' protezzjoni;

imħassar

Emenda 362

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) Promozzjoni ta' kundizzjonijiet li jiffaċilitaw il-migrazzjoni legali u l-mobbiltà mmaniġġjata sew, kif ukoll il-kuntatti bejn il-persuni, *biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-iżvilupp* tal-migrazzjoni;

(g) Promozzjoni ta' kundizzjonijiet li jiffaċilitaw il-migrazzjoni legali u l-mobbiltà mmaniġġjata sew, kif ukoll il-kuntatti bejn il-persuni, *inkluż billi tiġi pprovduta informazzjoni preċiża u f'waqtha fl-istadji kollha* tal-migrazzjoni;

Emenda 363

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) *L-immassimizzar tal-impatt tal-iżvilupp tal-migrazzjoni u t-titjib ta' fehim komuni tar-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp;*

Emenda 364

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) Żgurar tal-protezzjoni tal-migranti u tal-persuni spostati bil-forza;

Emenda

(h) Żgurar tal-protezzjoni tal-migranti u tal-persuni spostati bil-forza, ***filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-gruppi vulnerabbli u l-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u l-iżgurar tar-rikonoxximent u d-determinazzjoni tal-istatus tal-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali fost il-flussi migratorji mħallta;***

Emenda 365

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) Għoti ta' appoġġ lil soluzzjonijiet ibbażati fuq l-iżvilupp għal persuni spostati bil-forza u għall-komunitajiet ospitanti tagħhom;

Emenda

(i) Għoti ta' appoġġ lil soluzzjonijiet ibbażati fuq l-iżvilupp għal persuni spostati bil-forza u għall-komunitajiet ospitanti tagħhom, ***inkluż permezz tal-aċċess għall-dukazzjoni u impjiegi diċenti, biex jiġu promossi d-dinjità, ir-reżiljenza u l-awtodipendenza ta' persuni spostati, u l-inklużjoni tagħhom fil-ħajja ekonomika u soċjali tal-pajjiżi ospitanti;***

Emenda 366

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) Għoti ta' appoġġ lill-involviment tad-

Emenda

(j) Għoti ta' appoġġ lill-involviment tad-

dijaspora fil-pajjiżi ta' orġini;

dijaspora fil-pajjiżi ta' orġini, **biex jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-iżvilupp sostenibbli;**

Emenda 367

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ka) Kontribut għat-tisħiħ tal-pożizzjoni lill-migranti u lis-soċjetajiet biex iwettqu l-inklużjoni sħiħa tagħhom u l-koeżjoni soċjali.

Emenda 368

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam se tiġi ġestita f'koerenza mal-[Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], b'rispett sħiħ tal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.

Emenda 369

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) **Kontribut** għall-isforzi tas-sħab biex isegwu l-impenji tagħhom rigward it-tibdil fil-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi

(b) **Għoti ta' appoġġ lill-adattament għat-tibdil fil-klima, b'enfasi speċjali fuq stati u popolazzjonijiet partikolarment**

dwar il-Klima, inkluża l-implimentazzjoni tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) u tal-pjanijiet ta' azzjoni rigward il-mitigazzjoni u l-adattament, inklużi sinerġiji bejn l-adattament u l-mitigazzjoni;

vulnerabbli li ma jkollhomx riżorsi biex jieħdu l-miżuri meħtieġa; kontribut għall-isforzi tas-sħab biex isegwu l-impenji tagħhom rigward it-tibdil fil-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, inkluża l-implimentazzjoni tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) u tal-pjanijiet ta' azzjoni rigward il-mitigazzjoni u l-adattament, inklużi sinerġiji bejn l-adattament u l-mitigazzjoni, kif ukoll l-impenji tagħhom fl-ambitu ta' ftehimiet ambjentali pluriennali oħra, bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni;

Emenda 370

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Tisħiħ tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-enerġija sostenibbli. Promozzjoni u żieda tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija u fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

Emenda

(d) ***Promozzjoni tal-aċċess għall-enerġija sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-għan li tiġi rrispettata l-wegħda tal-Unjoni tal-2012 biex sal-2030 jingħata tali aċċess għal 500 miljun persuna oħra, filwaqt li tingħata prijorità lil soluzzjonijiet fuq skala żgħira, mhux kollegati mal-grilja jew ma' grilja żgħira ta' valur ambjentali u ta' żvilupp għoli.*** Tisħiħ tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-enerġija sostenibbli. Promozzjoni u żieda tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija u fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli; ***promozzjoni tal-aċċess għal servizzi tal-enerġija affidabbli, sikuri, affordabbli, nodfa u sostenibbli, b'mod partikolari soluzzjonijiet lokali u deċentralizzati li jiżguraw aċċess għall-enerġija għal persuni li jgħixu fil-faqar u f'reġjuni mbiegħda;***

Emenda 371

Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 4 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) Il-bini tal-kapaċità biex jiġu integrati l-għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali u tat-tibdil fil-klima, u s-segwitu tat-tkabbir ekoloġiku fl-istrateġiji tal-iżvilupp nazzjonali u lokali inkluż l-appoġġ għall-kriterji tas-sostenibbiltà fl-akkwist pubbliku;

Emenda 372

Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 4 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) Promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva, diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-provvista, u tal-applikazzjoni konsistenti tal-"approċċ prekawzjonarju" u tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas";

Emenda 373

Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 4 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dc) Promozzjoni ta' prattiki agrikoli ambjentalment sostenibbli, inkluża l-agroekoloġija, li juru li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ekosistemi u l-bijodiversità u jsaħħu r-reżiljenza ambjentali u soċjali għat-tibdil fil-klima fuq perjodu twil ta' żmien;

Emenda 374

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) Tisħiħ tal-involviment tal-komunitajiet lokali fir-risponsi għat-tibdil fil-klima, fil-konservazzjoni ta' ekosistemi u fil-governanza ta' riżorsi naturali. Promozzjoni ta' żvilupp urban sostenibbli u tar-reżiljenza fiż-żoni urbani;

Emenda

(f) Tisħiħ tal-involviment tal-komunitajiet lokali ***u l-popli indiġeni*** fir-risponsi għat-tibdil fil-klima, ***il-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità u l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi***, fil-konservazzjoni ta' ekosistemi u fil-governanza ta' riżorsi naturali, ***inkluż permezz tat-titjib fil-ġestjoni taż-żamma tal-art u tar-riżorsi tal-ilma***. Promozzjoni ta' żvilupp urban sostenibbli u tar-reżiljenza fiż-żoni urbani;

Emenda 375

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) ***Tmien tal-kummerċ fil-minerali ta' kunflitt kif ukoll tal-abbuż kontra l-minaturi, u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-komunitajiet lokali f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/821 dwar l-obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista u l-miżuri li jakkumpanjawhom, kif ukoll l-elaborazzjoni ta' dan l-approċċ għall-minerali li bħalissa għadhom mhumiex koperti;***

Emenda 376

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) Promozzjoni tal-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli biex in-nies jingħataw is-setgħa li jittrasformaw is-soċjetà u jibnu futur sostenibbli;

Emenda 377

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) Promozzjoni tal-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-użu sostenibbli, u r-restawr tar-riżorsi naturali, ekosistemi ***b'saħħtihom*** u biex jieqaf it-telf tal-bijodiversità, kif ukoll il-protezzjoni tal-ħajja selvaġġa;

(g) Promozzjoni tal-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-użu sostenibbli, u r-restawr tar-riżorsi naturali, ekosistemi ***b'saħħithom*** u biex jieqaf it-telf tal-bijodiversità, kif ukoll il-protezzjoni tal-ħajja selvaġġa, ***inkluża l-ġlieda kontra l-kaċċa illegali u t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi;***

Emenda 378

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) L-indirizzar tat-telf tal-bijodiversità, l-implimentazzjoni ta' inizjattivi internazzjonali u tal-Unjoni biex jindirizzaw it-telf, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-art u tal-baħar u l-bijodiversità assoċjata;

Emenda 379

Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 4 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) Promozzjoni tal-ġestjoni integrata u sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma u tal-kooperazzjoni transfruntiera rigward l-ilma;

Emenda

(h) Promozzjoni tal-ġestjoni integrata u sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma u tal-kooperazzjoni transfruntiera rigward l-ilma ***skont id-dritt internazzjonali***;

Emenda 380

Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 4 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) Promozzjoni tal-konservazzjoni u t-tisħiħ tal-ħażniet tal-karbonju permezz ta' ġestjoni sostenibbli tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija, kif ukoll ġlieda kontra d-degradazzjoni ambjentali, id-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art;

Emenda

(i) Promozzjoni tal-konservazzjoni u t-tisħiħ tal-ħażniet tal-karbonju permezz ta' ġestjoni sostenibbli tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija, kif ukoll ġlieda kontra d-degradazzjoni ambjentali, id-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art ***u tal-foresti, u n-nixfa***;

Emenda 381

Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 4 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) Limitazzjoni tad-deforestazzjoni u promozzjoni tal-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali (FLEGT), kif ukoll il-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u kontra l-kummerċ illegali tal-injam u ta' prodotti tal-injam;

Emenda

(j) Limitazzjoni tad-deforestazzjoni u promozzjoni tal-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali (FLEGT), kif ukoll il-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u kontra l-kummerċ illegali tal-injam u ta' prodotti tal-injam. ***L-appoġġ lil governanza aħjar u lill-bini tal-kapaċitajiet għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali; l-appoġġ għan-negozjar u l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja***;

Emenda 382

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) L-appoġġ għall-governanza tal-oċeani, inkluż il-protezzjoni, ir-restawr u l-preservazzjoni taż-żoni kostali u tal-baħar f'kull forma tagħha, inkluż l-ekosistemi, il-ġlieda kontra l-iskart tal-baħar, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-protezzjoni tal-bijodiversità marittima;

Emenda

(k) L-appoġġ għall-governanza tal-oċeani, inkluż il-protezzjoni, ir-restawr u l-preservazzjoni taż-żoni kostali u tal-baħar f'kull forma tagħha, inkluż l-ekosistemi, il-ġlieda kontra l-iskart tal-baħar, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-protezzjoni tal-bijodiversità marittima **f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS)**;

Emenda 383

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni

(l) It-tisħiħ reġjonali għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri (DRR) u r-reżiljenza, b'sinerġija ma' politiki u azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima;

Emenda

(l) It-tisħiħ reġjonali għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri (DRR), **it-thejjja** u r-reżiljenza **permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-komunità u ċċentrat fuq il-persuni**, b'sinerġija ma' politiki u azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima;

Emenda 384

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) Promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi u fil-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, inkluż l-indirizzar tat-tniġġis u l-ġestjoni soda tal-kimiċi u tal-iskart;

Emenda

(m) Promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi u fil-konsum u l-produzzjoni sostenibbli (***u tul il-katina tal-provvista kollha***), inkluż ***billi jittrażżan l-użu tar-riżorsi naturali għall-finanzjament tal-kunflitti, u tiġi appoġġata l-konformità mill-partijiet ikkonċernati b'inizjattivi bħall-iskema ta' ċertifikazzjoni Kimberley Proċess***; l-indirizzar tat-tniġġis u l-ġestjoni soda tal-kimiċi u tal-iskart;

Emenda 385

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) Għoti ta' appoġġ lill-isforzi għat-titjib tad-diversifikazzjoni ekonomika, il-kompetittività u l-kummerċ ***sostenibbli***, lill-iżvilupp tas-settur privat b'fokus partikolari fuq tkabbir ekoloġiku b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, kif ukoll lil mikrointrapriżi, SMEs u kooperattivi, fejn jittieħed vantaġġ ***mill-ftehimiet*** kummerċjali eżistenti mal-UE.

Emenda

(n) Għoti ta' appoġġ lill-isforzi għat-titjib tad-diversifikazzjoni ekonomika ***sostenibbli***, il-kompetittività, ***il-ktajjen tal-provvista għall-kondiviżjoni tal-valur*** u l-kummerċ ***ġust***, lill-iżvilupp tas-settur privat b'fokus partikolari fuq tkabbir ekoloġiku b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, kif ukoll lil mikrointrapriżi, ***intrapriżi soċjali u*** SMEs u kooperattivi, fejn jittieħed vantaġġ ***mill-benefiċċji tal-iżvilupp ta' ftehimiet*** kummerċjali eżistenti mal-UE;

Emenda 386

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt na (ġdid)

(na) Il-kisba tal-impenji internazzjonali rigward il-konservazzjoni tal-bijodiversità fi trattati bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) u trattati oħra relatati mal-bijodiversità;

Emenda 387

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt nb (ġdid)

(nb) Żieda fl-integrazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-għanijiet relatati mat-tibdil fil-klima u l-ambjent fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni permezz ta' appoġġ għall-ħidma metodoloġika u ta' riċerka dwar, fi u minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, li tinkludi mekkaniżmi ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika, il-kartografija tal-ekosistemi, evalwazzjoni u valutazzjoni, titjib tal-kompetenza ambjentali u l-promozzjoni ta' azzjonijiet innovattivi u l-koerenza tal-politika;

Emenda 388

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 4 – punt nc (ġdid)

(nc) L-indirizzar tal-effetti globali u transreġjonali tal-bidla fil-klima li

*jkollhom impatt potenzjalment
destabilizzanti fuq l-iżvilupp, il-paċi u s-
sigurtà.*

Emenda 389

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Għoti ta' appoġġ lill-intraprenditorija, lill-impjieg deċenti u lill-impjegabbiltà permezz tal-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi, inklużi l-edukazzjoni, it-titjib tal-istandards tax-xogħol u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll il-ħolqien ta' opportunitajiet, b'mod partikolari għaż-żgħażaġħ;

Emenda

(a) Għoti ta' appoġġ lill-intraprenditorija, ***inkluż permezz tal-mikrofinanzjament***, lill-impjieg deċenti u lill-impjegabbiltà permezz tal-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi, inklużi l-edukazzjoni, it-titjib ***tal-applikazzjoni sħiħa*** tal-istandards tax-xogħol ***tal-ILO inkluż id-djalogu soċjali u l-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal***, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ***f'ambjent b'saħħtu, tal-pagi li jiggarrantixxu l-għajxien*** kif ukoll il-ħolqien ta' opportunitajiet, b'mod partikolari għaż-żgħażaġħ;

Emenda 390

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Għoti ta' appoġġ lill-perkorsi għall-iżvilupp nazzjonali li jimmassimizzaw l-eżiti u l-impatti soċjali pożittivi ***u*** jippromwovu tassazzjoni ***progressiva*** u politiki pubbliċi ridistributtivi;

Emenda

(b) Għoti ta' appoġġ lill-perkorsi għall-iżvilupp nazzjonali li jimmassimizzaw l-eżiti u l-impatti soċjali pożittivi, jippromwovu tassazzjoni ***effettiva u sostenibbli*** u politiki pubbliċi ridistributtivi, ***u l-istabbiliment u t-tisħiħ ta' sistemi tal-protezzjoni soċjali sostenibbli u ta' skemi tal-assigurazzjoni soċjali; għoti ta' appoġġ lill-isforzi fil-livelli nazzjonali u internazzjonali biex jiġu miġġielda l-evazzjoni tat-taxxa u r-***

Emenda 391

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Titjib tal-klima kummerċjali u tal-investment biex jinħoloq ambjent regolatorju li jippermetti l-iżvilupp ekonomiku kif ukoll l-għoti ta' appoġġ lil kumpaniji, b'mod partikolari intrapriżi mikro, żgħar u medji biex jespandu n-negozju tagħhom u joħolqu l-impjiegi;

Emenda

(c) Titjib tal-klima kummerċjali u tal-investment ***responsabbli*** biex jinħoloq ambjent regolatorju li jippermetti l-iżvilupp ekonomiku kif ukoll l-għoti ta' appoġġ lil kumpaniji, b'mod partikolari intrapriżi mikro, żgħar u medji, ***kooperattivi u intrapriżi soċjali*** biex jespandu n-negozju tagħhom u joħolqu l-impjiegi, ***jingħata appoġġ lill-iżvilupp ta' ekonomija solidali u tingħata spinta lill-obbligu ta' rendikont tas-settur privat;***

Emenda 392

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) Il-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont korporattiv u l-mekkaniżmi ta' rimedju għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem relatati ma' attivitajiet tas-settur privat; l-għoti ta' appoġġ lil sforzi fil-livell lokali, reġjonali u globali biex tiġi żgurata l-konformità korporattiva mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u mal-iżviluppi regolatorji, inkluż dwar diliġenza dovuta obligatorja u strument internazzjonali vinkolanti dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem f'livell globali;

Emenda 393

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Tisħiħ ***tas-sostenibbiltà*** soċjali u ambjentali, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u ta' kondotta kummerċjali responsabbli tul il-ktajjen kollha tal-valur;

Emenda

(d) Tisħiħ ***tas-sostenibbiltà*** soċjali u ambjentali, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u ta' kondotta kummerċjali responsabbli tul il-ktajjen kollha tal-valur, ***filwaqt li jiġu żgurati l-kondiviżjoni tal-valur, il-prezzijiet ġusti u l-kundizzjonijiet tal-kummerċ ġust***;

Emenda 394

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) Żieda fl-effettività tan-nefqa pubblika u promozzjoni ta' użu aktar strateġiku tal-finanzi pubbliċi, inklużi permezz ta' strumenti ta' taħlit biex jiġi attirat investiment addizzjonali mis-settur pubbliku u mis-settur privat;

Emenda

(e) Żieda fl-effettività ***u s-sostenibbiltà*** tan-nefqa pubblika, ***inkluż permezz tal-promozzjoni tal-akkwist pubbliku sostenibbli***; u promozzjoni ta' użu aktar strateġiku tal-finanzi pubbliċi, inklużi permezz ta' strumenti ta' taħlit biex jiġi attirat investiment addizzjonali mis-settur pubbliku u mis-settur privat;

Emenda 395

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) Il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, li ssawwar rabtiet aktar b'saħħithom bejn iż-żoni urbani u rurali u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tas-settur tat-turiżmu bħala ingranaġġ għall-iżvilupp sostenibbli;

Emenda

(g) Il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, li ssawwar rabtiet aktar b'saħħithom bejn iż-żoni urbani u rurali u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ***kemm tal-industriji kreattivi kif ukoll*** tas-settur tat-turiżmu ***kulturali*** bħala

ingranaġġ għall-iżvilupp sostenibbli;

Emenda 396

Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 5 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) Tingħata spinta u jiġu diversifikati l-ktajjen tal-valur tal-agrikoltura u tal-ikel, ***promozzjoni tad-diversifikazzjoni*** ekonomika, ***żieda*** tal-valur, ***integrazzjoni***, ***kompetittività*** u ***kummerċ reġjonali***, ***kif ukoll tisħiħ ta' innovazzjonijiet*** sostenibbli, b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima;

Emenda

(h) Tingħata spinta u jiġu diversifikati l-ktajjen tal-valur tal-agrikoltura u tal-ikel ***sostenibbli u inklużivi, jiġu promossi s-sigurtà alimentari u d-diversifikazzjoni*** ekonomika, ***iż-żieda*** tal-valur, ***l-integrazzjoni reġjonali, il-kompetittività u l-kummerċ ġust, u jissaħħu l-innovazzjonijiet*** sostenibbli, b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima;

Emenda 397

Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 5 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) Issir enfasi fuq intensifikazzjoni agrikola ekoloġikament effiċjenti għal bdiewa żgħar, u b'mod partikolari n-nisa, billi jiġi pprovdut appoġġ għal politiki nazzjonali, strateġiji u oqfsa legali effettivi u sostenibbli, u għal aċċess ekwu u sostenibbli għar-riżorsi, inklużi l-art, l-ilma, (mikro) kreditu u inputs agrikoli oħra;

Emenda 398

Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 5 – punt hb (ġdid)

(hb) Jingħata appoġġ b'mod attiv lill-parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà ċivili u lill-organizzazzjonijiet tal-bdiewa fit-tfassil tal-politika u l-programmi ta' riċerka u jiżdied l-involviment tagħhom fl-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi tal-gvern;

Emenda 399

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(j) Trawwim ta' aċċess universali għall-enerġija sostenibbli, promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, reżiljenti għat-tibdil fil-klima u effiċjenti fir-riżorsi, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima;

(j) Trawwim ta' aċċess universali għall-enerġija **sikura, affordabbli u** sostenibbli, promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, reżiljenti għat-tibdil fil-klima u effiċjenti fir-riżorsi, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima;

Emenda 400

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(l) **Promozzjoni** ta' konnettività diġitali affordabbli, inklużiva u **affidabbli**, kif ukoll **tisħiħ** tal-ekonomija diġitali;

(l) **Il-promozzjoni** ta' konnettività diġitali affordabbli, inklużiva, **affidabbli u sikura**, kif ukoll **it-tisħiħ** tal-ekonomija diġitali; **il-promozzjoni tal-litteriżmu u l-ħiliet diġitali; it-trawwim ta' intraprenditorija diġitali u l-ħolqien tal-impjiegi; il-promozzjoni tal-użu ta' teknoloġiji diġitali bħala faċilitatur għall-iżvilupp sostenibbli; l-indirizzar taċ-ċibersigurtà, il-privatezza tad-data u kwistjonijiet regolatorji oħra marbuta mad-diġitalizzazzjoni;**

Emenda 401

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) Żvilupp u tisħiħ tas-swieq u tas-setturi b'tali mod li jsahha it-tkabbir inklużiv u sostenibbli;

Emenda

(m) Żvilupp u tisħiħ tas-swieq u tas-setturi b'tali mod li jsahha it-tkabbir inklużiv u sostenibbli, ***u l-kummerċ ġust***;

Emenda 402

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) Għoti ta' appoġġ lill-aġenda dwar l-integrazzjoni reġjonali u lill-politiki kummerċjali ottimali, kif ukoll għoti ta' appoġġ lill-konsolidazzjoni u lill-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali bejn ***l-UE*** u s-sħab tagħha;

Emenda

(n) Għoti ta' appoġġ lill-aġenda dwar l-integrazzjoni reġjonali u lill-politiki kummerċjali ottimali ***favur żvilupp inklużiv u sostenibbli***, kif ukoll għoti ta' appoġġ lill-konsolidazzjoni u lill-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali ***ġusti*** bejn ***l-Unjoni*** u s-sħab tagħha, ***inklużi l-ftehimiet olistiċi u asimmetriċi mas-sħab tal-pajjiż li qed jiżviluppa; il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-multilateraliżmu, tal-kooperazzjoni ekonomika sostenibbli kif ukoll tar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ***;

Emenda 403

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni

(o) Promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija u tar-riċerka, **kif ukoll** tad-data miftuħa u ***tal-innovazzjoni***;

Emenda

(o) Promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija u tar-riċerka, ***tad-diġitalizzazzjoni***, tad-data miftuħa, ***tal-big data*** u ***tal-intelliġenza artiċjali u l-innovazzjoni, inkluż l-iżvilupp tad-diplomazija tax-xjenza***;

Emenda 404

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni

(p) Promozzjoni ta' djalogu interkulturali u diversità kulturali fil-forom kollha tagħha, kif ukoll il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-patrimonju kulturali;

Emenda

(p) Promozzjoni ta' djalogu interkulturali u diversità kulturali fil-forom kollha tagħha, ***l-iżvilupp ta' artiġjanat lokali*** kif ukoll ***l-arti kontemporanji u l-espressjonijiet kulturali***, il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-patrimonju kulturali;

Emenda 405

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni

(r) Titjib tal-aċċess għal impjieg deċenti u ħolqien ta' swieq tax-xogħol u politiki tal-impjieg aktar inklużivi u li jiffunzjonaw sew, li jkunu orjentati lejn impjieg deċenti għal kulħadd, speċjalment iż-żgħażaġh;

Emenda

(r) Titjib tal-aċċess għal impjieg deċenti ***għal kulħadd f'ambjent b'saħħtu***, u ħolqien ta' swieq tax-xogħol u politiki tal-impjieg aktar inklużivi u li jiffunzjonaw sew, li jkunu orjentati lejn impjieg deċenti, ***lejn ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol, inklużi l-pagi li jiggwarantixxu l-għajxien***, għal kulħadd, speċjalment iż-żgħażaġh;

Emenda 406

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt ra (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ra) L-iżgurar li l-aċċess għal setturi tal-estrazzjoni jkun ġust u sostenibbli filwaqt li ma jkunx qed jikkontribwixxi għal kunflitti jew korruzzjoni;

Emenda 407

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 5 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(s) Il-promozzjoni ta' aċċess ġust, sostenibbli u mingħajr distorsjoni għas-setturi **estrattivi**.

(s) Il-promozzjoni ta' aċċess ġust, sostenibbli u mingħajr distorsjoni għas-setturi **tal-estrazzjoni; l-iżgurar ta' żieda fit-trasparenza, diliġenza dovuta u responsabbiltà tal-investitur filwaqt li jiġi promoss l-obbligu ta' rendikont tas-settur privat; l-applikazzjoni ta' miżuri li jakkumpanjaw lir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli.**

Emenda 408

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. **Sigurtà, stabbiltà u paċi**

6. **Paċi, sigurtà u stabbiltà**

Emenda 409

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) Kontribut għall-paċi u ***l-istabbiltà*** permezz tal-bini tar-reżiljenza tal-istati, is-soċjetajiet, il-komunitajiet u l-individwi għal pressjonijiet u skossi politiċi, ekonomiċi, ambjentali, demografiċi u soċjetali;

Emenda

- (a) Kontribut għall-paċi, ***il-prevenzjoni ta' kunflitti*** u ***għalhekk għall-istabbiltà*** permezz tal-bini tar-reżiljenza tal-istati, is-soċjetajiet, il-komunitajiet u l-individwi għal pressjonijiet u skossi politiċi, ekonomiċi, ambjentali, demografiċi u soċjetali, ***inkluż permezz tal-appoġġ għall-valutazzjonijiet tar-reżiljenza mfassla biex jidentifikaw il-kapaċitajiet indiġeni fis-soċjetajiet li jippermettulhom jirreżistu u jadattaw għal dawn il-pressjonijiet u x-xokkijiet u jirkupraw malajr minnhom***;

Emenda 410

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 6 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (aa) ***Il-promozzjoni ta' kultura ta' nonvjolenza, inkluż billi tiġi appoġġata l-educazzjoni dwar il-paċi formali u informali***;

Emenda 411

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (b) Għoti ta' appoġġ lill-prevenzjoni ta'

- (b) Għoti ta' appoġġ lill-prevenzjoni ta'

konflitti, lit-twissija bikrija u lill-konsolidazzjoni tal-paċi permezz ta' medjazzjoni, maniġġar ta' kriżijiet u stabilizzazzjoni;

konflitti, lit-twissija bikrija u lill-konsolidazzjoni tal-paċi permezz ta' medjazzjoni, maniġġar ta' kriżijiet u stabilizzazzjoni ***u rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitt, inkluż rwol imsaħħaħ għan-nisa f'dawn l-istadji kollha; il-promozzjoni, l-iffaċilitar u l-bini tal-kapaċità fil-bini ta' fiduċja, il-medjazzjoni, id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni, relazzjonijiet tajba ta' viċinat u miżuri oħra li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, b'mod partikolari fir-rigward ta' tensjonijiet interkomunitarji emerġenti kif ukoll miżuri ta' konċiljazzjoni bejn segmenti ta' soċjetajiet u kunflitti u kriżijiet imtawla;***

Emenda 412

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 6 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) L-appoġġ għar-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-vittmi ta' kunflitti armati kif ukoll id-diżarm, id-demobilizzazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid ta' ex ġellieda u l-familji tagħhom fis-soċjetà ċivili, inklużi l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa;

Emenda 413

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 6 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) It-tisħiħ tar-rwol tan-nisa u ż-żgħażaġh fil-konsolidazzjoni tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti, u l-inklużjoni, il-parteeċipazzjoni ċivili u politika sinifikanti

u r-rikonoxximent soċjali tagħhom; l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fraġli, ta' kunflitt u ta' wara kunflitt;

Emenda 414

Proposta għal regolament Anness II – parti A – punt 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Għoti ta' appoġġ lir-riforma tas-settur tas-sigurtà li gradwalment tipprovdi lill-individwi u lill-istat aktar sigurtà effettiva u akkontabbli għall-iżvilupp sostenibbli;

Emenda

(c) Għoti ta' appoġġ lir-riforma tas-settur tas-sigurtà ***sensittiva għall-kunflitti*** li gradwalment tipprovdi lill-individwi u lill-istat aktar sigurtà effettiva, ***demokratika*** u akkontabbli għall-iżvilupp sostenibbli ***u l-paċi***;

Emenda 415

Proposta għal regolament Anness II – parti A – punt 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Għoti ta' appoġġ lill-bini tal-kapaċitajiet ta' atturi militari b'sostenn għas-sigurtà u l-iżvilupp (CBSD);

Emenda

(d) Għoti ta' appoġġ lill-bini tal-kapaċitajiet ta' atturi militari b'sostenn għas-sigurtà u l-iżvilupp;

Emenda 416

Proposta għal regolament Anness II – parti A – punt 6 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) għoti ta' appoġġ għal inizjattivi ta' diżarm reġjonali u internazzjonali u għal sistemi u mekkaniżmi ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-armi;

Emenda 417

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 6 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) Għoti ta' appoġġ lill-inizjattivi reġjonali u internazzjonali li jikkontribwixxu għas-sigurtà, l-istabbiltà u l-paċi;

Emenda

(e) Għoti ta' appoġġ lill-inizjattivi **lokali**, reġjonali u internazzjonali li jikkontribwixxu għas-sigurtà, l-istabbiltà u l-paċi **kif ukoll ir-rabta ta' daww l-inizjattivi differenti**;

Emenda 418

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 6 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) Prevenzjoni u ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u għat-terroriżmu;

Emenda

(f) Prevenzjoni u ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u għat-terroriżmu **permezz ta' programmi u azzjonijiet speċifiċi għall-kuntest, sensittivi għall-kunflitti u għall-kwistjonijiet ta' ugwajanza bejn is-sessi u li jiffokaw fuq in-nies**;

Emenda 419

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 6 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) Indirizzar tal-impatt soċjoekonomiku fuq il-popolazzjoni ċivili ta' mini kontra l-persunal, munizzjon li

*għadu ma splodiex jew fdalijiet splussivi
tal-gwerra, inklużi l-ħtiġijiet tan-nisa;*

Emenda 420

**Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 6 – punt fb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(fb) Indirizzar tal-effetti soċjali jew tar-
ristrutturar tal-forzi armati, inklużi l-
ħtiġijiet tan-nisa;*

Emenda 421

**Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 6 – punt fc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(fc) Għoti ta' appoġġ għal tribunali
lokali, nazzjonali, reġjonali u
internazzjonali ad hoc, kummissjonijiet u
mekkaniżmi għall-verità u r-
rikonċiljazzjoni;*

Emenda 422

**Proposta għal regolament
Anness II – parti A – punt 6 – punt h**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) Promozzjoni tal-kooperazzjoni
transfruntiera rigward il-ġestjoni
sostennibbli ta' riżorsi naturali kondiviżi;

(h) Promozzjoni tal-kooperazzjoni
transfruntiera rigward il-ġestjoni
sostenibbli ta' riżorsi naturali kondiviżi
*f'konformità mad-dritt internazzjonali u
tal-Unjoni;*

Emenda 423

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 6 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-użu paċifiku tal-enerġija nukleari, b'mod partikolari permezz tal-bini ta' kapaċità u l-iżvilupp tal-infrastruttura f'pajjiżi terzi fl-oqsma tas-saħħa, l-agrikoltura u s-sikurezza tal-ikel; kif ukoll appoġġ għall-azzjonijiet soċjali li jindirizzaw il-konsegwenzi fuq il-popolazzjoni l-iktar vulnerabbli esposta għal xi inċident radjoloġiku u bil-għan li jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom; il-promozzjoni tal-ġestjoni tal-għarfien, it-taħriġ u l-edukazzjoni f'oqsma relatati man-nukleari;

Emenda

(i) Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-użu paċifiku tal-enerġija nukleari, b'mod partikolari permezz tal-bini ta' kapaċità u l-iżvilupp tal-infrastruttura f'pajjiżi terzi fl-oqsma tas-saħħa, l-agrikoltura u s-sikurezza tal-ikel; kif ukoll appoġġ għall-azzjonijiet soċjali li jindirizzaw il-konsegwenzi fuq il-popolazzjoni l-iktar vulnerabbli esposta għal xi inċident radjoloġiku u bil-għan li jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom; il-promozzjoni tal-ġestjoni tal-għarfien, it-taħriġ u l-edukazzjoni f'oqsma relatati man-nukleari. ***Tali attivitajiet għandhom jiġu żviluppati flimkien ma' dawk fl-ambitu tal-Istrument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari stabbilit mir-Regolament UE .../... [Regolament EINS];***

Emenda 424

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 6 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) It-tisħiħ tas-sigurtà ***marittima*** sabiex ikunu possibbli oċeani bla periklu, sikuri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli;

Emenda

(j) It-tisħiħ tas-sigurtà ***u s-sikurezza marittimi*** sabiex ikunu possibbli oċeani bla periklu, sikuri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli;

Emenda 425

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 7 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) Appoġġ u żieda fil-kooperazzjoni minn pajjiżi u reġjuni sħab ma' reġjuni ultraperiferiċi tal-viċinat tal-Unjoni u ma' pajjiżi u territorji extra-Ewropej koperti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' [...] ta' [...] dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea;

Emenda 426

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 7 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) Il-promozzjoni ta' ambjent abilitanti għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż fondazzjonijiet, it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni ***sinifikanti u strutturata*** tagħhom fil-politiki domestiċi u l-kapaċità tagħhom li jwettqu r-rwoli tagħhom bħala atturi indipendenti fl-iżvilupp u l-governanza; u t-tisħiħ ta' modi ġodda ta' sħubiji ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-promozzjoni ta' djalogu sostantiv u strutturat mal-Unjoni u l-użu effettiv ta' pjanijiet direzzjonali tal-pajjiżi għall-involviment ***tal-UE*** mas-soċjetà ċivili;

(d) Il-promozzjoni ta' ambjent abilitanti għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż fondazzjonijiet, it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-politiki domestiċi u l-kapaċità tagħhom li jwettqu r-rwoli tagħhom bħala atturi indipendenti fl-iżvilupp u l-governanza; u t-tisħiħ ta' modi ġodda ta' sħubiji ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-promozzjoni ta' djalogu sostantiv u strutturat mal-Unjoni u l-użu effettiv ***u l-implementazzjoni*** ta' pjanijiet direzzjonali tal-pajjiżi għall-involviment ***tal-Unjoni*** mas-soċjetà ċivili;

Emenda 427

Proposta għal regolament

Anness II – parti A – punt 7 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) Involvement aktar effettiv maċ-
ċittadini f'pajjiżi terzi, inkluż billi jsir użu
sħiħ mid-diplomazija ekonomika, kulturali
u pubblika;

(f) Involvement aktar effettiv maċ-
ċittadini ***u d-difensuri tad-drittijiet tal-
bniedem*** f'pajjiżi terzi, inkluż billi jsir użu
sħiħ mid-diplomazija ekonomika, kulturali,
sportiva u pubblika;

Emenda 428

**Proposta għal regolament
Anness II – parti B**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***B Speċifikament għaż-Żona tal-
Viċinat***

imħassar

***(a) Promozzjoni ta' kooperazzjoni
politika msaħħa;***

***(b) Għoti ta' appoġġ għall-
implimentazzjoni ta' ftehimiet ta'
assoċjazzjoni jew ftehimiet oħra eżistenti
jew fil-futur, kif ukoll ta' aġendi ta'
assoċjazzjoni miftiehma b'mod konġunt u
prijoritajiet ta' sħubija jew dokumenti
ekwivalenti;***

***(c) Promozzjoni ta' sħubija msaħħa ma'
soċjetajiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab,
inkluż permezz ta' kuntatti bejn il-
persuni;***

***(d) Tisħiħ ta' kooperazzjoni reġjonali,
b'mod partikolari fi ħdan il-qafas tas-
Sħubija tal-Lvant, l-Unjoni għall-
Mediterran u l-kollaborazzjoni mal-
Viċinat Ewropew kollu, kif ukoll il-
kooperazzjoni transfruntiera;***

***(e) Kisba ta' integrazzjoni progressiva
fis-suq intern tal-Unjoni u kooperazzjoni
settorjali u transsettorjali msaħħa, inkluż
permezz ta' approssimazzjoni leġislattiva
u konverġenza regolatorja lejn l-
istandards tal-Unjoni u standards***

internazzjonali rilevanti oħra, kif ukoll aċċess aħjar għas-suq inkluż permezz ta' oqsma profondi u komprensivi ta' kummerċ ħieles, il-bini ta' istituzzjonijiet u l-investment relatati.

Emenda 429

**Proposta għal regolament
Anness III – punt 1 – inċiż 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— *Kontribut għall-avvanz tal-valuri fundamentali tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tal-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u tar-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali.*

imħassar

Emenda 430

**Proposta għal regolament
Anness III – punt 1 – inċiż 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— *Possibbiltà ta' kooperazzjoni u sħubija mas-soċjetà ċivili fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u kwistjonijiet relatati mad-demokrazija, inkluż f'sitwazzjonijiet sensittivi u urġenti. Biex jintlaħqu l-għanijiet ta' hawn taħt, għandha tiġi żviluppata strateġija koerenti u olistika fil-livelli kollha.*

imħassar

Emenda 431

Proposta għal regolament Anness III – punt 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— *Rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal kulħadd, li jikkontribwixxi għall-bini ta' soċjetajiet li fihom ikunu prevalenti l-parteeċipazzjoni, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja u l-akkontabbiltà, is-solidarjetà u l-ugwaljanza. Ir-rispett u l-osservazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal kulħadd għandhom jiġu mmonitorjati, promossi u msaħħa f'konformità mal-prinċipji tal-universalità, l-indiviżibbiltà u l-interdipendenza tad-drittijiet tal-bniedem. L-ambitu tal-programm jinkludi d-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali. L-isfidi għad-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu indirizzati filwaqt li tissaħħaħ is-soċjetà ċivili u jiġu protetti u jingħataw is-setgħa d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, anke fir-rigward tal-ambitu dejjem iżgħar għall-azzjonijiet tagħhom.*

imħassar

Emenda 432

Proposta għal regolament Anness III – punt 1 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— *Żvilupp, tisħiħ u protezzjoni tad-demokrazija, fejn jiġu indirizzati b'mod komprensiv l-aspetti kollha tal-governanza demokratika, inkluż ir-rinforz tal-pluraliżmu demokratiku, it-tisħiħ tal-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini u l-għoti ta' appoġġ lil proċessi elettorali kredibbli, inklużivi u trasparenti. Id-demokrazija*

imħassar

għandha tissaħħaħ permezz tar-rispett għall-pilastri prinċipali tas-sistemi demokratiċi, inkluż l-istat tad-dritt, l-istandards u l-valuri demokratiċi, il-midja indipendenti, istituzzjonijiet akkontabbli u inklużivi, inklużi l-partiti politiċi u l-parlamenti, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-osservazzjoni elettorali għandha rwol sħiħ fl-appoġġ usa' għall-proċessi demokratiċi. F'dan il-kuntest, l-osservazzjoni elettorali tal-UE għandha tkompli tkun komponent ewlieni tal-programm, bħalma għandu jkun il-każ ukoll tas-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE.

Emenda 433

Proposta għal regolament
Anness III – punt 1 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— *Promozzjoni ta' multilateraliżmu u sħubija strateġika effettivi, li jikkontribwixxu biex jiġu rinforzati l-kapaċitajiet tal-oqfsa internazzjonali, reġjonali u nazzjonali fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Is-Sħubiji Strateġiċi għandhom jingħataw spinta, b'attenzjoni partikolari għall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR), il-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) u l-mekkaniżmi reġjonali u nazzjonali rilevanti għad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, il-programm għandu jippromwovi l-edukazzjoni u r-riċerka dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, inkluż permezz tal-Kampus Globali għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija.*

imħassar

Emenda

434

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Taħt dan il-programm, l-Unjoni għandha tipprovdi assistenza biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokratizzazzjoni globali, reġjonali, nazzjonali u lokali fi sħubija mas-soċjetà ċivili fi ħdan l-oqsma strateġiċi ta' intervent li ġejjin:

1a. Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi u f'sitwazzjonijiet ta' urġenza fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma l-aktar f'riskju, inkluż billi jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni urġenti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem b'mod flessibbli u komprensiv.

Il-fokus huwa fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-kwistjonijiet relatati mad-demokrazija li ma jistgħux jiġu indirizzati bi programmi ġeografiċi jew tematiċi oħra minħabba l-karattru sensittiv jew in-natura ta' emerġenza tagħhom. F'tali każijiet, il-prijorità għandha tkun li jiġi promoss ir-rispett għad-dritt internazzjonali rilevanti u li jiġu pprovduti appoġġ tanġibbli u mezz ta' azzjoni lis-soċjetà ċivili lokali f'ċirkostanzi diffiċli ħafna. Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali lit-tisħiħ ta' mekkaniżmu speċifiku għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

1b. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal kulħadd, li jikkontribwixxi għall-bini ta' soċjetajiet li fihom ikunu prevalenti l-parteċipazzjoni, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza, il-ġustizzja soċjali, il-ġustizzja internazzjonali u l-obbligu ta' rendikont.

L-assistenza tal-Unjoni għandu jkollha l-kapaċità li tindirizza l-aktar kwistjonijiet

politiċi sensittivi bħall-piena tal-mewt, it-tortura, il-libertà tal-espressjoni f'kuntesti restrittivi, id-diskriminazzjoni kontra gruppi vulnerabbli, kif ukoll il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal (pereżempju, it-tħaddim tat-tfal, it-traffikar tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u s-suldati tfal) u għandha tirrispondi għall-isfidi emerġenti u kumplessi bħall-protezzjoni tal-persuni spostati minħabba t-tibdil fil-klima, minħabba l-indipendenza ta' azzjoni tagħha u l-flessibbiltà għolja tagħha f'termini tal-modalitajiet ta' kooperazzjoni.

1c. Il-konsolidazzjoni u l-appoġġ tad-demokrazija filwaqt li jiġu indirizzati l-aspetti kollha ta' governanza demokratika, inkluż it-tisħiħ tal-pluraliżmu demokratiku u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, il-ħolqien ta' ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili, u l-appoġġ ta' proċessi elettorali kredibbli, inklużivi u trasparenti, b'mod partikolari permezz ta' MOE tal-UE.

Id-demokrazija għandha tissaħħaħ permezz tar-rispett għall-pilastri prinċipali tas-sistemi demokratiċi, inklużi l-istat tad-dritt, l-istandards u l-valuri demokratiċi, il-midja indipendenti, l-istituzzjonijiet responsabbli u inklużivi li jinkludu lill-partiti politiċi u l-parlamenti, kif ukoll settur tas-sigurtà responsabbli u l-għlieda kontra l-korruzzjoni. Il-prijorità għandha tkun li jiġi pprovdut appoġġ tanġibbli u mezzi ta' azzjoni lill-atturi politiċi li jwettqu l-attivitajiet tagħhom f'ċirkostanzi diffiċli ħafna. L-osservazzjoni elettorali għandha rwol sħiħ fl-appoġġ usa' tal-proċessi demokratiċi. F'dan il-kuntest, l-osservazzjoni elettorali tal-UE għandha tkompli tkun komponent ewlieni tal-programm, bħalma għandu jkun il-każ ukoll tas-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE. Fokus ieħor se jkun li jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet ta' osservazzjoni elettorali taċ-ċittadini u n-netwerks reġjonali tagħhom madwar id-dinja. Għandhom jissaħħu l-kapaċità u l-

viżibbiltà tal-organizzazzjonijiet ta' osservazzjoni elettorali taċ-ċittadini fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Ewropa u tal-organizzazzjonijiet tal-pjattaforma reġjonali rispettivi, b'mod partikolari billi jiġi promoss programm ta' tagħlim bejn il-pari sostenibbli għall-organizzazzjonijiet ta' osservazzjoni elettorali indipendenti u mhux partiġġjani. L-Unjoni għandha tfittex li ttejjeb il-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' osservazzjoni elettorali taċ-ċittadini domestiċi, tipprovdi edukazzjoni lill-votanti, litteriżmu medjatiku, programmi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali domestiċi u internazzjonali, u għandha tiddefendi l-kredibbiltà u l-fiduċja fl-istituti tal-elezzjoni u tal-osservazzjoni elettorali.

1d. Il-promozzjoni ta' multilateraliżmu u sħubiji strateġiċi effettivi li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' oqfsa internazzjonali, reġjonali u nazzjonali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-atturi lokali fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt.

Is-sħubiji għad-drittijiet tal-bniedem li għandhom jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-arkitettura tad-drittijiet tal-bniedem nazzjonali u internazzjonali, inkluż l-appoġġ lill-multilateraliżmu, peress li l-indipendenza u l-effettività tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR), tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u tal-mekkaniżmi reġjonali rilevanti għad-drittijiet tal-bniedem huma essenzjali. L-appoġġ għall-edukazzjoni u r-riċerka dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija kif ukoll il-promozzjoni tal-libertà akkademika għandhom ikomplu, inkluż permezz tal-appoġġ lill-Kampus Globali għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija.

1e. It-trawwim ta' sinerġiji u networking transreġjonali ġodda fost is-soċjetajiet ċivili lokali u bejn is-soċjetà

ċivili u korpi u mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem rilevanti oħra sabiex tiġi massimizzata l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u tinholq dinamika pożittiva.

Il-fokus għandu jitqiegħed fuq il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-prinċipju tal-universalità, l-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar id-drittijiet tal-bniedem kollha, kemm jekk ċivili u politiċi, jew ekonomiċi, soċjali u kulturali, u l-libertajiet fundamentali, jiġifieri meta jiġu indirizzati sfidi ewlenin, inkluża s-sigurtà sostenibbli, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-migrazzjoni irregolari u l-ispazju dejjem jiċkien għall-NGOs. Dan jirrikjedi sforz akbar biex tingħaqad flimkien firxa wiesgħa ta' partijiet interessati relatati mad-drittijiet tal-bniedem (pereżempju, is-soċjetà ċivili lokali u l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, l-avukati, l-akkademiċi, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tan-nisa, sindakati) minn pajjiżi u kontinenti differenti li flimkien jistgħu joħlqu narrattiva pożittiva dwar id-drittijiet tal-bniedem b'effett multiplikatur.

1f. L-Unjoni għandha tippromwovi aktar, fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi taħt l-istrument, l-isforzi internazzjonali lejn ftehim multilaterali li jipprojbixxi l-kummerċ ta' beni użati għat-tortura u għall-piena kapitali.

Emenda 435

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. OQSMA TA' INTERVENT
GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET

Emenda

2. OQSMA TA' INTERVENT **GĦAS-SOĊJETÀ ĊIVILI U L-AWTORITAJIET**

Emenda 436

Proposta għal regolament

Anness III – punt 2 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Spazju ċiviku inklużiv, parteċipatorju, mogħi* s-setgħa u indipendenti *għas-soċjetà ċivili* fil-pajjiżi sħab

Emenda

1. *Soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali inklużivi, parteċipatorji, mogħtija* s-setgħa u indipendenti fil-pajjiżi sħab

Emenda 437

Proposta għal regolament

Anness III – punt 2 – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Ħolqien ta' ambjent li jippermetti l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-azzjoni minn naħa tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz ta' fondazzjonijiet;

Emenda

(a) Ħolqien ta' ambjent li jippermetti l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-azzjoni minn naħa tas-soċjetà ċivili, inkluż *billi jingħata appoġġ lill-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili fid-djalogu ta' politika* permezz ta' fondazzjonijiet;

Emenda 438

Proposta għal regolament

Anness III – paragrafu 2 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *Bini* tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi fondazzjonijiet, biex jaġixxu bħala atturi kemm tal-iżvilupp kif ukoll tal-

Emenda

(b) *Għoti ta' appoġġ u bini* tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi fondazzjonijiet, biex jaġixxu bħala atturi kemm tal-iżvilupp kif ukoll tal-

Emenda 439

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – punt 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) Il-bini tal-kapaċitajiet, il-koordinazzjoni u t-tisħiħ istituzzjonali għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, inklużi n-netwerks tan-Nofsinhar tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet umbrella biex jinvolvu ruħhom fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom u bejn tipi differenti ta' partijiet interessati attivi fid-dibattitu pubbliku dwar l-iżvilupp, joħlqu djalogu mal-gvernijiet dwar il-politika pubblika u jieħdu sehem b'mod effettiv fil-proċess tal-iżvilupp.

Emenda 440

Proposta għal regolament

Anness III – punt 2 – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili **dwar il-politika tal-iżvilupp u bejniethom**

2. Djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

Emenda 441

Proposta għal regolament

Anness III – punt 2 – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Promozzjoni ta' fora ta' dialogu inklużivi b'diversi partijiet ikkonċernati, **inkluż** l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali, l-Istati Membri, il-pajjiżi sħab u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra;

Emenda

(a) Promozzjoni ta' fora ta' dialogu inklużivi b'diversi partijiet ikkonċernati **u tisħiħ istituzzjonali tas-soċjetà ċivili u tan-netwerks tal-awtoritajiet lokali, inklużi** l-interazzjoni **u l-koordinazzjoni** bejn iċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali, l-Istati Membri, il-pajjiżi sħab u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra;

Emenda 442

Proposta għal regolament

Anness III – paragrafu 2 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Mobilizzazzjoni tal-appoġġ pubbliku fl-Unjoni, fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali għal strateġiji ta' żvilupp sostenibbli u inklużivi fil-pajjiżi sħab.

Emenda

(b) Mobilizzazzjoni tal-appoġġ pubbliku fl-Unjoni, fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali għal **tnaqqis tal-faqar u** strateġiji ta' żvilupp sostenibbli u inklużivi fil-pajjiżi sħab.

Emenda 443

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – punt 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) Is-sensibilizzazzjoni dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, l-għarfien dwar il-ktajjen tal-provvista u l-effetti tal-kapaċità tal-akkwist taċ-ċittadini tal-Unjoni li tippermetti żvilupp sostenibbli.

Emenda 444

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-provvista ta' servizzi soċjali bażiċi mogħtija lill-popolazzjonijiet fil-bżonn

*Interventi f'pajjiżi sħab li jappoġġaw lil gruppi vulnerabbli u marġinalizzati billi jipprovdu servizzi soċjali bażiċi bħas-saħħa - inklużi n-nutrizzjoni, l-
edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali u l-
aċċess għall-ilma sikur, is-sanità u l-
iġjene mogħtija permezz tal-
organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-
awtoritajiet lokali.*

Emenda 445

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Tisħiħ tar-rwol tal-awtoritajiet lokali bħala atturi tal-iżvilupp permezz ta':

*(a) żieda fil-kapaċità tal-Unjoni u n-
networks, il-pjattaformi u l-alleanzi tal-
awtoritajiet lokali tal-pajjiżi li qed
jiżviluppaw sabiex jiġu żgurati djalogu ta'
politika sostantiv u kontinwu u
parteċipazzjoni effettiva fil-qasam tal-
iżvilupp u tiġi promossa governanza
demokratika, b'mod partikolari permezz
tal-Approċċ Territorjali għall-Iżvilupp
Lokali;*

*(b) żieda fl-interazzjonijiet maċ-ċittadini
tal-Unjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-
iżvilupp (sensibilizzazzjoni, kondiviżjoni
tal-għarfien u involviment, inkluż permezz
tal-adozzjoni ta' kriterji ta' sostenibbiltà*

fl-akkwist pubbliku), b'mod partikolari rigward dawk relatati mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, inkluż fl-Unjoni, fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali;

(c) żieda fis-sjieda u l-assorbiment tal-għajnuna permezz ta' programmi ta' taħriġ fil-pajjiż għall-ħaddiema taċ-ċivil tal-awtoritajiet lokali dwar kif japplikaw għal finanzjament mill-Unjoni.

Emenda 446

Proposta għal regolament Anness III – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. OQSMA TA' INTERVENT
GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI

Emenda

3. OQSMA TA' INTERVENT
GĦALL-KONSOLIDAZZJONI TAL-PAĊI, GĦALL-PREVENZZJONI TAL-KUNFLITTI U GĦALL-ISTABBILTÀ

Emenda 447

Proposta għal regolament Anness III – punt 3 – punt 1 –paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Unjoni għandha tipprovdi assistenza teknika u finanzjarja li tkopri l-appoġġ għal miżuri mmirati lejn il-bini u t-tisħiħ tal-kapaċità tas-sħab tagħha biex jevitaw il-kunflitt, jikkonsolidaw il-paċi u jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' qabel u wara kriżijiet f'koordinazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sottoreġjonali oħra, kif ukoll mal-Istat u mal-atturi fis-soċjetà ċivili, **b'relazżjoni** mal-isforzi tagħhom prinċipalment fl-oqsma li ġejjin, inkluż attenzjoni speċifika għall-

Emenda

L-Unjoni għandha tipprovdi assistenza teknika u finanzjarja li tkopri l-appoġġ għal miżuri mmirati lejn il-bini u t-tisħiħ tal-kapaċità **tal-Unjoni u** tas-sħab tagħha biex jevitaw il-kunflitt, jikkonsolidaw il-paċi u jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' qabel u wara kriżijiet f'koordinazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sottoreġjonali oħra, kif ukoll mal-Istat u mal-atturi fis-soċjetà ċivili, **b'rabta** mal-isforzi tagħhom prinċipalment fl-oqsma li ġejjin, inkluż attenzjoni speċifika **għall-ugwaljanza bejn is-sessi, għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa**

parteċipazzjoni *tan-nisa*:

u għall-parteċipazzjoni *taż-żgħażaġh*:

Emenda 448

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) twissija bikrija u analiżi tar-riskju sensittiva għall-kunflitti; ***bini tal-fiduċja, medjazzjoni, djalogu u miżuri ta' rikonċiljazzjoni***;

Emenda

(a) twissija bikrija u analiżi tar-riskju sensittiva għall-kunflitti ***fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni tagħha***;

Emenda 449

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) il-faċilitazzjoni u l-bini tal-kapaċità fit-tisħiħ tal-fiduċja, medjazzjoni, djalogu u miżuri ta' rikonċiljazzjoni, b'attenzjoni partikolari għal tensjonijiet interkomunitarji emerġenti, speċjalment il-prevenzjoni tal-ġenoċidju u r-reati kontra l-umanità;

Emenda 450

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-parteċipazzjoni u l-iskjerament fil-missjonijiet ta' stabbilizzazzjoni ċivili;

tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni, tas-soċjetà ċivili u tas-sħab tal-Unjoni għall-parteċipazzjoni u l-iskjerament ta' missjonijiet ċivili taż-żamma tal-paċi u tal-konsolidazzjoni tal-paċi; skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar il-konsolidazzjoni tal-paċi, l-analiżi tal-kunflitti, it-twissija bikrija jew it-taħriġ u t-twettiq ta' servizzi;

Emenda 451

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt b

Test proposit mill-Kummissjoni

(b) *irkupru* wara ***kunflitt*** kif ukoll irkupru wara diżastru;

Emenda

(b) *appoġġ tal-irkupru* wara ***kunflitt***, *inkluż l-indirizzar tal-kwistjoni ta' persuni nieqsa f'sitwazzjonijiet ta' wara kunflitt, u l-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet multilaterali rilevanti li jindirizzaw il-mini u l-fdalijiet splussivi tal-gwerra* kif ukoll irkupru wara diżastru *b'rilevanza għas-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà;*

Emenda 452

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt c

Test proposit mill-Kummissjoni

(c) ***konsolidazzjoni*** tal-paċi u ***azzjonijiet ta' appoġġ*** għall-bini tal-istat;

Emenda

(c) *l-appoġġ għall-konsolidazzjoni* tal-paċi u *l-azzjonijiet* għall-bini tal-istat, *inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali u internazzjonali, stati u organizzazzjonijiet internazzjonali ; u l-iżvilupp ta' djalogi strutturali bejniethom f'diversi livelli, bejn is-soċjetà ċivili lokali u l-pajjiżi sħab, u mal-Unjoni;*

Emenda 453

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) it-tnaqqis tal-użu tar-riżorsi naturali għall-finanzjament tal-kunflitti, u l-appoġġ tal-konformità tal-partijiet ikkonċernati ma' inizjattivi bħall-Iskema ta' Ċertifikazzjoni Kimberley Proċess u li jinkludu dawk relatati mar-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli^{1a}, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' kontrolli domestiċi effiċjenti fuq il-produzzjoni tar-riżorsi naturali u l-kummerċ tagħhom;

^{1a} ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1.

Emenda 454

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) Bini tal-Kapaċità *fil-qasam tas-Sigurtà* u *l-Iżvilupp (CBSD)*.

(e) bini tal-Kapaċità *tal-atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp.*

Emenda 455

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) l-għoti ta' appoġġ għal azzjonijiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 u 2250 kif ukoll il-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza tan-nisa u ż-żgħażaġh fi proċessi ta' paċi formali u informali;

Emenda 456

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) l-għoti ta' appoġġ għal azzjonijiet li jippromwovu kultura ta' nonvjolenza, inkluża l-edukazzjoni formali u mhux formali dwar il-paċi;

Emenda 457

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ec) l-għoti ta' appoġġ għal azzjonijiet li jsaħħu r-reżiljenza tal-istati, is-soċjetajiet, il-komunitajiet u l-individwi, inklużi valutazzjonijiet tar-reżiljenza mfassla biex jidentifikaw il-kapaċitajiet endoġeni fis-soċjetajiet li jippermettulhom jirreżistu u jadattaw għall-pressjonijiet u x-xokkijiet u

jirkupraw malajr minnhom;

Emenda 458

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt ed (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ed) appoġġ għat-tribunali kriminali internazzjonali u t-tribunali nazzjonali ad hoc, għall-kummissjonijiet tal-verità u tar-rikonċiljazzjoni, u għall-ġustizzja tranżizzjonali u mekkaniżmi oħra għas-soluzzjoni legali ta' talbiet marbutin mad-drittijiet tal-bniedem u d-dikjarazzjoni u l-aġġudikazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà, stabbiliti f'konformità mal-istandards internazzjonali fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt;

Emenda 459

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1 – punt ee (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ee) l-appoġġ għall-miżuri biex jiġi miġġieled l-użu illegali tal-armi tan-nar, tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-aċċess għalihom;

Emenda 460

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-miżuri f'dan il-qasam:

- (a) *għandhom jinkludu t-trasferiment tal-għarfien espert, l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki, il-valutazzjoni tar-riskju jew tat-theddid, ir-riċerka u l-analiżi, is-sistemi ta' twissija bikrija, it-taħriġ u l-għoti ta' servizzi;*
- (b) *għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri ta' djalogu strutturali dwar kwistjonijiet ta' konsolidazzjoni tal-paċi;*
- (c) *jistgħu jinkludu assistenza teknika u finanzjarja għall-applikazzjoni tal-azzjonijiet ta' appoġġ għall-konsolidazzjoni tal-paċi u ta' bini tal-istat.*

Emenda 461

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Unjoni għandha tipprovdi assistenza teknika u finanzjarja biex tappoġġa l-isforzi tas-sħab u l-azzjonijiet tal-Unjoni fl-indirizzar ta' theddid u ***theddid emerġenti globali*** u ***transreġjonali, prinċipalment*** fl-oqsma li ġejjin:

Emenda

L-Unjoni għandha tipprovdi assistenza teknika u finanzjarja biex tappoġġa l-isforzi tas-sħab u l-azzjonijiet tal-Unjoni fl-indirizzar ta' theddid ***globali*** u ***transreġjonali*** u ***theddid emerġenti*** fl-oqsma li ġejjin:

Emenda 462

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) theddid għal-liġi u l-ordni, u għas-sigurtà u s-sikurezza tal-individwi, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità organizzata, iċ-ċiberkriminalità, it-theddid ibridu u t-traffikar, il-kummerċ u

Emenda

(a) theddid għal-liġi u l-ordni, u għas-sigurtà u s-sikurezza tal-individwi, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità organizzata, iċ-ċiberkriminalità, it-theddid ibridu u t-traffikar, il-kummerċ u t-tranżitu illeċiti, ***b'mod partikolari t-tisħiħ***

t-tranżitu illeċiti;

tal-kapaċità tal-infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji u ċivili involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, inkluża ċ-ċiberkriminalità, u l-forom kollha ta' traffikar illeċitu u fil-kontroll effettiv ta' kummerċ illegali u ta' tranżitu.

Għandha tingħata prijorità lill-kooperazzjoni transreġjonali li tinvolvi żewġ pajjiżi terzi jew aktar li urew li għandhom rieda politika ċara biex jindirizzaw il-problemi li jinqalgħu.

Il-miżuri għandhom ipogħu enfasi partikolari fuq governanza tajba u għandhom ikunu f'konformità mad-dritt internazzjonali. Kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu tista' titwettaq ukoll ma' pajjiżi u reġjuni individwali jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali.

Fir-rigward tal-assistenza lill-awtoritajiet involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, għandha tingħata prijorità lill-miżuri ta' appoġġ li jikkonċernaw l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-liġijiet kontra t-terroriżmu, l-implimentazzjoni u l-prattika tal-liġi finanzjarja, tal-liġi doganali u tal-liġi tal-immigrazzjoni, l-iżvilupp tal-proċeduri tal-infurzar tal-liġi li huma allinjati mal-ogħla standards internazzjonali u li jikkonformaw mad-dritt internazzjonali, it-tisħiħ tal-kontroll demokratiku u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza istituzzjonali, u l-prevenzjoni tar-radikaliżmu vjolenti.

Fir-rigward tal-assistenza relatata mal-problema tad-drogi, għandha tingħata attenzjoni xierqa lill-kooperazzjoni internazzjonali li għandha l-għan li tippromwovi l-aħjar Prattiki relatati mattnaqqis tad-domanda, tal-produzzjoni u tal-periklu.

Emenda 463

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) theddid għall-ispazji pubbliċi, l-infrastruttura kritika, is-sigurtà ċibernetika, is-saħħa pubblika jew għall-istabbiltà ambjentali, **theddidt** għas-sigurtà marittima, theddid ġej minn impatti tat-tibdil fil-klima;

(b) theddid għall-ispazji pubbliċi, l-infrastruttura kritika, **inkluż it-trasport internazzjonali, li jinkludi t-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija, l-operazzjonijiet tal-enerġija u d-distribuzzjoni tal-enerġija**, is-sigurtà ċibernetika, is-saħħa pubblika, **li tinkludi l-epidemiji mhux mistennija b'impatt transnazzjonali potenzjali**, jew għall-istabbiltà ambjentali, **theddidd** għas-sigurtà marittima, theddid **globali u transreġjonali li** ġej minn impatti tat-tibdil fil-klima **li jkollu impatt potenzjalment destabilizzanti fuq il-paċi u s-sigurtà**;

Emenda 464

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) mitigazzjoni kontra riskji, kemm jekk ikunu ta' orijini intenzjonali, aċċidentali jew naturali, relatati ma' materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, jew inkella aġenti u riskji relatati ma' installazzjonijiet jew siti;

(c) mitigazzjoni kontra riskji, kemm jekk ikunu ta' orijini intenzjonali, aċċidentali jew naturali, relatati ma' materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, jew inkella aġenti u riskji relatati ma' installazzjonijiet jew siti, **b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:**

(1) l-appoġġ u l-promozzjoni tal-attivitajiet ċivili ta' riċerka bħala alternattiva għar-riċerka relatata mad-difiża;

(2) it-tisħiħ tal-prattiki tas-sigurtà relatati mal-faċilitajiet ċivili fejn il-materjali jew l-aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari sensittivi jinħażnu jew jiġu ġestiti fil-kuntest tal-programmi ta' riċerka ċivili;

(3) l-għoti ta' appoġġ, fi ħdan il-qafas tal-politiki ta' kooperazzjoni tal-Unjoni u

l-għanijiet tagħhom, lill-istabbiliment tal-infrastruttura ċivili u l-istudji ċivili rilevanti meħtieġa għaż-żarmar, ir-rimedju jew il-konverżjoni ta' faċilitajiet u siti relatati mal-armi fejn dawn huma ddikjarati bħala li ma għadhomx jagħmlu parti minn programm ta' difiża;

(4) it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet ċivili kompetenti involuti fl-iżvilupp u l-infurzar tal-kontroll effettiv tat-traffikar illeċitu f'materjali jew aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (inkluż it-tagħmir għall-produzzjoni jew it-twassil tagħhom);

(5) l-iżvilupp tal-qafas legali u tal-kapaċitajiet istituzzjonali għall-istabbiliment u l-infurzar tal-kontrolli effettivi fuq l-esportazzjoni, b'mod partikolari fuq oġġetti b'użu doppju, inklużi miżuri ta' kooperazzjoni reġjonali u fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi u l-promozzjoni tal-adeżjoni miegħu;

(6) l-iżvilupp ta' tħejjija għal diżastri, ippjanar ta' emerġenza u rispons għall-kriżijiet ċivili effettivi, u kapaċitajiet għall-miżuri ta' tindif.

Tali attivitajiet għandhom jiġu żviluppati flimkien ma' dawk fl-ambitu tal-Istrument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari stabbilit mir-Regolament UE .../... [Regolament EINS].

Emenda 465

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3 – punt 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Bini tal-Kapaċità ***fil-qasam tas-Sigurtà*** u ***l-Iżvilupp (CBSD)***.

Emenda

(d) Bini tal-Kapaċità ***tal-atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp.***

Emenda 466

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Żvilupp tal-elementi kruċjali ta' sistema tas-saħħa effettiva u komprensiva li jistgħu jiġu indirizzati l-aħjar fil-livell supranazzjonali, biex jiġi żgurat aċċess ekwu għas-servizzi tas-saħħa u għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi;

Emenda

(a) Żvilupp tal-elementi kruċjali ta' sistema tas-saħħa effettiva u komprensiva li jistgħu jiġu indirizzati l-aħjar fil-livell supranazzjonali, biex jiġi żgurat aċċess ekwu, ***affordabbli, inklużiv u universali*** għas-servizzi tas-saħħa ***pubblika*** u għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi;

Emenda 467

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) Promozzjoni, forniment u espansjoni tas-servizzi essenzjali u tas-servizzi ta' appoġġ psikoloġiku għall-vittmi tal-vjolenza, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal vittmi ta' stupru;

Emenda 468

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Indirizzar tas-sigurtà globali tas-saħħa permezz tar-riċerka u l-kontroll ***tal-mard li jittieħed***, il-konkretizzazzjoni tal-għarfien fi prodotti u f-politiki li

Emenda

(c) Indirizzar tas-sigurtà globali tas-saħħa permezz tar-riċerka ***tal-mard li jittieħed, inkluż dwar mard relatat mal-faqar u traskurat*** - u l-kontroll ***tiegħu, billi***

jindirizzaw ***il-piż tal-mard dejjem jinbidel*** (mard mhux komunikabbli, il-forom kollha ta' malnutrizzjoni u l-fatturi ta' riskju ambjentali), u l-forma tas-swieq globali biex jitjieb l-aċċess għall-komoditajiet essenzjali tas-saħħa u għas-servizzi tas-saħħa, speċjalment fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva.

jiġu miġġielda dan il-mar u l-mediċini foloz, il-konkretizzazzjoni tal-għarfien fi prodotti ***sikuri, aċċessibbli u affordabbli*** u f'politiki li jindirizzaw ***l-immunizzazzjoni, l-ispettru wiesa' tal-piż persistenti tal-infezzjonijiet, il-mard u l-epidemiji emerġenti u riemergenti u r-reżistenza għall-antimikrobiċi*** (mard mhux komunikabbli, il-forom kollha ta' malnutrizzjoni u l-fatturi ta' riskju ambjentali), u l-forma tas-swieq globali biex jitjieb l-aċċess għall-komoditajiet essenzjali tas-saħħa u għas-servizzi tas-saħħa, speċjalment fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva.

Emenda 469

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) L-appoġġ għal inizjattivi biex jiżdied l-aċċess għal mediċini sikuri, effiċjenti u affordabbli (li jinkludu mediċini ġeneriċi), dijanjostika u teknoloġiji tas-saħħa relatati u l-użu tal-għodod disponibbli kollha biex jitnaqqas il-prezz tal-mediċini li jsalvaw il-ħajja u d-dijanjostika.

Emenda 470

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) It-trawwim ta' saħħa tajba u l-ġlieda kontra l-mard li jittieħed billi jissaħħu s-sistemi tas-saħħa u jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll billi jissaħħaħ il-fokus fuq il-prevenzjoni u l-

indirizzar tal-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim;

Emenda 471

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) Promozzjoni tal-isforzi globali konġunti għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità tajba li jkunu inklużivi u ekwi fil-livelli kollha, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi;

Emenda

- (a) Promozzjoni ***tal-ilħuq tal-għanijiet miftiehma internazzjonalment fl-edukazzjoni u tal-ġlieda kontra l-faqar edukattiv permezz*** tal-isforzi globali konġunti għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità tajba li jkunu inklużivi u ekwi fil-livelli ***kollha, għall-etajiet*** kollha, inkluż ***fl-iżvilupp bikri tat-tfal***, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi ***u bi prijetà partikolari għat-tisħiħ tas-sistemi pubbliċi tal-edukazzjoni mingħajr ħlas***;

Emenda 472

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) Tisħiħ tal-għarfien, il-ħiliet u l-valuri permezz ta' sħubiji u alleanzi, għall-finijiet ta' ċittadinanza attiva u ***produttiva kif ukoll ta' soċjetajiet*** inklużivi u reżiljenti;

Emenda

- (b) Tisħiħ tal-għarfien, ***ir-riċerka u l-innovazzjoni***, il-ħiliet u l-valuri permezz ta' sħubiji u alleanzi, għall-finijiet ta' ċittadinanza attiva u ***soċjetajiet produttivi, edukati, demokratiċi***, inklużivi u reżiljenti;

Emenda 473

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Għoti ta' appoġġ lill-azzjoni globali għat-tnaqqis ***tal-inugwaljanza*** fid-dimensjonijiet kollha ***tagħha***, bħad-diskrepanzi bejn il-bniet/in-nisa u s-subien/l-irġiel, biex jiġi żgurat li kulħadd ikollu opportunità ugwali biex jipparteċipa fil-ħajja ekonomika ***u*** soċjali.

Emenda

(c) Għoti ta' appoġġ lill-azzjoni globali għat-tnaqqis ***tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi*** fid-dimensjonijiet kollha, bħad-diskrepanzi bejn il-bniet/in-nisa u s-subien/l-irġiel, biex jiġi żgurat li kulħadd ikollu opportunità ugwali biex jipparteċipa fil-ħajja ekonomika, ***politika***, soċjali ***u kulturali***.

Emenda 474

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) Għoti ta' appoġġ lill-isforzi u t-titjib tal-prattiki tajba adottati mill-atturi tas-soċjetà ċivili biex tiġi żgurata edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità f'ambjenti fraġli fejn l-istrutturi ta' governanza huma dgħajfa.

Emenda 475

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) L-appoġġ għal azzjonijiet, u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni, fil-qasam tal-isport li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u taż-żgħażaġh, l-individwi u l-komunitajiet kif ukoll għall-għanijiet tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-inklużjoni soċjali tal-Aġenda 2030;

Emenda 476

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. Nisa ***u tfal***

Emenda

3. Nisa

Emenda 477

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Tmexxija u għoti ta' appoġġ lill-isforzi globali, lis-sħubiji u ***l-alleanzi*** biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' vjolenza fil-konfront tan-nisa u l-bniet; dan jinkludi vjolenza fiżika, psikoloġika, sesswali, ekonomika u tipi oħra ta' vjolenza u diskriminazzjoni, inkluża l-esklużjoni li n-nisa jiffaċċjaw fl-oqsma differenti tal-ħajja privata u pubblika tagħhom;

Emenda

(a) Tmexxija u għoti ta' appoġġ ***lill-inizjattivi lokali, nazzjonali u reġjonali u*** lill-isforzi globali, lis-sħubiji u ***lill-alleanzi għad-drittijiet tan-nisa kif stabbilit fil-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-Protokoll Fakultattiv tagħha*** biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' vjolenza, ***il-prattiki dannużi u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni*** fil-konfront tan-nisa u l-bniet; dan jinkludi vjolenza fiżika, psikoloġika, sesswali, ekonomika, ***politika*** u tipi oħra ta' vjolenza u diskriminazzjoni, inkluża l-esklużjoni li n-nisa jiffaċċjaw fl-oqsma differenti tal-ħajja privata u pubblika tagħhom;

Emenda 478

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) L-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-inugwaljanzi bejn is-sessi bħala mezz

ta' appoġġ għall-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi; promozzjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, inkluż fir-rwoli tagħhom bħala atturi għall-iżvilupp u bennejja tal-paċi; it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet biex jiġu jissaħħu l-vuċijiet u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja soċjali, ekonomika, politika u ċivika;

Emenda 479

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 3 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) Il-promozzjoni tal-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, inklużi d-drittijiet ekonomiċi, tax-xogħol, soċjali u politiċi, u s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, inklużi s-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttivi, l-educazzjoni u l-provvisti.

Emenda 480

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) Promozzjoni ta' inizjattivi ġodda biex jiġu ffurmati sistemi aktar b'saħħithom ta' protezzjoni tat-tfal f'pajjiżi terzi, l-iżgurar li t-tfal ikunu protetti mill-vjolenza, l-abbuż u n-negliġenza fl-oqsma kollha, inkluż billi tiġi promossa t-tranżizzjoni minn indukrar istituzzjonali tat-tfal għal indukrar tat-tfal ibbbażat fil-komunità.

imħassar

Emenda 481

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. It-tfal u ż-żgħażaġh

(a) Il-promozzjoni ta' inizjattivi ġodda biex jiġu ffurmati sistemi aktar b'saħħithom ta' protezzjoni tat-tfal f'pajjiżi terzi, li jiżguraw li t-tfal jibdew ħajjithom bl-aħjar mod possibbli u jkunu protetti mill-vjolenza, l-abbuż u n-negliġenza fl-oqsma kollha, inkluż billi tiġi promossa t-tranżizzjoni minn indukrar istituzzjonali tat-tfal għal indukrar tat-tfal ibbbażat fil-komunità.

(b) Il-promozzjoni tal-aċċess għal servizzi soċjali bażiċi għat-tfal u ż-żgħażaġh, inklużi dawk l-aktar marġinalizzati, b'enfasi fuq is-saħħa, in-nutrizzjoni, l-edukazzjoni, l-iżvilupp bikri tat-tfal u l-protezzjoni soċjali, u inklużi s-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, l-informazzjoni u l-provvisti, is-servizzi ddedikati għaż-żgħażaġh u l-edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, in-nutrizzjoni, l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali;

(c) Il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażaġh għall-ħiliet, l-impjiegi diċenti u ta' kwalità permezz tal-edukazzjoni, tat-taħriġ vokazzjonali u tekniku, u tal-aċċess għat-teknoloġiji diġitali; l-appoġġ għall-intraprenditorija taż-żgħażaġh u l-promozzjoni tal-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli b'kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti;

(d) Il-promozzjoni ta' inizjattivi li jagħtu setgħa liż-żgħażaġh u lit-tfal, u jappoġġaw politiki u azzjonijiet li jiggarrantixxu l-inklużjoni tagħhom, il-parteeċipazzjoni ċivili u politika sinifikanti u r-rikonoxximent soċjali, filwaqt li jirrikonoxxu l-potenzjal reali tagħhom bħala aġenti pożittivi tal-bidla f'oqsma

Emenda 482

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Migrazzjoni u ċaqliq sfurzati

Emenda

4. Migrazzjoni, **mobilità** u ċaqliq sfurzati

Emenda 483

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) Żgurar ta' tmexxija kontinwata tal-UE fil-formazzjoni tal-aġenda globali dwar il-governanza tal-migrazzjoni u taċ-ċaqliq sfurzati fid-dimensjonijiet kollha tagħhom;

Emenda

- (a) Żgurar ta' tmexxija kontinwata tal-UE fil-formazzjoni tal-aġenda globali dwar il-governanza tal-migrazzjoni u taċ-ċaqliq sfurzati fid-dimensjonijiet kollha tagħhom, **biex tiġi ffaċilitata migrazzjoni sikura, ordnata u regolari;**

Emenda 484

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) Tmexxija u għoti ta' appoġġ lid-djalogi ta' politika globali u transreġjonali, inkluż l-iskambju u l-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzati;

Emenda

- (b) Tmexxija u għoti ta' appoġġ lid-djalogi ta' politika globali u transreġjonali, inkluż **dwar migrazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u** l-iskambju u l-kooperazzjoni

dwar il-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat;

Emenda 485

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 4 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam għandha tadotta approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u tkun ġestita f'koerenza mal-[Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], b'rispett sħiħ tad-dinjità tal-bniedem u tal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.

Emenda 486

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) Kontribut għall-aġenda globali dwar l-impjieġ deċenti, b'mod partikolari ***fi ktajjen*** globali tal-valur, u ***t-tisħiħ tal-għarfien*** dwar politiki tal-impjieġi effettivi li jirreaġixxu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, inklużi l-ETV u t-tagħlim tul il-ħajja;

(b) Kontribut għall-aġenda globali dwar l-impjieġ deċenti ***għal kulħadd f'ambjent b'saħħtu, fuq il-bażi tal-istandards bażiċi tax-xogħol tal-ILO, inkluż id-djalogu soċjali, il-pagi li jiggarrantixxu l-għajxien u l-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal***, b'mod partikolari ***billi l-ktajjen*** globali tal-valur ***isiru sostenibbli u responsabbli, abbażi ta' obbligi orizzontali tad-diliġenza dovuta***, u ***jissaħħaħ l-għarfien*** dwar politiki tal-impjieġi effettivi li jirreaġixxu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, inklużi l-ETV u t-tagħlim tul il-ħajja;

Emenda 487

Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – parti A – punt 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-appoġġ għal inizzjattivi globali dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-obbligu ta' rendikont korporattiv għall-ksur tad-drittijiet u l-aċċess għar-rimedji;

Emenda 488

Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – parti A – punt 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) Għoti ta' appoġġ lill-inizzjattivi globali dwar il-protezzjoni soċjali universali li jirrispettaw il-prinċipji tal-effiċjenza, tas-sostenibbiltà u tal-ekwità; inklużjoni ta' appoġġ biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza u tiġi żgurata l-koeżjoni soċjali;

(c) Għoti ta' appoġġ lill-inizzjattivi globali dwar il-protezzjoni soċjali universali li jirrispettaw il-prinċipji tal-effiċjenza, tas-sostenibbiltà u tal-ekwità, inklużjoni ta' appoġġ biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza u tiġi żgurata l-koeżjoni soċjali, ***b'mod partikolari bl-istabbiliment u t-tisħiħ tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali sostenibbli, l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali, u b'riforma fiskali, it-tisħiħ tal-kapaċità tas-sistemi tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-frodi, l-evalwazzjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa;***

Emenda 489

Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) Promozzjoni ta' inizzjattivi għad-diversità kulturali u ***d-djalogu*** interkulturali għal relazzjonijiet interkomunitarji paċifiċi;

(a) Promozzjoni ta' inizzjattivi għad-diversità kulturali, ***id-djalogu*** interkulturali u ***interreliġjuż*** għal relazzjonijiet interkomunitarji paċifiċi;

Emenda 490

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Għoti ta' appoġġ lill-kultura bħala katalist għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli u għar-rinforz tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-patrimonju kulturali.

Emenda

(b) Għoti ta' appoġġ lill-kultura ***u lill-espressjoni kreattiva u artistika*** bħala katalist għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli, u għar-rinforz tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-patrimonju kulturali ***u l-arti kontemporanja u espressjonijiet kulturali oħra u tal-preservazzjoni tagħhom;***

Emenda 491

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) Żvilupp tal-artiġjanat lokali, bħala mezz biex jiġi ppreservat il-patrimonju kulturali lokali.

Emenda 492

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) It-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar is-salvagwardja, il-konservazzjoni u t-titjib tal-wirt kulturali, inkluża l-preservazzjoni ta' wirt kulturali partikolarment vulnerabbli, b'mod partikolari minn komunitajiet minoritarji u iżolati u popli indiġeni;

Emenda 493

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bc) L-appoġġ għal inizjattivi għar-ritorn ta' proprjetà kulturali lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom jew ir-restituzzjoni tagħhom f'każ ta' appropriazzjoni illeċita.

Emenda 494

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt bd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bd) L-appoġġ tal-kooperazzjoni kulturali mal-Unjoni, inkluż permezz ta' skambji, sħubiji u inizjattivi oħra u r-rikonoxximent tal-professjonaliżmu tal-awturi, l-artisti u l-operaturi kulturali u kreattivi;

Emenda 495

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt be (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(be) L-appoġġ tal-kooperazzjoni u tas-sħubiji fost l-organizzazzjonijiet tal-isport;

Emenda 496

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti B – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Kontribut għall-projezzjoni esterna tal-politiki ambjentali u l-politiki dwar it-tibdil fil-klima tal-Unjoni;

Emenda

(b) Kontribut għall-projezzjoni esterna tal-politiki ambjentali u l-politiki dwar it-tibdil fil-klima tal-Unjoni ***b'rispett sħiħ għall-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp***;

Emenda 497

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti B – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali, tat-tibdil fil-klima u tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri fil-politiki, il-pjanijiet u l-investimenti, inkluż permezz ta' għarfien u informazzjoni aħjar;

Emenda

(c) Integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali, tat-tibdil fil-klima u tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri fil-politiki, il-pjanijiet u l-investimenti, inkluż permezz ta' għarfien u informazzjoni aħjar, ***inkluż fil-programmi jew fil-miżuri ta' kooperazzjoni interreġjonali bejn il-pajjiżi u r-reġjuni sħab fuq naħa, u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-viċinat u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej koperti mid-Deċiżjoni PTEE fuq in-naħa l-oħra***;

Emenda 498

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti B – punt 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Implimentazzjoni tal-inizjattivi internazzjonali u tal-UE għall-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, kif ukoll għal żvilupp

Emenda

(d) Implimentazzjoni tal-inizjattivi internazzjonali u tal-UE għall-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, kif ukoll għal żvilupp

b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) u ta' strateġiji **reżiljanti** għall-klima b'emissjonijiet baxxi, il-promozzjoni tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, l-indirizzar tad-degradazzjoni ambjentali u t-telf tal-bijodiversità, **il-promozzjoni tal-konservazzjoni**, l-użu u l-ġestjoni sostenibbli ta' ekosistemi terrestri u marini u ta' riżorsi naturali rinnovabbli - inklużi l-art, l-ilma, l-oċeani, is-sajd u l-foresti, l-indirizzar tad-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni** tal-art, il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, l-indirizzar tat-tniġġis u l-iżgurar ta' ambjent b'saħħtu, l-indirizzar ta' kwistjonijiet emerġenti relatati mal-klima u mal-ambjent, il-promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi, il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u l-ġestjoni soda tal-kimiċi u tal-iskart, u l-ġoti ta' appoġġ lit-tranżizzjoni għal ekonomiji ekoloġiċi u ċirkolari b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) u ta' strateġiji **reżiljenti** għall-klima b'emissjonijiet baxxi, il-promozzjoni tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, l-indirizzar tad-degradazzjoni ambjentali u t-telf tal-bijodiversità, **il-konservazzjoni**, l-użu u l-ġestjoni sostenibbli ta' ekosistemi terrestri u marini u ta' riżorsi naturali rinnovabbli - inklużi l-art, l-ilma, l-oċeani, is-sajd u l-foresti, l-indirizzar tad-deforestazzjoni, **id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni** tal-art, il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, l-indirizzar tat-tniġġis u l-iżgurar ta' ambjent b'saħħtu, l-indirizzar ta' kwistjonijiet emerġenti relatati mal-klima u mal-ambjent, il-promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi, il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, **il-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma** u l-ġestjoni soda tal-kimiċi u tal-iskart, u l-ġoti ta' appoġġ lit-tranżizzjoni għal ekonomiji ekoloġiċi u ċirkolari b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

Emenda 499

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti B – punt 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) Promozzjoni ta' prattiki agrikoli ambjentalment sostenibbli, li jinkludu l-agroekoloġija, sabiex jiġu protetti l-ekosistemi u l-bijodiversità u tissaħħaħ ir-reżiljenza ambjentali u soċjali għat-tibdil fil-klima, b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ lill-bdiewa żgħar, lill-ħaddiema u lill-artiġjani;

Emenda 500

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti B – punt 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) Implimentazzjoni ta' inizzjattivi internazzjonali u tal-Unjoni biex jindirizzaw it-telf tal-bijodiversità, il-promozzjoni tal-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-art u tal-baħar u l-bijodiversità assoċjata.

Emenda 501

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti A – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) Għoti ta' appoġġ lill-isforzi globali, l-impenji, is-sħubiji u l-alleanzi, **inkluż it-tranżizzjoni** lejn l-enerġija sostenibbli;

(a) Għoti ta' appoġġ lill-isforzi globali, l-impenji, is-sħubiji u l-alleanzi, **b'mod partikolari t-tranżizzjoni** lejn l-enerġija sostenibbli;

Emenda 502

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti B – punt 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) Promozzjoni tas-sigurtà tal-enerġija għall-pajjiżi sħab u l-komunitajiet lokali, pereżempju permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u tar-rotot, il-kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-volatilità tal-prezzijiet, il-potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, it-titjib tas-swieq u t-trawwim tal-interkonnnessjonijiet u l-kummerċ tal-enerġija u b'mod partikolari tal-elettriku;

Emenda 503

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti B – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Thegħgiġ ta' gvernijiet sħab biex jadottaw politika għas-settur tal-enerġija u riformi tas-suq sabiex jistabbilixxu ambjent li jwassal biex l-investimenti jżidu l-aċċess għal servizzi tal-enerġija li **jkunu** affordabbli, moderni, affidabbli u sostenibbli, **b'fokus qawwi fuq l-enerġija** rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija;

Emenda

(b) Thegħgiġ ta' gvernijiet sħab biex jadottaw politika għas-settur tal-enerġija u riformi tas-suq sabiex jistabbilixxu ambjent li jwassal biex **it-tkabbir inklużiv** u l-investimenti jżidu l-aċċess għal servizzi tal-enerġija li **ma jagħmlux ħsara lill-klima, ikunu** affordabbli, moderni, affidabbli u sostenibbli, **filwaqt li tingħata prijorità lill-enerġija** rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija;

Emenda 504

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti C – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Promozzjoni ta' investiment privat sostenibbli permezz ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi u **kondiviżjoni tar-riskju**;

Emenda

(a) Promozzjoni ta' investiment privat sostenibbli permezz ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, **inkluż għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u dawk fraġli, li kieku ma jattirawx tali investiment u fejn tista' tiġi ppruvata l-addizzjonalità**;

Emenda 505

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti C – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) **Titjib** tal-ambjent kummerċjali u tal-klima tal-investment, għoti ta' appoġġ lil djalogu msaħħaħ bejn is-settur pubbliku u s-settur privat, u bini tal-kapaċitajiet ta' Intrapriżi Mikro, Żgħar u Medji,

(b) **Żvilupp ta' settur privat lokali soċjalment u ekoloġikament responsabbli, titjib** tal-ambjent kummerċjali u tal-klima tal-investment, għoti ta' appoġġ lil djalogu msaħħaħ bejn is-settur pubbliku u s-settur privat, u bini tal-kapaċitajiet, **kompetittività u reżiljenza** ta' Intrapriżi **lokali** Mikro, Żgħar u Medji **kif ukoll kooperattivi u intrapriżi soċjali, u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekonomija lokali, reġjonali u globali;**

Emenda 506

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti C – punt 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) **Il-promozzjoni tal-inklużjoni finanzjarja billi jitravwem l-aċċess għas-servizzi finanzjarji u l-użu effettiv tagħhom, bħall-mikrokreditu u t-tfaddil, il-mikroassigurazzjoni u t-trasferiment ta' pagament, mill-mikrointrapriżi u l-SMEs u d-djar, b'mod partikolari l-gruppi żvantaġġati u vulnerabbli;**

Emenda 507

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti C – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) Appoġġ **għall-politika** kummerċjali tal-Unjoni u għall-ftehimiet kummerċjali u l-implimentazzjoni tagħhom; u t-titjib tal-aċċess għas-swieq tal-pajjiżi sħab u l-għoti

(c) Appoġġ **għall-implimentazzjoni ta' politika** kummerċjali tal-Unjoni u għall-ftehimiet kummerċjali **bil-għan tal-iżvilupp sostenibbli;** u t-titjib tal-aċċess

ta ' spinta lill-opportunitajiet ta' kummerċ, investiment u negozju **għall-kumpanniji** mill-Unjoni, filwaqt li jiġu eliminati l-ostakoli għall-aċċess għas-suq u l-investiment

għas-swieq tal-pajjiżi sħab u l-ġoti *ta* ' spinta lill-opportunitajiet ta' kummerċ **ġust, ta'** investiment u negozju **responsabbli u akkontabbli għall-kumpanniji** mill-Unjoni, filwaqt li jiġu eliminati l-ostakoli għall-aċċess għas-suq u l-investiment, **kif ukoll bil-għan li jitħaffef l-aċċess għal teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-klima u għall-proprjetà intellettuali, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm kemm jista' jkun kondiviżjoni tal-valur u diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem fil-ktajjen tal-provvista, u b'rispett sħiħ lejn il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp, fejn huma kkonċernati l-pajjiżi li qed jiżviluppaw;**

Emenda 508

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti C – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Għoti ta' appoġġ u influwenzar ta' strateġiji, organizzazzjonijiet, mekkaniżmi u atturi internazzjonali li jniedu kwistjonijiet u oqfsa ta' politika globali maġġuri relatati mas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali;

Emenda

(a) Għoti ta' appoġġ u influwenzar ta' strateġiji, organizzazzjonijiet, mekkaniżmi u atturi internazzjonali li jniedu kwistjonijiet u oqfsa ta' politika globali maġġuri relatati mas-sigurtà **sostenibbli, alimentari u nutrizzjonali, u l-kontribuzzjoni għall-obbligu ta' rendikont tal-impenji internazzjonali dwar is-sigurtà tal-ikel, in-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi;**

Emenda 509

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti C – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) **Titjib** tal-beni pubbliċi globali bil-

Emenda

(b) **L-iżgurar tal-aċċess ekwu għall-ikel**

ħsieb li jintemmu l-ġuħ u l-malnutrizzjoni; għodda bħan-Netzwerk Globali dwar il-Kriżijiet tal-Ikel isaħħu l-kapaċità ta' rispons adegwat għall-kriżijiet tal-ikel u tan-nutrizzjoni fil-kuntest tar-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi (b'hekk jgħin **fil-mobilizzazzjoni** ta' riżorsi tal-Pilastru 3);

inkluż billi tingħata għajnuna biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-finanzjament għan-nutrizzjoni; titjib tal-beni pubbliċi globali bil-ħsieb li jintemmu l-ġuħ u l-malnutrizzjoni; għodda bħan-Netzwerk Globali dwar il-Kriżijiet tal-Ikel isaħħu l-kapaċità ta' rispons adegwat għall-kriżijiet tal-ikel u tan-nutrizzjoni fil-kuntest tar-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi (b'hekk jgħin **fil-mobilizzazzjoni** ta' riżorsi tal-Pilastru 3);

Emenda 510

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti C – punt 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) It-titjib ta' sforzi transsettorjali b'mod koordinat u aċċellerat sabiex tiżdied il-kapaċità għall-produzzjoni tal-ikel lokali u reġjonali diversifikata, tiġi żgurata s-sigurtà alimentari u nutrizzjonali u l-aċċess għall-ilma tax-xorb, u tissaħħaħ ir-reżiljenza ta' dawk l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari fil-pajjiżi li jiffaċċjaw kriżijiet fit-tul jew rikorrenti;

Emenda 511

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti C – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) Riaffermazzjoni, fil-livell globali, tar-rwol ċentrali tal-agrikoltura u s-sajd u l-akkwakultura sostenibbli għal sigurtà alimentari akbar, għall-qerda tal-faqar, il-ħolqien tal-impjiegi, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza u ekosistemi b'saħħithom;

(c) Riaffermazzjoni, fil-livell globali, tar-rwol ċentrali tal-agrikoltura u s-sajd u l-akkwakultura sostenibbli, **inkluzja l-agrikoltura fuq skala żgħira, it-trobbija tal-bhejjem u l-pastoraliżmu** għal sigurtà alimentari akbar, għall-qerda tal-faqar, il-ħolqien tal-impjiegi, **l-aċċess ekwu u**

sostenibbli għar-riżorsi u l-ġestjoni tagħhom, inkluż l-art u d-drittijiet tal-art, l-ilma, il-(mikro) kreditu, iż-żrieragħ "open source" u inputs agrikoli oħra, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza u ekosistemi b'saħħithom;

Emenda 512

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti C – punt 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Forniment ta' innovazzjonijiet permezz ta' riċerka internazzjonali u rinforz tal-għarfien u tal-għarfien espert globali, b'mod partikolari dak relatat mal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, mal-agrobijodiversità, mal-ktajjen tal-valur globali u inklużivi, mas-sikurezza alimentari, ma' investimenti responsabbli, mal-governanza tal-art u mal-pussess ta' riżorsi naturali.

Emenda

(d) Forniment ta' innovazzjonijiet permezz ta' riċerka internazzjonali u rinforz tal-għarfien u tal-għarfien espert globali, ***il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-istrateġiji ta' adattament lokali u awtonomi***, b'mod partikolari dak relatat mal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, mal-agrobijodiversità, mal-ktajjen tal-valur globali u inklużivi, ***mal-kummerċ ġust***, mas-sikurezza alimentari, ma' investimenti responsabbli, mal-governanza tal-art u mal-pussess ta' riżorsi naturali.

Emenda 513

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti C – punt 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) Għoti ta' appoġġ b'mod attiv lill-parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà ċivili u lill-organizzazzjonijiet tal-bdiewa fit-tfassil tal-politika u l-programmi ta' riċerka u ż-żieda fl-involviment tagħhom fl-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi tal-gvern.

Emenda 514

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4 – parti D – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Promozzjoni ta' soċjetajiet inklużivi u ta' governanza ekonomika tajba, inklużi mobilizzazzjoni ġusta u inklużiva tad-dħul domestiku, ġestjoni trasparenti tal-finanzi pubbliċi, u nefqa pubblika effettiva u inklużiva.

Emenda

2. Promozzjoni ta' soċjetajiet inklużivi u ta' governanza ekonomika tajba, inklużi mobilizzazzjoni ġusta u inklużiva tad-dħul domestiku ***u l-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa***, ġestjoni trasparenti tal-finanzi pubbliċi, u nefqa pubblika effettiva u inklużiva.

Emenda 515

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. OQSMA TA' INTERVENT GĦALL-ĦTIĠIJET U L- PRIJORITAJET TAL-POLITIKA ESTERA

L-azzjonijiet biex jiġu appoġġati l-għanijiet stabbiliti fil-punt (da) tal-Artikolu 4(3) għandhom jappoġġaw il-politika estera tal-Unjoni fi kwistjonijiet politiċi, ta' żvilupp, ekonomiċi u ta' sigurtà. Dawk l-azzjonijiet għandhom jippermettu lill-Unjoni taġixxi fejn ikun hemm interess għall-politika estera, jew tieqa ta' opportunità biex tilħaq l-għanijiet tagħha, u li diffiċli jiġu indirizzati b'mezzi oħra. Dawn jistgħu jkopru dan li ġej:

(a) appoġġ għall-istrateġiji bilaterali, reġjonali u interreġjonali ta' kooperazzjoni tal-Unjoni, il-promozzjoni tad-djalogu ta' politika u l-iżvilupp ta' approċċi u reazzjonijiet kollettivi għal sfidi ta' tħassib globali, li jinkludu l-migrazzjoni, l-iżvilupp, it-tibdil fil-klima u

l-kwistjonijiet tas-sigurtà, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

– *appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni, pjanijiet ta' azzjoni u strumenti bilaterali simili;*

– *approfondiment tad-djalogu politiku u ekonomiku ma' pajjiżi terzi ta' rilevanza partikolari fix-xena dinjija, inkluża l-politika estera;*

– *appoġġ tal-impenn ma' pajjiżi terzi rilevanti fir-rigward ta' kwistjonijiet bilaterali u globali ta' tħassib komuni;*

– *promozzjoni ta' segwitu adegwat jew implimentazzjoni kkoordinata tal-konklużjonijiet milħuqa u l-impenji magħmula f'fora internazzjonali rilevanti;*

(b) appoġġ għall-politika kummerċjali tal-Unjoni:

– *appoġġ għall-politika kummerċjali tal-Unjoni u n-negozjar, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet kummerċjali, b'rispett sħiħ tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, fejn huma kkonċernati l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u allinjament sħiħ mas-segwitu tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;*

– *appoġġ għat-titjib tal-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi sħab u l-għoti ta' spinta lill-opportunitajiet għal kummerċ, ta' investiment u ta' negozju għal kumpaniji mill-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs, filwaqt li jiġu eliminati l-ostakoli għall-aċċess għas-suq u l-investiment u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, permezz ta' diplomazija ekonomika, kooperazzjoni kummerċjali u regolatorja b'rabta mal-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw;*

(c) kontribuzzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-politiki interni tal-Unjoni:

– *kontribuzzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-politiki interni tal-*

*Unjoni bħal fost l-oħrajn l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, ix-xjenza u l-
edukazzjoni u l-kooperazzjoni rigward il-
ġestjoni u l-governanza tal-oċeani;*

*– promozzjoni tal-politiki interni tal-
Unjoni ma' pajjiżi sħab ewlenin u appoġġ
għall-konverġenza regolatorja f'dan ir-
rigward;*

*(d) promozzjoni ta' fehim u viżibbiltà
wiesgħa tal-Unjoni u tar-rwol tagħha fix-
xena dinjija:*

*– promozzjoni ta' fehim u viżibbiltà
wiesgħa tal-Unjoni u tar-rwol tagħha fix-
xena dinjija, permezz ta' komunikazzjoni
strateġika, diplomazija pubblika, kuntatti
bejn il-persuni, diplomazija kulturali,
kooperazzjoni fi kwistjonijiet edukattivi u
akkademiċi, u attivitajiet ta' outreach biex
jiġu promossi l-valuri u l-interessi tal-
Unjoni;*

*– tisħiħ tal-mobbiltà tal-istudenti u
tal-persunal akkademiku, li jwassal għall-
ħolqien ta' sħubiji mmirati lejn it-titjib
tal-kwalità ta' edukazzjoni għolja u ta'
lawrji konġunti li jwassal għal
rikonoxximent akkademiku ("Programm
Erasmus+").*

*Dawn l-azzjonijiet għandhom japplikaw
politiki jew inizzjattivi innovattivi, li
jikkorrispondu għal ħtiġijiet,
opportunitajiet u priyoritajiet attwali jew
evolventi fit-terminu qasir jew medju,
inkluż bil-potenzjal li jinfurmaw
azzjonijiet fil-futur taħt programmi
ġeografiċi jew tematiċi. Huma għandhom
jiffukaw fuq l-approfondiment tar-
relazzjonijiet u d-djalogu tal-Unjoni kif
ukoll fuq il-bini ta' sħubiji u ta' alleanzi
ma' pajjiżi ewlenin ta' interess strateġiku,
speċjalment dawk l-ekonomiji emerġenti u
l-pajjiżi bi dħul medju li għandhom rwol
dejjem aktar importanti fix-xena dinjija,
fil-governanza globali, fil-politika estera,
fil-ekonomija internazzjonali u fil-fora
multilaterali.*

Emenda 516

Proposta għal regolament

Anness IV – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Azzjonijiet li jikkontribwixxu **għall-istabbiltà** u għall-prevenzjoni ta' **konflitti** f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, ta' kriżi emerġenti, waqt kriżi u wara kriżi

Emenda

1. Azzjonijiet li jikkontribwixxu **għall-paċi, l-istabbiltà** u għall-prevenzjoni ta' **kunflitti** f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, ta' kriżi emerġenti, waqt kriżi u wara kriżi

Emenda 517

Proposta għal regolament

Anness IV – punt 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) sitwazzjoni ta' urġenza, ta' kriżi, ta' kriżi emerġenti jew ta' diżastri naturali;

Emenda

(a) sitwazzjoni ta' urġenza, ta' kriżi, ta' kriżi emerġenti jew ta' diżastri naturali, **fejn rilevanti għall-istabbiltà, il-paċi u s-sigurtà**;

Emenda 518

Proposta għal regolament

Anness IV – punt 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) sitwazzjoni li tippreżenta theddida għad-demokrazija, għal-liġi u l-ordni, għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, jew għas-sigurtà u s-sikurezza ta' individwi, b'mod partikolari dawk esposti għal vjolenza abbażi tas-sess f'sitwazzjonijiet ta' instabbiltà;

Emenda

(b) sitwazzjoni li tippreżenta theddida **għall-paċi**, għad-demokrazija, għal-liġi u l-ordni, għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, jew għas-sigurtà u s-sikurezza ta' individwi, b'mod partikolari dawk esposti għal vjolenza abbażi tas-sess f'sitwazzjonijiet ta' instabbiltà;

Emenda 519

Proposta għal regolament Anness IV – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1 a. L-assistenza teknika u finanzjarja msemija fil-paragrafu 1 tista' tkopri dan li ġej:

(a) appoġġ, permezz tal-provvista ta' assistenza teknika u loġistika, għall-isforzi mwettqa mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u lokali u mill-Istat u l-atturi tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tal-bini tal-fiduċja, il-medjazzjoni, id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni, il-ġustizzja tranżizzjonali, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u ż-żghażaġh, partikolarment fir-rigward tat-tensjonijiet fil-komunità u l-kunflitti fit-tul;

(b) appoġġ għall-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà u ż-żghażaġh, b'mod partikolari f'pajjiżi fraġli, f'pajjiżi ta' kunflitt u f'pajjiżi ta' wara kunflitt;

(c) appoġġ għall-istabbiliment u l-funzjonament tal-amministrazzjonijiet interim li ngħataw mandat f'konformità mad-dritt internazzjonali;

(d) appoġġ għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet demokratiċi, pluralistiċi tal-istat, inklużi miżuri biex isaħħu r-rwol tan-nisa f'tali istituzzjonijiet, amministrazzjoni ċivili u sorveljanza ċivili effettivi fuq is-sistema tas-sigurtà, kif ukoll miżuri biex tissaħħa il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-forom kollha tat-traffikar illeċitu;

(e) appoġġ għat-tribunali kriminali internazzjonali u t-tribunali nazzjonali ad hoc, għall-kummissjonijiet tal-verità u

tar-rikonċiljazzjoni, u għall-ġustizzja tranżizzjonali u mekkaniżmi oħra għas-soluzzjoni legali ta' talbiet marbutin mad-drittijiet tal-bniedem u d-dikjarazzjoni u l-aġġudikazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà, stabbiliti f'konformità mal-istandards internazzjonali fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt;

(f) appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istat - quddiem pressjonijiet sinifikanti biex jibni, iżomm jew jirrestawra malajr il-funzjonijiet ewlenin tiegħu, u koeżjoni soċjali u politika bażika;

(g) appoġġ għall-miżuri meħtieġa biex tinbeda r-riabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni tal-infrastruttura ewlenija, tad-djar, tal-bini pubbliku u tal-assi ekonomiċi, u l-kapaċità produttiva essenzjali, kif ukoll miżuri oħra biex tinbeda mill-ġdid l-attività ekonomika, biex jinħolqu l-impjiegi u jiġu stabbiliti kundizzjonijiet minimi meħtieġa għall-iżvilupp soċjali sostenibbli;

(h) appoġġ għall-miżuri ċivili relatati mad-demobilizzazzjoni u r-riintegrazzjoni ta' ex ġellieda u l-familji tagħhom fis-soċjetà ċivili, u fejn xieraq ir-ripatrijazzjoni tagħhom, kif ukoll miżuri biex jindirizzaw is-sitwazzjoni tas-suldati tfal u tal-ġellieda nisa;

(i) appoġġ għall-miżuri biex jitnaqqsu l-effetti soċjali tar-ristrutturar tal-forzi armati;

(j) appoġġ għall-miżuri biex jiġi indirizzat, fi ħdan il-qafas tal-politiki ta' kooperazzjoni tal-Unjoni u l-għanijiet tagħhom, l-impatt soċjoekonomiku fuq il-popolazzjoni ċivili tal-mini tal-art, splussivi attivi jew fdalijiet tal-isplussivi tal-gwerra kontra l-persunal. L-attivitajiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament jistgħu jkopru, fost l-oħrajn, l-edukazzjoni dwar ir-riskju, is-sejba u t-tneħħija tal-mini u, flimkien ma' dawn, il-qerda tal-ħażniet;

(k) appoġġ għall-miżuri biex, fi ħdan il-qafas tal-politiki ta' kooperazzjoni tal-Unjoni u l-għanijiet tagħhom, jiġi

miġġieled l-użu illeċitu tal-armi tan-nar, tal-armi żgħar u tal-armi ħfief u l-aċċess għalihom;

(l) appoġġ għall-miżuri sabiex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kunflitt, inkluża l-prevenzjoni tal-esponiment tagħhom għall-vjolenza sessista, jiġu ssodisfati b'mod adegwat;

(m) appoġġ għar-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni tal-vittmi ta' kunflitt armat, inklużi miżuri biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tat-tfal;

(n) appoġġ għall-miżuri biex jippromwovu u jħarsu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, u l-istrumenti internazzjonali relatati;

(o) appoġġ għall-miżuri soċjoekonomiċi biex jippromwovu l-aċċess ekwu għar-riżorsi naturali u l-ġestjoni trasparenti tagħhom, f'sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti, inkluża l-konsolidazzjoni tal-paċi;

(p) appoġġ għall-miżuri biex jindirizzaw l-impatt potenzjali ta' movimenti għal għarrieda ta' popolazzjonijiet b'rilevanza għas-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà, inklużi miżuri li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-komunitajiet ospitanti f'sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti, inkluża l-konsolidazzjoni tal-paċi;

(q) appoġġ għall-miżuri biex jippromwovu l-iżvilupp u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-parteċipazzjoni tagħha fil-proċess politiku, inklużi miżuri biex isaħħu r-rwol tan-nisa f'tali proċessi u miżuri biex jippromwovu midja indipendenti, pluralista u professjonali;

(r) bini tal-kapaċitajiet tal-atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp.

Emenda 520

Proposta għal regolament Anness IV – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-azzjonijiet ta' rispons rapidu msemmija fil-punt b) tal-Artikolu 4(4) għandhom jitfasslu biex effettivament isaħħu r-reżiljenza u biex jorbtu flimkien l-azzjonijiet umanitarji u dawk tal-iżvilupp, li ma jistgħux jiġu indirizzati b'ħeffa permezz ta' programmi ġeografiċi u tematiċi.

Emenda

L-azzjonijiet ta' rispons rapidu msemmija fil-punt b) tal-Artikolu 4(4) għandhom jitfasslu biex effettivament isaħħu r-reżiljenza u biex jorbtu flimkien l-azzjonijiet umanitarji u dawk tal-iżvilupp, li ma jistgħux jiġu indirizzati b'ħeffa permezz ta' programmi ġeografiċi u tematiċi ***u biex tiġi żgurata koerenza, konsistenza u komplementarjetà mal-għajnuna umanitarja kif speċifikat fl-Artikolu 5.***

Emenda 521

Proposta għal regolament Anness IV – punt 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-tisħiħ tar-reżiljenza permezz tal-appoġġ lil individwi, komunitajiet, istituzzjonijiet u pajjiżi biex issir tħejjija, ikun hemm ilqugħ, adattament għal u rkupru minn pressjonijiet u skossi politiċi, ekonomiċi u soċjetali, kif ukoll minn diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem, kunflitti u theddid globali; inkluż ***bir-riforz tal-kapaċità ta' stat - li jkun qed jiffaċċa pressjonijiet sinifikanti biex jifformula, iżomm jew jirrestawra l-funzjonijiet ewlenin tiegħu, kif ukoll il-koeżjoni bażika soċjali u politika, u ta' soċjetajiet, komunitajiet u individwi biex jimmaniġġjaw opportunitajiet u riskji b'mod paċifiku u stabbli, u biex jibnu, iżommu jew jirrestawraw l-għajxien tagħhom meta jiffaċċjaw pressjonijiet kbar;***

Emenda

(a) it-tisħiħ tar-reżiljenza permezz tal-appoġġ lil individwi, komunitajiet, istituzzjonijiet u pajjiżi biex issir tħejjija, ikun hemm ilqugħ, adattament għal u rkupru minn pressjonijiet u skossi politiċi, ekonomiċi u soċjetali, kif ukoll minn diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem, kunflitti u theddid globali; inkluż ***billi tissaħħa l-kapaċità ta' soċjetajiet, komunitajiet u individwi biex jimmaniġġjaw opportunitajiet u riskji b'mod paċifiku, sensitiv għall-kunflitti u stabbli, u biex jibnu, iżommu jew jirrestawraw l-għajxien tagħhom meta jiffaċċjaw pressjonijiet kbar, u billi jingħata appoġġ lil individwi, komunitajiet u soċjetajiet biex jidentifikaw u jsaħħu l-kapaċitajiet indiġeni eżistenti tagħhom biex jifilħu u jadattaw għal dawn il-***

pressjonijiet u x-xokkijiet u jirkupraw malajr minnhom, inklużi dawk li jistgħu jwasslu għal eskalazzjoni tal-vjolenza;

Emenda 522

Proposta għal regolament

Anness IV – punt 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-twettiq ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni fit-terminu qasir biex il-vittmi ta' diżastri naturali jew ta' dawk ikkawżati mill-bniedem, ta' kunflitti u ta' theddid globali jkunu jistgħu jibbenefikaw minn livell minimu ta' integrazzjoni soċjoekonomika u, mill-aktar fis possibbli joħolqu l-kundizzjonijiet għat-tkomplija tal-iżvilupp abbażi ta' għanijiet fit-tul stabbiliti mill-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati; dan jinkludi l-indirizzar tal-ħtiġijiet urġenti u immedjati li jirriżultaw mill-ispostament ta' nies (***rifuġjati, persuni spostati u persuni ritornati***) wara diżastri naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem; u

Emenda

(c) it-twettiq ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni fit-terminu qasir biex il-vittmi ta' diżastri naturali jew ta' dawk ikkawżati mill-bniedem, ta' kunflitti u ta' theddid globali jkunu jistgħu jibbenefikaw minn livell minimu ta' integrazzjoni soċjoekonomika u, mill-aktar fis possibbli joħolqu l-kundizzjonijiet għat-tkomplija tal-iżvilupp abbażi ta' għanijiet fit-tul stabbiliti mill-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati; dan jinkludi l-indirizzar tal-ħtiġijiet urġenti u immedjati li jirriżultaw mill-ispostament ***furzat*** ta' nies wara diżastri naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem; u

Emenda 523

Proposta għal regolament

Anness IV – punt 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-għoti ta' assistenza lill-istat jew ***ir-reġjun*** fl-istabbiliment ta' mekkaniżmi fit-terminu qasir għall-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom, inkluż għat-tbassir u għat-twissija bikrija, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-konsegwenzi tad-diżastri.

Emenda

(d) l-għoti ta' assistenza lill-istat, ***ir-reġjun, l-awtoritajiet lokali jew organizzazzjonijiet nongovernattivi rilevanti*** fl-istabbiliment ta' mekkaniżmi fit-terminu qasir għall-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom, inkluż għat-tbassir u għat-twissija bikrija, bil-ħsieb li

Emenda 524

**Proposta għal regolament
Anness IV – punt 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Azzjonijiet li jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera

imħassar

L-azzjonijiet ta' rispons rapidu biex jingħata appoġġ lill-għanijiet stipulati fil-punt c) tal-Artikolu 4(4) għandhom jappoġġaw il-politika estera tal-Unjoni fi kwistjonijiet relatati mal-politika, mal-ekonomija u mas-sigurtà. Huma għandhom jippermettu li l-Unjoni tagħxi fejn ikun hemm interess urġenti jew imperattiv għall-politika estera, jew inkella opportunità temporanja biex tikseb l-għanijiet tagħha li tkun teħtieġ reazzjoni rapida u li ma tkunx tista' tiġi indirizzata faċilment b'mezzi oħra.

Dawn l-azzjonijiet jistgħu jkopru dan li ġej:

(a) appoġġ għall-istrateġiji bilaterali, reġjonali u interreġjonali ta' kooperazzjoni tal-Unjoni, promozzjoni tad-djalogu ta' politika u żvilupp ta' approċċi u reazzjonijiet kollettivi għal sfidi ta' tħassib globali, inklużi kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni u mas-sigurtà, kif ukoll sfruttament ta' opportunitajiet temporanji f'dan ir-rigward;

(b) appoġġ għall-politika kummerċjali tal-Unjoni u għall-ftehimiet kummerċjali u l-implimentazzjoni tagħhom; u għat-titjib tal-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi sħab u l-għoti ta' spinta lill-opportunitajiet għal kummerċ, ta' investiment u ta' negozju għal kumpaniji mill-Unjoni, b'mod partikolari SMEs, filwaqt li jiġu eliminati l-ostakli għall-aċċess għas-suq u l-

investiment permezz ta' diplomazija ekonomika kif ukoll ta' kooperazzjoni kummerċjali u regolatorja;

(c) kontribuzzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-politiki interni tal-Unjoni bħal fost l-oħrajn l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija u l-kooperazzjoni fir-rigward tal-ġestjoni u tal-governanza tal-oċeani;

(d) promozzjoni ta' fehim u viżibbiltà wiesgħa tal-Unjoni u tar-rwol tagħha fix-xena dinjija, permezz ta' komunikazzjoni strateġika, diplomazija pubblika, kuntatti bejn il-persuni, diplomazija kulturali, kooperazzjoni f' kwistjonijiet edukazzjonali u akkadeimiċi, u attivitajiet ta' outreach biex jiġu promossi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni.

Dawn l-azzjonijiet għandhom jimplimentaw politiki jew inizjattivi innovattivi, li jikkorrispondu għal ħtiġijiet, opportunitajiet u priyoritajiet attwali jew evolventi fit-terminu qasir jew medju, inkluż bil-potenzjal li jinfurmaw azzjonijiet fil-futur taħt programmi ġeografiċi jew tematiċi. Huma għandhom jiffukaw fuq l-approfondiment tar-relazzjonijiet u d-djalogu tal-Unjoni kif ukoll fuq il-bini ta' sħubiji u ta' alleanzi ma' pajjiżi ewlenin ta' interess strateġiku, speċjalment dawk l-ekonomiji emerġenti u l-pajjiżi bi dħul medju li għandhom rwol dejjem aktar importanti fix-xena dinjija, fil-governanza globali, fil-politika estera, fl-ekonomija internazzjonali u fil-fora multilaterali.

Emenda 525

Proposta għal regolament

Anness V – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

B'mod partikolari, l-operazzjonijiet tal-EFSD+ eliġibbli għall-appoġġ mill-Garanzija **tal-Azzjoni** Esterna għandhom **ikunu mmirati lejn l-oqsma** ta' prijorità li ġejjin:

Emenda

L-operazzjonijiet tal-EFSD+ eliġibbli għall-appoġġ mill-Garanzija **għall-Azzjoni** Esterna għandhom **jikkontribwixxu għall-oqsma** ta' prijorità li ġejjin:

Emenda 526

**Proposta għal regolament
Anness V – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jipprovdu finanzjament u appoġġ għall-iżvilupp **tas-setturi privati** u **dawk kooperattivi** li jkunu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 209(2) tar-[Regolament Finanzjarju], b'fokus partikolari fuq kumpaniji lokali **u fuq** intrapriżi mikro, żgħar u medji, fuq il-promozzjoni tal-ħolqien ta' impjiegi diċenti **u fuq** l-inkoraġġiment għall-kumpaniji Ewropej biex jikkontribwixxu għall-iskop tal-EFSD+;

Emenda

(a) jipprovdu finanzjament u appoġġ għall-iżvilupp **tas-settur privat, tas-settur tal-intrapriżi soċjali** u **dak kooperattiv** li jkunu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 209(2) tar-[Regolament Finanzjarju], **biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, u għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, il-Ftehim ta' Pariġi u, fejn xieraq, il-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament UE.../... [IPA III], il-qerda tal-faqar, il-promozzjoni tal-ħiliet u l-intraprenditorija, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u ż-żgħażaġh, filwaqt li jsegwu u jsaħħu l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem**, b'fokus partikolari fuq kumpaniji lokali, **intrapriżi soċjali** u intrapriżi mikro, żgħar u medji, fuq il-promozzjoni tal-ħolqien ta' impjiegi diċenti **f'konformità mal-istandards rilevanti tal-ILO, il-pagi li jiggarrantixxu l-għajxien, l-opportunitajiet ekonomiċi u l-inkoraġġiment għall-kumpaniji Ewropej biex jikkontribwixxu għall-iskop tal-EFSD+;**

Emenda 527

Proposta għal regolament Anness V – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika u għall-ħarsien u l-ġestjoni tal-ambjent;

Emenda

(e) jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika u għall-ħarsien u l-ġestjoni tal-ambjent, **biex b'hekk jinħolqu kobenefiċċji għall-klima u l-ambjent, billi jallokaw 45 % tal-finanzjament għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-oġettivi klimatiċi, tal-ġestjoni u tal-protezzjoni ambjentali, tal-bijodiversità u tal-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, li minnhom 30 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv għandu jkun iddedikat għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;**

Emenda 528

Proposta għal regolament Anness V – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) jikkontribwixxu, billi jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, biex jiġu indirizzati **kawżi speċifiċi fl-għeruq tal-migrazzjoni** irregolari, **kif ukoll irawmu** r-reżiljenza tal-komunitajiet ta' tranżitu u daww ospitanti, u jikkontribwixxu għar-riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti li jirritornaw fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, bl-attenzjoni dovuta għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem.

Emenda

(f) jikkontribwixxu, billi jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, biex jiġu indirizzati **l-faqar u l-inugwaljanza bħala fatturi ewlenin għall-migrazzjoni, inkluża l-migrazzjoni** irregolari **u l-ispostament furzat, u jikkontribwixxu għal migrazzjoni sikura, ordnata u regolari, billi jrawmu** r-reżiljenza tal-komunitajiet ta' tranżitu u daww ospitanti, u jikkontribwixxu għar-riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti li jirritornaw fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, bl-attenzjoni dovuta għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt, il-governanza tajba, **l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-ġustizzja soċjali** u d-

drittijiet tal-bniedem.

Emenda 529

Proposta għal regolament
Anness V – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għandhom jinħolqu t-twieqi ta' investiment li ġejjin:

- ***Enerġija Sostenibbli u Konnettività Sostenibbli***
- ***Il-Finanzjament tal-Intrapriżi Mikro, Żgħar u Medji (MSMEs)***
- ***Agrikoltura sostenibbli, imprendituri rurali, inklużi sussistenza u biedja fuq skala żgħira, raħħala u agroindustrija li tirrispetta l-ambjent***
- ***Bliet sostenibbli***
- ***Diġitalizzazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli***
- ***L-Iżvilupp tal-Bniedem***

Emenda 530

Proposta għal regolament
Anness VI

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Emenda 531

Proposta għal regolament
Anness VII – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Għadd ta' studenti **rreġistrati f'edukazzjoni** primarja u/jew sekondarja u f'taħriġ bl-appoġġ **tal-UE**

(5) Għadd ta' studenti **li jkunu lestew l-edukazzjoni** primarja u/jew sekondarja u **jkunu kisbu hili**et minimi fil-qari u l-matematika, u f'taħriġ bl-appoġġ **tal-Unjoni**

Emenda 532

**Proposta għal regolament
Anness VII – punt 9**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) L-indikatur tal-istabbiltà politika u n-nuqqas ta' vjolenza

(9) L-indikatur tal-istabbiltà politika u n-nuqqas ta' vjolenza **mibni fuq valutazzjoni bażika**

Emenda 533

**Proposta għal regolament
Anness VII – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-indikaturi **kollha** għandhom jiġu **disaggregati** skont is-sess **kull meta rilevanti**.

L-indikatur (4) għandu jiġi diżaggregat skont is-sess, u l-indikaturi (2), (3) u (5) għandhom jiġu diżaggregati skont is-sess **u l-età**.

Emenda 534

**Proposta għal regolament
Anness VIIa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Anness VIIa

Il-pajjiżi sħab li fir-rigward tagħhom l-assistenza tal-Unjoni hija sospiża.

[Għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 15a.]
